PARTIT NAZZJONALISTA

MIEĦEK.
Għal Malta

# Viżjoni Għal Malta 2030

Għad-dinjità.
Għall-progress.
Għax-xogħol.
Għal Malta.
+1
Għad-drittijiet.
Għal saħħtek.
Għall-ġid

# Messaġġ tal-Kap

**Għeżież,**
**dan hu l-mument**.

Dan huwa l-mument tagħna li nagħtu lil Malta paġna ġdida biex timxi ‘l quddiem fil-paċi u l-prosperita’. Jien hawn, għas-servizz tiegħek. Mhux għax irrid il-poter, imma għax irrid inservi lill-poplu ta’ dan il-pajjiż uniku. Il-ħolma tiegħi hija sempliċi. Irrid pajjiż li jkun kburi u li jemmen f’niesu. Irridu ntejbu r-reputazzjoni għaliex pajjiż stmat biss jista’ jattira l-aqwa impjiegi u jagħti l-aqwa futur lil uliedna. Irrid pajjiż li jinkoraġġixxi lill-poplu tagħna li jsiru l-aqwa li jistgħu jkunu.. fejn kemm l-iktar ambizzjużi u anke l-iktar vulnerabbli jkunu mgħejjuna jilħqu l-miri tagħhom.Irrid pajjiż li jkun magħruf bħala post fejn kulħadd jieħu gost jgħix fih – fejn tabilħaqq nifhmu xi tfisser kwalita’ tal-ħajja, dik li nsibu bilanċ xieraq mal-ambjent.

Tħallu lil ħadd jgħidilkom li dan hu impossibbli. Kull kisba tidher impossibbli sakemm tintlaħaq. Temmnuhomx meta jgħidulkom li l-politiċi huma kollha l-istess. Jien minix perfett. U lanqas mhu perfett il-Partit Nazzjonalista. Imma filwaqt li ħaddieħor abbuża mill-fiduċja, seraqlek flusek u kisser isem malta, aħna qattajna l-aħħar għaxar xnin nisimgħuk u nibnu l-viżjoni li jmiss għal dan il-pajjiż. Aħna dejjem konna preżenti kull meta pajjiżna sejħilna – biex nibnu prosperita’ fit-tul u nassiguraw li ħadd ma jibqa’ lura. Għal darb’oħra, aħna lesti li nagħtukom l-aqwa verżjoni tagħna nfusna. Għandna pjan mill-aqwa bbażat fuq il-bżonnijiet ta’ Malta u Għawdex. Għandna tim ta’ nies enerġetiċi u kompetenti li lkoll qegħdin fil-politika għar-raġunijiet it-tajbin. Aħna magħqudin għal Malta. Aħna hawn għalik.

**Din hija l-kampanja tiegħek.**
**Aħna miegħek.**
**Aħna miegħek għal Malta.**
**Kun magħna.**





# Il-Viżjoni tagħna.

1. Indaħħlu mekkaniżmu ġdid ta' kif jitkejjel il-ġid f'pajjiżna li ma' jkunx biss iddeterminat mill-indikaturi ekonomiċi bħal Prodott Gross Domestiku (GDP) iżda jkun kompost minn firxa ta' indikaturi li jkejjlu l-benesseri tas-soċjeta u tal-komunitajiet tagħna.

2. Inbiddlu l-enfasi tat-tfassil tal-politika dwar ix-xogħol minn fuq il-paga minima għal fuq il-living income,bħala d-dħul nett li familja għandha bżonn biex tgħix ħajja diċenti, fejn din tkun maħduma fuq bażi u mekkaniżmi li jkunu maqbula bejn l-imsieħba soċjali kollha.

3. Insaħħu l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u nsawwruhom f'pakkett ta' benesseri soċjali personalizzat fejn kull persuna li tiġi bżonn il-benefiċċji jkollha pjan ta' kif l-Istat ser jappoġġja fil-mobbilta soċjali tagħha.

4. Biex ngħinu lil min jispiċċa bla xogħol, l-ewwel tnax-il xahar ta' wara li l-persuna tiġi qiegħda ser tirċievi benefiċċju ekwivalenti għall-paga minima biex ngħinuhom jitħarrġu u jsibu impjieg li jrendi. Hekk nerġgħu nagħtu lura d-dinjità, ma' nħallux kultura ta' qagħad tiżviluppa, filwaqt li ninċentivaw aktar taħriġ u speċjalizzazzjoni.

5. Inniedu skema ta' appoġġ għall-ħaddiema u s-self-employed li jkollhom jieqfu mix-xogħol għal perjodu relattivament twil minħabba mard serju. Dan il-programm ikun jinkludi benefiċċju finanzjarju, kreditu tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali lill-ħaddiema u lil min iħaddem, u appoġġ personalizzat ta' terapija.

6. Il-pensjonanti huma għajn ta' valur għas-soċjetà u l-ekonomija tagħna u għalhekk beħsiebna ninċentivaw lil dawk li jixtiequ jibqgħu jaħdmu billi:

   - Nagħtu l-opportunità lill-pensjonanti kollha li għaqqdu biżżejjed kontribuzzjonijiet, biex jibqgħu jaħdmu sakemm jilħqu l-età tal-irtirar u jieħdu pensjoni bbażata fuq kemm il-sena qabel jirtiraw.
   - Nagħtu l-bonus statutorju sħiħ lill-pensjonanti kollha li jaħdmu full-time.

7. Nimplimentaw Pakkett għall-Pensjonijiet biex nindirizzaw diversi inġustizzji li għadhom ma ssolvewx sal-lum u li saħansitra qed jixħtu lill-pensjonanti fir-riskju tal-faqar jew saħansitra jgħixu fil-faqar. Dan billi:

   - Naraw li l-mekkaniżmu ta' 70/30, li qed jintuża bħalissa għaż-żieda lill-pensjonanti mwielda wara l-31

ta’ Diċembru 1961, ikun jitħaddem għall-pensjonanti kollha.

- Nibdew inħaddmu mekkaniżmu biex gradwalment ngħollu l-pensjoni minima nazzjonali f’livell adekwat mad-dħul neċessarju għall-pensjonanti skond il-politika tal-living income, hekk kif maqbula mal-imsieħba soċjali.
- Nindirizzaw aktar malajr l-inġustizzji b’rabta mal-Pensjoni tas-Servizz.
- Niżguraw li r-romol jibqgħu jkunu intitolati għal pensjoni sħiħa.
- Inwieżnu bil-qawwa lill-pensjonanti vulnerabbli u lil dawk bl-inqas dħul.

8. Naraw li fil-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Soċjali u Ekonomiku jkun hemm rappreżentanza permanenti mill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-anzjani biex il-vuċi tal-anzjani tinstema’ f’dan il-forum b’mod dirett.

9. Nagħtu appoġġ qawwi lill-pensjonanti li għandhom xi tfaddil jew investimenti, billi l-ewwel €20,000 tad-dħul minn kera, imgħax jew dividendi li jirċievu l-pensjonanti jiġi ntaxxati bi 5%, u l-€20,000 li jmiss jiġu ntaxxati bi 7.5%.

10. Inwettqu minnufih il-pakkett ta’ miżuri dwar il-leave tal-ġenituri u l-bilanċ bejn il-ħajja privata u x-xogħol u nimplimentaw miżura ġdida li tagħti għotja addizzjonali ta’ darba ta’ €1,000 lill-ġenituri għal kull twelid. Dan se japplika wkoll b’lura għal dawk il-ġenituri li twelldulhom it-tfal mill-1 ta Jannar 2017 ‘il hawn.

11. Nirrikonoxxu dejjem aktar l-appoġġ li għandhom bżonn il-familji biex irabbu lill-uliedhom billi nżidu ċ-Children’s Allowance b’mod sostanzjali kif ġej:

    - Żieda ta’ €150 fiċ-Children's Allowance.
    - Żieda ta’ €250 fiċ-Children’s allowance ta’ familji bi dħul taħt it-€12,000.
    - Żieda ta’ €1,000 fid-Disability Children’s Allowance.
    - Żieda ta’ €1,500 fil-Foster Carer Allowance.

12. Indaħħlu qafas ta’ appoġġ finanzjarju u terapewtiku, għal dawk il-familji li għandhom tfal b’diżabbilita jew b’xi forma ta’ kundizzjoni u li jkollhom jiffaċċjaw spejjeż ta’ mediċini, apparat jew affarijiet speċjalizzati oħra.

13. Il-miżuri addottati favur l-integrazzjoni u l-aċċessibilita' għall-persuni b'diżabilita' ser ikunu kriterju ewlieni u obbligatorju fit-tħaddim tal-qafas tal-ESG għall-intrapriżi.

14. Flimkien mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita' nibnu qafas leġiżlattiv u amministrattiv li permezz tiegħu ġenituri jkunu jistgħu jifformulaw pjan ta' kif uliedhom ikunu ser jibqgħu jgħixu meta huma ma' jkunux f'sitwazzjoni li jibqgħu jieħdu ħsiebhom jew jiġu neqsin. Dan il-qafas jintrabat mal-ħidma biex isir investiment f'aktar residenzi fil-komunitajiet, possibbilment permezz ta' intrapriżi soċjali li jitwaqqfu bejn il-ġenituri infushom.

15. Insaħħu l-politika dwar akkomodazzjoni affordabbli billi nħaddmu sistema ġdida tat-taxxa fuq il-qligħ kapitali, li tvarja skont il-prezzijiet tad-djar. Niżguraw li fejn jidħlu l-proprjetajiet residenzjali lesti, li jilħqu għadd ta' standards bażiċi u bi prezz sa €120,000, il-bejjiegħa ma jħallsux taxxa fuq il-qligħ kapitali, u x-xerrejja ma jħallsux taxxa tal-boll, filwaqt li nipprovdu sussidju għall-imgħax fuq is-self.

16. Dawk il-familji żgħażagħ li ma jkunux jistgħu jħallsu d-depożitu ta' l-10%, ser jingħataw għajnuna ta' self mill-Gvern biex dan jagħmluh sa massimu ta' €20,000, li jitħallas lura fuq perjodu massimu ta' 30 sena.

17. L-inċentivi preżenti tal-first-time buyers isiru permanenti bl-ammont li fuqu ma' titħallasx bolla jkun ta' €400,000.

18. Dawk l-anzjani li jbiegħu l-propjeta' tagħhom biex immorru jgħixu f'residenza iżgħar, ma' jħallsux bolla fuq l-ewwel €300,000 tal-valur tal-propjeta, bil-kundizzjoni li jidħlu fil-propjeta' l-ġdida fi żmien sitt xhur mid-data tal-kuntratt finali.

19. Liż-żgħażagħ, taħt l-eta' ta' 35 sena, li jkunu qed jixtru għall-ewwel darba, nagħtuhom sussidju li jkopri sa 50% tal-imgħax fuq is-self sa €250,000, għall-ewwel ħames snin tas-self.

20. Ix-xerrejja l-oħra kollha li jieħdu self personali għal xiri ta' propjeta' residenzjali jikkwalifikaw għal tnaqqis tal-imgħax fuq is-self mid-dħul taxxabbli tagħhom, sa valur massimu tal-propjeta ta' €350,000, għall-ewwel ħames snin tas-self.

21. Nagħtu rifużjoni tal-VAT sa €3,000 fis-sena lis-sidien tad-djar, għal kull post, fuq ix-xogħlijiet kollha li jindirizzaw materjalment in-newtralità klimatika u jnaqqsu l-konsum tal-enerġija b'mod ippruvat. Il-massimu tar-rifużjoni tiżdied għal €6,000 fil-każ tal-familji li jinkludu pensjonant(a) jew persuna b'diżabbiltà.

22. Fil-każ ta' persuni li jikkwalifikaw għas-sussidju tal-kera ta' qabel l-1 ta' Ġunju 1995, sakemm l-applikanti ma' jaqilgħux aktar minn €40,000, tingħata l-għajnuna stabbilita fil-liġi b'mod temporanju, tapered fuq medda ta' tlett snin, biex l-inkwilini jaġġustaw għall-kera l-ġdida.

23. Fil-qasam tal-kirjiet residenzjali ser nagħtu inċentivi fiskali lis-sidien aktar b'saħħithom biex ninkoraġġixxu kirjiet b'rati raġjonevoli u iktar fit-tul (minimu ħames snin) kif ġej:

- Dħul minn kirjiet ta' anqas minn €300 fix-xahar ikunu eżenti mit-taxxa fuq il-kera.
- Dħul minn kirjiet ta' bejn €301 u €600 fix-xahar jiġu intaxxati 7.5% fuq il-kera.

- Dħul minn kirjiet ta' aktar minn €600 fix-xahar jiġu intaxxati 15% fuq il-kera.

- Il-kirjiet kollha li jsiru għal skopijiet ta' akkomodazzjoni soċjali taħt xi skema tal-Awtorita', jkunu eżenti mit-taxxa fuq il-kera.

**24.** Titneħħa t-taxxa fuq it-trasferiment mal-wirt tal-propjeta' mill-ġenituri għat-tfal, f'każ illi l-propjeta' tibqa' għand l-ulied. Fil-każ li l-werrieta jbigħu l-propjeta' tagħhom lil terzi fi żmien sentejn ma' jeħlux taxxa fuq il-bejgħ.

**25.** Intemmu l-ftehim ta' privatizzazzjoni ma' Steward Healthcare (u qabilhom lil VGH) u l-flus li niffrankaw ninvestuhom, permezz tal-Malita plc, f'sensiela ta' proġetti fit-tul li jtejbu l-faċilitajiet tas-saħħa dedikati għall-isptarijiet f'Malta u f'Għawdex.

**26.** Tiddaħħal skema ta' tax rebates ta' 100% tal-ispiża li l-professjonisti kollha fil-qasam tas-saħħa jidħlu għaliha biex ikomplu jitħarrġu u jispeċjalizzaw fl-oqsma rispettivi tagħhom.

**27.** Biex inħajjru aktar intrapriżi u persuni biex ikollhom assigurazzjoni tas-saħħa, ser indaħħlu programm biex il-ħlasijiet marbutin ma' din it-tip ta' assigurazzjoni, jkunu jistgħu jitnaqqsu mid-dħul taxxabbli.

**28.** Inniedu trasformazzjoni maġġuri fil-mod ta' kif jingħata s-servizz tas-saħħa permezz ta' Programmi Personali għall-Kura tas-Saħħa diġitali biex nagħtu servizz personalizzat tal-kura tas-saħħa lil kull resident li jikkwalifika għas-servizz tas-saħħa f'Malta, b'enfasi qawwija fuq il-prevenzjoni u t-titjib fl-effiċjenza fis-servizz. Dan is-servizz ikun mibni u integrat fuq sistemi diġitali u l-użu tad-data tas-saħħa tal-pazjenti li jkollhom aċċess għall-informazzjoni tagħhom permezz ta' app diġitali.

**29.** Indaħħlu charter tal-pazjenti li jistipula ż-żmien massimu ta' stennija li pazjent għandu jistenna għat-trattament indikat bid-dritt li jieħdu minn post jew pajjiż ieħor fil-każ li l-servizz tas-saħħa tal-gvern ma' jipprovdix it-trattament fil-perjodu stabbilit.

**30.** Nintroduċu aktar mediċini neċessarji b'xejn fil-formularju, filwaqt li niżguraw li l-pensjonanti jkollhom il-mediċini kollha b'xejn.

**31.** Nagħtu appoġġ usa' lill-anzjani fejn tidħol l-ispiża tal-mediċini li m'humiex fil-formularju tal-gvern.

**32.** Nipprovdu t-tabib tal-familja b'xejn lill-pensjonanti kollha kif ukoll pakkett ta' sigħat ta' kura fix-xahar f'darhom, skond il-ħtiġijiet tal-pazjent. Il-ħlas lit-tabib tal-familja (skont tariffi maqbulin u permezz ta' sistema diġitali) isir bi kreditu tat-taxxa lit-tabib li jipprovdi s-servizz.

**33.** Insaħħu l-qafas tal-prevenzjoni u l-kura għad-dijabete taħt il-kappa ta' strateġija nazzjonali kontra l-kundizzjoni, b'enfasi fuq li jkomplu jingħataw il-Continuous Glucose Monitors lill-pazjenti dijabetiċi tat-tip 1 kollha, jingħataw l-istrippi tal-monitoraġġ b'xejn, tingħata assistenza jiddaħħlu aktar mediċini innovattivi u effettivi fil-formularju tal-Gvern li jkunu jistghu jingħataw b'xejn lil pazjenti kif ukoll li jiżdiedu aktar Diabetic Nurses fl-isptarijiet u l-komunita'.

**34.** Biex intaffu l-ispiża li jiffaċċjaw pazjenti celiac ser inżidu l-assistenza għal €180 fix-xahar li jintużaw fi prodotti speċjali li jkunu kostretti jixtru minħabba l-kundizzjoni tagħhom.

35. Infasslu pjan ta' azzjoni nazzjonali ta' kura speċjalizzata u nifthu ċentri tas-saħħa speċjalizzati għall-kundizzjonijiet li huma l-kawża ta' tnaqqir tal-kwalita' tal-ħajja, mard u mwiet f'pajjiżna: għad-dijabete, għall-mard kardjovaskulari, għall-mard respiratorju u għad-dimensja.

36. Insaħħu u nwessgħu l-firxa tas-servizzi u t-trattamenti marbutin mal-onkoloġija fejn ħadd ma' jkollu għalfejn jitlob il-karita' biex jingħata l-aqwa kura possibbli.

37. Ninvestu fit-tisħiħ tar-riżorsi, l-apparat, it-trattament u l-mediċini neċessarji biex jingħata servizz aktar komprensiv u personalizzat lil pazjenti li jsofru b'kundizzjonijiet, li ser jibdew jitqiesu bħala kroniċi, jimpattaw serjament il-ħajja tal-pazjenti bħal multiple sclerosis, l-ME/CFS u l-fibromyalgia kif ukoll dawk li jkollhom bżonn l-aċċess għas-servizzi tal-*Pain Clinic*.

38. Nagħlqu l-Isptar Mount Carmel u nibnu sptar ġdid għal-kura tas-saħħa mentali, fil-viċinanzi ta' l-Isptar Mater Dei, iffukat biex jittratta pazjenti b'kundizzjonijiet akuti.

39. Niżviluppaw numru ta' ċentri u faċilitajiet dedikati għat-tfal u żgħażagħ ta' etajiet differenti li jkollhom bżonn kura tas-saħħa mentali f'xi żmien jew ieħor ta' ħajjithom.

40. Dawk kollha eliġibbli għas-servizz tal-IVF ser ikollhom il-proċess kollhu kopert bla ħlas, inkluż it-trattament, il-faċilitajiet, il-konsultazzjonijiet u l-mediċini kollha neċessarji. Fil-każ li jkun hemm bżonn kliniku li t-trattament isir barra minn Malta, dan jiġi kopert taħt il-mekkaniżmi viġġenti tat-trattament barra minn pajjiżna.

41. Biex nappoġġaw stil ta' ħajja dejjem aktar sana, ser nagħtu krediti tat-taxxa lil min iħaddem biex jalloka sa sagħtejn fil-ġimgħa lil kull impjegat għal taħriġ fiżiku strutturat jew għal programmi ta' fitness lill-ħaddiema tiegħu.

42. Inqisu l-isport bħala settur ta' prijorità nazzjonali b'impenn biex nappoġġawh b'investiment qawwi f'faċilitajiet nazzjonali ta' livell għoli:

- *Il-Kampus Malti għall-Innovazzjoni Sportiva*: faċilità ta' livell internazzjonali ddedikat għax-xjenzi fl-isport u taħriġ speċjalizzat.
- *Ċentru Reġjonali għall-Indoor Sports:* faċilità sportiva moderna li tospita avvenimenti nazzjonali u internazzjonali tal-isport fuq ġewwa.
- *Arena tal-Futsal:* biex dan il-kampjonat mill-aktar popolari jibqa' juri l-potenzjal tal-klabbs, tal-players u tal-coaches aspiranti lokali biex jirnexxilu jilħaq livelli ogħla.
- *It-Trakka ta' Ħal Far:* inwettqu minnufih il-proġett tat-trakka tat-tlielaq proposta f'Ħal Far billi nipprovdu appoġġ sħiħ tul il-proċess tal-ippjanar u l-iżvilupp.

43. Filwaqt li l-isport huwa pilastru importanti tal-viżjoni tagħna, in-nurseries huma l-mixtliet tas-suċċess sportiv f'kull dixxiplina. Għaldaqstant nagħtuhom għotja ta' €500 għal kull tifel jew tifla, żagħżugħ jew żagħżugħa sa 18-il sena li jieħdu sehem fi programmi strutturati tan-nurseries, akkademji u skejjel sportivi konformi mal-ESG biex dawn iwettqu investiment kapitali u jqabbdu persunal tekniku kwalifikat.

**44.** Nagħtu appoġġ lill-klabbs u l-organizzazzjonijiet volontarji kollha konformi mal-ESG, biex:

- Isiru sidien tal-proprjetà tagħhom bi trasferiment ta' art/proprjetà tal-gvern jew b'appoġġ finanzjarju għax-xiri ta' xi post eżistenti.
- Jagħmlu titjib strutturali fil-proprjetajiet tagħhom b'termini ta' finanzjament favorevoli.

**45.** Intejjbu b'mod sostanzjali l-inċentivi għal dawk kollha li jagħżlu l-isports bħala karriera tagħhom kemm jekk huma atleti jew kowċes, inkluż li nipprovdu rata tat-taxxa ta' 5% fuq l-ewwel €80,000 tad-dħul lill-persuni kollha rreġistrati bħala players, atleti jew coaches jew instructors fl-istess dixxiplini.

**46.** Nirrikonoxxu l-e-sports bħala dixxiplina speċjalizzata fejn ser nagħtu appoġġ qawwi permezz ta' għotjiet, tagħmir u taħriġ lil kull min jiħu sehem f'dan it-tip ta' sport b'mod strutturat.

**47.** Noħolqu Fond Nazzjonali b'baġit annwali inizjali ta' €40 miljun biex nappoġġaw lill-industrija li timporta u/jew tesporta biex nagħmlu tajjeb għall-impatt tal-iżvantaġġi strutturali tal-loġistika u d-defiċit kompetittiv li din qed iġġarrab minħabba l-insularità ta' pajjiżna bħala gżira.

**48.** Inwettqu bidla mill-qiegħ tal-programmi ta' inċentivar fiskali permezz ta' kunċett ġdid ta' politika intiża biex in-negozji jiġu rikonoxxuti u inċentivati biex jikkonformaw mal-għanijiet soċjali, ambjentali u ta' governanza (ESG) ta' pajjiżna. Il-qafas ta' l-ESG ser jinbena fuq għadd ta' kriterji li se jitfasslu flimkien mal-korpi kostitwiti u l-imsieħba soċjali (permezz ta' Kunsill Konsultattiv taħt il-kappa tal-MCESD) u jiġu aġġornati b'eżerċizzju regolari ta' kull sena. In-negozji konformi mal-kriterji ta' l-ESG ser ikunu eliġibbli għal benefiċċji u inċentivi b'saħħithom kif ukoll għal appoġġ iffukat biex isiru u jibqgħu konformi.

- *Kriterji Ambjentali:* impenn għal miżuri tan-newtralità klimatika; użu responsabbli ta' l-art; immaniġġjar ta' l-iskart; konsum ta' l-elettriku.
- *Kriterji ta' Responsabbiltà Soċjali:* l-ebda prattiki ta' xogħol illegali jew prekarji; impenn sħiħ għal miżuri ta' bilanċ bejn il-ħajja privata u x-xogħol; parteċipazzjoni attiva fil-komunità, u.
- *Kriterji ta' Governanza:* konformita sħiħa mal-obbligi fiskali u regolatorji.

**49.** L-element ewlieni li ser jiġġenera l-ġid u d-dħul neċessarju biex titwettaq il-viżjoni tagħna ser ikun it-trasformazzjoni ekonomika msejjsa fuq żewġ programmi ta' ħidma. L-ewwel li nsaħħu l-industriji eżistenti li qed jiġġeneraw attivita' ekonomiku ta' valur għoli u t-tieni li noħolqu numru ta' setturi u industriji ġodda li għandhom valur miżjud għoli, jipprovdu ammont sostenibbli ta' impjiegi ġodda b'pagi tajbin, li għandhom komponent qawwi ta' innovazzjoni filwaqt li huma konformi mal-qafas tal-kriterji soċjali, ambjentali u ta' governanza (ESG) imfassla għal pajjiżna.

**50.** Għal kull wieħed minn dawn is-setturi ta' valur miżjud għoli li ħoloq Gvern Nazzjonalista u li llum huma pilastri ekonomiċi, ser noħolqu Task Force bil-għan ewlieni li titfassal il-ġenerazzjoni li jmiss tas-setturi rispettivi. Kull Task Force ser tkun immexxija minn firxa wiesgħa ta' business leaders mis-settur privat li ser isawwru programm ta' ħidma u miżuri intiz biexi jiffaċilita

l-investiment f'dawn is-setturi kif ukoll billi nsaħħu l-kompetittivita' tas-settur u l-ħaddiema li jaħdmu fihom:

- Industrija marittima.
- Industrija ta' l-avjazzjoni.
- Is-settur tas-servizzi finanzjarji.
- Il-qasam tal-manifattura avvanzata.
- Il-gaming.
- L-industrija tal-life sciences u l-farmaċewtika.

**51.** Ser noħolqu programm ta' xprunar ta' investiment bil-ħolqien ta' għaxar setturi innovattivi f'pajjiżna:

- Investimenti xprunati mill-industrija tal-metaverse u d-dinja virtwali.
- Is-servizzi ta' konformità u d-due diligence.
- Manifattura speċjalizzata bl-użu intensiv tar-robotika.
- L-applikazzjoni avvanzata ta' l-istampar 3D.
- L-applikazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali (AI).
- L-*e-Sports.*
- Il-konverġenza tas-setturi tal-films u tal-kreattivita f'industrija tal-logħob diġitali.
- L-industrija tal-isports.
- L-ottimizzazzjoni tal-enerġija.
- Intrapriżi soċjali internazzjonali u operaturi globali fil-qasam tal-*profit with purpose.*
- F'kull wieħed minn dawn l-oqsma se nrawmu u nirriflettu rwol importanti tas-setturi tal-ospitalità, l-edukazzjoni, is-saħħa u d-divertiment biex noħolqu ekosistemi sħaħ li jkabbru ħafna aktar il-valur miżjud tas-setturi.

**52.** Noħolqu Fond ta' *Trasformazzjoni Ekomomika* (FTE) ta' €1B (biljun Ewro) biex nixprunaw u nkattru s-setturi ġodda u nevolvu l-ġenerazzjoni li jmiss tas-setturi eżistenti, permezz ta' programm li jiffinanzja nofs l-investiment kapitali ta' intrapriżi eliġibbli u konformi mal-kriterji ESG. 70% tal-Fond, li jkun garantit mill-Istat, jinġabar pubblikament, billi tingħata opportunita' lil dawk li għandhom depożiti lokali fit-tul miżmuma fl-istituzzjonijiet finanzjarji, bi priorita' għal persuni anzjani biex jiġi ġġenerat id-dħul lilhom. It-30% l-oħra jinkisbu minn istituzzjonijiet lokali u Ewropej tas-self li għandhom l-għan li jappoġġaw l-iżvilupp ekonomiku. Il-qligħ kapitali mill-investimenti bħala ishma (equity) f'dan il-Fond ser ikun eżenti mit-taxxa, filwaqt li l-gvern ser jinċentiva lill-investituri jiffinanzja 70% tal-interessi dovuti lill-min jinvesti fil-Fond fuq bażi ta' self.

**53.** Niżguraw li kull investitur mhux residenti Malta li jagħżel li jistabbilixxi b'sustanza, f'Malta jew Għawdex, intrapriża f'wieħed mis-setturi l-ġodda u li jkun konformi mal-kriterji ta' l-ESG, b'investiment minimu ta' €500,000, jingħata pakkett ta' rilokazzjoni kompetittiv ħafna biex niffaċilitaw it-tranżizzjoni u l-adattament tal-investitur u tat-tim tiegħu għax-xenarju lokali. Fil-każ t'Għawdex il-limitu tal-pakkett mogħti jkun ta' 50% akbar minn dak stabbilit għal Malta.

**54.** L-istabbilementi ta' l-ikel u x-xorb jingħataw spinta kbira permezz ta' tnaqqis fir-rata tal-VAT għal 7%.

**55.** Lis-*self-employed* inqisuhom f'kategorija ta' ħaddiema li jibbenefikaw mis-servizzi kollha li jibbenefika kull ħaddiem f'oqsma oħra biex inħajjru dejjem aktar nies jinvestu fl-intrapriża tagħhom.

56. Nappoġġaw lin-negozji żgħar (dawk b'10 impjegati jew inqas) li huma konformi mal-kriterji ta' l-ESG biex iżidu l-impjiegi billi nipprovdu għotja ta' flus bil-quddiem ta' darba lil min iħaddem, li tkun daqs 50% tas-salarju annwali tal-ħaddiem meta jiġi impjegat, diment li jiġi impjegat għal perjodu minimu ta' 3 snin.

57. Nistabbilixxu mira nazzjonali li nsiru pajjiż newtrali għall-klima fl-iqsar żmien possibbli, li nilħqu minimu ta' 80% tal-mira tagħna sal-2030.

58. Permezz tal-kriterji ambjentali fil-qafas tal-ESG ser indaħħlu aktar miżuri li jinċentivaw biss attivitajiet ekonomiċi li ma' jniġġżux billi nittrasformaw il-qafas tat-tassazzjoni tagħna f'wieħed li jippremja lil min hu sostennibbli.

59. Lill-NGOs ambjentali nagħtuhom rwol aktar attiv u parteċipattiv fid-deċiżjonijiet li jittieħdu billi jiżdidilhom in-numru ta' voti fuq il-bordijiet li jieħdu deċiżjonijiet materjali relatati mal-ambjent, mat-trasport, mal-infrastruttura u mal-ippjanar. Indaħħlu wkoll l-obbligu ta' konsultazzjoni f'kull livell fejn jidħlu dawn id-deċiżjonijiet.

60. Sabiex art li hija barra miż-żona ta' żvilupp tiddaħħal fiż-żoni tal-iżvilupp ikun jinħtieġ il-vot ta' żewġ terżi tal-Parlament.

61. Ser nagħmlu eżerċizzju li kull sena l-gvern iżid 50,000 metru kwardu ta' art pubblika maż-żoni meqjusin barra miż-żona ta' żvilupp.

62. Noħolqu mill-ġdid għadd ta' spazji miftuħa: pulmuni fil-bliet, strateġija għal żoni ħodor maħsuba għall-familji, aġenda għat-tkabbir ta' imsaġar, funtani u l-iżvilupp ta' ekoparks.

63. Inwettqu l-akbar programm ta' afforestazzjoni li qatt twettaq f'pajjiżna bil-għan li kull komunità f'kull belt u raħal ikollha l-ispazju miftuħ ħadrani tagħha u biex il-familji, l-anzjani, it-tfal u kull min iżurna jkunu jistgħu jgawdu s-sbuħija naturali ta' pajjiżna.

64. Inwettqu ġustizzja mal-konsumaturi kollha li nsterqu bil-kontijiet tad-dawl u l-ilma mill-2013 'l hawn billi nagħtuhom rifużjoni fuq l-ammont kollu misruq.

65. Infasslu politika għall-enerġija biex il-pajjiż jikseb l-enerġija tiegħu mill-orħos sorsi bl-anqas emmissjonijiet possibbli, filwaqt li nżommu kontroll u diskrezzjoni sħiħa fuq minn fejn jinxtara l-elkettriku kif ukoll fuq id-drittijiet tad-distribuzzjoni.

66. Filwaqt li naħdmu biex intemmu l-kuntratti attwali u żvantaġġjużi mal-Electrogas, l-iffrankar miksub b'dan il-waqfien inqassmuh lill-familji Maltin u Għawdxin b'roħs fil-kontijiet tad-dawl u l-ilma u bi tnaqqis ta' 50% fl-ispiża tal-arloġġi tal-elettriku u tal-ilma lill-pensjonanti. L-ebda impjegat ma' jilted xogħolu bħala parti minn dan il-proċess.

67. Nibdew nindirizzaw il-konġestjoni u nnaqqsu l-vetturi li jaħdmu bil-fjuwil mit-toroq u nappoġġaw il-mobbiltà moderna u nadifa billi:

- Nagħtu għotja ta' €10,000 mifruxa fuq 5 snin biex iħajru aktar familji jeħilsu mill-vettura qadima tagħhom, bil-kundizzjoni li ma jerġgħux jiksbu vettura oħra tul il-perjodu.
- Nimplimentaw programm estensiv ma' Malta u Għawdex kollha biex naraw li l-vetturi elettriċi jkollhom stazzjonijiet tal-iċċarġjar rapidu f'kull distanza massima ta' 2km sewqan.
- Inraħħsu b'20% ir-rata tal-elettriku għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi minn 13ċ għal 10ċ5 f'kull ħin tal-ġurnata.

68. Biex ikollna sistema aktar ġusta u li taqbel mal-għanijiet tan-newtralità klimatika ta' pajjiżna, naraw li l-liċenzja tat-triq għall-vetturi personali ma tibqax skont it-tip ta' vettura iżda ssir skont kemm tintuża l-vettura kif ukoll l-emissjonijiet tagħha. Filwaqt li nistabbilixxu massimu għall-ħlas annwali dovut, niżguraw li l-vetturi elettriċi ma jħallsu l-ebda liċenzja jew taxxa.

69. Nimplimentaw sistema ta' transport tal-massa mingħajr binarji tal-aħħar teknoloġija, magħruf bħala 'Trackless Tram'. Din tgħaddi minn toroq arterjali u distributorji permezz ta' korsiji reservati. Permezz ta' użu aħjar u aktar għaqli tal-ispazju tat-toroq, se jiġi żgurat li din is-sistema tkun veloċi u effiċjenti.

70. B'mod parallel se tkun implementata sistema ta' transport pubbliku li tuża karozzi tal-linja jew tipi oħra ta' vetturi biex tiżgura konnessjonijiet akbar bejn żoni residenzjali, ċentri tal-impjiegi, portijiet u ċentri importanti oħra għal ma' din is-sistema ta' transitu tal-massa li ssemmiet aktar 'il fuq. Id-daqs u t-tip ta' vettura użata għal dawn is-servizzi se jiġu ddeterminati mill-kuntest u l-użu u billi jiffoka fuq il-ħtiġijiet tal-passiġġieri.

71. Is-sistema ta' transport tal-massa ser tipprovdi alternattiva raġonevoli, tanġibbli u effettiva għall-vettura privata u fl-istess ħin tiżgura li l-implimentazzjoni ta' din il-proposta ssir fi żmien ftit xhur billi inizzjalment jiġu indirizzati l-prijoritajiet tar-rotot kollha u s-sinjali neċessarji biex progressivament tiġi ntrodotta is-sistema li qed tiġi proposta. Din is-sistema se żżid il-kapaċità tat-toroq billi aktar nies u servizzi se jkunu jistgħu jivjaġġaw b'inqas vetturi, u b'hekk ittejjeb il-kwalità tal-arja, il-mobilità u l-kwalità tal-ħajja ġewwa l-lokalitajiet tagħna.

72. Il-futur ta' Malta bħala pajjiż modern li tista' tafdah tiddependi wkoll mill-forzi dixxiplinati (il-Korp tal-Pulizija, il-Forzi Armati ta' Malta, l-Uffiċjali tal-Protezzjoni Ċivili u l-Uffiċjali tas-Servizzi Korrettivi). Irridu niżguraw forzi ta' stoffa u motivati, u li nattiraw u nżommu l-aqwa talent billi:

- Niżguraw li l-membri tal-forzi dixxiplinati jkunu jistgħu jagħżlu li jieħdu l-pensjoni wara 25 sena servizz u xorta jibqgħu jservu fil-forzi dixxiplinati.
- Nagħmlu tajjeb għal kull spiża inkrimentali mġarrba minħabba primjums tal-assigurazzjoni b'rabta ma' xogħol riskjuż.
- Inwettqu l-wegħda li d-disturbance allowance u l-ħlasijiet għall-Ħdud u l-Off-duty jiġu normalizzati fil-gradi kollha tal-forzi, u b'hekk inneħħu s-sistema tat-time-off in lieu li tikkumpensa s-sigħat żejda b'jiem tal-leave.

73. Jinbeda proġett pilota ta' Open Prison bil-għan li jipprovdi ambjent aktar riabilitattiv għal persuni li l-ġudikanti jidhrilom li l-Faċilita Korrettiva ta' Kordin m'hijiex l-aħjar post għalihom partikolarment fil-każ ta' priġunieri żgħażagħ.

74. B'tim ta' ambaxxaturi u mibgħuta speċjali ta' rispett internazzjonali u integrità assoluta, nerġgħu nirbħu r-rispett tal-komunità internazzjonali għax nuru bil-fatti li Malta biddlet ir-rotta u reġgħet lura fit-triq tal-ħarsien tas-saltna tad-dritt u tal-governanza tajba.

75. Bl-ewwel liġi ta' Gvern ġdid Nazzjonalista nimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-inkjesta pubblika dwar il-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia, fosthom

l-Unexplained Wealth Orders fil-konfront ta' politiċi, ir-reat ġdid għal min jabbuża mill-awtorità tal-uffiċċju tiegħu u d-delitt ta' intraċċ għall-ġustizzja.

76. Indaħħlu fis-seħħ sistema komprensiva ta' diġitalizazzjoni tas-servizz tal-Qrati kemm f'kawżi ċivili kif ukoll f'dawk kriminali biex naqtgħu d-dewmien żejjed u nżidu l-effiċjenza u l-aċċessibbilità tal-pubbliku.

77. B'maturità politika, indaħħlu liġijiet, mekkaniżmi u stil ta' tmexxija li tinvolvi lill-Oppożizzjoni Parlamentari tal-ġurnata b'mod attiv ħalli r-rappreżentanza demokratika tkun riflessa wkoll f'oqsma oħra apparti dawk Parlamentari.

78. Id-deċiżjoni finali dwar il-proġett tal-mina tittieħed mill-komunita' Għawdxija wara li jkunu tlestew u ġew ippubblikati l-istudji kollha bi trasparenza sħiħa.

79. Sakemm ikun hemm deċiżjoni finali dwar il-mina, insaħħu bil-kbir l-aċċessibbiltà għall-Għawdxin b'estensjoni tal-infrastruttura tal-port tal-Imġarr u b'investiment fit-tul f'żewġ vapuri ġodda: wieħed għall-passiġġieri u ieħor għall-merkanzija.

80. Wara terminazzjoni tal-ftehim tal-privatizzazzjoni ma' Steward Healthcare, inwettqu programm kapitali massiv għall-iżvilupp, permezz tal-Malita plc, ta' Sptar Ġenerali ġdid ta' 400 sodda f'Għawdex.

81. Ninvestu bil-kbir u niffinanzjaw l-estenzjoni ta' firxa ta' trattamenti għall-kanċer mogħtija f'Għawdex stess.

82. Niftħu servizz ġdid tal-MRI f'Għawdex u nallokaw riżorsi speċjalizzati biżżejjed għall-kliniċi tal-outpatients ħalli nnaqqsu l-iskariġġ tal-pazjenti Għawdxin lejn Malta.

83. Ser nibnu campus tal-MCAST ġdid ġewwa Għawdex fejn apparti li jiżdiedu il-korsijiet offruti jiġu introdotti korsijiet ġodda f'diversi oqsma marbutin mal-għaxar setturi ġodda li ser ninvestu fihom f'pajjiżna.

84. Nestendu l-preżenza ineffettiva tal-Malta Enterprise f'Għawdex billi nibnu branka dedikata sħiħa, b'tim, riżorsi, allokazzjoni u finanzjament separat,  li tkun unità ta' appoġġ għall-promozzjoni tal-investiment dirett lokali u barrani f'Għawdex.

85. Biex insaħħu r-rwol tal-intrapriżi ż-żgħar u medji nistabbilixxu mira li 25% tax-xiri tal-Gvern isir minn fost dawn l-intrapriżi li jkunu aderenti mal-kriterji tal-ESG.

86. Inkomplu ninċentivaw lil min jaħdem, iħallas it-taxxa u jikkontribwixxi fl-ekonomija billi:

- Min jaqla anqas minn €20,000 ser jingħata kreditu ta' taxxa ta' 10% fuq l-ammont ta' taxxa mħallas fis-sena ta' qabel.
- Min jaqla bejn €20,000 u €40,000 ser jingħata kreditu ta' taxxa ta' 5% fuq l-ammont ta' taxxa mħallas fis-sena ta' qabel.
- Min jaqla anqas bejn €40,001 u €60,000 ser jingħata kreditu ta' taxxa ta' 3% fuq l-ammont ta' taxxa mħallas fis-sena ta' qabel.
- Ir-rata tat-taxxa għal min jaqla bejn €60,001 u €80,000 ser tkun dik ta' 25%.

87. Neżentaw lill-istudenti jew lill-impjegati sa 21 sena li jaqilgħu inqas minn 60% tal-introjtu medjan nazzjonali

(National Median Income), milli jħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, bħala miżura ta' appoġġ fil-bidu tal-ħajja tax-xogħol tagħhom.

**88.** Naraw li l-arretrati kollha tal-VAT, ħlas tat-taxxa u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li akkumulaw tul il-pandemija tal-COVID19 jitħallsu lura fuq perjodu ta' 8 snin biex inwieżnu lin-negozji, konformi mal-kriterji ESG, bi sfidi ta' *cash flow.*

**89.** Biex ninċentivaw aktar investiment fl-intrapriżi tagħna, ser innaqqsu r-rata tat-taxxa fuq il-qligħ tan-negozji, konformi mal-ESG, għal 15% fuq l-ewwel €500,000 profitt li jinżammu fin-negozju.

**90.** Fuq medda ta' ħames snin, hekk kif il-qafas tal-ESG ikun sar parti integrali mill-politika fiskali tagħna, iinżżlu l-ogħla rata ta' taxxa għal 25%, kemm għal kumpaniji kif ukoll għall-persuni.

**91.** Nintrabtu li r-rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, tal-VAT jew tat-taxxa fuq id-dħul ma jiżdidux tul il-leġiżlatura, filwaqt li ninċentivaw iżjed attività kummerċjali billi:

- Niżguraw li n-negozji u s-self-employed b'fatturat sa €60,000 ma jkunux meħtieġa jitolbu l-VAT jew jitolbu rifużjoni tal-VAT, filwaqt li nqassru ż-żmien li taxpayer irid idum biex jibdel bejn reġim u ieħor tal-fatturat.
- Innaqqsu l-VAT tar-ristoranti u l-barijiet għal 7%.

**92.** Kumpaniji, partnerships jew self-employed li huma konformi mal-kriterji ESG u li:

- F'sena finanzjarja ma' jkollhomx dħul ta' aktar minn €5 miljun; u
- Li ma' jimpjegawx aktar minn 250 persuna full-time jew ekwivalenti; u
- Li m'għandhomx balance sheet ta' valur aktar minn €10 miljuni, mhux ser ikollhom għalfejn jagħmlu audited financial statements ta' kull sena u minflok ikunu jistgħu jissottomettu accounts preparati mill-kumpanija flimkien ma' ċertifikat ta' konformita mal-kriterji ESG.

**93.** Inneħħu kull forma ta' taxxa fuq it-trasferimenti ta' negozji, fużjonijiet (mergers) jew akkwist ta' intrapriżi li huma konformi mal-kriterji ESG, inkluż fuq it-trasferimenti tal-ishma f'kumpaniji.

**94.** Inneħħu t-taxxa fuq it-trasferiment mal-wirt ta' ishma f'kumpaniji mill-ġenituri għat-tfal, suġġett li l-kumpaniji jkunu konformi mal-kriterji ESG.

**95.** It-tfaddil ser jingħata ħafna aktar importanza billi jissaħħu l-iskemi ta' krediti fiskali għal min jinvesti f'pensjonijiet privati jew investimenti simili, kif ukoll strutturat għal skemi volontarji tal-pensjonijiet.

**96.** Nirrikonoxxu s-sens ta' impenn tas-servizz pubbliku b'pagi kompetittivi ħalli nattiraw l-aqwa mħuħ u l-aqwa ħiliet biex imexxu u jħaddmu l-amministrazzjoni pubblika f'kull livell.

**97.** Minflok il-miljuni li qed jitberbqu bħalissa għas-salarji eżaġerati tal-pożizzjonijiet inutli ta' fiduċja, għan-nefqa diskrezzjonali u għad-direct orders ta' inkarigi esterni żejda, ser nagħtu allowance lill-frontliners kollha, fosthom lill-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, dawk fl-oqsma soċjali, lill-edukaturi, u lill-ħaddiema fil-korpi dixxiplinati bħala bonus annwali ekwivalenti għas-salarju bażiku ta' erba' ġimgħat tal-impjegat rispettiv.

98. Il-politika tal-*outsourcing* imħaddma mill-gvern ser tinbidel biex attivitajiet li huma fiċ-ċentru tal-operat tal-gvern ma' jibqgħux ikunu sors ta' diskriminazzjoni sponsorjata mill-gvern. Taħt l-ebda ċirkostanza m'hu ser jibqa' jiġi aċċettat li ħaddiema jagħmlu l-istess xogħol u ma' jitħallsux fuq bażi simili. Il-kunċett ta' *equal pay for equal work* ser jitħaddem l-ewwel fl-entitajiet tal-gvern biex iservi ta' mudell.

99. Indaħħlu leġiżlazzjoni li tagħti d-dritt lil kull utent tas-servizz governattiv biex jinqeda b'mod diġitali minn kwalunkwe servizz li jista' jiġi pprovdut b'mod diġitali.

100. Naraw li kwalunkwe servizz, talba, applikazzjoni jew sottomissjoni ta' dokumentazzjoni tkun tista' ssir minn punt elettroniku wieħed li jilqa' dak kollu meħtieġ mingħajr mal-utent ikollu għalfejn iżur siti differenti biex jinqeda għal materja partikolari li tkun tinvolvi bosta dipartimenti jew entitajiet.

101. Insaħħu l-awtorità tal-Kunsilli Lokali billi dawn ma jibqgħux biss spettaturi fid-deċiżjonijiet li jolqtu lil-lokalità u lir-residenti tagħhom iżda jkollhom rwol determinanti, b'mod partikolari fejn jidħlu l-materji ambjentali u l-iżvilupp ta' infrastruttura u proġetti ta' ċertu daqs.

102. Nagħtu funzjoni aktar soda, bi programm intensiv ta' devoluzzjoni tal-poter, lill-gvernijiet lokali u reġjonali biex nevolvu sens aktar b'saħħtu ta' komunità u nerġgħu nagħtu ħajja lill-priniċipju tas-sussidjarjeta'.

103. Niżguraw li sal-2027, l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni jilħaq it-3% tal-GDP, u li sal-2030 dan jitla' għal 3.5%.

104. Nimplimentaw qafas mifrux ta' appoġġ u inċentivar fiskali lill-istartups f'pajjiżna biex ninċentivaw lill-azzjonisti jibqgħu jinvestu l-qliegħ tagħhom fl-intrapriża.

105. Negozji ġodda kollha li jkollhom komponent qawwi ta' RTDI ma jħallsux taxxi qabel jagħmlu l-ewwel €500,000 qligħ suġġett li ma' jagħmlux ħlas ta' dividendi lill-investituri u li jkunu konformi mal-kriterji ESG.

106. Inwettqu impenn bla preċedent biex nappoġġaw u nixprunaw investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni billi:

- Nipprovdu krediti fiskjali lil intrapriżi u istituzzjonijiet privati tal-edukazzjoni ogħla u tar-riċerka ekwivalenti għal 100% tal-ammont investit minnhom fir-riċerka.
- Nappoġġaw bis-sħiħ l-investiment dirett billi nagħtu rebate fuq il-VAT imħallsa minn istituzzjonijiet privati tal-edukazzjoni ogħla għat-tagħmir u l-faċilitajiet maħsuba għall-proġetti tar-riċerka u l-iżvilupp.

107. Nittrasformaw lil pajjiżna f'ġurisdizzjoni ewlenija li tħaddan it-teknoloġija avvanzata u tapplika s-servizzi diġitali f'kull qasam tas-soċjetà u tal-ekonomija.

108. Nibnu alleanza mat-tliet fornituri ewlenin tat-telekomunikazzjoni f'pajjiżna biex permezz ta' inċentivi u ftehim għall-aċċess reċiproku ta' l-infrastrutturi niżguraw li sal-2025, il-familji u n-negozji Maltin u Għawdxin kollha jkollhom aċċess għal internet b'veloċità tal-Gigabit li jaffordjaw.

**109.** Ser nagħmlu bidla radikali fil-finanzjament tal-edukazzjoni fejn l-allokazzjoni għall-ispiża f'dan il-qasam ser tibqa' tiżdied sena fuq oħra, ibbażata fuq formula li tkun marbuta mat-tkabbir fil-GDP tal-pajjiż.

**110.** Jitjiebu b'mod sostanzjali l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-edukaturi fuq il-livelli kollha bil-għan li jiġu inċentivati aktar professjonisti biex jidħlu għal dan l-impenn kruċjali għall-futur tat-tfal tagħna. Dan ser isir permezz ta' titjib sostanzjali fis-salarji, miżuri li jtejjbu l-bilanċ bejn il-familja u l-professjoni kif ukoll inċentivi li jappoġġjaw it-taħriġ professjonali kontinwu.

**111.** Biex nappoġġjaw lill-familji fil-formazzjoni tat-tfal, ser indaħħlu skemi biex ġenituri jkunu jistgħu jnaqqsu mid-dħul taxxabbli, kull miżata tal-edukazzjoni, ħlasijiet għall-attivitajiet extrakurrikulari kif ukoll dawk marbutin mal-isport.

**112.** Nipprovdu għotja annwali ta' €300 lill-ġenituri tal-istudenti iżgħar minn 18-il sena li jieħdu sehem f'xi programm estrakurrikulari strutturat u rreġistrat ma' assoċjazzjoni konformi mal-ESG tal-għażla tagħhom:

- Fl-isport.
- Fil-*performing arts.*
- Fil-kultura u l-arti.

**113.** Inwessgħu t-tqassim tal-ikel frisk u bnin fl-iskejjel u nipprovdu nutrizzjoni aktar sana u strutturata fl-iskejjel primarji u sekondarji kollha, bil-għan ewlieni li nħeġġu u nħajru stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa u niġġieldu l-obeżità minn etajiet żgħar.

**114.** Nintroduċu inizzjattiva nazzjonali li tappoġġa lil kull persuna li tgħix f'Malta jfassal il-programm ta' żvilupp tat-talenti tagħha fuq bażi personalizzata.

**115.** Nifthu skola sekondarja speċjalizzata ġdida kull sena biex inħajru u nixprunaw iżjed tfal u żgħażagħ jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom fl-oqsma li jaspiraw li jirnexxu. Niżguraw li l-ewwel speċjalizzazzjonijiet ikunu:

- Fit-teknoloġija diġitali, il-*metaverse* u d-dinja virtwali.
- Fit-teknoloġija tal-manifattura u r-robotika.
- Fl-arti u l-kultura.

**116.** Ser infasslu u nwettqu Programm ta' Eċċellenza fl-Apprendistat li permezz tiegħu nissieħbu ma' operaturi ewlenin li għandhom kapaċitajiet tekniċi ppruvati u rikonoxxuti. Dan il-Programm jiffoka biex joħloq opportunitajiet ta' żvilupp, speċjalizzazzjoni u impjieg lill-persuni li jkollhom inklinazzjoni aktar vokazzjonali milli akkademika. Minbarra li nipprovdu l-qafas ta' dan il-programm fil-qafas operazzjonali tal-MCAST sejrin ukoll:

- Nipprovdu krediti fiskali ta' 200% għall-investimenti li jagħmlu l-operaturi industrijali fil-programm, li jkunu konformi mal-kriterji ta' l-ESG.

- Inkopru 35% tas-salarju tal-apprendisti ingaġġati, suġġett li jintlaħqu l-kriterji ta' suċċess.

**117.** Jiddaħħal dritt ta' study leave għal żmien l-eżamijiet għal dawk il-persuni li jkunu jaħdmu full-time filwaqt li jkunu qiegħdin jistudjaw għal kisba ta' kwalifika minn MQF Level 5 'il fuq.

**118.** Bil-għan li nħajjru dejjem aktar studenti li jibqgħu jitħarrġu f'livelli ogħla, matul din il-leġiżlatura ser inżidu l-iStudents' Maintenance Grants b'25%.

**119.** Inżidu b'25% addizzjonali l-istipendju tal-istudenti li jwettqu volontarjat ma' xi organizzazzjoni volontarja reġistrata, bħala rikonoxximent għall-kontribut tagħhom lis-soċjetà.

120. Nagħtu vawċer ta’ €500 liż-żgħażagħ ta’ bejn is-16 u l-21 sena għal ivvjaġġar sportiv jew kulturali, ħalli jwessgħu il-perspettiva sportiva u kulturali tagħhom.

121. Ser insaħħu s-settur tal-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (Further and Higher Education) f’qafas strateġiku biex ikun il-mutur ewlieni tal-attrazzjoni u l-ħolqien tat-talent lokali u internazzjonali li fuqu ser inkabbru s-setturi ekonomiċi ġodda.

122. Niftħu numru ta’ ċentri edukattivi ta’ eċċellenza fis-setturi kollha, mhux biss akkademiċi iżda wkoll sportivi, kulturali u mużikali biex b’hekk nibnu ekosistema wiesgħa ta’ istituzzjonijiet edukattivi ffukati biex isawwru t-talenti fit-tfal tagħna kollha.

123. Naħtru Kummissarju fl-Uffiċċju tal-Ombudsman responsabbli milli jara li l-prinċipju ta’ ‘Equal Pay for Equal Work’ jitħaddem fil-prattika u ma’ jibqgħux jiġu permessi prattiċi li jkunu meqjusa bħala prekarji.

124. Immexxu t-tfassil ta’ Patt Soċjali ġdid bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti, il-korpi kostitwiti u ċ-ċittadini, bil-għan li jiffoka fuq l-aspetti tal-living income, il-living wage, it-tisħiħ tad-dinjita’ tal-ħaddiem, it-titjib fid-dħul u t-tkabbir tal-produttivita’.

125. Indaħħlu skemi ta’ inċentivi għal dawk l-intrapriżi u li jagħżlu li jipparteċipaw fi proġett nazzjonali dwar ġimgħa xogħol mifruxa fuq erba’ ti jiem (four-day week).

126. Biex kull mara tgawdi mill-inċentiv li terġa tidħol fis-suq tax-xogħol, ser nagħtu għotja ta’ €1,000 lin-nisa li jkollhom tfal li jerġgħu lura f’impjieg u li ma jħallsux taxxa fuq id-dħul tagħhom jew iħallsu ammont żgħir ta’ taxxa. B’hekk dawk in-nisa li m’għandhomx paga għolja jkunu wkoll jistgħu jibbenefikaw minn dan l-inċentiv.

127. Inniedu skemi li jippromwovu l-pjanijiet tal-akkwist ta’ ishma għall-impjegati jew mekkaniżmi simili fejn dawn ikunu eżentati mit-taxxa tal-boll fuq it-trasferiment tal-ishma u mit-taxxa fuq il-qligħ kapitali jekk l-ishma jinżammu għal iżjed minn 5 snin.

128. Min iħaddem fornituri ta’ servizz fuq pjattaforma diġitali ser ikun legalment obbligat li josserva parametri rigorużi (parti mill-qafas ta’ l-ESG) li jassigura li l-ebda ħaddiem (impjegat u/jew self-employed) ma’ jkun soġġett għal prattiċi ta’ xogħol prekarju.

129. Inbiddlu l-programm tal-bejgħ taċ-ċittadinanza (l-IIP) billi l-bażi ewlenija tiegħu jkun investiment attiv u fit-tul fl-ekonomija ta’ pajjiżna permezz ta’ investiment maġġuri f’wieħed mis-settur ekonomiċi ta’ priorita’ għall-pajjiżna jew fl-oqsma tar-riċerka u l-iżvilupp.

130. Fid-dawl tal-bidliet riżultat tal-Brexit fuq il-kamp edukattiv, nimplimentaw programm li permezz tiegħu nistgħu nattiraw studenti li jridu jitħarrġu f’korsijiet fuq livelli li jikkwalifikaw taħt il-kappa tal-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (Further and Higher Education) fil-lingwa ingliża.

131. Nappoġġjaw lil dawk li jaspiraw lejn karriera fl-arti billi ninċentivawhom fiskalment kif ukoll bi skemi biex ikunu jistgħu jtejjbu t-talent tagħhom u jesebixxuh lokalment u barra minn xtutna. Għal dan il-għan ser niżguraw rata tat-taxxa ta’ 5% fuq l-ewwel €80,000 tad-dħul lill-persuni kollha rreġistrati bħala artisti professjonali fid-diversi oqsma.

132. Bil-għan li nħaddnu l-valur tal-ilsien Malti, miktub u mitkellem,inwaqqfu 'Dar tal-Malti' li fiha tiġbor lil kittieba, awturi, entitajiet rappreżentattivi u s-settur privat biex isservi ta' xprun ewlieni li tippromwovi u tinċentiva l-użu tal-lingwa Maltija fl-oqsma kollha.

133. Flimkien mal-komunitajiet barranin li jgħixu f'pajjiżna naħtru ambaxxaturi lokali biex iservu ta' punti ta' referenza u mexxejja fil-komunitajiet (community leaders) tagħhom bil-għan li jiġi stabbilit u msaħħaħ id-djalogu u r-rispett reċiproku bejn il-komunitajiet f'pajjiżna.

134. Inħaddmu politika ġusta dwar il-migrazzjoni li tkun tikkontribwixxi għal komunitajiet li jgħixu f'armonija b'sens qawwi ta' toleranza u rispett lejn id-diversita'.

135. Naraw li d-dikjarazzjonijiet tal-assi u tad-dħul ma jibqgħux taħżiża fuq karta iżda jsiru ferm aktar estensivi u dettaljati biex ikunu jistgħu jiġu awditjati mill-uffiċċju tal-Kabinett stess u tkun żgurata l-integrità ta' kulma jiġi ddikjarat.

136. Naraw li l-Membri Parlamentari jkollhom l-għażla li jieqfu mill-professjoni ewlenija jew mill-prattika privata tagħhom biex jiddedikaw ħinhom kollu għad-doveri parlamentari.

137. Infasslu reġistru biex kull Ministru u Segretarju Parlamentari jagħti rendikont tal-laqgħat li jkollu ma' persuni li għandhom interess li jiksbu benefiċċji mill-Istat.

138. Nappuntaw Kummissarju għall-Governanza Tajba fl-Uffiċċju tal-Ombudsman sabiex ikun il-punt ta' riferiment ewlieni għal kull ċittadin li jkun irid iressaq ilmenti fuq materji relatati.

139. Inwaqqfu l-Uffiċċju ta' Maġistrat Inkwirenti Speċjali kontra l-Korruzzjoni, li jkollu setgħat kbar fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, anke li jibda investigazzjoni minn jeddu.

140. Ninvolvu firxa ferm usa' ta' persuni fil-proċess tal-iggvernar eżekuttiv u mhux biss għal finijiet ta' konsultazzjoni jew konsulenza, ħalli aktar esperti u tekniċi jiġu involuti f'ħidmet il-gvern.

141. Naraw li kull awtorità tippubblika rapport annwali dwar it-trasparenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet, li fost l-oħrajn ikun jindika b'mod ċar id-data li skontha ttieħdu d-deċiżjonijiet ta' politika u li jidentifika l-parteċipanti u l-konsulenti kollha li kienu involuti fil-proċess tal-konsultazzjoni.



# Għoxrin sena ta' żvilupp u ~~taqlib~~

Fl-aħħar għoxrin sena, id-dinja nbidlet b'pass mgħaġġel ħafna u għaddiet minn esperjenzi mingħajr preċedent fl-istorja tal-umanità.

Saru avvanzi kbar f'bosta oqsma u fl-istess ħin kibru l-isfidi. Inbidlu l-prijoritajiet dinjin, reġjonali u individwali. Il-mewġa lejn il-globalizzazzjoni li ġarrabna fl-aħħar għoxrin sena ħolqot għadd ta' sfidi ġodda li kkawżaw ħafna diżappunti u diżillużjoni fost iċ-ċittadini tagħna. L-iżviluppi teknoloġiċi u l-mezzi diġitali tal-komunikazzjoni qalbu ekonomiji sħaħ ta' taħt fuq u ħolqu soċjetà diġitali ġdida, konnessa l-ħin kollu u dipendenti għalkollox fuq l-aċċess għall-informazzjoni bħal qatt qabel. Iżda dan il-kuntest ħoloq bosta perikli soċjali u ekonomiċi ġodda.

Filwaqt li qed inġarrbu wkoll it-tibdil fil-klima u l-konsegwenzi tiegħu, tul l-aħħar deċennju għaddejna minn żminijiet ibsin ta' kriżi, attakki terroristiċi u kunflitti f'pajjiżi ġirien u f'pajjiżi mbiegħda li ġiegħlu lil miljuni ta' persuni jfittxu kenn f'pajjiżi oħrajn. Dawn il-fenomeni wasslu biex l-ispettru tal-popoliżmu jerfa' rasu, jieħu l-ħajja u jservi ta' art fertili għal min ried jirbaħ l-appoġġ u jappella għal miljuni kbar ta' votanti mxebbgħin bis-sistema u li raw fih refuġju għall-problemi personali u soċjali li kienu qed jiffaċċjaw.

Rajna lill-Unjoni Ewropea tikber u ssir forza ekonomika dinjija ewlenija, imsejsa fuq il-paċi, l-istabbiltà, it-tkattir tal-ġid komuni u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri. Madankollu tlifna wkoll wieħed mill-pajjiżi ewlenin tal-blokk Ewropew, lir-Renju Unit, wara għażla demokratika tal-poplu Ingliż li l-implikazzjonijiet u l-konsegwenzi tagħha għadhom mhumiex magħrufa.

Rajna d-dinja titbiegħed minn kull forma ta' ideoloġija politika, u r-relattiviżmu jimla l-vojt li dan beda jħalli warajh. Saru żviluppi li ħolqu soċjetà dejjem aktar imbiegħda mill-ġid komuni għax dan kollu ma kienx imżewweġ ma' sens usa' ta' għarfien tal-prinċipji mmexxija mill-ġid komuni u l-etika fil-ħajja. L-individwaliżmu, il-vojt morali u l-indifferenza komplew inaqqru s-sens tas-solidarjetà u minħabba f'hekk – minkejja l-avvanzi kollha – aktar nies bdew jispiċċaw fil-periferija tas-soċjetà.

Imbagħad fl-aħħar sentejn għarafna aktar minn qatt qabel li saħħitna hija kollox. Il-pandemija li ġiet fuqna għal għarrieda u li daħħlet lid-dinja kollha fi kriżi enormi tas-saħħa pubblika, ħarġet fid-dieher id-dgħufijiet ta' bosta mudelli ekonomiċi mħaddma qabel il-pandemija, u wrietna l-importanza li ninvestu bil-qawwa fis-saħħa u fil-kura tan-nies bħala sies importanti għat-tkabbir li naspiraw għalih.

Dawn l-iżviluppi madwar id-dinja, pajjiżna għexhom bħala protagonista bis-saħħa tal-viżjoni fit-tul li fassal il-Partit Nazzjonalista matul l-aħħar diċennji. Is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea kienet u tibqa' l-punt tat-tluq li sawwar ġejjieni ġdid – rebbiegħa ġdida – għall-ġenerazzjonijiet tagħna u futuri.

Bid-dħul ta' Malta fiż-żona Schengen u aktar tard fiż-żona tal-ewro xħitna lil Malta fuq il-mappa ekonomika internazzjonali u ftaħna l-bibien beraħ għall-iżvilupp soċjo-ekonomiku li jixraq lil pajjiżna.

Barra minn hekk, l-għexieren ta' setturi ġodda li nedew il-Gvernijiet Nazzjonalisti jikkonfermaw il-viżjoni tagħna li noħolqu impjiegi ta' kwalità għal uliedna. Ilkoll huma setturi li jirkbu fuq it-teknoloġija u jaħtfu l-potenzjal qawwi u t-talent tal-poplu Malti, filwaqt li jagħtu l-ġenb liċ-cheap labour u lill-pagi miżeri. Ħloqna industriji ġodda bbażati fuq l-għerf u l-għarfien, li ħolqu eluf ta' impjiegi ġodda ta' livell għoli b'valur ekonomiku miżjud li beda jinfirex fis-setturi l-oħra.

Fuq kollox konna ksibna r-rispett u l-fiduċja internazzjonali: pajjiżna kien meqjus bħala sieħeb sħiħ, b'postu madwar il-mejda tad-deċiżjonijiet; pajjiż li tista' tafdah u li l-mexxejja tiegħu ma kinux se jilagħbuk. Mill-kriżijiet ekonomiċi tal-2009 u mill-kunflitt fil-Libja, pajjiżna ħareġ bl-unuri fost il-komunità internazzjonali, u tista' tgħid li kull pajjiż u kull mexxej internazzjonali kien jirrikonoxxi lill-Gvernijiet Nazzjonalisti bħala serji, li tista' torbot fuqhom u li jħaddnu l-prinċipji tas-saltna tad-dritt.

Madankollu, fl-aħħar tmien snin rajna dak kollu li konna ksibna b'tant ħidma u sagrifiċċji jiżżarma biċċa biċċa u jisfaxxa. Deċiżjoni wara l-oħra tal-Gvern Laburista bdiet tnawwar ir-reputazzjoni tagħna, u pajjiżna beda jitlef ruħu, jinża' l-identità tiegħu u jarmi l-boxxla morali li kienet mexxietna lejn il-kisbiet li konna għamilna tul is-snin. L-ekonomija kibret mingħajr pjan u ta' dan qed inħallsu prezz għali, u qares ukoll.

Fl-2013, il-Gvern Laburista beda jrewwaħ u jrawwem kultura li tagħti prezz lil kollox, iżda li xejn ma jibqagħlu valur. Taħt it-tlellix u x-xenxilli tal-hekk imsejħa "roadmap" tal-Gvern Laburista skoprejna li kien hemm pjan maħdum bizzilla ta' tixħim, korruzzjoni u klijenteliżmu sfrenat li biddel lil dan il-pajjiż f'wieħed li jpoġġi l-flus u l-gwadann personali fil-bidu u fit-tmiem ta' kollox.

Ix-xogħol prekarju mhux biss żdied iżda issa sar industrija li tħaddem l-eluf ta' ħaddiema barranin b'mod abbużiv biex il-pagi jibqgħu staġnati. Il-middle class kompliet tingħasar minn kull naħa u issa qed tispiċċa fix-xejn. Il-faqar kompla jinfirex u l-ħajja kompliet togħla tant li l-familji tagħna m'għandhomx triq oħra għajr li jaħdmu żewġ jobs. L-anzjani tagħna, aktar ma jixjieħu aktar qed jiftaqru, filwaqt li l-valur tal-familja, il-ħin liberu u s-sens ta' komunità ttieklu mill-kilba.

> **"Taħt il-Partit Nazzjonalista konna magħrufin bħala pajjiż li tista' tafda."**

Il-qofol ta' dan il-kapitlu ikrah għal pajjiżna kien bla dubju l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia li tiegħu l-Gvern Laburista nstab responsabbli minħabba l-kultura tal-impunità li ħoloq u l-art fertili li firex għall-għeruq tal-kriminalità organizzata. Bil-qtil makabru ta' Daphne missejna l-qiegħ, bl-aħħar kliem tagħha jiddefinixxu eżattament l-istat li wasalna fih: "there are crooks everywhere you look now. The situation is desperate."

Il-viżjoni ta' Gvernijiet Nazzjonalisti li jibnu l-industrija ta' pajjiżna fuq ir-rispett globali u r-reputazzjoni permezz tal-mezzi diġitali, f'daqqa waħda nbidlet f'waħda ddominata mill-

iżvilupp bla rażan; il-konkos sar l-aqwa simbolu li jirrappreżentana, filwaqt li l-ambjent sar il-vittma odjerna tar-rgħiba. Apparti li fi tmien snin ma nħoloq l-ebda settur ekonomiku ġdid, biex jgħaxxaqha, l-aġir tal-Gvern Laburista beda jipperikola serjament lil dawk is-setturi li bnew Gvernijiet Nazzjonalisti. Il-qofol tal-aġir irresponsabbli tal-Labour deher riċentement bil-greylisting ta' Malta mill-FATF.

Din hija r-realtà li ninsabu fiha llum.

Pajjiżna m'għandux viżjoni, la għall-immedjat u lanqas għal aktar fit-tul.

Huwa ċar li min ħoloq il-problema ma jistax ikun is-soluzzjoni.

Aħna nemmnu fil-potenzjal ta' pajjiżna għax il-poplu Malti hu qalbieni, ħabrieki u ħawtiel.

> "Il-viżjoni tagħna hija aspirazzjoni li tista' tintlaħaq u tissarraf f'ġid u suċċess."

Fuq kollox, aħna nemmnu fil-poplu Malti u Għawdxi. Nemmnu fil-ġudizzju tal-poplu tagħna: poplu li kull meta kien f'salib it-toroq dejjem għaraf li l-politika tal-Partit Nazzjonalista hija l-aħjar għażla għal pajjiżna: fl-1964 bil-kisba tal-Indipendenza, fl-1987 fil-ġlieda ta' pajjiżna għax-xogħol, il-ġustizzja u l-libertà, fl-2003 bid-dħul ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea u fl-2008 lejliet il-kriżi finanzjarja. Pajjiżna reġa' qed jiffaċċja sfida kbira; din id-darba sfida li tista' tiddetermina l-futur ekonomiku tagħna u dak li se nħallu lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

Għalhekk nemmnu li l-poplu Malti u Għawdxi jixraqlu Gvern ġdid Nazzjonalista. Gvern kompetenti u onest li kapaċi jerġa' jikseb ir-rispett internazzjonali. Gvern immexxi minn partit b'viżjoni għal pajjiżna, viżjoni li se trodd lura d-dinjità li jixirqilna bħala pajjiż u poplu tant kburin bl-identità tagħna.

Il-politika mhi xejn mingħajr viżjoni li kapaċi toħroġ l-aqwa talenti ta' kull wieħed u waħda minna biex tagħmilna poplu aħjar, aktar b'saħħtu u kuntent b'ħajtu. Il-viżjoni tagħna mhijiex ħolma fiergħa iżda aspirazzjoni li tista' tintlaħaq u tissarraf f'ġid u suċċess għall-Maltin u l-Għawdxin kollha. Irridu ngħixu f'pajjiż li jirrispetta l-ambjent naturali ta' madwarna, soċjetà li tagħder u tgħin lil min ikun fil-bżonn, u ekonomija li tiftaħ bibien ta' opportunitajiet lil kull min irid itejjeb il-kwalità tal-ħajja tiegħu, mingħajr ma jitnaqqru d-drittijiet ta' xulxin.

Il-viżjoni tagħna hija msejsa fuq it-tisħiħ ta' patt soċjali ġdid li jerġa' jiddefinixxi r-responsabbilitajiet ta' kull persuna daqskemm tas-soċjetà Maltija kollha kemm hi. Patt li jagħti l-opportunità lil kull persuna f'Malta li tgħix bid-dinjità u li ttejjeb il-pożizzjoni tagħha. Patt li jsib bilanċ ġust bejn dak li għandu jitwettaq mill-Istat mit-taxxi miġbura u dak li għandu jitwettaq mis-settur privat biex ikompli joktor il-ġid b'mod responsabbli lejn xulxin.

Aħna determinati u impenjati bis-sħiħ li sal-2030 nagħmlu trasformazzjoni mill-qiegħ fl-oqsma ewlenin biex inwettqu din il-viżjoni fil-prattika u biex pajjiżna jerġa' jibda jibni dak li jagħmilna tassew Maltin u dak li jiddistingwina minn popli oħra.


85.00%

01.

# Inħarsu *l-ambjent:* prijorità ewlenija

+1♥

Il-viżjoni tagħna għandha l-għeruq tagħha f'dak li jikkaratterizza l-għajxien tagħna – l-ambjent naturali ta' pajjiżna: l-arja li tagħtina n-nifs, il-baħar ta' madwarna, l-ilma bħala riżorsa mill-aktar prezzjuża, l-uċuħ tar-raba' li jindokraw u jkabbru l-bdiewa tagħna, ir-raba' mhux maħdum, l-ispazji miftuħa, l-imsaġar u l-ġonna fil-qalba tal-irħula tagħna.

F'dan il-kuntest, hu importanti li l-Partit Nazzjonalista jkun katalista, pijunier fil-qasam ambjentali u jerfa' r-responsabbiltà billi jippreżenta u jixpruna politika effettiva li tħares b'kull mod lill-ambjent naturali tagħna, anke jekk dan ikun ifisser li ma jinżilx tajjeb ma' kulħadd. F'pajjiż żgħir bħal Malta, kull deċiżjoni relatata mal-użu tal-art jew tar-riżorsi għandha implikazzjonijiet ambjentali, ekonomiċi, kummerċjali u ħafna drabi politiċi.

Nemmnu li matul is-snin saru wisq kompromessi bejn dawn l-elementi kollha li ssarrfu f'ġid materjali għal xi individwi għad-detriment tal-ġid ambjentali komuni. Għaldaqstant, Gvern ġdid Nazzjonalista jiżgura li din il-prattika titwaqqaf, u li l-protezzjoni tal-ambjent titqiegħed fuq nett fl-aġenda tal-pajjiż u li tingħata importanza partikolari f'kull deċiżjoni li tkun qed tittieħed u li tista' tippreġudika lill-ambjent. Fuq kollox, se niżguraw li l-ispazji li jinsabu barra miż-żoni tal-iżvilupp jibqgħu hekk għal dejjem għax se nagħtuhom protezzjoni leġiżlattiva li biex tinbidel ikollha bżonn iż-żewġ terzi tal-Parlament.

L-iggvernar tal-politika ambjentali mhux xi dominju esklussiv tal-partit fil-gvern iżda hu qasam li jrid ilaqqa' lil kull min għandu l-interess ġewnin tal-ġid komuni.

**"Viżjoni bl-għeruq fl-ambjent naturali ta' pajjiżna"**

## “Il-biedja u s-sajd ikunu l-ambaxxaturi ambjentali ta’ pajjiżna”

Biex dan kollu jsaħħaħ il-viżjoni tagħna se nkunu qed indaħħlu l-prinċipji tal-governanza tajba anke f’dan is-settur billi l-NGOs ambjentali (l-eNGOs) ma jibqgħux vuċi fid-deżert iżda jiksbu rwol attiv u parteċipattiv ħafna aktar fid-deċiżjonijiet li jittieħdu billi jiżdidilhom in-numru ta’ voti fuq il-bordijiet li jieħdu deċiżjonijiet materjali relatati mal-ambjent, mat-trasport, mal-infrastruttura u mal-ippjanar. Barra minn hekk, jiddaħħal l-obbligu ta’ konsultazzjoni f’kull livell fejn jidħlu dawn id-deċiżjonijiet.

F’din il-viżjoni, il-biedja u s-sajd se jaqdu rwol ċentrali f’dak li rridu niksbu fil-politika ambjentali għal pajjiżna. Il-bdiewa, ir-raħħala u s-sajjieda se jkunu l-ambaxxaturi ambjentali ta’ pajjiżna u mhux ċittadini jew intrapriżi tat-tieni klassi. Se jkunu intrapriżi li se nwiżnuhom biex iwettqu t-trasformazzjoni meħtieġa ħalli jadottaw mezzi diġitali u innovattivi u jsiru aktar effiċjenti u produttivi.



# Għall-klima +1

02.

# Pajjiż bi tkabbir mingħajr ~~impatt~~ fuq *il-klima*

It-tibdil fil-klima huwa l-akbar sfida li għandna quddiemna u li se jiffaċċjaw il-ġenerazzjonijiet ta' warajna. Din l-isfida m'għandhiex fruntieri nazzjonali iżda kull pajjiż għandu d-dmir li jagħmel il-parti tiegħu biex nirrispondu b'urġenza għall-emerġenza dinjija li għandna quddiemna. L-implikazzjonijiet ta' Code Red, kif ġie definit mill-IPPC tan-Nazzjonijiet Uniti, jitlob azzjoni effettiva mifruxa fuq ħidma li tmiss kull rokna, kull qasam u kull settur f'pajjiżna. Għaldaqstant, il-viżjoni tagħna ma tippruvax tindirizza din il-problema b'miżuri iżolati nominali biex taparsi qed tittieħed azzjoni, iżda hija viżjoni olistika li beħsiebna ninkorporaw f'kull aspett tal-politika u tal-iggvernar ta' dan il-pajjiż. Imbagħad dan jirrifletti pereżempju fuq it-tip ta' industriji li rridu nattiraw lejn Malta, fuq l-importanza li se jagħtu lill-ambjent u l-ispazji miftuħa, fuq il-prijorità tal-kwalità tal-arja, fuq it-trasport, l-iżvilupp, l-edukazzjoni u l-infrastruttura.

Għalhekk dan kollu se jkun rifless f'mira nazzjonali li nsiru pajjiż newtrali għall-klima fl-iqsar żmien possibbli, li nilħqu minimu ta' 80% tal-mira tagħna sal-2030. F'dan il-qasam irridu nagħmlu passi ta' ġgant, irridu nagħmlu minn pajjiżna mudell ta' pajjiż responsabbli, b'poplu li lest jagħmel ħiltu kollha f'din l-isfida globali. Din il-mira rridu nappoġġjawha b'miżuri leġiżlattivi iżda anke b'qafas ta' inċentivi għal kull min lest jagħmel il-biċċa tiegħu biex dan l-għan jintlaħaq.

Fil-viżjoni tagħna, is-soluzzjoni għall-iskart ma tibdiex u tispiċċa bl-impjanti iżda fil-qalba tagħha hemm il-prijorità li se nagħtu lill-ekonomija ċirkolari, immexxija minn Segretarju Parlamentari dedikat għaliha biss. Din il-bidla fil-kultura se nibbażawha fuq tnaqqis fil-ġenerazzjoni tal-iskart, fuq l-użu mill-ġdid, fuq l-iżvilupp ta' prodotti u materjali li ma jħallux impatt fuq il-klima, u b'mod partikolari fuq inċentivi għal użu tal-materjal riċiklat b'mod speċjali fejn jidħlu l-proġetti tal-gvern stess.

> **"Pajjiżna jrid jkun mudell fil-ġlieda kontra t-tibdil tal-klima"**


Għall-arja
+1

03.

# Il-kwalità *tal-arja* hija prijorità ewlenija

Fil-viżjoni tagħna qed nagħtu l-prijorità li tixraq lill-kwalità tal-arja, bl-aktar mod b'saħħtu possibbli. Dan bi sforz biex innaqqsu l-emissjonijiet li qed iniġġsu l-arja u jikkawżaw bosta mard serju fil-familji tagħna.

Il-pass il-kbir f'dan is-sens sar bis-saħħa tal-proġett immexxi minn Gvern Nazzjonalista li bena interconnector bejn Malta u Sqallija u li naqqas b'aktar minn nofs l-emmissjonijiet li ġejjin mill-produzzjoni tal-enerġija. Gvern ġdid Nazzjonalista jiżgura li dan l-investiment iservi ta' mudell biex jinbena t-tieni interconnector u b'hekk inkunu qed inħaddnu politika ta' ġenerazzjoni tal-enerġija bl-inqas emissjonijiet possibbli, u naċċertaw li nixtru l-enerġija mingħand l-orħos sors.

Il-viżjoni tagħna tixħet enfasi wkoll fuq it-tniġġis iġġenerat mit-trasport li llum huma l-akbar kontributur għal din il-problema. Nemmnu li pajjiżna huwa ġurisdizzjoni ideali biex ikun mudell għal mobbiltà multimodali bl-inqas tniġġis u għat-trasport bil-vetturi elettriċi msaħħaħ b'infrastruttura pubblika ta' charging stations biex tiffaċilita din il-viżjoni.

Il-kisbiet f'dan is-settur ma jistgħux jibqgħu jkunu kożmetiċi. L-użu tas-servizzi diġitali se jibqa' jwassal biex anqas nies jirrikorru fiżikament fl-uffiċċji ċentrali ta' entitajiet. L-aċċess għas-servizzi tal-gvern se jiġu estiżi b'mod aktar estensiv u mifrux fil-Kunsilli Lokali biex in-nies tal-lokalità jkunu jistgħu jinqdew minn post ċentrali fil-komunità tagħhom u b'hekk jiġu ffrankati eluf ta' traġitti kuljum. Aktar minn hekk se naraw kif proċessi li jitolbu l-preżenza fiżika tal-persuni (bħal pereżempju ċertu kawżi u proċeduri fil-Qrati) isiru f'mudell ħafna aktar deċentralizzat (e.g. it-Tribunali Lokali) biex jitnaqqas it-traffiku f'ċertu ħinijiet tal-ġurnata.

Din il-ħidma strateġika biex jitnaqqas il-volum tat-traġitti bil-vetturi privati, se nżewġuha ma' qafas ta' inċentivi għall-impjegati u għal min iħaddem biex filwaqt li nkattru l-prattika tar-remote working, f'każ li dan ma jkunx possibbli, inħajru aktar persuni jmorru lejn il-post tax-xogħol tagħhom bit-trasport pubbliku jew b'vetturi elettriċi. Se ninvestu biex inbiddlu l-kultura u nindirizzaw il-konġestjoni fl-eqqel ħinijiet tal-ġurnata, meta n-nies ikunu qed jivvjaġġaw mid-dar sax-xogħol u lura. Niżguraw li dan l-investiment ikun kosteffettiv u ma jsirx fuq miżuri li m'għandhomx effett fit-tul, bħalma qed jiġri bit-twessigħ tat-toroq li ma jipprovdi l-ebda soluzzjoni sostenibbli.

**" Prijorità lill-kwalità tal-arja"**

04.

# Infrastruttura taħt l-art biex nilliberaw l-ispazji *miftuħa*

+1

Mhuwiex aċċettabbli li l-infrastruttura tibqa' tintuża bħala skuża għall-isfreġju ambjentali kif qed jiġri bħalissa. Għalhekk il-viżjoni tagħna għall-infrastruttura pubblika hija li ninvestu biex nibdew infassluha taħt wiċċ it-toroq eżistenti. Filwaqt li rridu nkomplu ntejbu l-konnettività u s-servizzi, irridu wkoll nilliberaw l-ispazji tal-wiċċ biex dawn jerġgħu jitħaddru u jitgawdew mill-poplu. Se ninċentivaw lill-industrija biex anke hi tinvesti f'din id-direzzjoni u jieqaf il-ħtif tal-ispazji miftuħin fl-ambjenti urbani u rurali tagħna. L-enfasi fil-viżjoni tagħna għall-politika industrijali hija li nwieżnu bis-sħiħ l-investimenti li jnaqqsu l-impatt ambjentali, kemm fejn jidħlu l-emissjonijiet iżda anke fl-użu tal-art.

F'kull deċiżjoni infrastrutturali se ndaħħlu l-obbligu li jitqies b'mod integrali t-titjib fil-kwalità tal-ħajja billi noħolqu spazji sikuri u aċċessibbli li jistgħu jintużaw għal skopijiet pedonali u tar-roti. L-aspirazzjoni tagħna hija li bejn raħal u ieħor noħolqu rotot ta' dan it-tip biex nagħtu dejjem aktar spazji lura lin-nies u mhux lill-vetturi u lill-konġestjoni. Nemmnu li pajjiż modern fl-2030 irid ikollu politika rivoluzzjonarja għall-infrastruttura tal-pajjiż. Id-daqs ta' pajjiżna u l-ispiża għall-bini u l-manteniment tal-infrastrutturi ewlenin li neħtieġu (l-enerġija, l-ilma, id-drenaġġ, it-toroq, it-trasport, il-konnettività u t-telekommunikazzjoni) ipoġġu responsabbiltà kbira fuq il-mexxejja tal-pajjiż biex jiżguraw li kull deċiżjoni li tittieħed tkun l-aħjar waħda li tipprovdi valur miżjud lill-pajjiż. Għalhekk se ndaħħlu leġiżlazzjoni biex pajjiżna jkollu Master Plan tal-Infrastruttura definit li jkun ikopri medda ta' għaxar snin. B'hekk, minflok ikun pjan ta' leġiżlatura, ikun pjan għall-pajjiż.

> " Noħolqu rotot pedonali u għal roti bejn raħal u ieħor"


Għall-ispazji miftuħa
+1

05.

# Trasport pubbliku efficjenti u *aċċessibbli*

Lil hinn mill-ħolm, it-tnaqqis fit-tniġġis mit-trasport pubbliku u privat ma jistax jinkiseb malajr biżżejjed jekk ma jkunx ikkumplimentat b'sistema tat-trasport pubbliku veloċi, effettiva, aċċessibbli u moderna. Ilna snin nisimgħu bi pjanijiet, kunċetti, studji u riċerki, iżda ftit li xejn kien hemm progress materjali f'xi direzzjoni jew oħra. Il-viżjoni tagħna kienet u għadha ċara f'dan is-sens: il-pajjiż modern li qed naspiraw għalih jixraqlu sistema ta' trasport pubbliku veloċi bbażata fuq 'trackless tram' li tgħaqqad ir-reġjuni kollha tal-pajjiż. It-traġitt bejn l-istazzjonijiet reġjonali jkun wieħed pubbliku u elettriku, u mbagħad jiġi kkumplimentat bi trasport pubbliku ta' vetturi elettriċi, servizzi ta' taxis, ride-sharing u micro-mobility fi ħdan ir-reġjuni.

> " Sistema ta' trasport pubbliku veloċi li tgħaqqad ir-reġjuni kollha tal-pajjiż"



# Għat-trasport pubbliku +1

06.

# Appoġġ għal żvilupp ta' art diġà *mibnija*

Pajjiż modern ma jistax jieqaf jiżviluppa għax inkella jsir mużew tal-antikità u mhux ekonomija vibranti. Għaldaqstant, wasal iż-żmien li pajjiżna jagħmel il-pass kuraġġuż u ma jibqax iqis l-iżvilupp bħala attività li trid issir akkost ta' kull ħsara li kapaċi tagħmel. Irridu żvilupp li huwa verament sostenibbli u li jikkumplimenta l-viżjoni tagħna tal-protezzjoni tal-ambjent, il-miri tal-klima li qed infasslu u l-ħolqien tal-ispazji pubbliċi miftuħa fiċ-ċentri urbani. L-iżvilupp sostenibbli jeħtieġ bidla fil-kultura biex b'hekk kulħadd jiġbed ħabel wieħed fl-istess direzzjoni.

Minbarra li se nipproteġu ż-żoni ODZ biż-żewġ terzi fil-Parlament, se ndaħħlu parametru ġdid fil-mod kif jiġi kklassifikat l-iżvilupp biex b'hekk l-awtoritajiet kompetenti jkollhom klassifikazzjoni aktar ċara tal-iżvilupp. Se nkunu qed nagħmlu diskriminazzjoni pożittiva mal-iżvilupp li jkun qed jiġi propost fuq art diġà mibnija, billi dan jitqies bħala proġett ta' konservazzjoni, riġenerazzjoni jew retro-fitting jew bini mill-ġdid li jtejjeb l-estetika tal-lokalità. Kull żvilupp li jsir irid ikollu scorecard, li telenka kif qed jitħaddnu l-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u l-effiċjenza fl-enerġija biex jitnaqqas l-impatt fuq il-klima.

Biex inħeġġu dan it-tip ta' żvilupp, infasslu proċedura biex niżguraw li dawn it-tip ta' proġetti jitqiesu bi proċess aktar mgħaġġel u li l-ispejjeż tal-ippjanar jitnaqqsu bi 80%. Din il-politika tkompli tissaħħaħ b'inċentivi fiskali fuq ir-rati tat-taxxi fuq il-qligħ kapitali u fuq it-taxxa tal-boll, b'kundizzjoni li l-proġett jitlesta u l-obbligi kollha imposti jiġu osservati sad-data ddeterminata mill-Awtorità tal-Ippjanar għat-tlestija tal-proġett. B'hekk inkunu qed nikkontribwixxu wkoll biex is-siti tal-iżvilupp ma jibqgħux żona tal-kostruzzjoni għal perjodu itwal minn kemm meħtieġ raġonevolment.

**" Kull żvilupp ikollu scorecard ta' kif qed jitħaddnu l-prinċipji tal-ekonomija ċirkulari"**

Kull żvilupp fuq art li sal-lum għadha mhix mittiefsa jgħaddi minn skrutinju u għarbiel ħafna aktar intensiv u rigoruż, anke jekk ikun fiż-żona tal-iżvilupp. Għall-iżvilupp ta' proprjetà f'żona tal-konservazzjoni urbana (UCA) se jiddaħħlu parametri aktar rigorużi biex kull żvilupp isir skont qafas ħafna aktar dettaljat, b'mod partikolari fejn jidħlu ċerti aspetti bħall-materjal użat u l-kompatibbiltà mal-kuntest tal-lokalità: mhux kulma hu permissibbli huwa aċċettabbli f'soċjetà li trid tibqa' tgħożż il-wirt storiku u kulturali tagħha.

Minbarra li se tingħata ħafna aktar importanza lill-estetika tal-iżvilupp b'mod aktar rigoruż u regolatorju, biex dan l-iżvilupp jiġi approvat, se jiddaħħlu miżuri li jiżguraw li l-bini l-ġdid ma jkunx se jħalli impatt fuq il-klima. B'hekk inkunu qed nibnu bini li jaqbel mal-isforzi kbar tagħna u li dan ma jiżżarmax għal finijiet ta' spekulazzjoni tal-proprjetà. Fl-istess waqt irridu naraw li kull żvilupp (żgħir jew kbir) ikun ifisser progress u mhux rigress. Għaldaqstant kull żvilupp irid iġib miegħu obbligu ċar li l-impatti kollha fuq l-infrastruttura komuni (l-elettriku, l-ilma, id-drenaġġ, il-konnettività, it-telekommunikazzjoni, it-toroq, il-bankini, l-iskart u l-parkeġġ) jiġu indirizzati b'mod integrali fil-proċess tal-iżvilupp u b'hekk niżguraw li l-ebda żvilupp ma jnaqqar l-infrastruttura li tista' titgawda minn kulħadd.

**"Żvilupp f'żoni mhux mittiefsa jgħaddu minn skrutinju aktar intensiv u rigoruż, anke jekk f'żona ta' żvilupp"**


Għall-kwalità tal-ħajja
+1

07.

# Kwalità tal-ħajja li *tixraq* lill-poplu Malti u Għawdxi

Il-protezzjoni tal-ambjent hija prijorità fil-viżjoni tagħna għal pajjiżna mhux biss għax għandna d-dmir li nagħmlu dan, iżda anke għax fuq dan qed insejsu dak kollu li rridu nagħtu lill-poplu tagħna: kwalità tal-ħajja li tixraq lill-poplu li jgħożż l-ambjent naturali ta' madwaru. Fl-aħħar snin, il-kejl tal-ħajja sar wieħed iddettat minn kemm taqla' flus. Kulħadd sar skjav ta' sistema li baqgħet tifga l-ħin liberu li nqattgħu mal-familja u mal-ħbieb. Spiċċajna ngħixu biex naħdmu f'illużjoni li se ngħixu aħjar, iżda fil-verità kulma għamilna kien li tlifna kull sens ta' xi tfisser ħajja kuntenta, serena u li tista' titgawda ma' dawk ta' madwarna. Għaldaqstant irridu npoġġu l-kwalità tal-ħajja fuq nett tal-aġenda politika tagħna billi fost l-aktar miżuri ambizzjużi naraw li jinkiseb bilanċ san u ġust bejn il-ħajja, it-tgawdija tal-familja u x-xogħol.

Minbarra dan se ntejbu l-kwalità tal-ħajja tal-poplu b'inizjattivi konkreti, fosthom billi noħolqu aktar spazji fejn persuna tkun tista' tgawdi l-ġmiel u l-klima ta' dan il-pajjiż. Se nwettqu l-akbar programm ta' afforestazzjoni li qatt twettaq f'pajjiżna bil-għan li kull komunità f'kull belt u raħal ikollha l-ispazju miftuħ ħadrani tagħha; spazji biex il-familji, l-anzjani, it-tfal u kull min iżurna jkunu jistgħu jgawdu s-sbuħija naturali ta' pajjiżna fil-klima Mediterranja li aħna mberkin biha. Se nadottaw programm ta' 60-30-10, jiġifieri li 60% tal-ispazji miftuħa maħluqa jridu jkunu spazju aħdar/ġonna/afforrestazzjoni, 30% jkunu faċilitajiet sportivi jew rikreattivi għat-tfal u 10% biss ikunu jistgħu jintużaw għal servizzi żgħar kummerċjali.

> "Naraw li jinkiseb bilanċ san u ġust bejn il-ħajja u x-xogħol"

08.

# L-isport bħala *pilastru* tal-viżjoni +1♥

Irridu naraw bidla rivoluzzjonarja fil-politika tal-isport f'pajjiżna billi dan isir prijorità ewlenija għall-investiment mill-gvern u mill-privat permezz ta' mekkaniżmi ta' inċentivi li jħajru l-investiment lokali u barrani. L-isport se jsir il-bandiera tal-identità tas-soċjetà tagħna u mhux sempliċiment qasam bħall-oħrajn. Se nidħlu f'koalizzjoni mal-għaqdiet u mal-klabbs sportivi biex kull min għandu talent, sa mill-iċken etajiet, ngħinuh jasal u jilħaq l-aspirazzjonijiet professjonali tiegħu f'pajjiżna u barra. Niżguraw li kull min irid jipprattika dixxiplina sportiva bis-serjetà, nipprovdulu l-faċilitajiet, ir-riżorsi u l-għajnuna teknika meħtieġa biex ikun jista' jilħaq dan il-għan. Il-proġett ta' Skola Sport hu riflessjoni ċara tal-valur u l-potenzjal li din il-politika tista' trendi lill-pajjiż.

Għalkemm il-futbol se jingħata importanza kbira u strateġika, partikolarment minħabba x-xogħol li diġà qed isir f'dan il-qasam mill-Malta Football Association u mill-klabbs f'kull livell, il-viżjoni tagħna hija mifruxa fuq id-dixxiplini kollha li jiġu pprattikati f'pajjiżna biex kull persuna jkollha l-opportunità tiżviluppa t-talenti tagħha. Mira ċentrali fil-viżjoni tagħna hija li kull organizzazzjoni jew klabb li juru impenn f'xi dixxiplina jew oħra jkollhom is-sede tagħhom, b'titlu li l-gvern jgħaddilhom u dan biex ikunu jistgħu jsaħħu ħidmiethom u s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom.

Fl-2023 pajjiżna se jospita l-20 edizzjoni tal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar u għaldaqstant determinati li din tkun suċċess kemm għall-atleti u anke għall-qasam sportiv ta' pajjiżna. Se nagħtu prijorità lill-investiment fil-faċilitajiet sportivi u se nagħtu appoġġ qawwi finanzjarju, loġistiku u professjonali lill-atleti kollha li se jieħdu sehem biex ikunu jistgħu jsarrfu l-potenzjal u t-talent tagħhom f'suċċess għalihom u għal pajjiżna.

Fuq medda ta' għaxar snin irridu nagħmlu mill-isport karatteristika li tiddistingwina u għalhekk se nikkommettu investimenti u riżorsi bla preċedent biex inwettqu din il-bidla radikali fil-mod u fil-kultura ta' kif inħarsu lejn l-isport, kemm bħala żvog kif ukoll bħala professjoni. Se nibnu fuq il-politika tal-Health Enhancing Physical Activity (HEPA) imħaddma fil-livell Ewropew biex l-isport u t-taħriġ fiżiku jkunu għodda ewlenija li tindirizza l-isfida tal-obeżità, saħħa mentali u tad-dipendenzi bħat-tipjip, l-alkoħol u d-droga.

> "Viżjoni mifruxa fuq id-dixxiplini sportivi kollha"

# Ċhall-isport +1



09.

# Setturi ekonomiċi *ġodda* b'valur miżjud għoli

Biex inwettqu din il-viżjoni rridu ekonomija verament b'saħħitha li toħloq il-ġid u li tkun kompatibbli mal-għanijiet usa' li fassalna għal pajjiżna. L-ekonomija se titkabbar bil-ħolqien ta' aktar setturi ekonomiċi li jiġġeneraw valur miżjud għoli u li joħolqu impjiegi b'pagi tajbin, kemm għall-ħaddiema fl-oqsma speċjalizzati u għal dawk aktar manwali. Fuq dawn is-setturi se nsejsu t-twettiq tal-viżjoni tagħna għax dawn joħolqu l-ġid mingħajr ma jnaqqru l-kwalità tal-ħajja u mingħajr ma jħallu impatt negattiv fuq l-ambjent naturali tagħna.

Il-Partit Nazzjonalista dejjem wettaq politika li qabel tqassam il-ġid, trid tara li dan jinħoloq. Dan il-prinċipju politiku se neħduh għal-livell li jmiss fis-snin li ġejjin. Fl-aħħar snin, l-ekonomija, l-ambjent naturali u l-kwalità tal-ħajja rajniehom jiġbdu f'direzzjonijiet differenti. Il-ġid materjali wassal għal tnaqqir fil-mod ta' kif ngħixu u ħafna drabi dan sar għad-detriment tal-ambjent. Għalhekk il-viżjoni tagħna hija mibnija fuq bidla radikali fil-ħsieb u fit-twettiq tal-politika tat-tkabbir ekonomiku ta' pajjiżna.

Gvernijiet Nazzjonalisti dejjem kellhom il-viżjoni u l-ħila li jittrasformaw l-ekonomija ta' pajjiżna billi nipparteċipaw u mhux nibżgħu mid-dinja globalizzata. Il-bidliet kbar li għamlet l-industrija fil-bidu tal-elfejnijiet wasslu biex inħolqu setturi ġodda li fi ftit snin saru pilastri ekonomiċi ewlenin u ħolqu eluf kbar ta' impjiegi b'pagi li jrendu. Il-farmaċewtika, it-teknoloġija, is-servizzi finanzjarji, l-igaming, l-avjazzjoni u s-settur marittimu lkoll huma setturi ta' suċċess li welled Gvern Nazzjonalista u li llum qed isostnu l-ekonomija tagħna.

> **“ Malta sabiħa, nadifa, imħaddra u bi spazji miftuħa”**

Il-viżjoni tagħna tibni fuq dawn is-suċċessi u issa qed twitti t-triq biex dawn ikomplu jespandu filwaqt li jinbtu u jirrankaw setturi ġodda oħrajn. Is-setturi li se joħolqu l-ekonomija l-ġdida ta' pajjiżna se jkunu mifruxa kemm fl-oqsma tas-servizzi u anki fil-manifattura avvanzata, f'kull każ bl-użu u bl-applikazzjoni tat-teknoloġija, il-makkinarju avvanzat u r-robotika biex insaħħu l-produttività tal-ħaddiema li hija l-mezz ewlieni kif jistgħu jibqgħu jissaħħu l-pagi f'pajjiżna. Dan kollu jista' jsir għax se niżguraw li dan il-pajjiż jibda jieħu l-innovazzjoni bis-serjetà. Mhux se nkunu gvern kompjaċenti li jibqa'

jaċċetta li jkun fil-qiegħ tal-Ewropa fejn jidħlu r-riċerka u l-iżvilupp iżda se naspiraw li sal-2027, l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni jlaħħaq it-3% tal-GDP, u dan jitla' għal 3.5% sal-2030. U huwa għalhekk li s-setturi li qed nipproponu se jħaddnu l-iżviluppi teknoloġiċi u s-sostenibbiltà, filwaqt li jkunu f'oqsma li jieħdu ħsieb l-ambjent u ma jippreġudikawx ir-reputazzjoni internazzjonali ta' pajjiżna kif qed jiġri bil-bejgħ tal-passaporti u bil-cryptocurrency. Din hija l-viżjoni ekonomika tagħna: ekonomija sostenibbli, risponsabbli u b'identità ċara.

Fl-isfond ta' dawn l-isforzi, se ninkludu wkoll aġġornament tas-settur tat-turiżmu, mibni fuq it-tisħiħ tal-kwalità tal-prodott turistiku u tal-operat b'mod meqjus biex ma jxekkilx il-protezzjoni tal-ambjent. Se nagħmlu dan skont qafas komprensiv, maqbul mal-imsieħba prinċipali f'dan is-settur, u li permezz tiegħu jiġi ddeterminata l-iskala tas-settur turistiku li jiflaħ pajjiżna (il-carrying capacity) u kif nistgħu niżguraw li pajjiżna, l-industrija u l-ħaddiema jieħdu l-aqwa valur minn din l-attività filwaqt li nkomplu ntejbu l-esperjenza tal-viżitaturi b'mod olistiku. Malta sabiħa, nadifa, imħaddra u bi spazji miftuħa huma l-aqwa riklam li nistgħu nagħmlu għat-tisħiħ ta' dan is-settur tant kruċjali għal pajjiżna.

> **"Viżjoni mibnija fuq bidla radikali fil-ħsieb u fit-twettiq tal-politika tat-tkabbir ekonomiku ta' pajjiżna"**



10.

# L-imprendituri u l-professjonisti Maltin jixirqilhom *rispett* +1♥

Bi tmexxija ta' Gvern Nazzjonalista, l-imprendituri se jiġu ttrattati bir-rispett li jixirqilhom: individwi li jieħdu r-riskju bi flushom u bi ħwejjiġhom biex joħolqu l-impjiegi, jagħtu servizz u jiġġeneraw il-ġid. Is-sitwazzjoni li ġab b'idejh il-Gvern Laburista wasslet biex il-ħajja ta' ħafna imprendituri ssir dejjem aktar diffiċli speċjalment fejn tidħol ir-relazzjoni mal-banek kummerċjali. L-imprendituri spiċċaw iħallsu l-prezz tal-impunità li ħoloq il-gvern stess. Se naraw li l-fornituri tas-servizzi li jiġu rifjutati xi servizz, ikollhom l-opportunità li jingħataw spjegazzjoni għad-deċiżjoni u mezz ta' appell. Barra minn hekk, dawk il-persuni li jkunu għaddew minn proċeduri li ħolqulhom problemi sostanzjali u jirriżulta li dan sar minħabba xi nuqqas ta' fornitur ta' servizz, il-persuna milquta jkollha d-dritt li titlob għall-kumpens.

Fl-istess waqt firxa wiesgħa ta' professjonisti spiċċaw fil-mira ta' miżuri drakonjani li qed isallbuhom b'multi enormi għal nuqqasijiet relattivament żgħar meta mqabbla mal-eċċessi skandalużi ta' esponenti fil-Gvern.

Malta ma spiċċatx fuq il-Lista l-Griża tal-FATF minħabba l-awdituri, l-accountants, il-bankiera jew in-nutara. Filwaqt li dawn il-professjonisti kollha għandhom jirrispettaw l-obbligi tad-due diligence tal-klijenti tagħhom, nemmu li dan il-piż m'għandux jintrefa' minnhom waħedhom. Għalhekk se naraw li, bħala prijorità, Gvern Nazzjonalista jidħol f'diskussjonijiet mal-entitajiet li jirrappreżentaw lil dawn il-professjonijiet biex titwaqqaf aġenzija ċentrali li tkun tista' sservi ta' clearing house għal-livelli varji tad-due diligence li jkun hemm bżonn minn żmien għall-ieħor.

> **"Is-saħħa nużawha ma' min irid jabbuża mis-sistema finanzjarja ta' pajjiżna"**

Filwaqt li għandna fiduċja fl-etika u l-integrità ta' dawn il-professjonisti, din il-ħidma se tiġi kkumplimentata b'qafas ferm aktar awtonomu iżda rigoruż ta' awtoregolamentazzjoni għal dawn il-professjonijiet biex l-etos tal-professjoni tkun indukrata, protetta u msaħħa mill-professjoni stess.

Gvern Nazzjonalista jiffoka r-riżorsi tal-entitajiet li jiġġieldu l-ħasil tal-flus (bħall-FIAU u l-ARB) fuq min hu ferm ogħla fil-katina tal-kriminalità u l-korruzzjoni f'pajjiżna. Huwa għalhekk li se nagħmlu pass b'saħħtu f'din id-direzzjoni billi nsaħħu idejn dawn l-entitajiet bl-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni li tippermetti l-ħruġ ta' Unexplained Wealth Orders, limitatament għall-persuni li jaqgħu fil-kategorija ta' Politically Exposed Persons (PEPs) Maltin u barranin, u persuni li jkunu suspettati b'reati serji bħat-traffikar tad-droga, tal-armi, tal-bnedmin, terroriżmu u kriminalità finanzjarja. Is-saħħa nużawha ma' min irid jabbuża mis-sistema finanzjarja ta' pajjiżna biex jilleġittima l-flus li jkun iġġenera mill-kriminalità jew mill-korruzzjoni.

**"Aġenzija Ċentrali għal-livelli varji tad-due dilligence"**

# Għall-professjonisti



**11.**

# L-intrapriżi żgħar u medji u *s-self-employed*

Il-viżjoni tagħna trid terġa' tagħti stimolu qawwi lis-self-employed, kemm jekk dan qed jopera ħanut żgħir f'raħal ċkejken kif ukoll jekk qed ibigħ prodott jew servizz fuq l-internet madwar id-dinja.

Dan is-settur illum huwa fgat bil-burokrazija, bil-multi, bit-taxxi, bil-kumplikazzjonijiet biex jinfetaħ kont bankarju, u bil-ħela tal-ħin fl-amministrazzjoni. Il-ġenerazzjoni l-ġdida tas-self-employed trid tinbena fuq tneħħija tal-burokrazija, tnaqqis fl-ispejjeż tal-amministrazzjoni u fil-piż tat-taxxa, inċentivi biex tikber l-attività tas-self-employed u b'hekk jinħolqu aktar impjiegi u jikber l-operat.

Karatteristika li tiddistingwi lill-Gvernijiet Nazzjonalisti hija l-importanza li dejjem jagħtu lill-intrapriżi żgħar u medji, b'mod partikolari l-imbuttatura lis-self-employed. Se nibnu fuq dan il-legat biex nagħtu nifs ġdid lil dan is-settur, li hu mimli aspirazzjonijiet ta' imprendituri b'ħafna talent u potenzjal li rridu nwassluhom għas-suċċess fl-attività tagħhom. Gvern Nazzjonalista se jerġa' jagħti l-pjattaforma biex fuqha jinfetħu intrapriżi ġodda, biex jikbru u jimirħu, biex joħolqu l-ġid għalihom u għal pajjiżna. Din il-viżjoni nistgħu nwettquha għax, mill-bidu nett, il-Partit Nazzjonalista dejjem emmen fil-potenzjal ta' dawn l-imprendituri, li għalkemm żgħar fid-daqs tal-intrapriża huma enormi fil-valur soċjo-ekonomiku tagħhom.

Beħsiebna nagħmlu qabża oħra fil-mod kif nittrattaw lis-self-employed għax nafu li ħafna drabi jispiċċaw jinqabdu f'morsa amministrattiva li ma twiżinhomx biżżejjed għall-kontribut li jagħtu. Għaldaqstant fil-viżjoni tagħna, is-self-employed se nqisuhom f'kategorija ta' ħaddiema li jibbenefikaw mis-servizzi kollha li jibbenefika kull ħaddiem f'oqsma oħra biex inħajru dejjem aktar nies jinvestu fl-intrapriża tagħhom.

> **"Qabża fil-mod kif inhuma trattati s-self-employed"**



# Għall-intrapriżi zgħar

+1 ♥


Għall-pagi aħjar
+1

**12.**

# Impjiegi b'pagi *ħafna* aħjar +1♥

Fil-viżjoni tagħna m'hemmx lok għall-prekarjat, għaċ-cheap labour jew għall-isfruttament tal-ħaddiema, irrispettivament jekk il-ħaddiem ikunx Malti jew barrani. Dawn huma tliet karatteristiċi ħżiena tal-politika ekonomika u tax-xogħol tal-gvern Laburista li wasslet għal staġnar fil-pagi għal numru ta' snin, filwaqt li l-ħajja u l-proprjetà baqgħu jogħlew bla rażan. Is-setturi ekonomiċi li ħolqu gvernijiet Nazzjonalisti preċedenti u s-setturi l-ġodda li se noħolqu, se jkunu mutur ta' impjiegi b'pagi diċenti għax l-intrapriżi se jiġġeneraw valur għoli mill-operat tagħhom f'Malta. Din hija ċ-ċavetta tas-suċċess ekonomiku tagħna: setturi b'valur miżjud għoli, li jħallsu pagi tajbin u li ma jippreġudikawx l-ambjent u l-kwalità tal-ħajja tagħna. Fl-istess waqt, se ndaħħlu leġiżlazzjoni u mekkaniżmi ta' infurzar rigorużi biex naqtgħu darba għal dejjem il-pjaga inġusta ta' ħaddiema li jaħdmu l-istess xogħol fl-istess post ma' oħrajn iżda li jitħallsu inqas għax impjegati ma' kuntrattur. Dan se niżgurawh aktar u aktar meta l-klijent aħħari jkun il-gvern stess. B'dan il-mod, is-servizz pubbliku jerġa' jibda jingħata d-dinjità li jixraqlu bil-ħaddiema tiegħu jitħallsu pagi li jitqabblu tajjeb ma' dawk fil-privat.

Irridu naraw aktar ħaddiema Maltin u Għawdxin igawdu mill-kwalità tal-impjiegi fis-setturi li se noħolqu filwaqt li l-barranin li jiġu jaħdmu f'pajjiżna naraw li jipprovdu ċertu valur miżjud lill-forza tax-xogħol f'Malta u mhux theddida għall-pagi. L-aspirazzjoni tagħna mhix li ż-żgħażagħ li jtemmu l-istudji tagħhom ikunu jiddependu fuq xi Ministru għal post tax-xogħol f'xi entità pubblika, iżda naspiraw li ż-żgħażagħ ikollhom mijiet ta' opportunitajiet ta' negozju bħala investituri ġodda fi stadju ta' startup jew b'impjiegi ta' livell għoli biex ma jkollhomx għalfejn jagħmlu xogħolijiet addizzjonali.

> **"Naqtgħu l-inġustizzja ta' ħaddiema li jaħdmu fl-istess post b'paga inqas"**



13.

# Kulħadd għandu valur: kulħadd jeħtieġ jilħaq il-milja *tiegħu*

Il-pedament strateġiku tat-twettiq tal-viżjoni tagħna se jkun fil-ħila tagħna li naħtfu l-potenzjal u t-talent ta' kull wieħed u waħda minna.

Fil-qasam tal-edukazzjoni formali se nerġgħu nagħmlu qabża kbira f'kull livell edukattiv biex niżguraw li uliedna u ż-żgħażagħ tagħna jkollhom l-aqwa opportunitajiet tat-tagħlim u tal-għarfien ta' żmienna. Nissoktaw bid-diġitalizzazzjoni fl-iskejjel b'pass mgħaġġel, inwessgħu l-għażliet tal-ispeċjalizzazzjoni u nżidu r-rotot u l-alternattivi tal-istudju fl-MCAST, fl-ITS u fl-Università biex inħeġġu aktar persuni jibqgħu fit-tagħlim u fit-taħriġ wara s-16-il sena.

Fil-viżjoni tagħna, iżda, it-talent mhux biss dak akkademiku u għalhekk l-akbar programm innovattiv fil-qasam edukattiv se jkun fil-qasam vokazzjonali. Se nwettqu investiment massiv fi programm ta' apprentistat iffukat fuq il-ħaddiema tas-snajja' u fuq ix-xogħol tal-id biex din il-forza tax-xogħol ġdida tikseb aktar ħiliet u għarfien fl-għodda diġitali. Dan għandu jkun l-ixprun ewlieni biex pajjiżna jevolvi l-manifattura f'settur ta' valur miżjud għoli, li joħloq eluf ta' impjiegi ġodda għall-ħaddiema li jagħżlu speċjalizzazzjoni fil-qasam vokazzjonali.

> " Qabża fil-ħsieb u l-mentalita dwar kif inħarsu lejn persuni b'diżabilita"

Għall-Partit Nazzjonalista, it-talent ifisser il-firxa wiesgħa tal-abbiltajiet u tal-ħiliet fl-oqsma kollha, inkluż dawk tal-id, l-arti, l-isport, il-kultura u l-arti performattiva. Il-viżjoni tagħna hi li kull persuna għandu jkolli pjan personalizzat ta' kif jista' jiżviluppa t-talenti tiegħu tul il-ħajja u b'hekk iżid il-valur tiegħu għalih innifsu, għall-oħrajn u għal pajjiżna. Ir-rieda tal-individwu li jilħaq l-aspirazzjonijiet tiegħu f'dan il-pjan personalizzat se jkollha l-appoġġ, il-finanzjament u l-għajnuna tal-gvern biex kull persuna tkun tista' tilħaq il-milja tagħha.

F'dan il-kuntest, qasam ieħor li se jikseb appoġġ aktar mifrux u sod minn gvern Nazzjonalista se tkun l-arti viżiva u performattiva fl-aktar definizzjoni wiesgħa

tiegħu biex inħajru dejjem aktar żgħażagħ jagħżlu li jiżviluppaw dejjem aktar it-talenti tagħhom f'dawn l-oqsma. Irridu nagħtu dan l-appoġġ ukoll biex nibqgħu ninċentivaw lill-investituri attwali u potenzjali jibqgħu jinvestu f'dan is-settur f'faċilitajiet eżistenti u ġodda, inkluż bl-użu ta' teknoloġiji avvanzati bħala parti integrali tagħhom.

Irridu wkoll soċjetà li tagħmel qabża fil-ħsieb u fil-mentalità dwar kif inħarsu lejn il-persuni b'diżabbiltà f'dan is-sens ukoll. Bħal kull persuna oħra, dawn il-persuni għandhom it-talenti u l-potenzjal tagħhom li jaspiraw li jużawh biex ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod aktar sħiħ u attiv fis-soċjetà u fl-ekonomija tagħna. L-isforz kollettiv tagħna jrid iwassal biex anke l-persuni b'diżabbiltà jingħataw l-appoġġ meħtieġ ħalli jkunu jistgħu jaħtfu l-opportunitajiet u jilħqu l-aspirazzjonijiet tagħhom.

Il-viżjoni tagħna taspira li l-għarfien u t-talent ikomplu jgħaqqduna bħala poplu u jsaħħu r-rispett reċiproku li tant hemm bżonn li nerġgħu ndaħħlu fil-fibra soċjali tagħna.

**"Pjan personalizzat għal kull persuna, kif tiżviluppa t-talenti tagħha tul ħajjitha"**

L-edukazzjoni m'għandiex tibqa' kaxxa formali u riġida iżda jeħtieġ tevolvi biex tkun għodda li tindika, ittejjeb u ssaħħaħ it-talenti ta' kull persuna ħalli tkun tista' tgħix aħjar u tikkontribwixxi dejjem aktar lis-soċjetà. Din hija r-riċetta li tista' tagħti spinta qawwija lil pajjiżna 'l quddiem u miegħu jimxi l-poplu Malti u Għawdxi kollu.

# Għal kulħadd +1



14.

# Żvilupp soċjoekonomiku li jħares *l-identità* ta' Għawdex

Il-viżjoni tagħna għal Għawdex hija mibnija fuq il-preżervazzjoni tal-identità Għawdxija u fuq investiment qawwi u sostenibbli biex inwasslu l-innovazzjoni soċjoekonomika f'kull rokna tal-gżira.

## " Deċiżjoni dwar il-mina titħalla f'idejn l-Għawdxin"

Il-ħsieb tal-Partit Nazzjonalista hu li t-tkabbir ekonomiku f'Għawdex jissejjes fuq il-ħolqien ta' opportunitajiet f'oqsma li huma kompattibbli mal-viżjoni tiegħu. Id-deċiżjoni finali dwar il-mina titħalla f'idejn l-Għawdxin, iżda tkun xi tkun id-deċiżjoni, gvern Nazzjonalista jkun kommess li jtejjeb u jżid il-konnettività bejn iż-żewġ gżejjer skont l-eżiġenzi taż-żminijiet tal-lum. Irridu wkoll nibnu infrastruttura b'saħħitha li kapaċi taqdi lis-setturi li joperaw f'Għawdex, u nkomplu ninvestu u ntejbu l-prodott turistiku biex Għawdex isir dejjem aktar destinazzjoni distinta minn Malta. Il-governanza f'Għawdex se tkompli tevolvi b'aktar awtonomija reġjonali u din se twassal għal ħarsien u aktar tħaddim tal-prinċipju tas-sussidjarjetà fid-deċiżjonijiet li jittieħdu b'mod partikolari fl-aktar oqsma kruċjali bħas-saħħa, l-edukazzjoni, l-infrastruttura, l-investiment u l-oqsma ekonomiċi. Din l-awtonomija ma tistax tibqa' fuq il-karta iżda trid tissaħħaħ b'miżuri leġiżlattivi li jagħtu l-awtorità u l-mezzi finanzjarji biex tkun tista' titħaddem b'mod effettiv, f'qafas ta' strateġija soċjoekonomika maħsuba apposta għall-gżira Għawdxija.

Għawdex se jingħata l-għodod meħtieġa biex jibqa' jevolvi l-ġmiel naturali tiegħu, jiġbed aktar talent u aktar investiment f'industriji sostenibbli li ma jniġġsux. Il-politika tagħna tal-protezzjoni tal-ambjent se tkun riflessa b'enfasi kbira fuq il-gżira Għawdxija għax lil din il-gżira rridu nipproteġuha mill-iżvilupp bla rażan li ftit ftit qed jeqred il-karattru uniku tagħha. Fil-viżjoni tagħna, fl-2030 Għawdex se jkun gżira ferm isbaħ milli hi llum; gżira li tilqa' mijiet ta' ħaddiema fl-oqsma turistiċi, agrikoli, diġitali u dawk bbażati fuq l-għerf li jagħżlu lil Għawdex bħala darhom eżattament minħabba l-ġmiel naturali tiegħu u l-kwalità tal-ħajja li toffri.


Għal Għawdex
+1

15.

# Taxxi ġusti u kompetittivi li jinċetivaw *l-investiment* u x-xogħol

Nemmnu li l-piż tat-taxxi għandu jitnaqqas drastikament b'politika ferm aktar ġusta ta' dixxiplina fiskali li tattakka l-evażjoni u l-abbużi fiskali u b'hekk kulħadd iħallas dak li hu dovut mingħajr ma jixħet piż żejjed fuq min dejjem iħallas.

Dan il-kunċett japplika wkoll għat-taxxi tal-ħaddiema. Irridu ninċentivaw ix-xogħol u l-qligħ, u mhux nikkastigawh, biex l-ebda ħaddiem ma jkollu għalfejn jerfa' piż li ma jiflaħx.

Il-viżjoni tagħna hija waħda realistika, jiġifieri li dan l-investiment kollu jiswa ħafna flus li jridu jiġu mit-taxxi li jħallas il-poplu. Għalhekk nemmnu li l-gvern m'għandux ikun ħali fuqu nnifsu iżda għandu d-dmir li jkun dejjem aktar effiċjenti bl-anqas spiża rikorrenti possibbli biex it-taxxi jintefqu bil-għaqal u fl-interess tal-ġid komuni, u mhux biex jinxtraw il-voti.

Nemmnu li s-settur privat huwa l-magna tal-ekonomija, u għalhekk is-sistema tat-taxxi trid tinċentiva u tħeġġeġ lill-intrapriżi jaħdmu aktar, u mhux sistema taqtgħalhom qalbhom minħabba l-piż li jridu jerfgħu biex jagħmlu tajjeb għat-tberbiq tal-gvern. Min hu bieżel ikollu kull appoġġ u opportunità minn gvern Nazzjonalista biex jaħdem b'impenn, jiġġenera l-qligħ u jerġa' jinvestih fl-intrapriża. Hekk tikber u tissaħħaħ l-ekonomija.

> "Jitnaqqas il-piż tat-taxxi, b'politika ġusta ta' dixxiplina fiskali"

Għaldaqstant qed nippjanaw li nipprovdu benefiċċji fiskali kbar lill-investimenti fi startups innovattivi u teknoloġiċi li jibqgħu jinvestu fl-intrapriża tagħhom, biex b'hekk tkun tista' tikber l-attività tagħhom qabel ma jibdew jerfgħu il-piż fiskali.

Minbarra dan se nirrevedu l-qafas fiskali ta' pajjiżna biex filwaqt li nibqgħu kompetittivi internazzjonalment, naraw li l-ebda intrapriża lokali ma tkun żvantaġġata sempliċiment għax is-sidien tagħha huma Maltin.



16.

# Il-familja u *t-tfal* lura fiċ-ċentru tal-politika *nazzjonali* +1♥

Aħna nħaddnu kull forma ta' familja għax nemmnu li l-familja hija n-nukleu li madwaru ssawret is-soċjetà tagħna u li tatha ruħ u identità.

Il-viżjoni tagħna tistinka biex aħna u l-familji tagħna niksbu suċċess u ngħixu dejjem aħjar. Dan hu mod ieħor kif nerġgħu npoġġu lill-ġid komuni f'bilanċ ġust u lil kull individwu fiċ-ċentru tal-politika tagħna. Fi ftit kliem, element ewlieni ieħor tal-viżjoni tagħna għal pajjiżna hu li nreġġgħu lura lill-familja fiċ-ċentru tal-politika.

Filwaqt li jagħraf li tul is-snin, il-familja tradizzjonali evolviet f'waħda b'diversi forom, gvern ġdid Nazzjonalista se jiżgura inċentivar lil kull min irid irabbi familja għax b'hekk niksbu soċjetà b'valuri aktar sodi, aktar umani u aktar solidali.

Fiċ-ċentru tal-politika tagħna għall-familja se npoġġu lit-tfal billi niżguraw b'kull mezz possibbli li kull tifel u tifla jkollhom l-opportunità li jgawdu t-tfulija tagħhom irrispettivament mill-ġid materjali tal-familji li jrabbuhom. Għalhekk għandna l-viżjoni li nkomplu nsaħħu d-drittijiet tat-tfal minn kull lat biex pajjiżna tassew jipprovdi tfulija sana u kuntenta lil kull tifel u tifla.

> "Nintroduċu miżuri biex jappoġġjaw familji jsiru ġenituri"

Il-politika tat-tfal tkun waħda ħolistika, u mfassla apposta biex tilqa' għall-isfidi kbar li t-tfal jiffaċċjaw fid-dinja tal-lum. Se nwettqu programmi u miżuri mifruxa li jindirizzaw il-ġerħa tal-bullying fiżiku u online, id-diffikultajiet, ir-riskji u l-abbużi li huma esposti għalihom uliedna fid-dinja diġitali, u l-faqar materjali u emozzjonali li ħafna tfal qed ibatu fis-skiet.

Irridu wkoll nindirizzaw waħda mill-akbar sfidi soċjoekonomiċi tal-ġejjieni qrib: it-tnaqqis qawwi fit-twelid tat-trabi fil-familji Maltin u Għawdxin. Se nintroduċu miżuri maħsuba apposta biex jappoġġaw lill-familji jsiru ġenituri, billi nipprovdu skemi, bidliet leġiżlattivi u inċentivi ġodda mibnija fuq mudelli adottati f'pajjiżi li għandhom rati ogħla ta' twelid fl-Unjoni Ewropea.


Għall-familja
+1

17.

# Soċjetà li tagħder u *tgħin* lill-vulnerabbli

Fil-qalba nett tal-viżjoni tagħna hemm il-prinċipju tas-solidarjetà bejn min hu f'saħħtu u min hu marid, bejn min għandu l-ġid u min jinsab fix-xifer tal-faqar, bejn l-ixxurtjat u l-iżvantaġġat.

Il-viżjoni tagħna hija stqarrija ta' impenn li l-ġid li jinħoloq, jinfirex qabel xejn fost dawk li jinsabu f'riskju, fost il-vulnerabbli jew il-persuni b'xi żvantaġġ fiżiku, ħalli anke huma jagħmlu qabża ta' kwalità f'ħajjithom bħall-bqija tal-pajjiż. Irridu nwettqu politika ffukata fuq dawn il-persuni biex niżguraw li ma jaqgħux lura f'din il-mixja lejn l-aspirazzjonijiet ta' kull wieħed u waħda minna.

F'pajjiżna rridu li kull persuna li hija żvantaġġata minħabba xi raġuni jew oħra, issib soċjetà li jimpurtaha, li tagħder u li twieżen. Il-viżjoni tagħna tiżgura li dan l-appoġġ ma jkunx jiddependi fuq il-karità lill-iżvantaġġat jew lill-vulnerabbli, iżda hija bbażata fuq politika li tiftaħ il-bibien tal-opportunitajiet, li tipprovdi l-mezzi, id-drittijiet u fuq kollox id-dinjità biex anke huma jkunu jistgħu jiżviluppaw it-talenti tagħhom. Filwaqt li l-karità hija ġest nobbli, Gvern Nazzjonalista jemmen li ħadd m'għandu jkun dipendenti fuqha biex ikun jista' jgħix ħajja diċenti.

Dan ma jseħħx waħdu jew meta l-gvern jiddeċiedi li jagħti xi żidiet marġinali fil-pagi jew fil-pensjonijiet minn żmien għal żmien. Dan irridu naħdmu għalih biex niżguraw li kulħadd jgħix bid-dinjità.

> **" Nagħtu l-opportunità ta' mobbiltà soċjali lil kull persuna"**

Irridu nagħtu l-opportunità ta' mobbiltà soċjali lil kull persuna għax nemmnu li kulħadd għandu potenzjal qawwi li jirnexxi. Din hija evoluzzjoni kbira fil-qasam tas-sigurtà soċjali: qed inġeddu l-prinċipju tas-sussidjarjetà f'pajjiżna. Se nitilqu mill-mekkaniżmi antiki u antikwati biex nersqu lejn il-kunċett li kull persuna jkollha pjan personalizzat ta' kif tista' tiżviluppa t-talenti tagħha biex ittejjeb dejjem aktar il-kwalità ta' ħajjitha u tal-familja tagħha.

# Għall-vulnerabbli



18.

# Anzjanità *attiva* u parteċipattiva

Huwa pożittiv ferm li l-ġenerazzjonijiet attwali u futuri qed jgħixu aktar. Madankollu, Gvern Nazzjonalista jeħtieġ jiżgura li għomor itwal ikun ifisser għomor ta' saħħa u ta' kwalità. Jeħtieġ jiżgura wkoll li kull anzjan igawdi kwalità tal-ħajja aħjar u li l-età ma tnaqqarlux mill-kwalità bażika. Il-pensjonant illum qed jiffaċċja sfida kull xahar bl-għoli tal-ħajja u bil-kirjiet, u allura kwalunkwe forma ta' żieda minima fil-pensjoni mhix qed tkun biżżejjed. Fil-viżjoni tagħna, il-pensjoni adegwata tkun dritt u mhux pjaċir u dan għandu jiġi rifless b'qafas ta' miżuri li jibdew minn pensjoni minima realistika għal kemm tiswa l-ħajja llum, u tissokta biex issir ġustizzja fost dawk li għalkemm ikkontribwew sostanzjalment, xorta m'għandhomx pensjoni li tixirqilhom. Dawn huma l-prinċipji ewlenin li se nħaddmu f'dan il-qasam, biex b'hekk naraw li kulħadd ikun jista' jgħix bid-dinjità u niżguraw li l-anzjani li kkontribwew tul ħajjithom ikollhom pensjoni tassew ekwa u ġusta.

Fis-saħħa tal-anzjani se nkunu qed nirriflettu wkoll il-politika ta' programm personalizzat għas-saħħa biex anke huma jkollhom l-aqwa servizz, bl-inqas skariġġ u b'enfasi fuq id-dijanjożi u l-prevenzjoni. L-anzjani tagħna se jkunu l-benefiċċjarji ewlenin tal-qalba diġitali li rridu nwettqu billi jkunu l-ewwel kategorija ta' persuni li jgawdu minn programm faċli daqskemm estensiv tas-saħħa diġitali (e-health). B'hekk ikunu jistgħu jwettqu monitoraġġ aktar regolari u interventi fil-ħin jekk ikun hemm indikaturi ta' tħassib.

> " L-irwol parteċipattiv jeħtieġ jiġi rifless f'kull livell ta' governanza"

Dan se jissaħħaħ b'miżuri ta' importanza partikolari għall-anzjani fosthom billi jkollhom aċċess għat-tabib tal-familja tal-għażla tagħhom, u appoġġ usa' fejn tidħol l-ispiża tal-mediċini li mhumiex fil-formularju tal-gvern. L-għan tagħna hu li l-anzjani mhux biss jgħixu ħafna aktar iżda li jgħixu bl-aqwa kwalità tal-ħajja possibbli meta jitqiesu d-diffikultajiet u l-mard li jista' jkollhom. Dan hu mod effikaċi kif l-anzjani jkunu jistgħu jibqgħu jipparteċipaw b'mod attiv u kontributtiv fil-ħajja fil-komunità tagħhom.

Din hija l-viżjoni li aħna naspiraw għaliha: soċjetà li ma tqisx lill-anzjani bħala piż iżda preġju imprezzabbli bi rwol importanti fl-iżvilupp soċjoekonomiku ta' pajjiżna; preġju li hu rifless ukoll fl-għożża u fl-impenn li n-nanniet jagħtu fit-trobbija tan-neputijiet. Gvern Nazzjonalista, infatti, hu kommess li dan l-impenn jiġi rikonoxxut għall-ewwel darba mill-Istat, mhux biex jingħata prezz lil dan l-impenn iżda biex ikun jirrifletti dak li verament jagħmilna Maltin.

Ekonomikament, fil-viżjoni tagħna l-anzjani se jkollhom kull inċentiv possibbli biex jibqgħu jipparteċipaw u jikkontribwixxu direttament fis-suq tax-xogħol. Għalkemm kull persuna li tilħaq l-età tal-pensjoni għandu jkollha d-dritt li tirtira u li tkun tista' tgawdi frott ħidmietha b'pensjoni adegwata, il-viżjoni tagħna tistinka biex it-talent u l-esperjenza li akkumulaw l-anzjani jkunu tassew riżorsa unika li pajjiżna għandu jirrikonoxxi u jħeġġeġ b'kull mod biex titħaddem fl-ekonomija tagħna. Fil-biċċa l-kbira tal-oqsma, l-esperjenza għandha valur kbir: persuna ta' esperjenza jkollha l-għaqal, il-maturità, l-etika u l-għarfien tax-xogħol li diffiċli ssib bħalu. Dan hu aktar il-każ fejn jidħlu s-snajja', il-ħiliet speċjalizzati, il-funzjonijiet amministrattivi jew oqsma li huma bbażati fuq l-għerf u li jistgħu jitħaddmu f'qafas diġitali. Għalhekk se nkunu qed inneħħu kull forma ta' xkiel biex persuni bl-età tal-pensjoni jgawdu l-frott tal-pensjoni u fl-istess ħin jibqgħu jaħdmu u jikkontribwixxu bi qligħ biex anke huma jkunu jistgħu jibqgħu jużaw it-talenti tagħhom.

## "Kull inċentiv possibbli biex l-anzjani jibqgħu jipparteċipaw u jikkontribwixxu fis-suq tax-xogħol"

Din l-importanza ma tistax tkun waħda retorika. Anzi, ir-rwol parteċipattiv jeħtieġ jiġi rifless ukoll fl-involviment rappreżentattiv tal-anzjani f'kull livell ta' governanza. Għaldaqstant Gvern Nazzjonalista jiżgura li fil-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Soċjali u Ekonomiku jkun hemm rappreżentanza permanenti mill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-anzjani biex il-vuċi tal-anzjani tinstema' f'dan il-forum b'mod dirett.

# Għal djar affordabbli +1 ♥



19.

# Residenza għall-but ta' *kulħadd*

Il-qasam tal-akkomodazzjoni soċjali se jesperjenza l-akbar bidla fl-istorja ta' pajjiżna għax b'ruħ u qalb soċjali, Gvern Nazzjonalista jara li l-aktar persuni batuti u vulnerabbli jkollhom kull opportunità li jgħixu bid-dinjità f'darhom, f'residenza li tixraq fid-dinja tal-lum.

> " Nindirizzaw l-isfida tad-djar u l-akkomodazzjoni"

Il-viżjoni għal soċjetà ekwa u ġusta li qed naspiraw għaliha ma tkunx tista' titwettaq u tirnexxi jekk ma tiġix indirizzata waħda mill-isfidi soċjali ewlenin ta' żmienna: id-djar u l-akkomodazzjoni. Il-politika li mexxa l-Gvern Laburista wasslet biex tgħakkset il-ħajja ta' ħafna familji li ma jifilħux iħallsu l-ispejjeż ta' residenza bażika mingħajr ħafna kumditajiet. Il-ftit ewro li ngħataw il-familji ttieklu f'tebqa t'għajn bl-għoli astronomiku tal-kirjiet residenzjali u tal-prezzijiet tal-proprjetà, anke fl-aktar livelli bażiċi tas-suq. Gvern Nazzjonalista jemmen li kulħadd jixraqlu jkollu saqaf fuq rasu u għalhekk qed infasslu viżjoni innovattiva ta' kif kull persuna li jixirqilha għajnuna f'termini ta' akkomodazzjoni soċjali, ikollha l-opportunità li mhux biss ikollha residenza diċenti u dinjituża fejn toqgħod iżda anke li ssir sid ta' din ir-residenza bi prezz affordabbli.

Fi żmienna, l-ispiża tal-proprjetà saret piż li jibqa' jingarr tul il-ħajja kollha. Għalhekk nemmnu li anke min jiflaħ iħallas għal proprjetajiet aktar estensivi għandu jingħata l-għajnuna meħtieġa biex ikun jiflaħ jinvesti f'residenza effiċjenti u li ma jniġġsux. Dan jista' jitwettaq idealment billi jsiru xogħlijiet fuq art diġà żviluppata jew fuq proprjetà diġà mibnija, u b'hekk jonqos bil-kbir il-bżonn li tittieħed aktar art li sal-lum għadha mhux żviluppata.



20.

# Programm *personalizzat* għas-saħħa

L-ambizzjoni tagħna hija li pajjiżna jkollu fost l-aktar servizzi tas-saħħa estensivi, moderni, effettivi u fuq kollox personalizzati fl-Unjoni Ewropea. Fost l-oħrajn, dan jista' jsir billi pajjiżna joħloq ġenerazzjoni ġdida ta' servizzi tas-saħħa pubblika.

Fil-qalba ta' din il-politika hemm ir-rispett u l-apprezzament lejn il-professjonisti tal-kura tas-saħħa. Għaldaqstant, Gvern Nazzjonalista se jrodd lura dan ir-rispett u l-apprezzament b'qafas kuntrattwali ġdid li jirrikonoxxi l-ħidma u d-dedikazzjoni ta' dawn il-ħaddiema u li jipprovdi kumpens xieraq għal ħidmithom.

L-aħħar snin ħarġu fid-dieher b'mod mill-aktar ċar li s-saħħa hija kollox. Ħarġu fid-dieher ukoll is-siwi tal-viżjoni tal-Partit Nazzjonalista meta investa fi sptar ġdid state-of-the-art. Għad li fadal triq twila biex pajjiżna jkollna sistema tas-saħħa pubblika eċċellenti, bħalma jixraq lill-poplu tagħna, Gvern Nazzjonalista jiżgura li jwettaq trasformazzjoni fuq medda ta' bosta snin u msejsa fuq l-għarfien espert u l-ħiliet tal-professjonisti Maltin, biex il-qasam tas-saħħa f'Malta jagħmel qabżiet ta' ġgant 'il quddiem fil-kwalità u fis-servizz.

## " Kumpens xieraq għall-professjonisti tas-saħħa"

Għandna viżjoni ambizzjuża u innovattiva li tuża l-avvanzi l-kbar li qed isiru fit-teknoloġija biex kull pazjent f'pajjiżna (Malti jew barrani) ikollu programm personalizzat għal saħħtu. Irrispettivament mid-dħul tiegħu jew tagħha, kull pazjent se jingħata servizz personalizzat fejn jidħlu s-servizz tat-tabib tal-familja, il-prevenzjoni, u oqsma varji oħra tal-kura primarja, tal-kura akuta u tal-kura speċjalizzata (inkluż id-dentistrija u l-fiżjoterapija).
L-aċċess għas-servizzi fil-komunità se jibqa' jissaħħaħ biex jitqarreb dejjem aktar lejn il-pazjent, isir dejjem aktar effiċjenti u jwassal biex ikollna poplu aktar f'saħħtu, li jgħix fit-tul u li jgħix aħjar. Dan l-aċċess se jissaħħaħ b'qafas nazzjonali tas-saħħa diġitali biex il-professjonisti mediċi jkunu jistgħu jagħtu l-pariri lill-pazjenti tagħhom b'mezzi diġitali u b'riċetti elettroniċi.
Se nallokaw il-finanzjament meħtieġ biex inwessgħu l-aċċess għal aktar mediċini moderni, b'mod partikolari fost dawk il-pazjenti f'pajjiżna li qed iġarrbu tbatijiet kbar.

Madankollu, il-viżjoni tagħna tmur lil hinn minn dan, għax permezz ta' public private partnerships u modi oħrajn, beħsiebna ninċentivaw ukoll lis-settur privat biex jinvesti f'aktar faċilitajiet speċjalizzati li jkunu parti mill-qafas nazzjonali tas-saħħa. Hekk niżguraw li nużaw bl-aqwa mod kull riżorsa li għandna fil-pajjiż.

F'dan il-kuntest fassalna wkoll viżjoni għall-Isptar San Luqa, għall-Isptar Karin Grech u għall-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Illum ma fadal l-ebda dubju fost il-poplu Malti u Għawdxi li l-proġett ta' Vitals u Steward Health Care kien falliment totali u li l-uniku triq serja 'l quddiem hija li dawn jerġgħu jiġu lura fis-servizz tas-saħħa nazzjonali. Għaldaqstant, qabelxejn, intennu l-wegħda li Gvern ġdid Nazzjonalista jieħu lura f'idejh dawn it-tliet sptarijiet biex jerġgħu jiġu integrati mal-bqija tal-isptarijiet li jmexxi l-Istat. Barra minn hekk, bi programm ta' investiment qawwi nsarrfu dawn l-isptarijiet f'xempju tas-servizzi tas-saħħa moderni, bħall-viżjoni eċċellenti li wettaqna għall-Isptar Mater Dei u għall-Isptar tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo. Indikatur ewlieni ta' kemm jirnexxilna nwettqu l-viżjoni tagħna għal pajjiżna hu kemm se nkunu kapaċi nindirizzaw id-defiċit li għandna llum fil-kura tas-saħħa mentali. Fost l-elementi ewlenin tal-kura li Gvern ġdid Nazzjonalista se jkun qed iwettaq f'dan is-settur hemm l-għeluq tal-Isptar Monte Carmeli, investiment qawwi f'għadd ta' faċilitajiet ġodda u bosta servizzi speċjalizzati fil-komunità. Barra minn hekk, se nixprunaw ukoll il-mentalità u l-kultura tal-prevenzjoni minn dawn il-kundizzjonijiet. Gvern ġdid Nazzjonalista se jaħdem bla waqfien biex il-poplu tagħna jgħix ħajja f'saħħitha fiżikament daqskemm mentalment u din il-mira tinkwadra fil-prijorità tal-politika tagħna dwar il-kwalità tal-ħajja.

> **"Naraw li jkollna fost l-aktar servizzi tas-saħħa estensivi, moderni u personalizzati fl-Unjoni Ewropea"**




# Għas-saħħa

21.

# Volontarjat bi rwol *parteċipattiv* fis-soċjetà +1

Il-qasam tal-volontarjat se jingħata r-rispett, l-appoġġ u d-dinjità li jixraqlu fil-qafas tal-gvern immexxi mill-Partit Nazzjonalista. Il-politika tas-sussidjarjetà trid titħaddem ukoll f'dan il-qasam biex jinħataf il-potenzjal tal-organizzazzjonijiet li jistgħu jaqdu rwol ċentrali fil-komunitajiet tagħna u f'diversi oqsma tas-servizzi pubbliċi. Il-punt tat-tluq tal-politika tagħna fil-qasam tal-volontarjat hu t-tneħħija tal-piżijiet sproporzjonati li tefa' fuqhom il-Gvern Laburista: għax ma kienx biżżejjed li l-gvern stess ħoloq problemi kbar ta' reputazzjoni għal pajjiżna, issa dawn l-organizzazzjonijiet spiċċaw iridu jħallsu l-prezz qares ta' din il-ħsara bil-burokrazija u bi prattiċi li joħonqu kull sens ta' inizjattiva ta' volontarjat f'pajjiżna. Mhux se nistaħbew wara l-paraventi u l-iskużi ta' xi leġiżlazzjoni imposta, għax nemmnu li mal-ħażin m'għandu qatt jeħel it-tajjeb.

Mudell ewlieni tal-viżjoni tagħna għal Malta fil-qasam tal-volontarjat hu dak li jagħti rwol aktar parteċipattiv lill-organizzazzjonijiet volontarji fl-oqsma soċjali u tas-servizzi tas-saħħa. Mhuwiex sempliċiment rwol ta' karità.

F'pajjiżna għandna għadd ġmielu ta' organizzazzjonijiet volontarji li jwettqu xogħol imprezzabbli fil-komunità f'dawn l-oqsma. Irridu nibnu fuq dawn l-istejjer ta' suċċess u noħolqu qafas permanenti ta' public social partnerships li permezz tagħhom, l-impenn u l-ħiliet li għandhom dawn l-organizzazzjonijiet ikunu jistgħu jservu ta' servizz kumplimentari għall-ħidma tal-Istat. Naspiraw għal pajjiż li jipprovdi aktar servizzi lill-anzjani fil-komunità, kura lill-pazjenti tal-onkoloġija f'darhom, u l-ewwel għajnuna lill-persuni b'diffikultajiet tas-saħħa mentali, fost l-oħrajn, u dawn is-servizzi jistgħu jkunu qed jingħataw ukoll minn organizzazzjonijiet volontarji li għandhom l-għarfien, l-esperjenza u l-kompetenzi meħtieġa għal dan il-għan.

> "Jingħata rispett lill-qasam tal-volontarjat"



# Għall-volontarjat

+1 ♥

22.

# Servizz pubbliku modern, diġitali u *Effiċjenti*

Se nerġgħu nelevaw l-istatus tas-servizz pubbliku ta' pajjiżna fl-ogħla livelli billi ninvestu fl-infrastruttura, fin-nies u fil-governanza tiegħu ħalli jkun servizz effiċjenti, aċċessibbli u ħieles minn kull forma ta' indħil politiku.

Għaldaqstant, se nestendu l-pjattaforma tal-gvern elettroniku (e-government) biex tkun tkopri kull rokna amministrattiva li għandu l-gvern. Biex nagħmlu l-qabża meħtieġa f'din id-direzzjoni se ndaħħlu leġiżlazzjoni li tagħti d-dritt lil kull utent tas-servizz governattiv biex jinqeda b'mod diġitali minn kwalunkwe servizz li jista' jiġi pprovdut b'mod diġitali. Barra minn hekk, kwalunkwe servizz, talba, applikazzjoni jew sottomissjoni ta' dokumentazzjoni tkun tista' ssir minn punt elettroniku wieħed li jilqa' dak kollu meħtieġ mingħajr mal-utent ikollu għalfejn iżur siti differenti biex jinqeda għal materja partikolari li tkun tinvolvi bosta dipartimenti jew entitajiet.

Din it-trasformazzjoni diġitali se tkun imżewġa ma' riforma pożittiva fil-kapital uman tas-Servizz Pubbliku biex jerġa' jiddaħħal is-sens ta' servizz lejn in-nazzjon u mhux mentalità servili partiġġjana xprunata mill-positions of trust. Fil-viżjoni li qed infasslu, l-uffiċjali pubbliċi jkunu jħossuhom tassew privileġġjati li qed iservu lil pajjiżna, u l-pożizzjoni tagħhom tixraq lil persuni li verament jimpenjaw ruħhom lejn il-poplu Malti u Għawdxi. Dan is-sens ta' impenn se jiġi rikonoxxut b'pagi kompetittivi fis-servizz ħalli jiġu attirati l-aqwa mħuħ u l-aqwa ħiliet biex imexxu u jħaddmu l-amministrazzjoni pubblika f'kull livell.

> " L-uffiċjali pubbliċi jħossuhom privileġġjati li qed iservu lil pajjiżna"

Il-viżjoni tagħna hi li sal-2030, is-Servizz Pubbliku Malti jkun fost l-aktar servizzi moderni, diġitalment avvanzati u effiċjenti fl-Unjoni Ewropea, f'termini ta' firxa tas-servizzi mogħtija b'mod sħiħ permezz

tal-mezzi diġitali, ta' effiċjenza, ta' integrità, u ta' kwalità tas-servizz liċ-ċittadini u lin-negozji, b'enfasi fuq it-tnaqqis fil-burokrazija għall-intrapriżi żgħar u medji.

Se naraw ukoll li l-benefiċċji tal-użu tat-teknoloġija fl-amministrazzjoni pubblika ma jkunux biss limitati għal dawk li midħla tat-teknoloġija iżda anke għall-persuni li mhumiex intiżi. Għalhekk, se nwessgħu l-aċċess għas-servizzi pubbliċi fil-Kunsilli Lokali kollha biex dawn ikunu jistgħu jipprovdu firxa wiesgħa ta' servizzi lir-residenti fil-komunità tagħhom. Dan ikun qed jikkontribwixxi b'mod b'saħħtu wkoll biex jonqos l-iskariġġ b'mod partikolari fost l-anzjani, u jiġu ffrankati t-traġitti lejn iċ-ċentri amministrattivi ewlenin fl-agħar ħinijiet tal-konġestjoni fit-toroq.

> "Leġislazzjoni li tagħti dritt lil kull utent li jinqeda b'mod diġitali"



# Għall-komunità

+1

23.

# Gvernijiet lokali fdati bi rwol *ċentrali* fid-deċiżjonijiet tal-komunità

Hu f'dan l-isfond li rridu nqarrbu dejjem aktar is-servizzi pubbliċi lejn il-komunitajiet tagħna biex dawn nerġgħu nagħtuhom l-identità lokali tagħhom. Gvernijiet Nazzjonalisti dejjem emmnu fis-sussidjarjetà u dan it-twemmin hu rifless fil-viżjoni tagħna għall-iggvernar lokali. Gvern Laburista rrenda lill-Kunsilli Lokali f'uffiċċji amministrattivi b'poteri dejjem inqas, sena wara oħra.

Gvern ġdid Nazzjonalista jerġa' jagħti l-awtonomija, ir-rispett u d-dinjità lill-gvernijiet lokali filwaqt li jerġa' jiddelegalhom aktar poteri u fondi biex verament inqarrbu aktar is-servizzi pubbliċi lejn ir-residenti. Fil-viżjoni tagħna, għandna l-kuraġġ li nsaħħu l-awtorità tal-Kunsilli Lokali billi dawn ma jibqgħux biss spettaturi fid-deċiżjonijiet li jolqtu lil-lokal u lir-residenti tagħhom iżda

## " Inkunu vuċi tar-residenti u mhux l-id li toħnoqhom"

jkollhom rwol determinanti, b'mod partikolari fejn jidħlu l-materji ambjentali u l-iżvilupp ta' infrastruttura u proġetti ta' ċertu daqs. Bħala gvern se nkunu l-vuċi tar-residenti u mhux l-id li toħnoqhom bħalma ġara f'għadd ta' proġetti fl-aħħar snin.



24.

# Sigurtà adegwata għal pajjiż *modern*

Irridu nerġgħu niksbu l-paċi u s-serenità fil-lokalitajiet tagħna u nreġġgħu lura s-serħan il-moħħ u s-sens ta' komunità sikura. Il-pajjiż li naspiraw għalih hu wieħed sikur biex l-anzjani tagħna jkunu jistgħu joħorġu minn darhom mingħajr biża' f'kull ħin, biex il-ġenituri jkunu jistgħu jafdaw lil uliedhom fil-ġnien tal-lokalità b'moħħhom mistrieħ, u biex l-ebda żona f'Malta ma tkun mistkerrha minħabba d-diżordni u l-kriminalità.

Se ndaħħlu qafas leġiżlattiv li jiggarantixxi Korp tal-Pulizija indipendenti għalkollox mill-gvern tal-ġurnata u b'hekk niżguraw li qatt ma nerġgħu ngħaddu mill-kriżijiet li għexna fl-aħħar snin. Ir-rwol tal-pulizija se jkompli jevolvi u jimmodernizza ruħu b'pass mgħaġġel. Naraw li b'aktar mezzi teknoloġiċi nkomplu nsaħħu s-sigurtà fil-lokalitajiet tagħna bil-għan li nersqu lejn lokalitajiet kompletament sikuri u napplikaw tolleranza żero għar-reati ż-żgħar bħall-pick-pocketing, il-vandaliżmu, il-ġlied, is-sokor u l-bqija, u anke għar-reati l-kbar li lkoll inisslu ċerta biża' fil-komunità. Biex dan isir, pajjiżna mhux ser jixxaħħaħ mal-membri tal-Forzi tal-Ordni kemm mil-lat ta' investiment kapitali kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Dan apparti li kull min jgħix jew jaħdem f'dan il-pajjiż ikollu moħħu mistrieħ li hemm forzi tal-ordni li mhumiex se jħallu l-kriminalità organizzata tuża lil pajjiżna għall-attività tagħha jew li mhumiex saħansitra involuti fiha. Ikollu ċ-ċertezza li l-forzi tal-ordni huma verament indipendenti mill-politiċi u li l-unika interess tagħhom hu li jipproteġu lil kull min jgħix fuq dawn il-gżejjer. Min jittraffika d-droga, l-armi u l-persuni se jsib gvern bla biża li jiqaflu b'ponn tal-ħadid u jaqtagħlu l-ossiġnu tal-flus bl-aktar mezzi moderni u effettivi li jindirizzaw il-ħasil tal-flus mill-kriminalità.

> " Nreġġgħu lura s-serħan il-moħħ u s-sens ta' komunità sikura"

Is-sistema korrettiva se tinqaleb ta' taħt fuq biex issir verament korrettiva u mhux istituzzjoni kattiva ffukata biss fuq il-kastig. Irridu nħaddmu l-prinċipju li bħala soċjetà jeħtieġ nagħtu opportunità lil kull min ikun żbalja biex ikun jista' jsewwi l-ħsara li għamel u jirrijabilita ruħu b'mod sħiħ fis-soċjetà. Barra minn hekk, biex issir ħidma aktar iffukata, se niżviluppaw faċilità oħra minbarra

dik ta' Kordin biex tkun tista' ssir distinzjoni bejn in-natura tal-pieni u l-każijiet misjuba ħatja fuqhom il-priġunieri.

Fl-istess waqt irridu nħaddmu sistema li ma tibqax tinjora lill-vittmi tal-kriminalità f'pajjiżna. L-Istat għandu d-dmir li jipprevjeni iżda meta jseħħ xi reat, dan għandu dmir akbar li jipproteġi lill-vittmi tar-reat. Dan id-dmir se nwettquh b'ħafna aktar impenn billi nwaqqfu strutturi li jkollhom ir-riżorsi xierqa u obbligi ċari lejn il-vittmi biex ma jibqgħux jiġu ripetuti żbalji li jagħmlu ħsara aktarx irreparabbli.

Naspiraw ukoll li, fid-dawl tal-importanza tat-teknoloġija f'pajjiżna, ikollna forzi tal-ordni li kapaċi jipprevenu attakki ċibernetiċi u jkollhom l-aqwa ħiliet li jindirizzaw it-theddida dejjem akbar tas-cybercrime, fid-diversi forom tagħha inkluż il-fenomenu tal-ispoofing u d-diskors ta' mibegħda fuq l-internet. Dan se nagħmluh billi nattiraw l-aqwa mħuħ f'dan il-qasam biex jinvestu, jaħdmu u jgħixu f'pajjiżna ħalli nsaħħu l-fruntieri diġitali tagħna u nagħtu s-serħan tal-moħħ lil min irid jopera fis-setturi ekonomiċi l-ġodda f'Malta u Għawdex.

## " Sistema li tkun korrettiva u mhux kattiva ibbażata fuq il-kastig"

# Għas-sigurtà +1



25.

# Pajjiż mudell tat-trasformazzjoni *diġitali*

+1♥

Bil-viżjoni tal-gvernijiet Nazzjonalisti tal-elfejnijiet, pajjiżna qabad triqtu biex isir fost l-aktar pajjiżi diġitali fl-Unjoni Ewropea. L-aspirazzjoni tagħna mhix biss li nkomplu nibnu fuq dan kollu u nipprovdu s-servizzi pubbliċi kollha b'mod elettroniku iżda li t-teknoloġija ssir parti integrali mill-identità globali ta' pajjiżna.

> " It-teknoloġija issir parti integrali mill-identità globali ta' pajjiżna"

L-importanza tal-applikazzjonijiet diġitali f'kull qasam ta' pajjiżna u l-ħiliet ta' infurzar kontra s-cybercrime tkompli tikber fl-isfond ta' aspirazzjoni nazzjonali ferm usa' bħala komponent ewlieni tal-viżjoni tagħna: it-trasformazzjoni ta' pajjiżna f'ġurisdizzjoni ewlenija li tħaddan it-teknoloġija avvanzata u tapplika s-servizzi diġitali f'kull qasam tas-soċjetà u tal-ekonomija.

B'politika u programmi ta' investiment, u b'inċentivar lis-settur privat nistgħu nsiru pajjiż xempju ta' adozzjoni teknoloġika li tipproteġi l-ambjent, ittejjeb is-servizzi tas-saħħa, toffri aktar opportunitajiet fil-qasam edukattiv, tindirizza l-problemi tat-trasport, taqta' l-burokraziji żejda tal-amminstrazzjoni pubblika u ssaħħaħ is-sigurtà fil-pajjiż. Gvern ġdid Nazzjonalista jiżgura li l-kumpaniji tat-telekommunikazzjoni jkunu sħab strateġiċi ewlenin f'dan l-isforz b'qafas ta' ħidma ffukat fuq l-applikazzjoni ferm aktar mifruxa tal-Gigabit Internet, tal-5G u tal-Internet of Things. Fi ftit kliem, għandna l-viżjoni li pajjiżna jsir is-simbolu tat-teknoloġija fl-Unjoni Ewropea u fir-reġjun u dan biex nerġgħu nibdew nibnu mill-qiegħ ir-reputazzjoni ta' pajjiżna fix-xenarju dinji.



26.

# Stat rispettat b'identità *dinjija*

Se nerġgħu niksbu r-reputazzjoni u r-rispett dinji li jixraq lil Malta, u noħorġu lil pajjiżna mill-isqaq mudlam tal-greylisting li daħħlu fih il-Gvern Laburista. B'tim ta' ambaxxaturi u mibgħuta speċjali ta' rispett internazzjonali u integrità assoluta, pajjiżna jerġa' jirbaħ ir-rispett tal-komunità internazzjonali għax ikun kapaċi juri li Malta biddlet ir-rotta u reġgħet lura fit-triq tal-ħarsien tas-saltna tad-dritt u tal-governanza tajba.

Fil-viżjoni tagħna, l-identità nazzjonali hija wkoll dik li tagħmilna kburin li aħna Maltin. Fost l-elementi ewlenin tagħha hemm il-lingwa, il-wirt storiku tagħna, it-tradizzjonijiet, l-arti, il-kultura, il-festi, il-baned, l-għana, il-karnival, il-kmamar tan-nar u l-korijiet. Dawn ilkoll jgħaqqdu lil bosta Maltin u Għawdxin li għandhom passjoni kbira lejn l-identità Maltija u jużaw it-talenti tagħhom – ħafna drabi b'mod volontarju – biex dawn l-oqsma jiġu indukrati, jibqgħu sostnuti u jingħaddu minn ġenerazzjoni għall-oħra. Dawn l-oqsma jaqdu rwol ieħor fil-viżjoni tagħna għax naspiraw li jkunu parti integrali mill-identità Maltija fid-dinja. Għandna talenti u kapaċitajiet li bi kburija nistgħu nwassluhom f'kull rokna tad-dinja għax dawn – u mhux il-korruzzjoni – huma dak li jirrifletti tassew il-karattru tal-Malti u tal-Għawdxi.

> " Nerġgħu niksbu r-reputazzjoni u r-rispett dinji li jixraq lil Malta"





27.

# Governanza moderna *u innovattiva*

Governanza tajba ma tinkisibx biss bil-liġijiet fuq il-karta iżda bl-aġir ta' gvern li jdaħħal standards ċari ta' trasparenza, kontabbiltà u skrutinju li qatt ma kellna bħalu f'pajjiżna. Mill-ewwel ġurnata ta' Gvern ġdid Nazzjonalista se niżguraw li jiżdied, jissaħħaħ u jinfirex l-iskrutinju fuq il-membri tal-eżekuttiv u fuq l-uffiċjali bi rwol fl-eżekuttiv. Fost miżuri oħra, id-dikjarazzjonijiet tal-assi u tad-dħul ma jibqgħux taħżiża fuq karta iżda jsiru ferm aktar estensivi u dettaljati biex ikunu jistgħu jiġu awditjati mill-uffiċċju tal-Kabinett stess u tkun żgurata l-integrità ta' kulma jiġi ddikjarat. L-ebda ħabi jew soffiżmi legali mhuma se jkunu aċċettabbli biex jostru xi aġir dubjuż jew kontra dan l-ispirtu.

> " Involviment aktar estensiv ta' nies fil-proċess tal-iggvernar"

Madankollu, l-viżjoni tagħna għall-governanza tmur lil hinn mill-iskrutinju, u fil-fatt il-Partit Nazzjonalista qed iqis il-governanza moderna, innovattiva, parteċipattiva u nadifa bħala wieħed mill-pilastri tal-politika tiegħu, flimkien ma' din il-viżjoni għal pajjiżna u l-valuri li se nħaddnu f'ħidmietna.
Għaldaqstant, gvern immexxi mill-Partit Nazzjonalista se jagħmel passi kbar ta' fiduċja fil-ħiliet tal-poplu u mhux biss dawk tal-politiċi fil-qalba tas-sistema. Dan se jsir b'involviment aktar estensiv ta' firxa ferm usa' ta' persuni fil-proċess tal-iggvernar eżekuttiv u mhux biss għal finijiet ta' konsultazzjoni jew konsulenza, ħalli aktar esperti u tekniċi jiġu involuti f'ħidmet il-gvern. Dan se jbiddel il-mod kif inħarsu lejn l-amministrazzjoni pubblika u jdaħħal ġenerazzjoni ġdida ta' governanza moderna f'pajjiżna.

Biex ikun jista' jsir l-iskrutinju, qabelxejn hemm bżonn aċċess għall-informazzjoni. Gvern ġdid Nazzjonalista se jeqred il-kultura tal-ħabi li rrenjat fl-aħħar tmien snin, biex l-aċċess għal kull forma ta' informazzjoni pubblika tkun in-norma u mhux l-eċċezzjoni. L-informazzjoni tkun pubblika mingħajr il-bżonn li ssir xi talba għaliha u kull entità li trid tostor informazzjoni għal xi raġunijiet validi legalment, tkun trid tagħmel talba ġustifikata għal dan u l-pubbliku xorta waħda jibqagħlu d-dritt għal appell minn din id-deċiżjoni.

Gvern ġdid Nazzjonalista se jeleva l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-amministrazzjoni pubblika fuq livell ieħor. Minbarra li se jwettaq il-politika ta' open data bl-aktar mod mifrux u aċċessibbli, se jimponi l-obbligu lil kull entità pubblika li tippubblika kull informazzjoni marbuta mad-diretturi u l-immaniġġjar tagħha, fuq l-istess linja tal-obbligi li għandhom l-entitajiet ikkwotati fuq il-Borża ta' Malta.

**" Neqirdu l-kultura tal-ħabi li rrenjat fl-aħħar snin"**

# Għall-innovazzjoni

+1 ♥



28.

# Pajjiż li *jattira* t-talent

+1

Filwaqt li naħdmu bla waqfien biex nerġgħu nibnu mill-qiegħ ir-reputazzjoni ta' pajjiżna, il-viżjoni tagħna se twassal lil pajjiżna biex isir post ewlieni għal min irid jinvesti jew jaħdem f'setturi ekonomiċi innovattivi ta' valur miżjud għoli f'ġurisdizzjoni meqjusa avvanzata teknoloġikament u b'applikazzjoni diġitali mifruxa. Dan hu t-tip ta' investiment li rridu nattiraw lejn pajjiżna filwaqt li nagħlqu l-bibien għal min irid juża lil Malta għall-kummerċ dubjuż.

Madankollu, din il-viżjoni trid twassal ukoll biex pajjiżna jkun lest jilqa' fil-prattika lil persuni ta' talent u għarfien espert minn kull rokna tad-dinja, mingħajr distinzjoni, permezz ta' qafas studjat, regolat u strutturat li jippromwovi lil Malta bħala ċentru kosmopolitan li jilqa' u jrawwem it-talent b'kull mod. It-tkabbir ekonomiku f'dawn l-oqsma jista' jinkiseb biss jekk ninfetħu għal kulturi oħra u nqisu lil kull min jagħżel li jkun parti mill-ekosistema Maltija bħala wieħed minna. Biex dan inwettquh irridu nippromwovu d-diversità u mhux nibżgħu minnha, u rridu ntejbu u nħarsu l-kwalità tal-ħajja wkoll ta' dawk li jagħżlu lil Malta biex jgħixu u jaħdmu, billi niżguraw kirjiet raġonevoli u kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa u mhux abbużivi.

> " Pajjiżna jsir post ewlieni għall-investiment"


Għat-talent
+1

29.

# Politika ta' *imigrazzjoni* umana u ġusta

Kull min jgħix f'pajjiżna huwa parti mis-soċjetà tagħna. Għalhekk jeħtieġ nevitaw li naqgħu fin-nasba tal-popoliżmu fil-konfront tal-persuni barranin. Dan japplika għal kwalunkwe tip ta' immigrazzjoni. Il-Partit Nazzjonalista mhu se jippermetti qatt li jsir partit popolist u juża l-ħajja tan-nies f'għawġ u riskju biex jidher b'saħħtu mad-dgħajjef. Gvern ġdid Nazzjonalista juża s-saħħa kontra l-kriminalità organizzata li tinqeda bin-nies vulnerabbli biex tistagħna u mhux kontra l-persuni vulnerabbli li, fl-aħħar mill-aħħar, huma vittmi ta' ċirkostanzi diffiċli fil-pajjiż tal-oriġini. Il-viżjoni tagħna hija li kull forma ta' immigrazzjoni tiġi regolata f'qafas li jrid jiġi osservat minn kulħadd: qafas uman li jirrispetta d-dinjità tal-persuna u li jfittex soluzzjonijiet effikaċi li ma jkissrux lin-nies.

Filwaqt li pajjiżna jrid josserva l-limiti tal-ispazju li għandna bħala territorju, naspiraw li kull persuna li jkollha d-dritt li tgħix u taħdem f'pajjiżna, tiġi integrata biex din issir parti mill-komunità tagħna u mhux titħalla fil-periferija tas-soċjetà iżolata mill-bqija.

Għalhekk il-viżjoni tagħna se tagħmel pass ieħor 'il quddiem fejn tidħol l-integrazzjoni tal-barranin li jgħixu u jaħdmu fostna ħalli dawn verament jitqiesu parti minna. Dawn il-familji, li wħud minnhom ilhom snin twal jgħixu Malta, jixirqilhom ir-rikonoxximent li qed jikkontribwixxu lejn pajjiżna. La għażlu lil Malta bħala darhom se naraw li l-integrazzjoni ma tkunx biss nominali fuq il-karta iżda tkun bil-fatti, mibnija fuq ir-rispett reċiproku u fl-ispirtu ta' pajjiż li jrid jibni l-futur soċjo-ekonomiku tiegħu fuq it-talenti u fuq il-ħiliet u mhux fuq il-kulur tal-ġilda.

> " Nirrispettaw id-dinjità tal-persuna u nfittxu s-soluzzjonijiet effikaċi"



30.

# Il-ħolqa kruċjali: inxejnu *t-tribaliżmu*

L-aktar ħolqa kruċjali f'din il-viżjoni hija t-tama u d-determinazzjoni tagħna li bi stil modern ta' politika li se nadottaw, mibni fuq valuri sodi, jirnexxilna neliminaw it-tribaliżmu f'pajjiżna li hu bastun fir-roti tal-iżvilupp soċjo-ekonomiku ta' pajjiżna. Dan il-poplu għandu bosta ġrieħi miftuħa li mhux se jfiqu jekk il-mexxejja tal-pajjiż jibqgħu jkebbsu l-politika partiġjana biex iżommu l-bażi elettorali tagħhom. Għaldaqstant, b'maturità politika, se ndaħħlu liġijiet, mekkaniżmi u stil ta' tmexxija li tinvolvi lill-Oppożizzjoni Parlamentari tal-ġurnata b'mod attiv ħalli r-rappreżentanza demokratika tkun riflessa wkoll f'oqsma oħra apparti dawk Parlamentari. B'hekk inkunu qed nużaw it-talenti kollha tal-persuni li huma impenjati ġenwinament li jagħtu sehemhom fil-ħajja pubblika.

> " L-elezzjoni ssir f'data skedata fil-liġi elettorali tagħna"

Se naħdmu biex is-sistema politika tagħna tkun waħda xprunata ferm aktar mill-maturità milli mill-pika. Biex nevitaw l-ispekulazzjoni li pajjiżna jinħakem minnha kull erba' snin, waħda mill-ewwel deċiżjonijiet ta' Gvern ġdid Nazzjonalista tkun li, għajr meta gvern jiġi sfiduċjat fil-Parlament, id-data tal-elezzjoni ma tibqax prerogattiva tal-Prim Ministru iżda ssir data skedata fil-liġi elettorali tagħna biex tispiċċa l-possibbiltà li d-data tal-elezzjoni tkun ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet partiġjanii minflok fuq l-interess tal-pajjiż. Se nagħmlu l-pass kuraġġuż li nkomplu nsaħħu d-demokrazija f'pajjiżna billi noħolqu l-ispazju meħtieġ biex is-sistema elettorali tagħna tagħti spazju biex jevolvu l-partiti żgħar. Se nerġgħu nimbottaw il-proposta li kwalunkwe partit politiku li jġib 5% tal-voti mitfugħa fl-elezzjoni ġenerali jkollu d-dritt ta' rappreżentanza fil-Parlament.

Mezz ewlieni biex nilħqu dan il-għan bħala poplu wieħed hu li niżguraw li x-xandir tal-istat jitmexxa verament indipendenti minn persuni rispettati mill-ispettru politiku kollu u jitħaddem b'qafas permanenti li ma jħalli lil ħadd jerġa' jaħtaf din l-għodda tant siewja f'soċjetà demokratika.



# Viżjoni li tixraq lil pajjiżna u lill-Maltin u l-Għawdxin *kollha*

+1♥

Din hija l-Malta li qed naspiraw għaliha: Malta matura, moderna, innovattiva, teknoloġika, rispettata u umana. Malta li se terġa' tpoġġi l-ġid komuni fiċ-ċentru tat-tfassil tal-politika tagħha biex nerġgħu nagħtu r-ruħ lil din l-art ħelwa. Huwa għalhekk li l-viżjoni tagħna għal pajjiżna hija minsuġa b'varjetà sħiħa ta' ħjut li flimkien isawru triq 'il quddiem lejn id-destinazzjoni li qed infasslu għal pajjiżna, għall-poplu tagħna u għal uliedna.

Ma' Gvern Nazzjonalista, mhux biss taf fejn qiegħed iżda taf ukoll fejn irridu naslu flimkien jekk niġbdu ħabel wieħed. Sforz imsejjes u ffokat fuq it-twettiq ta' din il- viżjoni u mhux fuq il-pika partiġġjana.

Bħala Partit Nazzjonalista fiduċjużi li f'dan il-mument kruċjali għal pajjiżna, il-poplu Malti u Għawdxi se jieqaf u jaħseb fuq fejn irid jara lil dan il-pajjiż jasal fis-snin li ġejjin, kif nistgħu nsewwu l-ħsarat li saru mingħajr dewmien u kif flimkien nerġgħu nibnu r-reputazzjoni li tixirqilna, ekonomija li tkompli toħloq aktar ġid mingħajr impatt ambjentali u soċjetà li tassew ma tħalli lil ħadd jinqata' lura.

Din hija l-viżjoni tal-Partit Nazzjonalista għal Malta.

Viżjoni li tagħti importanza ewlenija lill-aspirazzjonijiet tiegħek, int min int, ġej mnejn ġej.

Viżjoni li tagħti l-opportunità u l-għodod meħtieġa lil kull persuna biex tiżviluppa l-potenzjal u t-talenti tagħha.

Viżjoni li ssarraf is-suċċess ta' kull persuna f'suċċess kollettiv li jirrifletti ruħu fil-ġid komuni tas-soċjetà tagħna.

Din hija d-direzzjoni li Bernard Grech se jagħti lil dan il-pajjiż bħala Prim Ministru.

Dawn huma l-Malta u l-Għawdex li uliedna u wlied uliedna jixirqilhom li nroddulhom lura.

> " Ma' Gvern Nazzjonalista, mhux biss taf fejn qiegħed, imma taf ukoll fejn sejjer"



# Il-Viżjoni

## *tagħna*

15 Il-Tema

550+ Prijorità Politika

Tema 1:

# Pajjiż *modern* b'ruħ soċjali

+1 ♥

- Pajjiżna jrid jinvesti ħafna u ħafna aktar fil-mobbiltà soċjali sabiex nibdew mexjin it-triq li permezz tagħha neliminaw il-faqar f'pajjiżna.
- Immorru lil hinn mill-benefiċċji soċjali u nibdew inħarsu lejn il-persuna mill-aspetti kollha tagħha sabiex verament insaħħu l-benesseri soċjali li jgħin lil kulħadd jgħix b'dinjità u bi dħul adekwat.

Ir-ruħ soċjali tal-Partit Nazzjonalista tiddistingwih mill-bqija tal-partiti politiċi f'pajjiżna. F'kuntest ta' rkupru ekonomiku u fl-isfond ta' sfidi globali, din jeħtieġ tkun il-boxxla li tmexxina lejn fejn irridu naslu, mingħajr ma nħallu lil ħadd jaqa' lura.

Bħala Partit, qiegħdin nippreżentaw politika konkreta kif se nindirizzaw il-faqar minn għeruqu, u kif se nwaqqfu ż-żidiet kull sena tan-numru ta' persuni fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali. Il-faqar jiġi rifless fil-karatteristiċi l-oħra tal-kwalità tal-ħajja, fosthom id-dieta, is-saħħa, il-qagħda fiżika u mentali, il-kisbiet edukattivi, u l-impjegabbiltà fis-suq tax-xogħol tagħna. Din il-pjaga sejrin nindirizzawha b'miżuri immedjati iżda l-aktar b'ħidma innovattiva biex insaħħu l-mobbiltà soċjali.

Fl-ewwel lok m'aħniex ser inħallu l-għoli tal-ħajja jkompli jħalli l-impatt devastanti li qed ikollu fuq l-aktar persuni vulnerabbli fis-soċjeta' tagħna. Mhux ser nibqgħu ċassi quddiem din il-pjaga li qed tifni tant familji u pensjonanti.

Mhux ser nikkuntentaw billi nagħtu l-minimu possibbli lin-nies. Irridu nerġgħu nsawru l-klassi medja f'Malta, u nwaqqfu l-mewġa ta' familji li jgħixu għomorhom fil-faqar u jgħaddu minn ġenerazzjoni għall-oħra. Dan billi mmexxu l-proċess ta' konsultazzjoni mal-korpi kostitwiti, is-sħab soċjali u ċ-ċittadini dwar il-living income li tikkumplimenta l-paga minima, dwar pakkett ta' benesseri soċjali personalizzat li jsaħħaħ il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, dwar pensjonijiet diċenti daqskemm sostenibbli biex l-anzjani tagħna jkunu tassew jistgħu jlaħħqu mal-ħajja u ma' nħalluhomx ikomplu jiftaqru.

Irridu nsaħħu d-drittijiet ċivili u tal-minoritajiet b'ħidma ġewnina, billi inħaddnu d-diversità u nwaqqfu kull forma ta' abbuż. Barra minn hekk, nibdew konsultazzjonijiet mal-partijiet kollha kkonċernati dwar oqfsa ta' awtonomizzazzjoni (empowerment) għall-persuni b'diżabbiltà biex nagħmlu qabża kbira f'dan il-qasam b'ħidma aktar intensiva fuq l-aċċessibbilita' sħiħa għal kull aspett tas-soċjetà u l-ekonomija tagħna.

Nagħmlu avvanz kbir ukoll fejn tidħol il-protezzjoni tat-tfal billi noħolqu qafas integrat favur il-familja, imsejjes fuq id-drittijiet tal-minorenni u kontra l-bullying u l-abbuż kemm fiżiku, psikoloġiku u virtwali.

B'kuraġġ, ser inkomplu nfasslu politika li taħseb għall-protezzjoni ħafna akbar ta' persuni vulnerabbli kif ukoll li twieżen lill-vittmi tal-vizzji u tal-prostituzzjoni mhux billi tiġġudikahom iżda biex tgħinhom joħorġu miċ-ċrieki li jkunu fihom.



# Politika Soċjali Moderna

1. Flimkien mal-imsieħba soċjali, l-entitajiet, is-soċjetà ċivili, l-akkademiċi u l-professjonisti fis-settur soċjali noħolqu Pjan ta' Azzjoni Soċjali Nazzjonali li jkopri tliet snin u jkun rivedut u aġġornat kull sena.

2. Indaħħlu mekkaniżmu ġdid ta' kif jitkejjel il-ġid f'pajjiżna li ma jkunx biss iddeterminat mill-indikaturi ekonomiċi bħall- Prodott Gross Domestiku (GDP) iżda jkun kompost minn firxa ta' indikaturi li jkejjlu l-benesseri tas-soċjetà u tal-komunitajiet tagħna.

3. Ninvestu bis-sħiħ biex neqirdu l-faqar permezz tal-mobbiltà soċjali u mhux b'miżuri limitati jew sporadiċi. Insaħħu l-benefiċċji soċjali biex il-persuna tkun tista' tiffaċċja l-perjodi diffiċli li tgħaddi minnhom bl-appoġġ kollu li għandha bżonn mis-soċjetà.

4. Nerġgħu nsawru verament il-klassi medja, u nsaħħu l-introjtu tal-familji filwaqt li nsaħħu dejjem aktar il-miżuri biex il-familja terġà tkun fiċ-ċentru tal-ħajja Maltija.

5. Inbiddlu l-enfasi tat-tfassil tal-politika dwar ix-xogħol minn fuq il-paga minima għal fuq il-living income, bħala d-dħul nett li familja għandha bżonn biex tgħix ħajja diċenti, fejn din tkun maħduma fuq bażi u mekkaniżmi li jkun maqbula bejn l-imsieħba soċjali kollha.

6. Nirriflettu l-prinċipji u l-mekkaniżmu tal-living income fil-mod ta' kif jinħadmu l-paga minima, il-benefiċċji soċjali u r-reviżjonijiet fil-pensjoniet biex tiġi salvagwardjata l-adekwatezza tagħhom.

# Benefiċċji Soċjali

7. Insaħħu l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u nsawruhom f'pakkett ta' benesseri soċjali personalizzat fejn kull persuna li tiġi bżonn il-benefiċċji jkollha pjan ta' kif l-Istat ser jappoġġjaha fil-mobbiltà soċjali tagħha.

8. Biex ngħinu lil min jispiċċa bla xogħol, l-ewwel tnax-il xahar ta' wara li l-persuna tiġi qiegħda ser tirċievi benefiċċju ekwivalenti għall-paga minima biex ngħinuhom jitħarrġu u jsibu impjieg li jrendi. Hekk nerġgħu nagħtu lura d-dinjità, ma' nħallux kultura ta' qagħad tiżviluppa, filwaqt li ninċentivaw aktar taħriġ u speċjalizzazzjoni.

9. Inneħħu kwalunkwe diskriminazzjoni fil-mod ta' kif jingħataw il-benefiċċji soċjali partikolarment f'dawk il-każijiet fejn jeżistu diskrepanzi bejn persuni miżżewġin u dawk li mhumiex.

10. Inniedu skema ta' appoġġ għall-ħaddiema u s-self-employed li jkollhom jieqfu mix-xogħol għal perjodu relattivament twil minħabba mard serju. Dan il-programm ikun jinkludi benefiċċju finanzjarju, kreditu tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali lill-ħaddiema u lil min iħaddem, u appoġġ personalizzat ta' terapija.

11. Nimplimentaw sistemi diġitali effettivi biex kull min qiegħed jabbuża mill-benefiċċji soċjali jiġi identifikat u jħallas pieni ħorox tal-frodi li jkun wettaq.

# Pensjonijiet Adekwati

**12.** Flimkien mas-settur privat, nibnu fond ġdid għall- pensjonijiet f'pajjiżna biex nassiguraw is-sostennibbilita tal-pensjonijiet għall-ġenerazzjonijiet li jmiss.

**13.** Nindirizzaw id-diffikultajiet kbar tal-pensjonijiet għall-immedjat ħalli l-pensjonanti jkunu jistgħu jlaħħqu mal-ħajja b'mod dinjituż u kif jixirqilhom.

**14.** Il-pensjonanti huma għajn ta' valur għas-soċjetà u l-ekonomija tagħna u għalhekk beħsiebna ninċentivaw lil dawk li jixtiequ jibqgħu jaħdmu billi:

- Nagħtu l-opportunità lill-pensjonanti kollha li għaqqdu biżżejjed kontribuzzjonijiet, biex jibqgħu jaħdmu sakemm jilħqu l-età tal-irtirar u jieħdu pensjoni bbażata fuq kemm-il sena qabel jirtiraw.
- Nagħtu l-bonus statutorju sħiħ lill-pensjonanti kollha li jaħdmu full-time.

**15.** Nimplimentaw Pakkett għall-Pensjonijiet biex nindirizzaw diversi inġustizzji li għadhom ma ssolvewx sal-lum u li saħansitra qed jixħtu lill-pensjonanti fir-riskju tal-faqar jew saħansitra jgħixu fil-faqar. Dan billi:

- Naraw li l-mekkaniżmu ta' 70/30, li qed jintuża bħalissa għaż-żieda lill-pensjonanti mwielda wara l-31 ta' Diċembru 1961, ikun jitħaddem għall-pensjonanti kollha.
- Nibdew inħaddmu mekkaniżmu biex gradwalment ngħollu l-pensjoni minima nazzjonali f'livell adekwat mad-dħul neċessarju għall-pensjonanti skond il-politika tal-living income, hekk kif maqbula mal-imsieħba soċjali.
- Nindirizzaw aktar malajr l-inġustizzji b'rabta mal-Pensjoni tas-Servizz.
- Niżguraw li r-romol jibqgħu jkunu intitolati għal pensjoni sħiħa.
- Inwieżnu bil-qawwa lill-pensjonanti vulnerabbli u lil dawk bl-inqas dħul.

**16.** Insaħħu l-adekwatezza tal-pensjonijiet u nagħtu rimedju lil dawk il-persuni li ma ħallsux kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali biżżejjed sal-età tal-irtirar billi nippermettu li jitħallsu aktar kontribuzzjonijiet wara l-eta' ta' 65 sena jew billi persuna tkun tista' tħallas il-kontribuzzjonijiet neqsin.

# Anzjanità Attiva

17. Naraw li fil-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Soċjali u Ekonomiku jkun hemm rappreżentanza permanenti mill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-anzjani biex il-vuċi tal-anzjani tinstema' f'dan il-forum b'mod dirett.

18. Inwessgħu l-impenn soċjali u ekonomiku taċ-ċittadini anzjani bil-għan li jibqgħu attivi fil-komunita fl-għożża tal-familja tagħhom.

19. Nagħtu inċentivi lill-anzjani biex jibqgħu jipparteċipaw u jikkontribwixxu direttament fis-suq tax-xogħol billi ninċenitraw persuni bl-età tal-pensjoni fl-istess ħin jibqgħu jaħdmu u jikkontribwixxu bi qligħ biex anke huma jkunu jistgħu jibqgħu jużaw it-talenti tagħhom.

20. Nagħtu appoġġ qawwi lill-pensjonanti li għandhom xi tfaddil jew investimenti, billi l-ewwel €20,000 tad-dħul minn kera, imgħax jew dividendi li jirċievu l-pensjonanti jiġi ntaxxati bi 5%, u l-€20,000 li jmiss jiġu ntaxxati bi 7.5%.

21. Nipprovdu aktar servizzi personalizzati, inklużi dawk amministrattivi, ta' saħħa u ta' kura lill-anzjani fil-komunita u fid-djar tagħhom biex intejbulhom il-kwalità tal-ħajja tagħhom u nappoġġjawhom biex jibqgħu attivi.

# Qasam Soċjali Mingħajr Indħil

22. Inniedu riforma li permezz tagħha l-awtoritajiet u r-regolaturi fil-qasam soċjali ma jibqgħux taħt direzzjoni politika imma jkunu parti minn istituzzjoni regolatorja u indipendenti.

23. Ninvestu f'qafas diġitali modern u innovattiv intiż biex ikun ta' riżorsa komuni għal min jipprovdi servizzi marbutin mal-qasam soċjali.

24. Nerġgħu nsaħħu l-awtonomija, l-identità u r-rwol distint tal-Kummissarji fil-qasam soċjali kif kienu intiżi oriġinarjament bil-għan li jservu bħala l-vuċi verament indipendenti u jkunu t-tarka ta' dawk li qed jirrappreżentaw.



# Il-Familja u t-Tfal fiċ-Ċentru tal-Politika

**25.** Il-familja terġa' ssir prijorità politika fejn nassiguraw li kull familja, fil-forom differenti tagħha, terġa' ssir pilastru ewlieni tas-soċjetà tagħna.

**26.** Inwettqu minnufih il-pakkett ta' miżuri dwar il-leave tal-ġenituri u l-bilanċ bejn il-ħajja privata u x-xogħol u nimplimentaw miżura ġdida li tagħti għotja addizzjonali ta' darba ta' €1,000 lill-ġenituri għal kull twelid. Dan se japplika wkoll b'lura għal dawk il-ġenituri li tweldulhom it-tfal mill-1 tà Jannar 2017 'il hawn.

**27.** Ninċentivaw aktar familji biex ikollhom u jrabbu aktar tfal sabiex fuq medda ta' snin nibdew nindirizzaw l-isfida ewlenija ta' fost l-anqas rata ta' twelid fl-UE.

**28.** Nirrikonoxxu dejjem aktar l-appoġġ li għandhom bżonn il-familji biex irabbu lil uliedhom billi nżidu ċ-Children's Allowance b'mod sostanzjali kif ġej:

- Żieda ta' €150 fiċ-Children's Allowance.
- Żieda ta' €250 fiċ-Children's Allowance ta' familji bi dħul taħt it-€12,000.
- Żieda ta' €1,000 fid-Disability Children's Allowance.
- Żieda ta' €1,500 fil-Foster Carer Allowance.

**29.** Noħolqu qafas ta' politika integrata favur it-tisħiħ tal-familja, imsejjes fuq id-drittijiet tat-tfal biex nassiguraw li kull tifel u tifla jgawdu t-tfulija tagħhom irrispettivament mill-ġid materjali tal-familji li jrabbuhom.

**30.** Permezz ta' qafas modern ta' miżuri intiżi biex itaffu l-ispejjeż fil-proċessi, ser ngħinu aktar familji Maltin u Għawdxin fil-vokazzjoni tagħhom li jaddottaw tfal lokalment jew minn barra minn pajjiżna, kif ukoll lil dawk li jservu ta' foster carers

**31.** Nagħtu prijorità lill-investiment u t-titjib urġenti li hemm bżonn fl-operat tal-Child Development Assessment Unit biex l-ebda tifel jew tifla ma jitħalla fuq waiting list biex jingħata t-trattament li huwa bżonn u mhux kapriċċ.

**32.** L-istabbilità, il-protezzjoni u l-għożża fit-tfulija għal kull tifel u tifla ser ikunu prijorità, b'enfażi partikolari għal dawk it-tfal vulnerabbli jew li jinstabu f'familji f'sitwazzjonijiet diffiċli.

**33.** Nindirizzaw il-bullying u l-kawżi ewlenin tiegħu billi nsaħħu l-istruttura tal-Kummissarju tat-Tfal biex isiru programmi aktar estensivi fuq din il-materja kif ukoll nagħtu poter investigattiv akbar lil dan l-uffiċċju biex din il-problema ma tibqax moħbija fis-soċjetà tagħna.

**34.** Ser naraw li fil-ħidma preventiva kontra l-faqar, it-tfal jieħdu l-prijorità u naħdmu biex nimplimentaw fit-totalità tagħha l-Garanzija ta' Tfulija bla Faqar (Child Guarantee) tal-Unjoni Ewropea.

**35.** Ninvestu f'aktar faċilitajiet u strutturi biex nassiguraw li spazji eżistenti fil-Kunsilli Lokali, ċentri tal-Knisja, każini u fl-iskejjel, isiru safe spaces għall-familji li jkunu jistgħu joffru

ambjent sigur u protett lill-familji b'mod partikolari għat-tfal u żgħażagħ. Dawn iċ-ċentri għandhom iservu ta' bażi ta' appoġġ kif ukoll ta' servizzi fil-komunità inkluż dawk marbutin mas-saħħa.

**36.** Nestendu u nsaħħu s-servizzi u l-inċentivi taċ-childcare centres b'dan illi nibdew nappoġġjaw it-twaqqif ta' aktar ċentri f'postijiet tax-xogħol.

## Appoġġ għal Persuni b'Diżabbiltà

**37.** Inwessgħu l-firxa u nsaħħu l-impatt tal-programmi ta' drittijiet u appoġġ għall-persuni b'diżabbilità.

**38.** Indaħħlu qafas ta' appoġġ finanzjarju u terapewtiku, għal dawk il-familji li għandhom tfal b'diżabbilità jew b'xi forma ta' kundizzjoni u li jkollhom jiffaċċjaw spejjeż ta' mediċini, apparat jew affarijiet speċjalizzati oħra.

**39.** Il-miżuri addottati favur l-integrazzjoni u l-aċċessibilità għall-persuni b'diżabilità ser ikunu kriterju ewlieni u obbligatorju fit-tħaddim tal-qafas tal-ESG għall-intrapriżi.

**40.** Nagħtu aktar awtonomija lill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabbiltà biex tibda tirrapporta lill-Parlament biex niżguraw li tkun tista' taqdi dmirha mingħajr l-indħil tal-gvern għall-ġid tal-persuni b'diżabbiltà, filwaqt li l-aġenda għall-persuni b'diżabbiltà tibda titfassal mill-Kummissjoni u mill-professjonisti stess.

**41.** Niżguraw li l-persuni b'diżabbiltà, il-ġenituri tagħhom jew ir-rappreżentanti tagħhom ikunu aktar involuti fit-tfassil tal-politika u fit-teħid tad-deċiżjonijiet ewlenin tal-pajjiż inwettqu inizjattivi tassew konkreti u rivoluzzjonarji li jtejbu l-kwalità tal-ħajja tal-persuni b'diżabbiltà u tal-familji tagħhom.

**42.** Ninvestu f'qafas innovattiv biex il-persuni b'diżabbiltà li jeħtieġu ċerta għajnuna jkollhom assistenza personalizzata skont il-ħtiġijiet tagħhom, biex niżguraw li jkollhom l-opportunità sħiħa li jgħixu ħajjithom mingħajr intoppi u jkunu tassew jistgħu jieħdu r-riedni ta' ħajjithom f'idejhom.

**43.** Inwettqu l-aċċessibbiltà f'kull sens tal-kelma: aċċessibbiltà fiżika għall-ispazji u l-binjiet pubbliċi, għat-trasport pubbliku, l-aċċess għall-ġustizzja, għall-kultura, għat-taħriġ u l-edukazzjoni, għas-servizzi meħtieġa u oħrajn, biex il-persuni b'diżabbiltà tassew jirnexxilhom jisfruttaw il-potenzjal kollu tagħhom fil-ħajja.

**44.** Insaħħu d-drittijiet u s-servizzi disponibbli biex titjieb il-kwalità tal-ħajja tal-persuni b'diżabbiltà, b'impenn għal aktar miżuri ta' assistenza u mezzi lill-familji tal-persuni b'diżabbiltà biex niżguraw li dawn jibqgħu jgħixu fil-lokalità fejn twieldu u trabbew.

45. Flimkien mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità nibnu qafas leġiżlattiv u amministrattiv li permezz tiegħu ġenituri jkunu jistgħu jifformulaw pjan ta' kif uliedhom ikunu ser jibqgħu jgħixu meta huma ma jkunux f'sitwazzjoni li jibqgħu jieħdu ħsiebhom jew jiġu neqsin. Dan il-qafas jintrabat mal-ħidma biex isir investiment f'aktar residenzi fil-komunitajiet, possibbilment permezz ta' intrapriżi soċjali li jitwaqqfu bejn il-ġenituri infushom.

## Solidarjetà Dejjem u Kullimkien

46. Nirrikonoxxu s-solitudni bħala sfida ewlenija tas-soċjetà tagħna u ndaħħlu pakkett ta' miżuri biex din tiġi indirizzata b'determinazzjoni.

47. Immexxija bl-empatija u bl-appoġġ, inħaddmu approċċ olistiku ħalli nindirizzaw il-vizzji li jagħmlu l-ħsara, u nużaw mudelli innovattivi msejsa fuq ir-rwol vitali li jaqdu l-familja u l-komunità.

48. Nibnu qafas kollaborattiv fit-tul mal-organizzazzjonijiet li jaħdmu fl-oqsma tal-prevenzjoni u l-kura mill-abbuż tad-droga sabiex ikollhom ħafna aktar riżorsi u faċilitajiet għad-dispożizzjoni tagħhom biex ikun jistgħu jsostnu l-ħidma ìmprezzabbli tagħhom.

49. Titfassal Politika Nazzjonali dwar l-Użu u l-Abbuż mis-Sustanzi xprunata mill-ħsieb li pajjiżna m'għandux jaqta' qalbu quddiem l-abbuż iżda għandu jsaħħaħ l-istrutturi, l-istituzzjonijiet u l-ħiliet tal-organizzazzjonijiet kollha involuti f'dan il-qasam biex nippromwovu ħajja mingħajr l-użu ta' sustanzi. Din il-politika tkun ibbażata fuq l-evidenza u tkun hi li tiggwida t-tibdil kollu neċessarju fil-qafas leġiżlattiv u fil-programmi ta' finanzjament.

50. Nappoġġjaw lill-vittmi tal-prostituzzjoni biex ngħinuhom ibiddlu r-rotta, b'enfasi politika qawwija fuq il-protezzjoni tagħhom bħala persuni vulnerabbli.

51. Indaħħlu qafas ta' miżuri leġiżlattivi u strutturali sabiex persuni li jkunu għamlu żball xi darba jew oħra f'ħajjithom u ma jwettqux aktar reati, is-soċjetà tagħtihom ċans li jgħixu ħajja normali u mingħajr preġudizzji.

52. Nestendu d-drittijiet ċivili u tal-minoritajiet b'approċċ orizzontali: inħaddnu d-diversità u nwaqqfu l-abbuż u neskalaw il-pieni marbutin mad-diskriminazzjoni.

53. Inwettqu riċerka dwar l-isfidi li jiffaċċjaw persuni LGBTIQ anzjani fil-komunità bil-għan li jitfasslu programmi jew jiġu appoġġjati organizzazzjonijiet li jistgħu jkunu ta' appoġġ għal dawn il-persuni.

54. Nerġgħu nagħtu l-importanza li tixraq lill-miżuri li jħaffu l-pass tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel b'enfasi ewlenija fuq id-differenza materjali li għada teżisti bejn il-pagi ta' l-irġiel u n-nisa (gender pay gap).



Tema 2:

# Għal kwalità tal-ħajja u ħajja *sana* +1

- Pajjiżna jrid jinvesti ħafna u ħafna aktar fil-mobbiltà soċjali sabiex nibdew mexjin it-triq li permezz tagħha neliminaw il-faqar f'pajjiżna.
- Immorru lil hinn mill-benefiċċji soċjali u nibdew inħarsu lejn il-persuna mill-aspetti kollha tagħha sabiex verament insaħħu l-benesseri soċjali li jgħin lil kulħadd jgħix b'dinjità u bi dħul adekwat.

Imkien ma ssib tixtri ħajja aħjar. Il-kwalità tal-għajxien ma tiddependix mill-impjieg li għandek jew mill-paga li taqla' iżda tiddependi mill-opportunità li jkollok biex tgawdi s-sabiħ ta' madwarek.

Ħajja tajba tfisser li tista' tqatta' l-ħin mal-familja u l-ħbieb tiegħek: li taqsam il-mumenti sempliċi u speċjali mal-għeżież tiegħek. Tfisser li x-xogħol jagħtik sodisfazzjon u mhux toqol li ma tistax taħrab minnu. Tfisser li bid-dħul tiegħek taffordja tiflaħ tixtri akkomodazzjoni bi spazju diċenti għalik u għall-familja tiegħek. Fuq kollox, għajxien tassew tajjeb ifisser bilanċ san bejn il-ħajja tax-xogħol u l-ħajja privata tiegħek.

Parti mis-sabiħ ta' ħajjitna ġej mill-kura u l-attenzjoni li nagħtu lil ħaddieħor, inkluż lill-annimali fir-responsabbiltà tagħna. L-annimali huma kumpann uniku meta nagħrfu nittrattawhon bl-imħabba u r-rispett li jixirqilhom.

Il-ħajja mimlija sorpriżi u għalhekk il-kwalità tal-ħajja titkejjel ukoll mis-serħan il-moħħ li se ssib servizzi ta' għajnuna affidabbli meta jinqalgħu l-isfidi. Is-sens ta' sigurtà jinkiseb bl-għarfien li t-taxxi li nħallsu qed jintefqu f'investimenti u fl-aqwa trattamenti mediċi, fiżiċi, mentali jew emozzjonali. Irridu ninvestu fil-kura preventiva, kontra l-vizzji li jagħmlu l-ħsara, f'ċentri għas-saħħa mentali, u f'ċentri apposta għad-dijabete, il-mard tal-qalb u d-dimensja.

Il-pandemija tal-Covid-19 ġabitna wiċċ imb'wiċċ ma' kemm hi prezzjuża s-saħħa u kemm irridu ninvestu dejjem aktar fiha biex il-Maltin u l-Għawdxin jgħixu dejjem aktar fit-tul u b'saħħithom.

Il-kwalità tal-ħajja tiżdied meta l-istil tal-ħajja tiegħek jippermettilek tilqa' għall-mard b'dieta sana u bl-attività fiżika. L-isport mhux biss isaħħaħ il-ġisem iżda jnaqqas it-tensjoni, jżid il-konċentrazzjoni u jtejjeb il-produttività. Jeżistu dixxiplini għal kull karattru u interess, u ħajja tajba tfisser li dawn ikunu aċċessibbli għal kulħadd. Irridu ninvestu f'ċentri sportivi ta' eċċellenza u f'miżuri konkreti kontra l-obeżità.

L-ambjent tad-dar huwa fattur prinċipali u l-ispejjeż marbutin mal-proprjetà m'għandhom inaqqsu mid-dinjità tal-ebda familja. Fl-istess ħin, il-qagħda u l-kundizzjonijiet ta' residenza waħda jaf iħallu impatt fuq il-viċinat kollu, u jaf ibaxxu jew jgħollu l-livell tal-għajxien tal-komunità kollha.



# Kwalità tal-Ħajja Aħjar

55. Insarrfu t-titjib ekonomiku u materjali fi kwalità tal-ħajja li ssir prijorità politika mifruxa fil-pjani ta' ħidma tal-Ministeri kollha tal-Gvern.

56. Indaħħlu miżuri leġiżlattivi aktar rigorużi dwar il-kwalità tal-ħajja fuq il-post tax-xogħol u dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

# Darna, il-Bejta Tagħna

57. Infasslu mill-ġdid il-politika nazzjonali dwar l-akkomodazzjoni residenzjali ħalli nnaqqsu bil-qawwa l-għadd ta' akkomodazzjonijiet li ma jilħqux l-istandards, u nwettqu bidla lejn spazji għal residenzi ta' kwalità bi prezz raġonevoli.

58. Il-qofol tal-politika dwar l-akkomodazzjoni ser tkun li ngħinu lill-familji Maltin u Għawdxin ikunu sidien ta' darhom b'qafas ta' miżuri intiżi biex jagħmlu l-proprjetà aktar affordabbli.

59. Insaħħu l-politika dwar akkomodazzjoni affordabbli billi nħaddmu sistema ġdida tat-taxxa fuq il-qligħ kapitali, li tvarja skont il-prezzijiet tad-djar. Niżguraw li fejn jidħlu l-proprjetajiet residenzjali lesti, li jilħqu għadd ta' standards bażiċi u bi prezz sa €120,000, il-bejjiegħa ma jħallsux taxxa fuq il-qligħ kapitali, u x-xerrejja ma jħallsux taxxa tal-boll, filwaqt li nipprovdu sussidju għall-imgħax fuq is-self.

60. Dawk il-familji żgħażagħ li ma jkunux jistgħu jħallsu d-depożitu ta' l-10%, ser jingħataw għajnuna ta' self mill-Gvern biex dan jagħmluh sa massimu ta' €20,000, li jitħallas lura fuq perjodu massimu ta' 30 sena.

61. L-inċentivi preżenti tal-first-time buyers isiru permanenti bl-ammont li fuqu ma titħallasx bolla jkun ta' €400,000.

62. Dawk l-anzjani li jbigħu l-propjetà tagħhom biex immorru jgħixu f'residenza iżgħar, ma jħallsux bolla fuq l-ewwel €300,000 tal-valur tal-propjetà, bil-kundizzjoni li jidħlu fil-propjetà l-ġdida fi żmien sitt xhur mid-data tal-kuntratt finali.

63. Liż-żgħażagħ, taħt l-eta' ta' 35 sena, li jkunu qed jixtru għall-ewwel darba, nagħtuhom sussidju li jkopri sa 2% tal-imgħax fuq is-self sa €250,000.

64. Ix-xerrejja l-oħra kollha li jieħdu self personali għal xiri ta' propjeta' residenzjali jikkwalifikaw għal tnaqqis tal-imgħax fuq is-self mid-dħul taxxabbli tagħhom, sa valur massimu tal-propjeta ta' €350,000, għall-ewwel ħames snin tas-self..

65. Dawk li jiddivorzjaw jew jisseparaw u jkollhom bżonn jixtru propjetà residenzjali jiġu meqjusin first-time buyers għal finijiet ta' dawn il-miżuri.

**66.** Nappoġġjaw lil dawk li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali biex isiru sidien tal-proprjetà tagħhom billi niżguraw li nipprovdu għadd akbar ta' residenzi affordabbli permezz ta' impenji u obbligi ġodda fuq l-iżviluppi u l-proġetti l-kbar mis-settur privat.

**67.** Permezz ta' public-private partnership miftuħ għal żviluppaturi kollha li huma aderenti mal-kriterji tal-ESG, jinxtraw, jinbnew jew jinkrew (fit-tul) 500 unit residenzjali fis-sena bil-għan li l-waiting list għall-akkomadazzjoni tiġi indirizzata sal-aħħar tal-leġiżlatura.

**68.** Nagħtu rifużjoni tal-VAT sa €3,000 fis-sena lis-sidien tad-djar, għal kull post, fuq ix-xogħlijiet kollha li jindirizzaw materjalment in-newtralità klimatika u jnaqqsu l-konsum tal-enerġija b'mod ippruvat. Il-massimu tar-rifużjoni tiżdied għal €6,000 fil-każ tal-familji li jinkludu pensjonant(a) jew persuna b'diżabbiltà.

**69.** Infasslu skemi affordabbli biex inkwilini residenzjali ta' propjetajiet tal-Gvern, isiru volontarjament sidien ta' darhom bħala dritt u mhux pjaċir.

**70.** Fil-każ ta' persuni li jikkwalifikaw għas-sussidju tal-kera ta' qabel l-1 ta' Ġunju 1995, sakemm l-applikanti ma' jaqilgħux aktar minn €40,000, tingħata l-għajnuna stabbilita fil-liġi b'mod temporanju, tapered fuq medda ta' tlett snin, biex l-inkwilini jaġġustaw għall-kera l-ġdida.

**71.** Fil-qasam tal-kirjiet residenzjali ser nagħtu inċentivi fiskali lis-sidien aktar b'saħħithom biex ninkoraġġixxu kirjiet b'rati raġjonevoli u iktar fit-tul (minimu ħames snin) kif ġej:

- Dħul minn kirjiet ta' anqas minn €300 fix-xahar ikunu eżenti mit-taxxa fuq il-kera.
- Dħul minn kirjiet ta' bejn €301 u €600 fix-xahar jiġu intaxxati 7.5% fuq il-kera.
- Dħul minn kirjiet ta' aktar minn €600 fix-xahar jiġu intaxxati 15% fuq il-kera.
- Dħul minn kirjiet ta' aktar minn €600 fix-xahar jiġu intaxxati 15% fuq il-kera.
- Il-kirjiet kollha li jsiru għal skopijiet ta' akkomodazzjoni soċjali taħt xi skema tal-Awtorita', jkunu eżenti mit-taxxa fuq il-kera.

**72.** Titneħħa t-taxxa fuq it-trasferiment mal-wirt tal-propjeta' mill-ġenituri għat-tfal, f'każ illi l-propjeta' tibqa' għand l-ulied. Fil-każ li l-werrieta jbiegħu l-propjeta' tagħhom lil terzi fi żmien sentejn ma' jeħlux taxxa fuq il-bejgħ.

**73.** Inħallsu il-flus kollha dovuti lis-sidien oriġinali (jew l-eredi tagħhom) għall-artijiet (magħrufa bħala Home Ownership Schems) li ħataf Gvern Laburista bejn l-1981 u l-1983 mingħand is-sidien privati u baqa' ma ħallashomx, biex b'hekk eluf ta' familji li qed jirrisjedu f'dawn id-djar fuq konvenju fl-aħħar iserrħu moħħom u jsiru sidien ta' djarhom.

**74.** Flimkien ma' għaqdiet volontarji ser naraw li jkun hawn biżżejjed spazju għal shelters temporanji sabiex ħadd ma' jispiċċa bla saqaf fuq rasu.

## Qafas tas-Servizz tas-Saħħa b'Saħħtu u Innovattiv

75. Indaħħlu programm aktar trasparenti li permezz tiegħu l-miżuri li jiddaħħlu f'rispons għall-pandemiji jkunu effettivi, konsistenti u bbażati fuq l-evidenza.

76. Intemmu l-ftehim ta' privatizzazzjoni ma' Steward Healthcare (u qabilhom lil VGH) u l-flus li niffrankaw ninvestuhom, permezz tal-Malita plc, f'sensiela ta' proġetti fit-tul li jtejbu l-faċilitajiet tas-saħħa dedikati għall-isptarijiet f'Malta u f'Għawdex.

77. Hekk kif is-servizzi li ġew privatizzati lil Stewards Healthcare jerġgħu lura f'idejn il-gvern bil-ħaddiema fis-servizz pubbliku kollha li telqu (biex marru mal-operatur privat) jingħataw l-opportunità li jerġgħu jidħlu lura fis-servizz.

78. Intejbu b'mod sostanzjali l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-professjonisti kollha fil-qasam tas-saħħa bil-għan li jintradd lura lejhom l-impenn li jpoġġu f'ħidmiethom.

79. Tiddaħħal skema ta' tax rebates ta' 100% tal-ispiża li l-professjonisti kollha fil-qasam tas-saħħa jidħlu għaliha biex ikomplu jitħarrġu u jispeċjalizzaw fl-oqsma rispettivi tagħhom.

80. Nibnu qafas integrat ta' kollaborazzjoni ibbazati fuq Public-Social Partnerships biex għaqdiet volontarji fil-qasam tal-kura jkunu jistgħu jwettqu ħidma diretta aktar effettiva għall-pazjenti.

81. Nidħlu f'sensiela ta' framework agreements mal-isptarijiet, kliniċi, intrapriżi soċjali u grupp ta' prattika biex is-settur privat isir parti integrali mill-katina tal-operat tas-servizz tas-saħħa b'viżibbiltà li tippermetti lill-operaturi privati f'dan il-qasam jinvestu f'faċilitajiet kumplimentari għal dawk pubbliċi.

82. Biex inħajru aktar intrapriżi u persuni biex ikollhom assigurazzjoni tas-saħħa, ser indaħħlu programm biex il-ħlasijiet marbutin ma' din it-tip ta' assigurazzjoni, jkunu jistgħu jitnaqqsu mid-dħul taxxabbli.

83. Nipprovdu soluzzjonijiet alternattivi għal min ikollu bżonn imur l-Isptar Mater Dei filwaqt li nbiddlu s-sistema tat-tariffi tal-parkeġġ fl-isptarijiet biex niżguraw li l-parkeġġ isir b'xejn għall-persuni vulnerabbli, għall-persuni obbligati jattendu l-isptar spiss, għaż-żjarat ta' emerġenza u għall-persuni li jakkumpanjaw lil xi pazjent tul il-lejl.

## Servizz tas-Saħħa Personalizzat

84. Inniedu trasformazzjoni maġġuri fil-mod ta' kif jingħata s-servizz tas-saħħa permezz ta' Programmi Personali għall-Kura tas-Saħħa diġitali biex nagħtu servizz personalizzat

tal-kura tas-saħħa lil kull resident li jikkwalifika għas-servizz tas-saħħa f'Malta, b'enfasi qawwija fuq il-prevenzjoni u t-titjib fl-effiċjenza fis-servizz. Dan is-servizz ikun mibni u integrat fuq sistemi diġitali u l-użu tad-data tas-saħħa tal-pazjenti li jkollhom aċċess għall-informazzjoni tagħhom permezz ta' app diġitali.

**85.** Indaħħlu charter tal-pazjenti li jistipula ż-żmien massimu ta' stennija li pazjent għandu jistenna għat-trattament indikat bid-dritt li jieħdu minn post jew pajjiż ieħor fil-każ li l-servizz tas-saħħa tal-gvern ma' jipprovdix it-trattament fil-perjodu stabbilit.

**86.** Ninvestu f'qafas teknoloġiku li jippermetti kunċett ġdid ta' kura tas-saħħa fil-komunità permezz tal-użu ta' mezzi digitali għal viżti, analiżi ta' riżultati u preskrizzjonijiet ta' mediċini.

## Aċċess għall-Mediċini

**87.** Nintroduċu aktar mediċini neċessarji b'xejn fil-formularju, filwaqt li niżguraw li l-pensjonanti jkollhom il-mediċini kollha b'xejn.

**88.** Nagħtu appoġġ usa' lill-anzjani fejn tidħol l-ispiża tal-mediċini li mhumiex fil-formularju tal-gvern.

**89.** Permezz ta' ftehim mal-ispiżjara u t-tobba, indaħħlu sistema diġitali sikura għar-riċetti tal-mediċini biex tiffaċilita x-xiri tal-mediċini, it-twassil tal-mediċini f'każ li r-riċetta ssir permezz ta' konsultazzjoni diġitali kif ukoll l-integrazzjoni mal-app personalizzata tal-pazjent.

## Saħħa Primarja u Preventiva

**90.** Nimplimentaw qabża maġġuri fil-kwalità tal-kura tas-saħħa primarja: flimkien mat-tobba tal-familja u l-investiment fi sptarijiet reġjonali jitnaqqas il-piż minn fuq l-Isptar Mater Dei li jibda jsir aktar sptar għal trattament akut.

**91.** Indaħħlu qafas ta' edukazzjoni dwar is-saħħa biex minn età żgħira t-tfal ikollhom l-għarfien fuq l-oqsma tan-nutrizzjoni, is-saħħa mentali u s-saħħa sesswali.

**92.** Nipprovdu t-tabib tal-familja b'xejn lill-pensjonanti kollha kif ukoll pakkett ta' sigħat ta' kura fix-xahar f'darhom, skond il-ħtiġijiet tal-pazjent. Il-ħlas lit-tabib tal-familja (skont tariffi maqbulin u permezz ta' sistema diġitali) isir bi kreditu tat-taxxa lit-tabib li jipprovdi s-servizz.

93. Noħolqu servizz dirett ta' mediċina preventiva, f'qafas ħafna aktar regolari ta' screening u programm intensiv biex tittafla l-problema tal-obeżità.

94. Insaħħu l-qafas tal-prevenzjoni u l-kura għad-dijabete taħt il-kappa ta' strateġija nazzjonali kontra l-kundizzjoni, b'enfasi fuq li jkomplu jingħataw il-Continuous Glucose Monitors lill-pazjenti dijabetiċi tat-tip 1 kollha, jingħataw l-istrippi tal-monitoraġġ b'xejn, tingħata assistenza jiddaħħlu aktar mediċini innovattivi u effettivi fil-formularju tal-Gvern li jkunu jistgħu jingħataw b'xejn lill-pazjenti kif ukoll li jiżdiedu aktar Diabetic Nurses fl-isptarijiet u l-komunità.

95. Biex intaffu l-ispiża li jiffaċċjaw pazjenti celiac ser inżidu l-assistenza għal €180 fix-xahar li jintużaw fi prodotti speċjali li jkunu kostretti jixtru minħabba l-kundizzjoni tagħhom.

## Kura Speċjalizzata

96. Infasslu pjan ta' azzjoni nazzjonali ta' kura speċjalizzata u nifthu ċentri tas-saħħa speċjalizzati għall-kundizzjonijiet li huma l-kawża ta' tnaqqir tal-kwalità tal-ħajja, mard u mwiet f'pajjiżna: għad-dijabete, għall-mard kardjovaskulari, għall-mard respiratorju u għad-dimensja.

97. Insaħħu u nwessgħu l-firxa tas-servizzi u t-trattamenti marbutin mal-onkoloġija fejn ħadd ma jkollu għalfejn jitlob il-karità biex jingħata l-aqwa kura possibbli.

98. Ninvestu fit-tisħiħ tar-riżorsi, l-apparat, it-trattament u l-mediċini neċessarji biex jingħata servizz aktar komprensiv u personalizzat lil pazjenti li jsofru b'kundizzjonijiet, li ser jibdew jitqiesu bħala kroniċi, jimpattaw serjament il-ħajja tal-pazjenti bħal multiple sclerosis, l-ME/CFS u l-fibromyalgia kif ukoll dawk li jkollhom bżonn l-aċċess għas-servizzi tal-Pain Clinic.

## Saħħa Mentali

99. Flimkien mal-professjonisti, nibnu mill-qiegħ riforma estensiva fil-kura tas-saħħa mentali b'bidla qawwija favur l-appoġġ u trattament fil-komunità u impenn kollettiv kontra l-istigma lejn dawn il-kundizzjonijiet.

100. Nagħlqu l-Isptar Mount Carmel u nibnu sptar ġdid għal-kura tas-saħħa mentali, fil-viċinanzi tal-Isptar Mater Dei, iffukat biex jittratta pazjenti b'kundizzjonijiet akuti.

101. Niżviluppaw numru ta' ċentri u faċilitajiet dedikati għat-tfal u żgħażagħ ta' etajiet differenti li jkollhom bżonn kura tas-saħħa mentali f'xi żmien jew ieħor ta' ħajjithom.

## Saħħa Sesswali

102. Fid-dawl tal-kriżi kbira fir-rata ta' mard trażmess sesswalment (STD u STI) ser nagħmlu qabża kbira fil-firxa ta' servizzi offruti mill-gvern fil-qasam tas-saħħa sesswali permezz tal-GU Clinic, b'enfasi qawwija fuq il-prevenzjoni u trattament fil-ħin f'kull aspett ta' din il-materja kif ukoll billi nwaqqfu branka ta' din il-klinika f'Għawdex.

103. Nipprovdu l-faċilitajiet kollha neċessarji biex jiġu provduti s-servizzi meħtieġa minn ġeneri differenti inkluż t-terapiji ormonali kif ukoll l-kirurġija li jkollhom bżonn persuni trans.

104. Bħala prijorità ser naraw li l-Pre-Exposure Prophylaxis (PREP) u l-Post-Exposure Prophylaxis jitpoġġew fuq il-formolarju tal-mediċini sabiex dawk f'riskju jkollhom aċċess għaliha b'mod aktar dirett, bla ħlas u immedjat

105. Se nimplimentaw ukoll il-politika ddikjarata tagħna dwar l-aċċessibbiltà tal-kontraċezzjoni għal kulħadd.

## IVF u Maternità

106. Dawk kollha eliġibbli għas-servizz tal-IVF ser ikollhom il-proċess kollhu kopert bla ħlas, inkluż it-trattament, il-faċilitajiet, il-konsultazzjonijiet u l-mediċini kollha neċessarji. Fil-każ li jkun hemm bżonn kliniku li t-trattament isir barra minn Malta, dan jiġi kopert taħt il-mekkaniżmi viġġenti tat-trattament barra minn pajjiżna.

107. Ommijiet li jkunu welldu tarbija permezz tas-servizz tal-IVF jibqgħu eliġibbli li jużaw l-proċess kollu bla ħlas għal ċikli sussegwenti biex ikollhom aktar tfal.

108. Nibqgħu ninvestu fis-servizz tal-IVF u tal-maternita' f'pajjiżna biex nagħmlu mill-faċilitajiet tagħna fost l-aqwa fl-UE fejn omm twelled it-tarbija tagħha.

## Eċċellenza fl-Isport

109. Biex nappoġġjaw stil ta' ħajja dejjem aktar sana, ser nagħtu krediti tat-taxxa lil min iħaddem biex jalloka sa sagħtejn fil-ġimgħa lil kull impjegat għal taħriġ fiżiku strutturat jew għal programmi ta' fitness lill-ħaddiema tiegħu.

110. Fejn jidħol l-isport, inwettqu bidla fl-istrateġija nazzjonali taħt it-tmexxija ta' Ministru speċifikatament dedikat għall-isport, nagħmlu qabża kbira fl-ħidma u l-kultura sportiva tagħna u ntejbu l-faċilitajiet sportivi f'Malta u Għawdex.

**111.** Inwettqu bidla rivoluzzjonarja fil-politika tal-isport f'pajjiżna billi dan isir prijorità ewlenija għall-investiment mill-gvern u mill-privat permezz ta' mekkaniżmi ta' inċentivi li jħajru l-investiment lokali u barrani.

**112.** Inqisu l-isport bħala settur ta' prijorità nazzjonali b'impenn biex nappoġġawh b'investiment qawwi f'faċilitajiet nazzjonali ta' livell għoli:

- Il-Kampus Malti għall-Innovazzjoni Sportiva: faċilità ta' livell internazzjonali ddedikat għax-xjenzi fl-isport u taħriġ speċjalizzat.
- Ċentru Reġjonali għall-Indoor Sports: faċilità sportiva moderna li tospita avvenimenti nazzjonali u internazzjonali tal-isport fuq ġewwa.
- Arena tal-Futsal: biex dan il-kampjonat mill-aktar popolari jibqa' juri l-potenzjal tal-klabbs, tal-plajers u tal-kowċis aspiranti lokali biex jirnexxilu jilħaq livelli ogħla.
- It-Trakka ta' Ħal Far: inwettqu minnufih il-proġett tat-trakka tat-tlielaq proposta f'Ħal Far billi nipprovdu appoġġ sħiħ tul il-proċess tal-ippjanar u l-iżvilupp.

**113.** Nidħlu f'koalizzjoni mal-għaqdiet u mal-klabbs sportivi biex kull min għandu talent, sa mill-iċken etajiet, ngħinuh jasal u jilħaq l-aspirazzjonijiet professjonali tiegħu f'pajjiżna u barra.

**114.** Filwaqt li l-isport huwa pilastru importanti tal-viżjoni tagħna, in-nurseries huma l-mixtliet tas-suċċess sportiv f'kull dixxiplina. Għaldaqstant nagħtuhom għotja ta' €500 għal kull tifel jew tifla, żagħżugħ jew żagħżugħa sa 18-il sena li jieħdu sehem fi programmi strutturati tan-nurseries, akkademji u skejjel sportivi konformi mal-ESG biex dawn iwettqu investiment kapitali u jqabbdu persunal tekniku kwalifikat.

**115.** Nagħtu appoġġ lill-klabbs u l-organizzazzjonijiet volontarji kollha konformi mal-ESG, biex:

- Isiru sidien tal-proprjetà tagħhom bi trasferiment ta' art/proprjetà tal-gvern jew b'appoġġ finanzjarju għax-xiri ta' xi post eżistenti.
- Jagħmlu titjib strutturali fil-proprjetajiet tagħhom b'termini ta' finanzjament favorevoli.

**116.** Intejjbu b'mod sostanzjali l-inċentivi għal dawk kollha li jagħżlu l-isport bħala karriera tagħhom kemm jekk huma atleti jew kowċis, inkluż li nipprovdu rata tat-taxxa ta' 5% fuq l-ewwel €80,000 tad-dħul lill-persuni kollha rreġistrati bħala plijers, atleti jew kowċis jew instructors fl-istess dixxiplini.

**117.** Nirrikonoxxu l-e-sports bħala dixxiplina speċjalizzata fejn ser nagħtu appoġġ qawwi permezz ta' għotjiet, tagħmir u taħriġ lil kull min jieħu sehem f'dan it-tip ta' sport b'mod strutturat.

**118.** Ninvestu fi strutturi u programmi biex il-parteċipazzjoni ta' atleti u klabbs Maltin f'kompetizzjonijiet internazzjonali tkun tista' tagħmel qabża kbira.

# Drittijiet tal-Annimali

**119.** Niżviluppaw u nwettqu programm komprensiv għal titjib fid-drittijiet tal-annimali li jkun mibni fuq tolleranza zero għall-moħqrija, l-abbandun jew l-isfruttar kummerċjali tal-annimali f'pajjiżna.

**120.** Wara konsultazzjoni wiesgħa, titwettaq riforma sħiħa fid-Dipartiment tal-Animal Welfare bil-għan li jiżdiedu r-riżorsi, it-taħriġ kif ukoll jitjieb l-apparat ta' protezzjoni għall-ħaddiema inkluż l-użu ta' body cams għal uffiċjali li jwettqu spezzjonijiet.

**121.** Titwaqqaf sezzjoni fil-Korp tal-Pulizija iffukata fuq l-Animal Welfare li tkun tista' tuża l-mezzi disponnibbli għall-Korp f'każijiet li jinvolvu infurzar inkluż dawk ta' krudelta' tal-annimali kif ukoll l-ipperikular ta' speċi protetti jew endemiċi.

## Tema 3:

# Ninvestu llum għall-ekonomija *ta' għada* +1 ♥

- Nużaw il-ħidma tagħna biex noħorġu mill-kriżi tal-Covid-19 biex nittrasformaw l-ekonomija tagħna f'waħda aktar innovattivi, mibnija fuq il-valur miżjud, b'sensiela ta' setturi u ekosistemi ġodda li jistgħu jsarrfu f'mudell ekonomiku li jrendi aktar u joħloq aktar ġid u xogħol ta' kwalità għall-ħaddiema Maltin u Għawdxin.

- Nibnu l-ekonomija ta' għada f'qafas ta' żvilupp sostenibbli, f'pajjiż isbaħ u b'aktar spazji miftuħa, b'industrija tat-turiżmu li tiffoka fuq il-kwalità u mhux biss fuq il-volumi

Fl-isforzi kollettivi biex inqumu fuq saqajna mid-daqqa tal-pandemija naraw opportunità tad-deheb biex bi pjan fit-tul iżda b'azzjonijiet immedjati, insejsu l-ekonomija t'għada fuq sisien sodi. Hekk niżguraw futur mill-isbaħ liż-żgħażagħ tagħna u xogħol ta' kwalità lill-ħaddiema Maltin u Għawdxin. Minn barra li noħorġu lil pajjiżna mill-kriżi li qiegħdin fiha sejrin ukoll nagħmlu sforzi fuq kull livel ta' politika, diplomazija u teknika biex nerġgħu niksbu lura r-reputazzjoni ta' pajjiżna bħala sieħeb ewlieni fir-reġjun u l-UE, fejn ir-rispett lejn is-saltna tad-dritt isserraħ ras lil kull investitur li jħares lejn pajjiżna bħala l-post fejn jibni l-intrapriża tiegħu.

Id-differenza ewlenija fil-politika tal-Partit Nazzjonalista hija li aħna nemmnu li biex issostni t-tnaqqis ġust tal-ġid l-ewwel trid toħolqu.Huwa għalhekk li fil-qalba tal-viżjoni ekonomika fit-tul għal Malta hemm l-innovazzjoni u l-valur miżjud li din tipprovdi. Ser nikbru ekonomikament billi noħolqu ambjent li fih it-talent, il-potenzjal u l-aspirazzjonijiet ser jiġu xprunati biex jikbru u jimirħu. Ser nerġgħu nibnu ekonomija li tkun kapaċi toħloq setturi u niċeċ ġodda ta' attività ta' valur miżjud ħalli l-ħaddiema tal-lum u t'għada jkollhom pagi u kundizzjonijiet ferm aħjar minn dawk tal-ġenerazzjonijiet passati.

It-tkabbir ekonomiku li ser noħolqu permezz ta' dawn is-setturi ġodda ser iwasslu għal ħolqien ta' ġid li ser itejjeb bis-sħiħ il-livell ta' l-impjiegi f'pajjiżna u jgħolli l-valur miżjud li dawn jikkontribwixxu. Dawn is-setturi ser ikomplu jsaħħu l-potenzjal turistiku ta' pajjiżna b'din l-industrija tkompli tissaħħaħ u togħla fil-kontribut ekonomiku għall-pajjiżna. Dan il-valur miżjud huwa ċ-ċavetta għal kwalita' tal-ħajja aħjar, titjib fil-pagi tal-ħaddiema fil-qafas tal-living income li qed nimmiraw għaliha kif ukoll it-tkabbir fid-dħul tal-Gvern minn dawn l-attivitajiet li jiġġeneraw aktar dħul mingħajr ma' jżidu l-piż fuq l-intrapriżi u l-ħaddiema.

Il-mudell ekonomiku tagħna huwa mibni fuq tkabbir b'saħħtu fil-GDP ras imb'ras li jasal għand kull persuna li taħdem f'pajjiżna u mhux sempliċement tkabbir fih innifsu. Għalina mhux ser ikun biżżejjed li jkollna n-nies f'impjieg iżda rridu nassiguraw li jkollna impjiegi ta' kwalita li jrendu għall-ħaddiema tagħna fi kwalunkwe settur b'pagi li tal-anqas jilħqu l-living wage u li joħolqu biżżejjed dħul għall-familji biex jgħixu u mhux biss jeżistu.

Huwa għalhekk li ser inpoġġu mira ċara quddiemna biex id-dħul medjan f'pajjiżna jiżdied bi 30% sal-aħħar tal-leġiżlatura li jmiss biex b'hekk il-livell tad-dħul tal-familji Maltin u Għawdxin jibqa' jibbenefika mit-trasformazzjoni ekonomika li ser inkunu qiegħdin niġġeneraw.

Dan huwa dak li ser inwettqu: tkabbir ekonomiku f'setturi ekonomiċi li ma' jippreġudikawx l-ambjent naturali tagħna, pagi aħjar u għola u bilanċ dejjem aħjar bejn ix-xogħol u l-ħin liberu u mal-familja. Din hija l-wegħda soċjo-ekonomika tagħna. Kommessi li nsaħħu l-ekosistemi tal-lum u noħolqu oħrajn ġodda, intejbu r-reżiljenza tal-ekonomija tagħna b'aktar diversifikazzjoni tas-setturi ekonomiċi u bi tħejjija u aġilita' aħjar biex Malta tkun tista' tilqa' għall-kriżijiet internazzjonali futuri.

Bħala pajjiż ekonomikament b'saħħtu b'setturi ġodda mibnijin fuq it-talent internazzjonali pajjiżna ser ikompli jevolvi f'hub għall-edukazzjoni internazzjonali, għal-loġistika, għas-settur marittimu, għall-avjazzjoni, għall-manifattura ta' valur u għall-ekonomija diġitali. Eżempju ċar tal-ħidma tagħna ser ikun hemm l-impenn li nerġgħu nagħtu attenzjoni kbira lis-settur marittimu: settur li joħloq direttament mat-€850 miljun f'valur miżjud fis-sena, li jiżboq iż-żewġ biljun Ewro meta tqis il-multiplier effect tiegħu. Settur li jikkontribwixxi lejn madwar 12,000 dirett impjieg f'pajjiżna, b'impatt indirett fuq aktar minn 8,000 ħaddiem ieħor.

Determinati li ninvestu bil-qawwa fin-negozji u fil-ħaddiema tagħna, li ħafna minnhom huma negozji tal-familja, l-intrapriżi żgħar u medji u s-self-employed li jħaddmu eluf ta' persuni. Il-politika ekonomika tagħna mhux ser tieqaf fuq l-attivitajiet il-kbar biss iżda ser tagħti l-appoġġ kollu neċessarji biex nerġgħu nqajjmu fuq saqajh is-settur ta l-intrapriżi ż-żgħar u dak tas-self-employed fid-diversi forom tiegħu: fil-ħwienet, fis-swieq, fiż-żoni tal-artiġjanat, fis-servizzi u fil-qasam tal-professjonisti.

Għaliex nemmnu fil-kunċett soċjo-ekonomiku tal-koperattivi u tal-intrapriża soċjali ser nagħtuh mbuttatura qawwija biex aktar ħaddiema jibdew jikkunsidraw jorganizzaw il-ħidma tagħhom fuq dan il-mudell li jirrifletti r-ruh soċjali tal-politika ekonomika li aħna jridu naraw titkattar f'pajjiżna.

## Nindirizzaw l-isfidi Ewlenin

122. Minħabba li m'aħniex ser nikinsu taħt it-tapit il-problemi ekonomiċi li ħalliet wara l-pandemija, ser infasslu u nimplimentaw pjan ta' tkabbir ekonomiku għal wara l-COVID biex jitħaffef l-irkupru, b'mod partikolari fl-oqsma l-aktar milquta.

123. Jiġi appuntat Mibgħut Speċjali tal-Prim Ministru li jintgħażel flimkien mal-korpi kostitwiti sabiex ikun il-vuċi ewlenija tal-pajjiż fl-isforzi tagħna biex nirripristinaw ir-reputazzjoni ta' pajjiżna fil-qasam ekonomiku.

124. Inqisu s-sostenibbiltà bħala test ekonomiku aħħari li fuqu nieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-għażliet tal-prijoritajiet, u nħeġġu ekonomija li ma' tużax art mhux mittiefsa u mingħajr emissjonijiet tal-karbonju eċċessivi.

125. Noħolqu Fond Nazzjonali b'baġit annwali inizjali ta' €40 miljun biex nappoġġaw lill-industrija li timporta u/jew tesporta biex nagħmlu tajjeb għall-impatt tal-iżvantaġġi strutturali tal-loġistika u d-defiċit kompetittiv li din qed iġġarrab minħabba l-insularità ta' pajjiżna bħala gżira.

## Qafas ESG: Sostennibilita u Responsabbilita'

126. Inwettqu bidla mill-qiegħ tal-programmi ta' inċentivar fiskali permezz ta' kunċett ġdid ta' politika intiża biex in-negozji jiġu rikonoxxuti u inċentivati biex jikkonformaw mal-għanijiet soċjali, ambjentali u ta' governanza (ESG) ta' pajjiżna. Il-qafas ta' l-ESG ser jinbena fuq għadd ta' kriterji li se jitfasslu flimkien mal-korpi kostitwiti u l-imsieħba soċjali (permezz ta' Kunsill Konsultattiv taħt il-kappa tal-MCESD) u jiġu aġġornati b'eżerċizzju regolari ta' kull sena. In-negozji konformi mal-kriterji ta' l-ESG ser ikunu eliġibbli għal benefiċċji u inċentivi b'saħħithom kif ukoll għal appoġġ iffukat biex isiru u jibqgħu konformi.

- Kriterji Ambjentali: impenn għal miżuri tan-newtralita klimatika; użu responsabbli ta' l-art; immaniġġjar ta' l-iskart; konsum ta' l-elettriku.
- Kriterji ta' Responsabbiltà Soċjali: l-ebda prattiki ta' xogħol illegali jew prekarji; impenn sħiħ għal miżuri ta' bilanċ bejn il-ħajja privata u x-xogħol; parteċipazzjoni attiva fil-komunità, u.
- Kriterji ta' Governanza: konformita sħiħa mal-obbligi fiskali u regolatorji.

# Insaħħu s-Setturi li Bnejna Aħna Stess

**127.** L-element ewlieni li ser jiġġenera l-ġid u d-dħul neċessarju biex titwettaq il-viżjoni tagħna ser ikun it-trasformazzjoni ekonomika msejjsa fuq żewġ programmi ta' ħidma. L-ewwel li nsaħħu l-industriji eżistenti li qed jiġġeneraw attivita' ekonomika ta' valur għoli u t-tieni li noħolqu numru ta' setturi u industriji ġodda li għandhom valur miżjud għoli, jipprovdu ammont sostenibbli ta' impjiegi ġodda b'pagi tajbin, li għandhom komponent qawwi ta' innovazzjoni filwaqt li huma konformi mal-qafas tal-kriterji soċjali, ambjentali u ta' governanza (ESG) imfassla għal pajjiżna.

**128.** Għal kull wieħed minn dawn is-setturi ta' valur miżjud għoli li ħoloq Gvern Nazzjonalista u li llum huma pilastri ekonomiċi, ser noħolqu Task Force bil-għan ewlieni li titfassal il-ġenerazzjoni li jmiss tas-setturi rispettivi. Kull Task Force ser tkun immexxija minn firxa wiesgħa ta' business leaders mis-settur privat li ser isawwru programm ta' ħidma u miżuri intiz biexi jiffaċilita l-investiment f'dawn is-setturi kif ukoll billi nsaħħu l-kompetittivita tas-settur u l-ħaddiema li jaħdmu fihom.:

- Industrija marittima.
- Industrija ta' l-avjazzjoni.
- Is-settur tas-servizzi finanzjarji.
- Il-qasam tal-manifattura avvanzata.
- Il-gaming.
- L-industrija tal-life sciences u l-farmaċewtika.

**129.** Inniedu portafoll ta' ekosistemi lokali, fl-industriji li ħolqu Gvernijiet Nazzjonalisti, imfassla biex joħolqu ċentri ta' eċċellenza miġburin fi clusters industrijali li kapaċi jgħaqqdu investiment u talent lokali ma' dak barrani.

**130.** Fil-qasam tas-servizzi finanzjarji ser jingħata spazju ħafna akbar lill-istakeholders ewlenin kollha f'dan il-qasam bir-rwol tal-gvern ikun wieħed dejjem aktar limitat u ffukat fuq l-aspett regolatorju u l-ħolqien ta' mekkaniżmi ta' inċentivar għall-operaturi li jkunu aderenti mal-kriterji tal-ESG.

**131.** Biex innaqqsu l-piż minn fuq il-professjonisti fl-oqsma finanzjarji u legali, flimkien ma' operaturi privati f'dan il-qasam, inwaqqfu aġenzija ċentrali li tkun tista' sservi ta' clearing house għal-livelli varji tad-due diligence li jkun hemm bżonn minn żmien għall-ieħor.

**132.** Infasslu mill-ġdid il-pożizzjoni tagħna fejn jidħol il-kummerċ Malti fid-dinja, fl-UE u fir-reġjun b'aktar emfasi fuq il-konnessjonijiet loġistiċi u virtwali billi nikkonverġu l-ħiliet, l-investimenti u l-infrastruttura li għandna fl-oqsma tal-avjazzjoni, marittimi, teknoloġija, loġistika u distribuzzjoni.

# Il-Fus tas-Suċċess: is-Setturi Ekonomiċi l-Ġodda

**133.** Sabiex insaħħu l-importanza tas-settur tal-loġisitika internazzjonali, il-qasam ta' l-avjazzjoni u l-industrija marittima, dawn l-oqsma jiġu assenjati direttament taħt ir-responsabbilta' ta' Ministru li jkun responsabbli mit-tkabbir tagħhom fuq skala reġjonali kif ukoll internazzjonali.

**134.** Tinħoloq Aġenzija Marittima Maltija bil-għan li sservi bħala l-entita ewlenija biex tmexxi l-politika marittima u tattira l-investiment lejn pajjiżna f'dan il-qasam kruċjali għat-tkabbir ekonomiku kif ukoll li tkun xprun ta' innovazzjoni fil-qasam marittimu b'enfasi fuq il-marine bio technology u l-marine infrastructure.

**135.** Noħolqu rabtiet ta' valur miżjud akbar fil-qasam tal-manifattura.

**136.** Niffaċilitaw u ninċentivaw strutturi ġodda ta' negozju u l-ekonomija tal-pjattaformi.

**137.** Niddefinixxu mill-ġdid l-iżvilupp tal-proprjetà b'mudell sostenibbli għall-akkomodazzjoni, b'emfasi fuq retro-fitting u bi proprjetà mibnija bi kwalità u ta' valur estetiku.

**138.** Inniedu programm ta' modernizzazzjoni għall-industrija tal-kostruzzjoni, li jevolvi s-settur fuq l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà u s-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol.

**139.** Ser noħolqu programm ta' xprunar ta' investiment bil-ħolqien ta' għaxar setturi innovattivi f'pajjiżna:

- Investimenti xprunati mill-industrija tal-metaverse u d-dinja virtwali.
- Is-servizzi ta' konformità u d-due diligence.
- Manifattura speċjalizzata bl-użu intensiv tar-robotika.
- L-applikazzjoni avvanzata ta' l-istampar 3D.
- L-applikazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali (AI).
- L-e-Sports.
- Il-konverġenza tas-setturi tal-films u tal-kreattivita f'industrija tal-logħob diġitali.
- L-industrija tal-isports.
- L-ottimizzazzjoni tal-enerġija.
- Intrapriżi soċjali internazzjonali u operaturi globali fil-qasam tal-profit with purpose.

F'kull wieħed minn dawn l-oqsma se nrawmu u nirriflettu rwol importanti tas-setturi tal-ospitalità, l-edukazzjoni, is-saħħa u d-divertiment biex noħolqu ekosistemi sħaħ li jkabbru ħafna aktar il-valur miżjud tas-setturi.

**140.** Noħolqu Fond ta' *Trasformazzjoni Ekomomika* (FTE) ta' €1B (biljun Ewro) biex nixprunaw u nkattru s-setturi ġodda u nevolvu l-ġenerazzjoni li jmiss tas-setturi eżistenti, permezz ta' programm li jiffinanzja nofs l-investiment kapitali ta' intrapriżi eliġibbli u konformi mal-kriterji ESG. 70% tal-Fond, li jkun garantit mill-Istat, jinġabar pubblikament, billi tingħata opportunita' lil dawk

li għandhom depożiti lokali fit-tul miżmuma fl-istituzzjonijiet finanzjarji, bi priorita' għal persuni anzjani biex jiġi ġġenerat id-dħul lilhom. It-30% l-oħra jinkisbu minn istituzzjonijiet lokali u Ewropej tas-self li għandhom l-għan li jappoġġaw l-iżvilupp ekonomiku. Il-qligħ kapitali mill-investimenti bħala ishma (equity) f'dan il-Fond ser ikun eżenti mit-taxxa, filwaqt li l-gvern ser jinċentiva lill-investituri jiffinanzja 70% tal-interessi dovuti lill-min jinvesti fil-Fond fuq bażi ta' self.

**141.** Niżguraw li kull investitur mhux residenti Malta li jagħżel li jistabbilixxi b'sustanza, f'Malta jew Għawdex, intrapriża f'wieħed mis-setturi l-ġodda u li jkun konformi mal-kriterji ta' l-ESG, b'investiment minimu ta' €500,000, jingħata pakkett ta' rilokazzjoni kompetittiv ħafna biex niffaċilitaw it-tranżizzjoni u l-adattament tal-investitur u tat-tim tiegħu għax-xenarju lokali. Fil-każ t'Għawdex il-limitu tal-pakkett mogħti jkun ta' 50% akbar minn dak stabbilit għal Malta.

## Industrija tat-Turiżmu Reżiljenti

**142.** Ninċentivaw lill-industrija biex noħolqu industrija tat-turiżmu evoluta: b'valur ogħla bl-inqas impatt ambjentali possibbli, ibbażat fuq il-100 proposta ppubblikati fil-Pjan ta' l-Irkupru tat-Turiżmu 2+8.

**143.** Il-prijorità ewlenija fil-politika tat-turiżmu u l-investiment tal-gvern ser tkun it-titjib tal-prodott turistiku b'investiment b'saħħtu fl-infrastruttura turistika u fuq il-faċilitajiet li jsaħħu l-esperjenza turistika f'pajjiżna.

**144.** Titwaqqaf il-ħela li kkaratterizzat is-settur tat-turiżmu fl-aħħar tmien snin biex il-fondi pubbliċi jibdew jintużaw bi strateġija aktar iffukata u maqbula ma' l-industrija biex ir-riklamar tad-destinazzjoni tagħna jilħaq dawk is-swieq li nistgħu nattiraw l-aktar turisti ta' kwalita minnhom kif ukoll biex jgħin lill-operaturi fil-livelli kollha biex isaħħu dejjem aktar l-operat diġitali tagħhom b'emfasi partikolari fuq l-integrazzjoni ma' pjattaformi globali ewlenin tat-turiżmu.

**145.** Tiddaħħal skema ta' darba ta' tax credit ta' 50% biex lukandi ta' tlieta, erba' u ħames stilel ikunu jistgħu jagħmlu investiment kapitali li jiffoka primarjament fuq titjib fil-faċilitajiet tagħhom bil-għan li jelevaw il-prodott tal-akkomodazzjoni tagħhom.

**146.** Nidħlu f'qafas ta' sħubija strateġika mal-industrija tat-turiżmu biex jiġu żviluppati setturi ġodda ta' turiżmu speċjalizzat biex tingħeleb l-istaġjonalita u ngħollu dejjem iktar il-valur tat-turiżmu. L-ewwel setturi li ser jingħataw prijorità huma dawk

- Mediku.
- Kulturali u reliġjuż.
- Sportiv.
- Edukattiv f'livelli avvanzati.

147. L-istabbiliment tal-ikel u x-xorb jingħataw spinta kbira permezz ta' tnaqqis fir-rata tal-VAT għal 7%.

148. Inwettqu programm komprensiv maqbul mal-industrija tat-turiżmu u mal-Malta International Airport biex jitkabbar is-seat capacity tat-titjiriet lejn pajjiżna minn rotot ewlenin li jistgħu jgħinu lill-industrija tilħaq il-kapjenza ideali tagħha tul is-sena kollha biex tiġi indirizzata l-isfida tal-istaġjonalità.

149. Infasslu każ b'saħħtu għal appoġġ lill-Air Malta biex tibqa' taqdi r-rwol essenzjali tagħha bħala l-linja tal-ajru nazzjonali filwaqt li nagħmlu dak kollu li hemm bżonn biex pajjiżna ma jispiċċa qatt mingħajr linja lokali tal-ajru li tiggarantixxi l-aċċessibilità minn u lejn pajjiżna.

## L-Intrapriżi Żgħar: il-Qofol tal-Ekonomija Tagħna

150. Il-kriterji tal-ESG għall-intrapriżi żgħar ikunu mibnijin fuq kemm min iħaddem qiegħed jaddotta kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa għall-impjegati tiegħu, kemm qiegħed jikkontribwixxi lejn il-komunità li jopera fiha kif ukoll kemm għandu l-aspetti fiskali regolarizzati.

151. Nibnu ġenerazzjoni ġdida tas-self-employed fuq it-tneħħija tal-burokrazija, fuq it-tnaqqis fl-ispejjeż tal-amministrazzjoni u fil-piż tat-taxxa, fuq inċentivi biex tikber l-attività tas-self-employed u b'hekk jinħolqu aktar impjiegi u jikber l-operat.

152. Dawk is-self-employed u sidien ta' negozji żgħar li jkollhom xi bolol nieqsa għall-pensjoni jingħataw l-opportunita' li jħallsuhom qabel jaslu għall-età tal-irtirar.

153. Lis-self-employed inqisuhom f'kategorija ta' ħaddiema li jibbenefikaw mis-servizzi kollha li jibbenefika kull ħaddiem f'oqsma oħra biex inħajru dejjem aktar nies jinvestu fl-intrapriża tagħhom.

154. Innaqqsu l-ispiża fissa ta' renta għas-servizz ta' meters tat-tip three phase għas-self-employed u sidien ta' negozji żgħar li jkollhom aktar minn meters tat-tip three phase wieħed għan-negozju taħt isimhom.

155. Niżguraw li l-inċentivi kollha tal-Malta Enterprise jingħataw ukoll lil self-employed u sidien ta' negozji żgħar.

156. Nappoġġaw lin-negozji żgħar (dawk b'10 impjegati jew inqas) li huma konformi mal-kriterji tal-ESG biex iżidu l-impjiegi billi nipprovdu għotja ta' flus bil-quddiem ta' darba lil min iħaddem, li tkun daqs 50% tas-salarju annwali tal-ħaddiem meta jiġi impjegat, diment li jiġi impjegat għal perjodu minimu ta' 3 snin.

157. Indaħħlu mekkaniżmi fi proċessi tal-gvern li jiddiskriminaw favur intrapriżi żgħar b'enfasi fuq inċentivi li jkollhom budget limitat u ċertu kategoriji ta' xiri pubbliku.

## Il-Qasam tal-Ħwienet

158. Il-qasam tar-retail ser jingħata l-importanza li jistħoqqlu f'ekonomija moderna b'suq tat-turiżmu b'saħħtu. Ser ninċentivaw aktar imprendituri żgħar biex jinvestu u jiftħu ħwienet ta' karattru fiċ-ċentri ewelnin ta' pajjiżna bil-għan li noħolqu ekosistemi bbażati fuq il-kunċett ta' '10-minute neighbourhood' minsuġ fil-karratteristiċi tipiċi tal-lokalitajiet tagħna.

159. Ser naħdmu mar-rappreżentanti tal-ħwienet biex tinstab soluzzjoni jew rimedju għal dawk il-ħwienet li joperaw taħt kirja kummerċjali li tagħlaq fl-2028. M huwiex ġust li min bena u indokra ħanut għal tant snin jispiċċa jitlef dak kollu li għamel mingħajr ebda triq alternattiva.

160. Ngħinu lill-ħwienet (retail) fil-lokalitajiet mifruxa f'Malta u Għawdex permezz ta' titjib fl-infrastruttura, faċilitajiet ta' parkeġġ u s-servizzi anċillari l-oħra meħtieġa.

161. Ngħinu lill-komunitajiet kummerċjali joħolqu inizjattivi li jħajru l-konsumatur jixtri mil-lokal.

162. Nieħdu ħsieb aħjar iż-żamma tas-swieq organizzati, bi djalogu mal-bejjiegħa u l-kunsilli lokali rispettivi.

163. Nindirizzaw il-problema tal-kummerċ illeċitu biex inneħħu l-kompetizzjoni inġusta bejn negozji li jaħdmu sewwa u negozji li jaħdmu b'mod inġust u qarrieq.

## Ninċentivaw l-Artiġjanat

164. Noħolqu skemi li joffru inċentivar finanzjarju u spazji b'mod innovattiv, minkejja l-limitazzjoni tal-art, minn fejn jaħdmu artiġjani u nies tas-sengħa biex insalvaw u nippromwovu l-artiġjanat Malti u Għawdxi.

165. Inkomplu l-ħidma meħtieġa biex kemm ta' Dbieġi u Ta' Qali jkunu ċentri ta' artiġjanat Malti u Għawdxi.

166. Noħolqu skemi li jgħinu artiġjani Maltin u Għawdxin biex ipoġġu l-prodotti tagħhom fis-suq lokali, b'konsultazzjoni mal-Kunsill għall-Artiġjanat Malti u Għawdxi.

# Nixprunaw il-Koperattivi

**167.** Ser nappoġġjaw it-tħaddim tal-koperattivi fis-sistema ekonomika tagħna billi nipprovdu qafas ta' inċentivi intiżi biex jgħinuhom jinvestu, jikbru u jinvolvu numru dejjem akbar ta' persuni. Dan ikun xprunat minn għarfien ħafna akbar tal-prinċipji tal-koperattivi kif ukoll it-tħaddim tagħhom.

**168.** Flimkien mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi, issir reviżjoni leġiżlattiva biex flimkien mal-liġi dwar l-intrapriża soċjali din il-liġi tkun aġġornata għaċ-ċirkostanzi ekonomiċi li llum iridu joperaw fihom dawn it-tip ta' organizzazzjonijiet. Din ir-reviżjoni trid tnaqqas l-ostakli għat-twaqqif u t-tħaddim tal-koperattivi, fil-koperattivi tikkonsolida l-prinċipju tal 'one-member, one-vote' filwaqt li titneħħa kull forma ta' diskriminazzjoni jew żvantaġġ li jista' jkollhom ma' tipi oħrajn ta' organizzazzjonijiet.

**169.** Inħajru u nappoġġjaw b'saħħa t-twaqqif u t-tħaddim ta' koperattivi li l-operat tagħhom ikun iffukat fuq ħidma fil-komunitajiet lokali bħat-tisbiħ fil-lokal, it-tindif, l-enerġija alternattiva kif ukoll l-akkomodazzjoni soċjali.



## Tema 4:

# Prijorità fil-protezzjoni *tal-ambjent*

+1♥

- Ser nixprunaw bidla radikali fil-politika ambjentali ta' pajjiżna billi niffurmaw alleanza b'saħħitha ta' dawk kollha li verament għandhom għal qalbhom l-ambjent ta' pajjiżna, il-konservazzjoni tiegħu u dak kollu li jagħmilna pajjiż sostenibbli.
- Ma nibqgħux inħarsu lejn l-ambjent bħala suġġett iżolat iżda nibnu qafas fejn il-prijorità tal-protezzjoni tal-ambjent tkun parti integrali ta' kwalunkwe settur tal-politika tagħna biex pajjiżna ma jerġa' qatt jirrepeti l-iżbalji tal-passat.

L-ambjent jinsab fil-qalba tal-kwalità tal-ħajja tagħna. Fuq il-kwalità tal-arja, tal-ilma, tal-ħamrija u tal-baħar tiddependi ħajjitna u s-saħħa tagħna.

Il-ħolqien u l-ħarsien tal-ispazji miftuħa fl-irħula u l-bliet tagħna, u l-konservazzjoni tal-irkejjen mhux mittiefsa fil-kampanja Maltija huma prijorità ewlenija għal pajjiżna u għall-Partit Nazzjonalista. Neħtieġu pjan fit-tul, bl-istess miri tal-Kummissjoni Ewropea fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, biex l-attività tal-bniedem fil-forom kollha tagħha tħalli l-inqas impatt u impronta possibbli fuq l-ambjent tagħna. Madankollu, biex ikollna pjan tassew sostenibbli jeħtiġilna mingħajr dewmien insibu bilanċ ġust fil-mod kif nużaw ir-riżorsi ħalli l-intervent uman ma jdgħajjifx jew ma jirrovinax il-kwalità tar-riżorsi naturali, kemm għall-ġenerazzjonijiet tal-lum u anki ta' għada.

Kull ċittadin jeħtieġ jagħmel il-parti tiegħu: il-bidla l-kbira tibda bil-bidliet iż-żgħar ta' kull wieħed u waħda minna. Iżda mbagħad neħtieġu gvern li jfassal u jwettaq politika li tiżgura li l-bidla li jagħmel kull ċittadin tissarraf f'kisbiet kbar għall-pajjiż kollu. Ngħidu aħna, minbarra li neħtieġu ċittadini li jisseparaw bir-reqqa l-iskart tagħhom, neħtieġu gvern li jaċċertana li l-iskart isseparat isir riżorsa u mhux jerġa' jitħallat u jintefa' xorta waħda ġo xi miżbla. Jew minbarra li neħtieġu ċittadini li jibżgħu għall-enerġija u jduru għal sorsi tal-enerġija rinnovabbli, neħtieġu gvern li jmexxi bl-eżempju, jinċentiva u jħares l-investimenti tan-nies f'dan il-qasam.

Irridu nilħqu l-miri ambizzjużi li fasslet il-Kummissjoni Ewropea sal-2030 u sal-2050, u rridu li fl-ambjent nisfruttaw iċ-ċokon tagħna biex inkunu fost l-aktar Stati Membri ppreparati, attrezzati u adattati għat-tibdil fil-klima, għall-ekonomija ċirkolari, għall-ekonomija newtrali mill-karbonju u l-bqija. Irridu nippromwovu użu aktar għaqli tal-ilma, tnaqqis fil-plastik li jintuża darba biss, investimenti f'apparat effiċjenti fl-użu tal-enerġija, u l-qalba lejn il-vetturi elettriċi u ibridi. Din il-viżjoni fit-tul tal-Partit Nazzjonalista hija prijorità għall-pajjiż kollu. Qed nipproponu politika favur il-konservazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli ta' pajjiżna, billi qabel xejn nagħrfu l-ħtieġa li nipproteġu l-ispazji miftuħa u l-ambjent rurali tagħna, bħala l-pulmun tal-pajjiż.

Biex niżguraw il-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-ftit spazji miftuħa li fadal, il-bajjiet, l-imsaġar, ir-raba', il-parks naturali, ix-xagħri u l-ġonna pubbliċi fl-irħula, jeħtieġ naturalment naħsbu fit-tisbiħ u t-tindif tagħhom, iżda rridu politika li tmur oltre minn dan. Irridu qafas leġiżlattiv sod u ninvolvu mill-qrib lill-akbar ammont ta' partijiet ikkonċernati u interessati possibbli, fosthom il-bdiewa, l-NGOs, l-għaqdiet u ċ-ċittadini.

Minbarra dan, lill-bdiewa, lir-raħħala u lis-sajjieda jeħtieġ inwiżnuhom aktar minn qatt qabel b'appoġġ finanzjarju biex iżidu l-investimenti tagħhom, inħajru aktar bdiewa żgħażagħ, u ninċentivaw il-biedja organika. Irridu wkoll nixprunaw l-innovazzjoni u l-użu tat-teknoloġija fejn jidħol ir-rendiment tal-uċuħ tar-raba', ħalli nindirizzaw parti mill-problema tal-iskarsezzi tal-ħaddiema f'dan il-qasam.

B'kollaborazzjoni mal-privat, mal-professjonisti u mal-NGOs, ser insaħħu l-ħarsien u titjib fl-ambjent u fir-riżorsi naturali, inkluż f'qiegħ il-baħar madwar il-gżejjer Maltin biex mhux biss isir attrazzjoni turistika għall-għaddasa Maltin u barranin, iżda biex ikollna riżervi naturali ġodda fejn jgħixu ħlejqiet marini tipiċi għall-baħar Malti u Mediterran.

Ser nixpurnaw investiment bla preċedent fl-ekonomija ċirkolari biex juża bil-għaqal il-miljuni ta' ewro f'fondi allokati mill-UE, biex l-iskart, l-ilma mormi, u materjal ieħor jinbidlu f'riżorsa utli u tiġġenera valur miżjud fl-ekonomija tagħna. Nibagħtu messaġġ ċar b'qafas leġiżlattiv b'saħħtu u b'impenn fil-prattika għal aktar infurzar, konservazzjoni u żvilupp sostenibbli.

## Politika Ambjentali Effettiva

**170.** Nistabbilixxu mira nazzjonali li nsiru pajjiż newtrali għall-klima fl-iqsar żmien possibbli, li nilħqu minimu ta' 80% tal-mira tagħna sal-2030.

**171.** Inwaqqfu Aġenzija risponsabbli mill-implimentazzjoni tal-miżuri elenkati fl-Istrateġija Nazzjonali għat-Tibdil fil-Klima intiża biex nilħqu din il-mira.

**172.** Nibnu alleanza ambjentali b'aġenda ambjentali, klimatika u ekoloġika komuni li tirrifletti l-provedimenti tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar l-ambjent.

**173.** Din l-alleanza ambjentali tfassal Aġenda ta' Sostenibilità fuq medda ta' għaxar snin li tkun torbot lill-gvern fid-deċiżjonijiet kollha li jieħu u li jimpattaw l-ambjent naturali tagħna.

**174.** Din l-Aġenda ta' Sostenibilità tkun l-ixprun għat-tfassil mill-ġdid ta' Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Iżvilupp li jkun komprensiv biżżejjed biex jagħti direzzjoni ċara ta' 'l fejn irridu nieħdu l-ambjent naturali ta' pajjiżna.

**175.** Permezz tal-kriterji ambjentali fil-qafas tal-ESG ser indaħħlu aktar miżuri li jinċentivaw biss attivitajiet ekonomiċi li ma jniġġsux billi nittrasformaw il-qafas tat-tassazzjoni tagħna f'wieħed li jippremja lil min hu sostenibbli.

**176.** Indaħħlu bidliet leġiżlattivi u oħrajn ta' governanza biex l-awtoritajiet regolatorji fil-qasam tal-ambjent joperaw f'awtonomija u indipendenza sħiħa.

**177.** Lill-NGOs ambjentali nagħtuhom irwol aktar attiv u parteċipattiv fid-deċiżjonijiet li jittieħdu billi jiżdidilhom in-numru ta' voti fuq il-bordijiet li jieħdu deċiżjonijiet materjali relatati mal-ambjent, mat-trasport, mal-infrastruttura u mal-ippjanar. Indaħħlu wkoll l-obbligu ta' konsultazzjoni f'kull livell fejn jidħlu dawn id-deċiżjonijiet.

**178.** Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman dwar materji ambjentali jiġu mwettqa, b'rispett lejn l-importanza ekoloġika ta' din l-istituzzjoni li saret tarka ewlenija tal-ambjent naturali.

## Protezzjoni tal-Ambjent u s-Sostenibiltà

**179.** Fit-tfassil ta' kull politika u leġiżlazzjoni nagħtu prijorità ewlenija lill-protezzjoni tal-ambjent ħalli nħarsuh minn kull tnawwir.

**180.** Nieħdu pożizzjoni ċara kontra l-iżvilupp esaġerat u favur il-konservazzjoni b'taħlita ta' leġiżlazzjoni, politika u infurzar.

**181.** Sabiex art li hija barra miż-żona ta' żvilupp tiddaħħal fiż-żoni tal-iżvilupp ikun jinħtieġ il-vot ta' żewġ terzi tal-Parlament.

**182.** Ser nagħmlu eżerċizzju li kull sena l-gvern iżid 50,000 metru kwardu ta' art pubblika maż-żoni meqjusin barra miż-żona ta' żvilupp.

**183.** Inwieżnu bis-sħiħ l-investimenti li jnaqqsu l-impatt ambjentali, kemm fejn jidħlu l-emissjonijiet iżd'anke fl-użu tal-art.

**184.** Nagħmlu l-pass kuraġġuż u ma nibqgħux inqisu l-iżvilupp kummerċjali bħala attività li trid issir akkost ta' kull ħsara li kapaċi tagħmel.

**185.** Is-sostenibilità fl-oqsma tal-kostruzzjoni u l-iżvilupp ma' jibqgħux xewqa iżda jsiru parti integrali mill-aspetti regolatorji u fil-proċessi tal-ħruġ ta' permessi mill-awtoritajiet tal-ippjanar u l-ambjent.

**186.** Biex jiġu salvagwardjati d-drittijiet, is-saħħa u s-sigurtà ta' residenzi u persuni li jgħixu fil-viċin siti fejn ikun qiegħed isir skavar għall-bini, l-iżviluppatur ikun obbligat li jipprovdi akkomodazzjoni alternattiva għall-perjodu li jkun meqjus bħala riskjuż għar-residenti kif ukoll jiddepożita ammont mal-awtoritajiet li jiġi rilaxxat immedjatament lil persuni li ssirilhom ħsara fil-propjetà tagħhom.

**187.** Il-kwalità tal-ħajja f'pajjiżna ma tistax tibqa' tiġi mnaqqra mill-iżvilupp perpetwu fejn proġetti jinbdew u jitħallew bħala siti ta' kostruzzjoni għal snin sħaħ għad-detriment tal-persuni li jgħixu fil-viċinanzi. Għalhekk ser indaħħlu miżuri li jaraw li meta proġett jinbeda, il-bini tiegħu jitlesta fi żmien stabbilit mill-liġi u fin-nuqqas ta' dan jiddaħħlu multi u azzjonijiet oħra li jistgħu jieħdu l-awtoritajiet kompetenti.

# Spazji Miftuħa, Pulmuni għas-Soċjetà

**188.** Ninvestu f'ħidma ffukata u mifruxa fuq politika komprensiva għat-tisħiħ tal-bijodiversità bħala prijorità ewlenija.

**189.** Noħolqu mill-ġdid għadd ta' spazji miftuħa: pulmuni fil-bliet, strateġija għal żoni ħodor maħsuba għall-familji, aġenda għat-tkabbir ta' imsaġar, funtani u l-iżvilupp ta' ekoparks.

**190.** Inwettqu l-akbar programm ta' afforestazzjoni li qatt twettaq f'pajjiżna bil-għan li kull komunità f'kull belt u raħal ikollha l-ispazju miftuħ ħadrani tagħha u biex il-familji, l-anzjani, it-tfal u kull min iżurna jkunu jistgħu jgawdu s-sbuħija naturali ta' pajjiżna.

**191.** Inwettqu programm komprensiv u nwaqqfu struttura ġdida dwar l-immaniġġjar tas-siti Natura 2000 u naraw li dawn jitgawdew mill-familji Maltin u Għawdxin mingħajr il-biżà li jispiċċaw taħt il-manglu tal-kummerċjalizzazzjoni tal-iżvilupp.

192. Inniedu programm intiż direttament għar-riabilitazzjoni u l-konservazzjoni tal-widien f'pajjiżna b'enfasi fuq il-protezzjoni tal-biodiversità li tgħix fihom.

193. Inwessgħu l-protezzjoni għal numru akbar ta' żoni marittimi protetti biex b'hekk nindukraw l-ambjent neċessarju għall-industrija tal-għads f'pajjiżna.

## Politika Agrikola, il-Biedja u s-Sajd

194. Niżviluppaw u nippromwovu fuq l-ogħla livell pilastri ta' politika għal żvilupp holistiku u sostenibbli tal-ekonomija ekoloġika.

195. Flimkien mal-imsieħba kollha niżviluppaw pjan strateġiku għas-settur tal-agrikoltura u s-sajd biex jirnexxielna nsaħħu l-ekosistema sħiħa bejn dawk kollha involuti.

196. Nappoġġjaw permezz ta' għajnuna teknika u inċentivi speċifiċi għall-bdiewa u r-raħħala biex isiru aktar kompetittivi permezz ta' investimenti akbar fit-teknoloġija li jużaw f'ħidmiethom.

197. Inħaddmu politika li tippromwovi l-prodott Malti permezz tat-twaqqif ta' Aġenzija għall-Promozzjoni tal-Prodott, ta' programm intensiv ta' inċentivar tal-produzzjoni organika favur ambjent naturali, programmi ta' edukazzjoni, proġett biex jattira raħħala u bdiewa żgħażagħ, appoġġ lill-bdiewa permezz ta' sostenn tas-suq lokali u tnaqqis fil-piż eċċessiv tar-regolamentazzjoni u l-ispejjeż li poġġew lill-biedja Maltija f'morsa inġusta.

198. Inħaddmu sistemi u mekkaniżmi ġusti u trasparenti fl-oqsma marbutin mal-prezzijiet tal-prodott u l-qliegħ fattibbli għal-bidwi, ir-raħħal u s-sajjied li jippermettilhom jibqgħu jaħdmu f'dan ix-xogħol.

199. Inħaddmu qafas b'saħħtu ta' miżuri ta' inċentivi fuq investiment, spejjeż amministrattivi u taxxi għal dawk il-bdiewa li jkunu aderenti mal-kriterji ESG, biex nagħmluhom aktar sostenibbli.

200. Ninvestu f'qabża fil-kwalità tal-operat sabiex il-Pitkalija, il-Biċċerija u l-Pixkerija jkunu ċentri ta' eċċellenza effiċjenti, moderni, trasparenti u b'politika konsistenti.

201. Intejbu l-infrastruttura u l-faċilitajiet għas-sajjieda (b'enfasi fuq Marsaxlokk u x-Xemxija) biex ikunu jistgħu jaħdmu f'ambjent aktar kompetittiv u effettiv, b'mod li jipprovdi dak kollu neċessarju għall-bżonnijiet tas-sajjieda.

# Immaniġġjar tal-Iskart

**202.** Inħeġġu l-innovazzjoni fl-immaniġġjar tal-iskart fil-kuntest ta' pjan usa' għall-iskart.

**203.** Indaħħlu qafas leġiżlattiv ħafna aktar rigoruż biex jirregola r-riċiklar u jippenalizza aktar l-użu ta' materjali li jintużaw darba.

**204.** Isir investiment sostanzjali biex, flimkien mal-Kunsilli Lokali, jiġu installati numru adekwat ta' intelligent bins mgħammra b'Iot sensors madwar Malta u Għawdex kollha biex jiġi evitat rimi ta' skart barra.

**205.** Issir verifika tal-proċessi marbutin mal-għażla tas-sit u tal-mudell magħżul biex isir il-proġett tal-inċineratur fil-Magħtab.

**206.** Indaħħlu miżuri aktar strinġenti fuq l-iskart li jintefa' l-baħar u dak ġenerat mill-fish farms.

**207.** Inqisu t-tniġġis u t-tnawwir ambjentali bħala reat serju li jħalli impatt ewlieni fuq it-tibdil fil-klima.

**208.** Infasslu mill-ġdid pjan għall-konservazzjoni tal-ilma u għal immaniġġjar effettiv tiegħu.

# Il-Kwalita' tal-Arja

**209.** Infasslu u nħaddmu pjan effettiv li permezz tiegħu jistgħu jibdew jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tat-tniġġiż tal-arja f'pajjiżna bil-għan li nilħqu u naqbżu l-miri stabbiliti mill-UE dwar l-emissjonijiet u l-penetrazzjoni tal-enerġija alternattiva.

**210.** Inħaffu l-pass fit-tnaqqis tal-emissjonijiet billi nindirizzaw l-akbar kawża bi programm ħolistiku għal użu mifrux tal-vetturi elettriċi kif ukoll ta' użu akbar tat-trasport pubbliku.

**211.** Permezz ta' qafas ta' kollaborazzjoni flimkien mal-NGO's ambjentali inwaqqfu pjattaforma ta' riċerka biex tiġbor evidenza li tkun il-bażi tal-iffurmar tal-politika fuq aspetti marbutin mal-oqsma tal-Clean Aviation, Single European Sky u Alternative Fuel Technology.

## Tema 5:

# Infrastruttura u mmaniġġjar *tar-riżorsi*

+1 ♥

- Naħdmu sabiex il-poplu tagħna jgawdi dejjem aktar minn enerġija nadifa bi prezzijiet ġusti, fejn nerġgħu nsiru sovrani tal-kontroll tal-provvista tal-elettriku ta' pajjiżna.
- Infasslu u nilleġiżlaw master plan infrastrutturali tal-iżvilupp li ma jippermetti l-ebda kompromess mas-sostenibbiltà u jkun ikopri l-iżvilupp tan-networks ewlenin li pajjiżna għandu bżonn biex ikun kompetittiv, modern u avvanzat.

L-infrastruttura, jekk tkun ippjanata bi ħsieb u skont il-ħtiġijiet u l-aspettattivi ta' soċjetà moderna, hi mezz ewlieni li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja tan-nies.

L-għan aħħari tal-politika tagħna mhux sempliċement li jinbnew aktar toroq u li jitwessgħu t-toroq eżistenti għad-detriment tal-ambjent naturali ta' Malta, iżda li niżguraw infrastruttura li tippermetti mobbiltà multimodali mingħajr skossi, bl-inqas konġestjonijiet u bl-akbar konnessjonijiet, fl-iqsar ħin, u bl-inqas impronta possibbli fuq l-ambjent tagħna. Dan bi qbil mal-bosta strateġiji riċenti tal-Unjoni Ewropea dwar it-trasport, is-saħħa u l-ambjent.

Bħala prijorità ewlenija, pajjiżna jeħtieġ pjan infrastrutturali biex id-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod ħolistiku u b'viżjoni aktar fit-tul, u mhux biex jissolvew temporanjament xi problemi lokalizzati. Irridu li fil-qalba ta' dan il-pjan ikun hemm il-ġid u t-titjib tal-ambjent, u l-konservazzjoni u l-preservazzjoni tal-ispazji naturali u miftuħin fl-ibliet u l-irħula tagħna.

M'hemmx dubju li l-Partit Nazzjonalista jrid ikompli l-iżvilupp ta' pajjiżna. Iżda jrid ikun żvilupp sostenibbli li jimpatta bl-inqas mod lill-ambjent u ma jkomplix inaqqar mill-kampanja u mir-riżorsi naturali tant meħtieġa għall-kwalità ta' ħajjitna. Minflok il-gwadann finanzjarju tal-ftit, irridu gwadann kollettiv għall-poplu kollu u għat-tgawdija tal-ġenerazzjonijiet attwali u futuri.

Fiċ-ċentri tal-lokalitajiet u tal-attività rridu aktar infrastruttura mħaddra u spazji miftuħa biex il-komunità jkollha biżżejjed postijiet ta' mistrieħ, rilassament u biex taqta' mir-rutina mgħaġġla ta' kuljum. Hekk niżguraw ħajja aktar sana u bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-mistrieħ. Irridu nħarsu l-ispazji naturali miftuħa wkoll 'il barra mil-lokalitajiet biex mhux biss jibqgħu jinħadmu għall-biedja u jintużaw għat-trobbija tal-annimali, iżda jkunu jixhdu l-pajsaġġ naturali Malti b'restawr tal-ġiebji, tal-mogħdijiet u tal-ħitan tas-sejjieħ, b'konservazzjoni tal-ħamrija, b'aktar biedja organika u bi tħawwil ta' siġar u pjanti indiġeni.

Irridu nkomplu ntejbu l-infrastruttura tal-ilma f'Malta bi sforzi akbar kontra l-ħela tal-ilma u għal titjib fil-kwalità tal-ilma fid-djar tagħna. Irridu infrastruttura ġdida għall-ġenerazzjoni ta' enerġija alternattiva u rinnovabbli mix-xemx, mir-riħ u/jew mill-mewġ li jħallu l-inqas impatt fuq l-ambjent u fuq l-estetika ta' pajjiżna. Dan abbażi ta' għadd ta' studji

xjentifiċi riċenti u ta' avvanzati kbar li qed iseħħu fit-teknoloġija użata għal dan il-għan. Abbażi wkoll tal-miri ambizzjużi li għamlet il-Kummissjoni Ewropea għall-ħamsa u għoxrin sena li ġejjin, u tal-għajnuna finanzjarja enormi li qed talloka l-Unjoni Ewropea skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew. Bħala gvern, irridu nisfruttaw għalkollox l-opportunitajiet li joffru dawn il-fondi Ewropej.

Il-Partit Nazzjonalista kommess li jpoġġi lill-bniedem fiċ-ċentru tal-politika tiegħu anki fejn jidħol l-investiment fl-infrastruttura ta' pajjiżna, u impenjati bis-sħiħ li nwettqu fil-prattika l-idea li nħallu warajna Malta ferm aħjar milli sibnieha.

# Politika tal-Enerġija

**212.** Inwettqu ġustizzja mal-konsumaturi kollha li nsterqu bil-kontijiet tad-dawl u l-ilma mill-2013 'l hawn billi nagħtuhom rifużjoni fuq l-ammont kollu misruq.

**213.** Inwettqu bidla aktar mgħaġġla lejn enerġija aktar nadifa, b'qafas li jiżgura s-sigurtà tal-provvista.

**214.** Infasslu politika għall-enerġija biex il-pajjiż jikseb l-enerġija tiegħu mill-orħos sorsi bl-anqas emissjonijiet possibbli, filwaqt li nżommu kontroll u diskrezzjoni sħiħa fuq minn fejn jinxtara l-elettriku kif ukoll fuq id-drittijiet tad-distribuzzjoni.

**215.** Filwaqt li naħdmu biex intemmu l-kuntratti attwali u żvantaġġjużi mal-Electrogas, l-iffrankar miksub b'dan il-waqfien inqassmuh lill-familji Maltin u Għawdxin b'roħs fil-kontijiet tad-dawl u l-ilma u bi tnaqqis ta' 50% fl-ispiża tal-arloġġi tal-elettriku u tal-ilma lill-pensjonanti. L-ebda impjegat ma' jitlef xogħolu bħala parti minn dan il-proċess.

**216.** Inżidu l-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli, billi ninvestu f'impjant fuq skala kbira tal-irdieden tar-riħ f'baħar fond, b'involviment tas-settur privat.

**217.** Nindirizzaw in-nuqqas ta' investiment fl-aħħar snin fis-sistema distributorja tal-enerġija u nnaqqsu l-qtugħ tad-dawl u l-istanzi ta' vultaġġ baxx li qiegħed iħalli familji bla dawl permezz ta' investiment sostanzjali ta' infrastruttura distributorja tal-elettriku.

**218.** Noħolqu l-opportunità li nixtru l-gass u l-idroġenu mis-suq miftuħ Ewropew u ninħallu mir-rabta tat-tanker tal-gass tal-Electrogas billi ninvestu f'pipeline ma' Sqallija b'kapaċità li jittrasporta l-idroġenu bħala sors alternattiv fil-futur.

**219.** Ninvestu fit-tieni interconnector bejn Malta u Sqallija biex nirduppjaw il-provvista mill-kontinent Ewropew.

**220.** Nintrabtu li kwalunkwe qligħ li l-gvern jew l-Enemalta tagħmel mill-emissions trading jew attivitajiet simili, jgħaddi lura f'forma ta' rebate lill-konsumatur.

**221.** Kull familja Maltija u Għawdxija ser ikollha l-opportunità li tibbenefika minn skemi ta' sistemi foto voltajiċi permezz ta' miżuri mmirati lejn min għandu aċċess għall-bejt tiegħu kif ukoll għal dawk li m'għandhomx.

**222.** Insaħħu s-sinifikat u l-impatt taċ-ċertifikat tal-Energy Performance Certificate għall-binjiet fejn ninċentivaw l-iżviluppaturi li jkunu aderenti mal-kriterji ESG billi jimplimentaw r-rakkomandazzjonijiet tal-EPC b'benefiċċju li jissarraf f'tax credits.

# Il-Mobbilità f'Pajjiżna

**223.** Nagħmlu minn pajjiżna mudell għal mobbiltà multimodali bl-inqas tniġġis u bl-użu tal-vetturi elettriċi jkun il-mezz ewlieni li jintuża għall-parti l-kbira tal-mobbilità.

**224.** Nipprovdu qafas ta' inċentivi għall-impjegati u għal min iħaddem biex jitkattar ir-remote working kif ukoll aktar persuni jmorru lejn il-post tax-xogħol tagħhom bit-trasport pubbliku jew b'vetturi elettriċi.

**225.** Nibdew nindirizzaw il-konġestjoni u nnaqqsu l-vetturi li jaħdmu bil-fjuwil mit-toroq u nappoġġjaw il-mobbiltà moderna u nadifa billi:

- Nagħtu għotja ta' €10,000 mifruxa fuq 5 snin biex iħajru aktar familji jeħilsu mill-vettura qadima tagħhom, bil-kundizzjoni li ma jerġgħux jiksbu vettura oħra tul il-perjodu.
- Nimplimentaw programm estensiv ma' Malta u Għawdex kollu biex naraw li l-vetturi elettriċi jkollhom stazzjonijiet tal-iċċarġjar rapidu f'kull distanza massima ta' 2km sewqan.
- Inraħħsu b'20% ir-rata tal-elettriku għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi minn 13ċ għal 10ċ5 f'kull ħin tal-ġurnata.

**226.** Nippjanaw u niżviluppaw l-infrastruttura meħtieġa biex niffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn trasport elettriku (EV) minflok bil-fjuwils (ICE), filwaqt li nnaqqsu r-rata tal-elettriku biex tiċċarġja l-karozza elettrika fil-ħinijiet tal-ġurnata kollha.

**227.** Ninvestu fl-infrastruttura neċessarja biex naraw li ċ-charging stations pubbliċi għall-vetturi elettriċi jiġu installati mhux aktar minn żewġ kilometri 'il bogħod minn xulxin.

**228.** Biex ikollna sistema aktar ġusta u li taqbel mal-għanijiet tan-newtralità klimatika ta' pajjiżna, naraw li l-liċenzja tat-triq għall-vetturi personali ma tibqax skont it-tip ta' vettura iżda ssir skont kemm tintuża l-vettura kif ukoll l-emissjonijiet tagħha. Filwaqt li nistabbilixxu massimu għall-ħlas annwali dovut, niżguraw li l-vetturi elettriċi ma jħallsu l-ebda liċenzja jew taxxa.

## Sistema ta' Trasport tal-Massa

229. Nimplimentaw sistema ta' trasport tal-massa mingħajr binarji tal-aħħar teknoloġija, magħruf bħala 'Trackless Tram'. Din tgħaddi minn toroq arterjali u distributorji permezz ta' korsiji riservati. Permezz ta' użu aħjar u aktar għaqli tal-ispazju tat-toroq, se jiġi żgurat li din is-sistema tkun veloċi u effiċjenti.

230. B'mod parallel se tkun implimentata sistema ta' trasport pubbliku li tuża karozzi tal-linja jew tipi oħra ta' vetturi biex tiżgura konnessjonijiet akbar bejn żoni residenzjali, ċentri tal-impjiegi, portijiet u ċentri importanti oħra għal ma' din is-sistema ta' transitu tal-massa li ssemmiet aktar 'il fuq. Id-daqs u t-tip ta' vettura użata għal dawn is-servizzi se jiġu ddeterminati mill-kuntest u l-użu u billi jiffoka fuq il-ħtiġijiet tal-passiġġieri.

231. Is-sistema ta' trasport tal-massa ser tipprovdi alternattiva raġonevoli, tanġibbli u effettiva għall-vettura privata u fl-istess ħin tiżgura li l-implimentazzjoni ta' din il-proposta ssir fi żmien ftit xhur billi inizjalment jiġu indirizzati l-prijoritajiet tar-rotot kollha u s-sinjali neċessarji biex progressivament tiġi introdotta s-sistema li qed tiġi proposta. Din is-sistema se żżid il-kapaċità tat-toroq billi aktar nies u servizzi se jkunu jistgħu jivvjaġġaw b'inqas vetturi, u b'hekk ittejjeb il-kwalità tal-arja, il-mobilità u l-kwalità tal-ħajja ġewwa l-lokalitajiet tagħna.

232. Nistabbilixxu Master Plan komprensiv u integrat fil-liġi għall-infrastruttura, għall-ippjanar u għall-iżvilupp.

## Politika Infrastrutturali Ħolistika

233. Il-karatteristiċi estetiċi urbani u rurali ta' kull lokalità jiġu definiti bil-għan li jsir programm intensiv ta' tisbiħ permezz ta' 'Fond Malta Isbaħ', li jitmexxa minn fondazzjoni magħmula bejn il-gvern u s-settur privat.

234. Insaħħu l-importanza tar-riżorsa naturali tal-ġebla billi nwaqqfu funzjoni nazzjonali responsabbli mill-ġeoloġija (Malta Geological Service).

235. Fl-isfond tal-isfida naturali li riżorsa tal-ġebla Maltija qiegħda ssir dejjem aktar skarsa, ser nintroduċu skemi li jinċentivaw ir-riċiklaġġ tal-ġebla Maltija li tinħatt minn bini li jkun ser jitwaqqa' sabiex tkun tista' tiġi riċiklata u utilizzata mill-ġdid f'bini ieħor b'karatteristiċi tipiċi.

236. Ninċentivaw ir-restawr, riġenerazzjoni u retro-fitting ta' bini skedat permezz ta' għotjiet u tax credits fuq l-ispiża kapitali.

237. Inħaddmu applikazzjonijiet teknoloġiċi għall-immaniġġjar tal-infrastrutturi.

238. Nagħtu pożizzjoni ġdida lill-infrastruttura tal-avjazzjoni u marittima, u nqisu l-konnessjonijiet tagħna bħala assi strateġiċi nazzjonali.

239. Bil-għan li jinstab l-aktar użu effettiv u ambjentalment sostenibbli tar-riżorsi portwarji u marittimi ta' pajjiżna, l-Aġenzija Marittima Maltija jkollha r-rwol li toħloq politika u Master Plan komuni dwar dan il-qasam li jservu bħala qafas ta' direttivi tassattivi dwar l-użu ta' dawn il-faċilitajiet u riżorsi.

# In-Network tat-Toroq

**240.** Nibnu network ta' toroq taħt l-art biex nindirizzaw il-problema tal-konġestjoni tat-traffiku minn għeruqha filwaqt li noħolqu aktar spazji pubbliċi u ntejbu l-aċċess sikur għat-toroq miċ-ċiklisti.

**241.** Permezz ta' programm ibbażat fuq Private Finance Initiative li jkunu eliġibbli għalih biss kuntratturi aderenti mal-kriterji tal-ESG, ser isiru x-xogħlijiet kollha neċessarji biex jiġi indirizzat l-istat ħażin li jinsabu fihom ħafna toroq. Il-prijorità tat-toroq tkun ibbażata fuq sistema trasparenti.

**242.** Nibdlu l-isfidi tal-parking fiċ-ċentri tal-lokalitajiet f'opportunità ta' tisbiħ fiċ-ċentri urbani u ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli permezz tal-użu tal-parkeġġi għall-panelli foto voltajiċi.

**243.** Ninċentivaw lil min iħaddem u lil min jipprovdi servizzi biex jaddotta miżuri intiżi biex inaqqsu l-konġestjoni u jressqu aktar nies lejn l-użu tat-trasport pubbliku.

**244.** Dipartiment u entitajiet tal-gvern ser jużaw ħafna aktar l-uffiċji tal-Kunsilli u t-Tribunali Lokali biex jipprovdu servizzi amministrattivi biex titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku f'ħinijiet partikolari fil-ġurnata.

**245.** Permezz ta' investiment f'sistemi teknoloġiċi u l-użu tal-Internet of Things fil-vetturi, tiddaħħal sistema ta' geo-indexing biex l-informazzjoni marbuta ma' inċidenti żgħar tat-traffiku tkun tista' tinġabar b'mod diġitali, b'aktar preċiżjoni u b'aktar ħeffa biex tindirizza waħda mill-kawżi ewlenin tal-konġestjoni tat-traffiku.

**246.** Inniedu programm nazzjonali li jimmira lejn l-inċentivar u l-iffaċilitar tal-użu tar-rota bħala mezz regolari ta' trasport bil-mira li fi żmien ħames snin madwar 10% tal-vjaġġi f'pajjiżna jsiru permezz tar-rota. Dan ser isir bis-saħħa ta' miżuri ta' saħħa u sigurtà għaċ-ċiklisti, tfassil ta' rotot perpetwi fuq netwerk ta' toroq li jippermettu l-użu tar-rota, bidliet leġiżlattivi, provvista ta' infrastruttura pubblika (e.g. żoni pedonali, bicycle lanes, bike racks) u inċentivar għall-ħaddiema li jagħżlu li jmorru x-xogħol bir-rota.

**247.** Inqisu l-konnettività diġitali bħala komponent infrastrutturali ewlieni.

## Tema 6:

# Is-sigurtà ta' *pajjiżna*

+1

- Irridu nsaħħu l-politika ta' sigurtà f'pajjiżna billi nibnu qafas ġdid ta' politika integrata ta' sigurtà nazzjonali li tgħaqqad fiha l-forzi tal-ordni kollha u taħdem b'kompetenza, integrità u kredibbiltà sabiex tipproteġi liċ-ċittadini tagħna, lil min iżurna u lill-assi strateġiċi ta' pajjiżna.

- Naħdmu fi progamm ta' innovazzjoni u modernizzazzjoni li tagħmel użu estensiv mill-għodda tat-teknoloġija biex issaħħaħ il-ħidma tal-forzi tal-ordni kontra l-kriminalità organizzata, it-traffikar tad-droga, it-traffikar tal-persuni, is-cyber crime u l-ħasil tal-flus.

Il-Partit Nazzjonalista dejjem ħadem biex jiżgura pajjiż aktar sikur. L-esperjenza tal-passat tikkonferma li gvern Nazzjonalista dejjem aċċerta li pajjiżna jkollu forzi tal-ordni u forzi dixxiplinati li jixraqlu: immexxija indipendentement mill-politiċi, mingħajr indħil, u mogħtija r-riżorsi biex iwettqu dmirhom mingħajr biża' jew favur.

Dawn l-istandards għoljin fit-tmexxija ta' dawn il-forzi jibqgħu prijorità ewlenija għall-Partit Nazzjonalista. Nemmnu li investiment sod f'dan il-qasam jissarraf fir-riżultati mixtieqa fil-ġlieda kontra l-kriminalità f'pajjiżna, fl-ordni pubbliku, u f'aktar serħan il-moħħ fost iċ-ċittadini. Dan jikkontribwixxi għal titjib fil-kwalità ta' ħajjitna u jagħmel lil pajjiżna aktar sikur.

Nemmnu fil-ħiliet u fir-rieda tal-membri tal-forzi dixxiplinati li jistinkaw għal dan il-għan. Irridu li nroddu lura l-apprezzament tagħna b'aktar opportunitajiet ta' taħriġ u esperjenza f'Malta u barra minn xtutna, bir-riżorsi li tant jintalbu minn dawn il-membri, bl-awtonomija mistħoqqa u b'kundizzjonijiet aħjar tax-xogħol. B'hekk inħajru u nħeġġu aktar żgħażagħ jagħżlu din bħala l-karriera tagħhom. Minbarra dan, irridu forzi li jattiraw aktar esperti f'oqsma speċjalizzati, bħall-kriminalità finanzjarja, il-forensika, is-cybercrime u kontra forom ġodda ta' kriminalità u sfidi oħrajn.

Kommessi li nwettqu investimenti fil-Korp tal-Pulizija, fil-Forzi Armati u fl-Uffiċjali tal-Komunità, fost l-oħrajn, biex minbarra li jerġgħu jiksbu r-rispett u l-fiduċja tal-poplu, ikollhom kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa u jkunu tassew attrezzati bl-aktar teknoloġija u tagħmir avvanzati skont il-ħtiġijiet tas-soċjetà tal-lum.

Barra minn hekk, irridu nipproteġu bl-aqwa mod lil dawk li jissograw ħajjithom biex iħarsu s-sigurtà tat-territorju Malti fuq l-art, fl-ajru jew fuq il-baħar, b'tant sagrifiċċji għalihom u għall-familja tagħhom. Ċertament li kull wieħed u waħda minn dawn il-persuni jaqdu dmirhom b'servizz lejn is-soċjetà Maltija u Għawdxija. Nimpenjaw ruħna li nissoktaw b'investiment ta' modernizzazzjoni b'fondi lokali u tal-Unjoni Ewropea, għal aktar taħriġ, riżorsi u avvanz.

Gvern Nazzjonalista jibqa' jinvesti wkoll fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u jagħraf ir-rwol mill-aktar importanti li dan id-Dipartiment jaqdi fis-soċjetà tagħna. Naraw li

jkun mgħammar bl-aqwa apparat u għodod għaż-żminijiet tal-lum u skont il-bżonnijiet ta' pajjiżna.

Nemmnu li l-ħabs hu qabelxejn post ta' riforma u riabilitazzjoni u mhux kastig inuman. Iżda nemmnu wkoll li għandu jkun post ta' dixxiplina. Filwaqt li nirrikonoxxu l-ħidma indispensabbli li jwettqu l-gwardjani u l-uffiċjali tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, li jħabbtu wiċċhom ma' sitwazzjonijiet u realtajiet diffiċli b'tant sogru għalihom u għall-familji tagħhom, inwiegħdu li nipprovdu titjib sostanzjali fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.

Gvern Nazzjonalista ġdid jagħmel gwerra kontra l-kriminalita' organizzata billi jsaħħaħ idejn il-forzi ta' l-ordni u l-qrati tagħna sabiex jinqabdu u jiġu pproċessati dawk li jeqirdu l-ħajja ta tant nies innoċenti. Taħt gvern immexxi mill-Partit Nazzjonlista, iċ-ċittadin onest ikollu rasu mistrieħa li hemm Gvern li jipproteġieh kontra l-kriminali.

## Ħidma kontra l-Kriminalità Organizzata

248. Nibnu kompetenzi speċjalizzati u funzjoni aktar estensiva fis-sigurtà nazzjonali.

249. Nibnu kapaċitajiet fis-cybercrime bħala binja ewlenija tas-sigurtà nazzjonali bil-għan li nkunu kapaċi nilqgħu għall-attakki fuq sistemi pubbliċi u privati.

250. Nipprovdu qafas ta' sigurtà lill-assi nazzjonali u kritiċi biex fl-ebda ħin ma jkollna lil pajjiżna espost għal riskji maġġuri.

251. Indaħħlu miżuri ta' governanza li jassiguraw li qatt aktar ma' jerġa' jkun hemm indħil fit-tmexxija u l-operat tal-forzi tal-ordni.

252. Nibnu funzjonijiet, timijiet u noħolqu programmi ġodda kontra l-organizzazzjonijiet involuti f'operazzjonijiet ta' kriminalità finanzjarja, cybercrime, traffikar u kuntrabandu.

253. Insaħħu l-ħidma tal-Forzi tal-Ordni fl-operat tagħhom kontra t-traffikar tad-droga fuq il-livelli kollha.

## Kundizzjonijiet Aħjar għall-Korpi Dixxiplinati

254. Nirrikonoxxu l-ħidma, l-impenn u r-riskji li jiffaċċjaw il-membri tal-korpi dixxiplinati fl-armata, il-pulizija, il-protezzjoni ċivili u l-faċilità korrettiva billi ntejjbu numru ta' kundizzjonijiet tax-xogħol fosthom b'rabta mal-overtime, ħlas ta' extra duty, pensjoni tas-servizz kif ukoll bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja.

255. Filwaqt li nonoraw kull ftehim li sar preċedentament fuq materji marbutin ma' xogħol, ħlasijiet jew sahra, nindirizzaw l-inġustizzji li soffrew membri tal-korpi dixxiplinati fl-armata, il-pulizija, il-protezzjoni ċivili u l-faċilità korrettiva fi spirtu li jingħalqu każijiet tal-passat fuq il-mertu tagħhom u mingħajr ebda indħil politiku.

256. Nirrikonoxxu l-kontribut tal-ħaddiema kollha fil-korpi dixxiplinati sabiex intejjbu l-pagi, is-sigurtà tagħhom, l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-kwalita' tal-ħajja tagħhom.

257. Fid-dawl tal-fatt li l-ħidma tal-uffiċjali tad-dwana hija parti integrali mill-ħidma kontra l-kriminalita, ser jinbeda proċess biex dawn isiru rikonoxxuti bħala korp dixxiplinat.

258. Il-futur ta' Malta bħala pajjiż modern li tista' tafdah tiddependi wkoll mill-forzi dixxiplinati (il-Korp tal-Pulizija, il-Forzi Armati ta' Malta, l-Uffiċjali tal-Protezzjoni Ċivili u l-Uffiċjali tas-Servizzi Korrettivi). Irridu niżguraw forzi ta' stoffa u motivati, u li nattiraw u nżommu l-aqwa talent billi:

- Niżguraw li l-membri tal-forzi dixxiplinati jkunu jistgħu jagħżlu li jieħdu l-pensjoni wara 25 sena servizz u xorta jibqgħu jservu fil-forzi dixxiplinati.
- Nagħmlu tajjeb għal kull spiża inkrimentali mġarrba minħabba primjums tal-assigurazzjoni b'rabta ma' xogħol riskjuż.
- Inwettqu l-wegħda li d-disturbance allowance u l-ħlasijiet għall-Ħdud u l-Off-duty jiġu normalizzati fil-gradi kollha tal-forzi, u b'hekk inneħħu s-sistema tat-time-off in lieu li tikkumpensa s-sigħat żejda b'jiem tal-leave.

**259.** Ser nirrikonoxxu s-servizz li persuna jkun ta lill-pajjiżu anke wara li jkun spiċċa mis-servizz f'xi korp dixxiplinat billi kull membru li jirtira bil-pensjoni tas-servizz igawdi minn aġġustament għall-għoli tal-ħajja.

**260.** Indaħħlu sistema li permezz tagħha l-membri kollha tal forzi dixxiplinati fil-pajjiż li jibqgħu iservu f'dik il-forza dixxiplinata wara 25 sena servizz, ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-pensjoni tas-servizz li jkunu intitolati għaliha.

**261.** Nistabilixxu programm intensiv intiż biex isaħħaħ il-protezzjoni li jixirqilhom il-membri tal-forzi tal-ordni waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

**262.** Tiġi introdotta sistema ta 'performance points' li jingħataw lil kull membru tal-korpi dixxiplinati fuq bażi annwali. Dawn il-punti jittiehdu in kunsiderazzjoni meta jigu biex jingħataw promozzjonijiet, sabiex dejjem jitnaqqas aktar il-lok ta' suġġettività u inġustizzji f'dawn il-proċessi.

**263.** Safejn l-esiġenzi tas-servizz ikunu jippermettu, uffiċjali Għawdxin membri tal-forzi tal-ordni għandhom jiġu stazzjonati f'Għawdex.

## Korp tal-Pulizija Modern u Effettiv

**264.** Inwettqu pjan qawwi ta' modernizzazzjoni tal-funzjoni u tal-operazzjonijiet tal-Korp tal-Pulizija.

**265.** Nifirxu l-operat tal-community policing fil-lokalitajiet kollha filwaqt li nerġgħu nifthu u nimmodernizzaw l-għasses tal-Pulizija kollha bil-għan li jsiru adekwati għal-ħtiġijiet tal-komunità.

**266.** Ser nagħtu aktar importanza fil-ħidma kontra r-reati li jsiru fil-konfront ta' nisa, tfajliet jew persuni vulnerabbli billi nestendu dak li jeżisti llum u nibnu binja speċjalizzata dedikata għal dawn ir-reati fil-Korp tal-Pulizija.

**267.** Flimkien ma' esperti fil-qasam tat-teknoloġija u l-komunikazzjoni, ser naħdmu biex indaħħlu mezzi ta' sejħiet għall-għajnuna ta' emerġenza fuq mobile devices bil-għan li tkun tista' tintalab għajnuna b'mod immedjat u tempestiv.

268. Insaħħu r-riżorsi, il-ħiliet u l-għodda tal-Victims Support Unit tal-Puliżija biex tkun tista' taġixxi u ssegwi l-każijiet li jaslu għandha b'mod effettiv b'mod partikolari fejn dawn ikunu jinvolvu vjolenza fuq il-vittma.

## Forzi Armati bi Rwol Aktar Estiż

269. Nevolvu rwol aktar estiż għall-Forzi Armati f'waħda aktar adattata għal stat modern. Ninvestu fit-taħriġ lokali u internazzjonali, filwaqt li nagħtu rikonoxximent akbar lil dawk il-membri li jirrappreżentaw lil pajjiżna f'operazzjonijiet barra minn Malta, fejn dawn kollha jiġu rikonoxxuti b'midalja nazzjonali filwaqt li kull xahar li jagħmlu fuq dawn l-operazzjonijiet jitqies bħala xahrejn għal finijiet tal-pensjoni tas-servizz.

270. Nerġgħu nagħtu l-importanza xierqa lil Volunteer Reserve Force l bil-ghan li tassumi rwol aktar importanti u sinifikanti fl-operazzjonijiet tal-Forzi Armati ta' Malta mhux biss f'istanzi ta' emerġenza iżda anke f'ħidma ta' rutina tal-Forza. Ser insaħħu l-istruttura organizzativa u operazzjonali tal-Forza ta' Riżerva b'dan illi, filwaqt li bħala unit iżżomm l-awtonomità tagħha, tiġi integrata iktar u jkollha sehem ikbar fil-pjan ħolistiku tal-Forzi Armati ta' Malta.

271. Tiġi indirizzata s-sitwazzjoni anomala li teżisti fil-Korp tal-Pulizija fejn uffiċjali tal-Korp ma jitħallsux b'rati ta' overtime, meta jkollhom jidħlu xogħol fil-Ħdud, festi pubbliċi u meta jkunu fil-ġurnata franka. Huwa għalhekk illi l-Partit Nazzjonalista fil-Gvern qiegħed jikkommetti ruħu illi kull uffiċjal u membru tal Korp tal-Pulizija li jkollu jidħol ghax-xogħol fil-Ħdud, festi pubbliċi u meta jkun frank jibda jitħallas b'rata ta' overtime skond il-paramteri li jkun viġġenti fil-mument. L-istess fil-Forzi Armati, kull membru li jagħmel 'il fuq mis-47 siegħa stabbiliti jibda jitħallas ir-rata tal-overtime viġġenti minflok dik eżistenti ta' time off in lieu.

## Tisħiħ tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili

272. Nagħtu rwol aktar proattiv lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili biex ikun jista' jsir aktar xogħol mill-lab preventiv, edukattiv u ta' rispons immedjat.

273. Isir aktar investiment f'apparat u vetturi moderni għall-operat tal-Protezzjoni Ċivili kif ukoll jingħata taħriġ speċjalizzat regolari lill-uffiċjali tad-Dipartiment.

# Sigurtà fil-Komunita

**274.** Nintensifikaw is-sigurtà lokali b'mezzi innovattivi u b'sens akbar ta' komunità: biex it-toroq tagħna jerġgħu jkunu sikuri.

**275.** Ir-responsabbiltà tal-infurzar lokali terġa' tgħaddi lura għand il-Kunsilli Lokali u r-Reġjuni biex tkun dejjem aktar mibnija fuq il-bżonnijiet tal-komunitajiet rispettivi.

**276.** Inbiddlu s-sistema ta' infurzar lokali f'waħda intiża biex ittejjeb is-sens ċiviku u mhux biex issawwat lin-nies bla ħniena. Permezz ta' qafas diġitali, persuna li teħel ċitazzjoni, fuq kontravenzjoni tat-traffiku minuri li ma' timpattax terzi, jkollha l- multa 'ffriżata' għal sitt xhur b'dan illi jekk il-persuna ma' teħilx ċitazzjoni oħra f'dan il-perjodu, l-ewwel multa tinħafer. Mill-banda l-oħra jekk persuna jinstab ħati ta' aktar kontravenzjonijiet fl-istess perjodu, l-multa dovuta teskala u tista' twassal għal tnaqqis ta' punti tal-liċenzja tas-sewqan.

# Riforma fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin

**277.** Nindirizzaw is-sitwazzjoni inkwetanti fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin permezz ta' riforma maġġuri u investiment ta' titjib fil-faċilitajiet.

**278.** Nimplimentaw politika ta' dixxiplina b'dinjità fil-ħabs. Iż-żmien ta' detenzjoni, barra li jservi ta deterrent għandu jservi ukoll primarjament bħala perjodu li fih persuna tingħata l-opportunità tirrijabilta u tirriforma ruħha, biex terġà tkun tista' tintegra lura fis-soċjetà.

**279.** Isir programm ta' kollaborazzjoni strutturat u ffinanzjat mill-istat biex jappoġġja lill-għaqdiet volontarji li jaħdmu mar-residenti fil-faċilitajiet korrettivi u l-familji tagħhom b'enfasi ewlenija fuq ir-rijabilitazzjoni u l-integrazzjoni lura fis-soċjeta' wara li l-persuna jiskonta s-sentenza tiegħu.

**280.** Nimplimentaw bis-serjetà u mingħajr aktar dewmien is-sistema ta' l-electronic tagging għal persuni li qed jiskontaw sentenza.

**281.** Jinħolqu strutturi residenzjali fuq il-mudelli stabbiliti internazzjonalment ta' Halfway House li jippermettu lil persuni li jkunu waslu fl-aħħar tas-sentenza tagħhom biex jintegraw b'mod aħjar u aktar gradwali.

**282.** Jinbeda proġett pilota ta' Open Prison bil-għan li jipprovdi ambjent aktar riabilitattiv għal persuni li l-ġudikanti jidhrilom li l-Faċilita Korrettiva ta' Kordin mhijiex l-aħjar post għalihom partikolarment fil-każ ta' priġunieri żgħażagħ.

**283.** Insaħħu l-qafas legali, is-sistema u r-riżorsi tal-Probation Officers biex ikunu jistgħu jwettqu ħidmiethom b'mod aktar komprensiv.

Tema 7:

# Ġustizzja u tisħiħ *tad-demokrazija* +1

- Inwettqu riforma fil-qasam tal-ġustizzja li verament tikkontribwixxi biex is-saltna tad-dritt u l-amministrazzjoni sħiħa tal-ġustizzja jkunu l-pilastri li fuqhom nistgħu nerġgħu nibdew nibnu r-reputazzjoni tal-ġurisdizzjoni tagħna, fejn l-indħil politiku fil ħatriet u l-amministrazzjoni jispiċċaw darba għal dejjem.

- B'viżjoni u bl-użu ta' mezzi moderni diġitali naraw li l-operat tal-Qrati ta' pajjiżna jiġi modernizzat u ffukat biex jaqdi lill-poplu b'mod effettiv u effiċjenti u li jiggarantixxi serħan tal-moħħ mil-lat amministrattiv f'termini ta' integrità tal-proċessi u speditezza tal-każijiet.

Ir-reputazzjoni tnawret u ġarrbet ħsarat li jaf ma jissewwew qatt. Dan irriżulta fil-grey listing ta' pajjiżna li ser iħalli impatt ekonomiku qawwi fis-snin li ġejjin. Malta jixirqilha ħafna aħjar.

Il-Partit Nazzjonalista huwa kommess li jerġa jibni mill-ġdid ir-reputazzjoni ta' Malta fl-UE u mad-dinja. Kommessi li nistinkaw bil-mezzi kollha possibbli biex nerġgħu niksbu isimna lura, biex nerġgħu nitqiesu ġurisdizzjoni ta' livell għoli msejsa fuq pedamenti sodi ta' leġiżlazzjoni ġusta u effettiva. Dan ma' rridux nagħmluh biss għat-tħaddim tal-ġustizzja f'pajjiżna iżda wkoll għaliex irridu nerġgħu nagħtu l-ħajja mill-ġdid lill-viżjoni ta' Malta bħala ċentru ta' eċċellenza għas-soluzzjoni tat-tilwim.

Biex dan jirnexxielna niksbuh fl-ewwel lok irridu nindirizzaw il-kollass ta' l-istituzzjonijiet f'pajjiżna fejn dawn jerġgħu jsiru verament indipendenti u mħaddma fuq il-prinċipju tas-saltna tad-dritt. Istituzzjonijiet effettivi, imparzjali u indipendenti jwasslu għal soċjeta' aktar ġusta u għal ekonomija aktar b'saħħitha.

Irridu nistinkaw għall-ġustizzja, ninvestigaw kull kuntratt b'xamma ta' korruzzjoni jew aġir dubbjuż mill-Eżekuttiv li jista' jitfa' dubbju fuq l-integrita' tat-tmexxija ta' pajjiżna. Dan ser isir permezz ta' funzjoni inkwerenti ġdida li tkun indipendenti mill-gvern tal-ġurnata u jkollha l-poteri kollha li hemm bżonn biex tinvestiga mingħajr ħadd ma' jiġbdilha l-ispag.

Irridu nindirizzaw il-problema li dejjem tikber tat-tul eżaġerat tal-proċessi fil-Qrati billi nsaħħuhom bir-riżorsi, bit-talemnt u bl-għodod meħtieġa kif ukoll billi nkomplu nwessgħu l-użu tad-diġitalizzazzjoni fis-sistema ġudizzjarja kollha sabiex dak kollu li jista' jsir b'mod diġitali jsir b'mod aktar effettiv u effiċjenti.

Flimkien mal-esperti u wara konsultazzjoni mal-partijiet kollha interessati, inwettqu riforma ġudizzjarja li tixraq lil pajjiż Ewropew u modern b'emfażi qawwija fuq l-indipendenza tal-ġudikatura.

Serjrin ukoll inniedu bis-serjetà r-Riforma Kostituzzjonali tant imwiegħda iżda qatt imwettqa. Pajjiżna għandu bżonn jagħmel il-qabża li jmiss f'dan ir-rigward mhux lanqas fis-sistema elettorali tiegħu biex nassiguraw li d-demokrazija titħaddem verament kif suppost u mhux biss kif jaqbel liż-żewġ partiti l-kbar. L-ispazju għall-partit żgħar irid jinħoloq u mhux jinħonoq.

‘Il hinn minn l-elezzjonijiet irridu nsaħħu id-demokrazija tagħna billi insaħħu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid tal-aktar deċiżjonijiet importanti fil-pajjiż, bl-introduzzjoni ta’ sistema mill-aktar avvanzata tal-votazzjoni elettronika biex il-poplu jkun jista’ jiddeċiedi fuq materji importanti minn żmien għall-ieħor b’mod prattiku, sikur u effettiv.

## Rispett lejn Pajjiżna u s-Saltna tad-Dritt

**284.** Nibnu mill-ġdid ir-reputazzjoni tal-ġurisdizzjoni tagħna fix-xenarju internazzjonali fuq il-ħidma biex nerġgħu nsaħħu l-ħarsien tas-saltna tad-dritt f'pajjiżna.

**285.** B'tim ta' ambaxxaturi u mibgħuta speċjali ta' rispett internazzjonali u integrità assoluta, nerġgħu nirbħu r-rispett tal-komunità internazzjonali għax nuru bil-fatti li Malta biddlet ir-rotta u reġgħet lura fit-triq tal-ħarsien tas-saltna tad-dritt u tal-governanza tajba.

**286.** Inwettqu riforma serja u indipendenti biex nindirizzaw b'mod permanenti l-kollass istituzzjonalli ta' pajjiżna biex nerġgħu niksbu ir-rispett tal-poplu u tal-komunità internazzjonali lejhom.

**287.** Bl-ewwel liġi ta' Gvern ġdid Nazzjonalista nimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-inkjesta pubblika dwar il-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia, fosthom l-Unexplained Wealth Orders fil-konfront ta' politiċi, ir-reat ġdid għal min jabbuża mill-awtorità tal-uffiċċju tiegħu u d-delitt ta' intraċċ għall-ġustizzja.

## Tisħiħ tal-Operat tal-Qrati

**288.** Inżidu b'mod gradwali n-numru ta' Imħallfin, Maġistrati u ħaddiema tal-Qorti biex jonqos iż-żmien li ddum tinstema' u tiġi deċiża kawża.

**289.** Innaqqsu iż-żmien ta' stennija biex jinstema' u jiġi deċiż appell fosthom billi t-tielet sessjoni tal-Qorti tal-Appell tibda tisma' aktar każijiet.

**290.** Nirriformaw il-mod kif isiru il-kumpilazzjonijiet biex il-każijiet quddiem il-Qrati ma jibqgħux isiru darbtejn.

**291.** Innaqqsu ż-żmien li wieħed irid jistenna biex wieħed mill-konjuġi biss ikun jista' jitlob id-divorzju.

**292.** Nibdew xogħlijiet fil-bini tal-Qorti tal-Familja biex jingħata dehra aħjar u b'faċiltajiet moderni kif jixraq u nattrezzawha b'iktar kmamar adegwati għal medjazzjoni sabiex it-terapisti, psikoloġi u professjonisti relatati jkunu jistgħu jiltaqgħu mal-partijiet skont l-inkarigu mogħti lilhom mill-Qorti u biex dawn il-kmamar jirrispettaw il-kunfidenzjalità tal-partijiet.

**293.** Inżidu r-riżorsi umani fil-Qorti tal-Familja b'aktar esperti fil-kamp tal-psikoloġija, terapisti u social workers li jkunu jistgħu jinvestigaw allegazzjonijiet ta' abbuż fuq il-parti vulnerabbli tal-koppja, speċjalment biex inħarsu t-tfal.

**294.** Insaħħu s-sinerġija bejn il-professjonisti fil-Qorti tal-Familja u l-NGOs u entitajiet li jipprovdu programmi adegwati ta' anger

management, family therapy u riabilitazzjoni minn sustzanzi u alkoħol, f'każi simili li jwasslu għal vjolenza domestika.

## Tiġdid tal-Qafas u l-Infrastruttura fil-Qasam tal-Ġustizzja

**295.** Inwaqqfu Kumitat Parlamentari għall-Ġustizzja biex jagħmel skrutinju kontinwu tas-sistema tal-ġustizzja f'pajjiżna.

**296.** Ngħaddu liġi li tirregola u tirrikonoxxi l-professjoni legali wara konsultazzjoni sħiħa mal-Kamra tal-Avukati u l-Kamra tal-Prokuraturi Legali.

**297.** Ninvestu f'bini ġdid tal-Qorti biex jiżdiedu n-numru ta' awli u faċilitajiet oħra bil-għan li l-pubbliku jinqeda aħjar.

**298.** Nibdew nipprovdu servizz ta' childcare b'xejn għal min ikun jeħtieġ jattendi l-Qorti.

**299.** Indaħħlu fis-seħħ sistema komprensiva ta' diġitalizazzjoni tas-servizz tal-Qrati kemm f'kawżi ċivili kif ukoll f'dawk kriminali biex naqtgħu d-dewmien żejjed u nżidu l-effiċjenza u l-aċċessibbilità tal-pubbliku.

**300.** Inwaqqfu kumitat konsultattiv dwar is-servizz tal-Qrati b'rappreżentanza tal-pubbliku, tal-Avukati, tal-Prokuraturi Legali u tal-ħaddiema tal-Qorti biex b'mod kontinwu jagħmel proposti biex jitjieb is-servizz tal-Qrati.

**301.** Inwaqqfu media unit fi ħdan l-Aġenzija għas-Servizz tal-Qorti biex jgħin lill-pubbliku in ġenerali u lill-ġurnalisti b'informazzjoni dwar deċiżjonijiet u proċeduri li jkunu għaddejjin fil-Qrati ta' pajjiżna.

**302.** Jibdew jiġu live streamed is-seduti tal-Qorti Kostituzzjonali bħala l-ewwel pass biex tiżdied l-aċċessibilità għas-smigħ ta' kawżi li jkunu ta' interess pubbliku.

**303.** Nerġgħu nagħtu l-ħajja lill-viżjoni ta' Malta bħala ċentru ta' eċċellenza għas-soluzzjoni tat-tilwim u arbitraġġ.

## Riformi Leġiżlattivi li Jsaħħu l-Prinċipji

**304.** Insaħħu d-drittijiet taċ-ċittadini fuq id-data personali tagħhom billi ndaħħlu dritt ġdid ta' self-determination fejn kull persuna tiddeċiedi hi fuq x'data tinżamm dwarha minn entitajiet pubbliċi u kumpaniji privati.

**305.** Nibnu qafas komprensiv ta' ġustizzja riparatriċi li permezz tiegħu min iwettaq reat ikollu mezz aktar effettiv ta' kif jirrimedja għad-dannu li jkun għamel lill-vittma u/jew is-soċjetà.

**306.** Insaħħu l-qafas intiż biex jagħti appoġġ lill-vittmi tar-reati partikolarment dawk li jsoffru abbuż fiżiku jew psikoloġiku.

**307.** Inkomplu nsaħħu l-pieni f'każijiet ta' vjolenza domestika kif ukoll fejn mantiniment dovut ma' jitħallasx skond it-termini stipulati.

**308.** Indaħħlu miżuri ġusti u effettivi ta' kif persuni li jkunu wettqu reat (bl-esklużjoni ta' reati speċifiċi) iżda jkunu rriformaw lilhom infushom u ma' jkunux ikkommettew reat għal perjodu ta' żmien stabbilit jingħataw opportunitajiet aħjar fis-soċjetà.

## Riformi Kostituzzjonali u Elettorali

**309.** Permezz ta' proċess rappreżentattiv u bl-akbar firxa wiesgħa ta' konsultazzjoni, infasslu pjan direzzjonali biex il-Kostituzzjoni tagħna tkun xierqa għal stat avvanzat u modern.

**310.** B'maturità politika, indaħħlu liġijiet, mekkaniżmi u stil ta' tmexxija li tinvolvi lill-Oppożizzjoni Parlamentari tal-ġurnata b'mod attiv ħalli r-rappreżentanza demokratika tkun riflessa wkoll f'oqsma oħra apparti dawk Parlamentari.

**311.** Bil-għan li nsaħħu l-parteċipazzjoni fi proċessi tad-demokrazija, nintroduċu l-fakulta' li votant jivvota b'mod elettroniku għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-Kunsilli Lokali u r-referenda.

**312.** Noħolqu qafas biex lż-żgħażagħ jaġixxu bħala osservaturi elettorali, jkunu parti mill-kummissjonijiet elettorali, u joffru s-sehem tagħhom fil-postijiet tal-votazzjoni.

**313.** Naraw li s-sistema elettorali tagħna tagħti l-ispazju meħtieġ lill-partiti żgħar u għalhekk nerġgħu nimbottaw il-proposta li kwalunkwe partit politiku li jġib 5% tal-voti mitfugħa fl-elezzjoni ġenerali jkollu d-dritt ta' rappreżentanza fil-Parlament.



## Tema 8:

# Nippreservaw is-sbuħija u l-identità ta' Għawdex u nkattru *l-opportunitajiet għall-Għawdxin.* +1♥

- Irridu nemmnu fil-potenzjal enormi ta' Għawdex li jsir ċentru ta' sostenibbiltà, sofistikazzjoni industrijali u sbuħija naturali fir-reġjun kollu. Għawdex jistħoqqlu u ser jingħatalu identità soċjo-ekonomika distinta li tibni fuq il-karatteristiċi partikolari tiegħu u mhux biss dawk ta' Malta.

- Is-sussidjarjetà għal Għawdex irridu nagħtuha tifsira ġdida: sussidjarjetà li tfisser qafas b'saħħtu u sħiħ ta' servizzi pubbliċi, infrastruttura u tmexxija, f'kuntest ta' ħidma bla preċedent biex jitkattar investiment adattat għall-gżira Għawdxija.

Il-gżira Għawdxija minn dejjem kienet għal qalb il-Partit Nazzjonalista. Irridu li Għawdex isir gżira aktar awtonoma ħalli d-deċiżjonijiet tal-ippjanar, tan-niċeċ ekonomiċi ġodda u ta' ħafna oqsma li jolqtu lill-Għawdxin, jittieħdu mill-Għawdxin stess. Impenjati li mill-aktar fis nieħdu lura t-tmexxija tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u fl-ewwel ġimgħat ta' gvern Nazzjonalista tibda l-ħidma għal investiment f'servizz tas-saħħa li jixraq lill-Għawdxin inkluż f'firxa ta' djar żgħar għall-kura tal-anzjani, inkluż bi speċjalizzazzjoni għal kundizzjonijiet speċifiċi bħad-dimensja, għad-diffikultajiet ta' saħħa mentali u għall-persuni b'diżabbiltà.

Impenjati bis-sħiħ li nsaħħu l-konnessjoni u l-aċċessibbiltà bejn iż-żewġ gżejjer għall-Għawdxin, b'mod partikolari għal dawk li jaħdmu Malta u jaqsmu ta' kuljum. Bħalma fid-disgħinijiet investejna fi tliet vapuri għall-Gozo Channel, wasal iż-żmien li ninvestu mill-ġdid f'vapuri ġodda li ma jniġġsux u fil-frattemp, fejn tidħol il-mina taħt il-fliegu, niżguraw li jsiru l-istudji kollha u ssir konsultazzjoni aktar mill-qrib mal-Għawdxin ħalli tkun tista' tittieħed deċiżjoni aktar infurmata direttament mill-komunita' Għawdxija.

Dan apparti li nkomplu nżidu x-xogħol f'Għawdex u xogħol ta' kwalità f'industriji li ma' jniġġżux. Il-Partit Nazzjonalista jinċentiva ħafn aktar ix-xogħol remot (teleworking) għall-impjiegi li jippermettu dan, u naraw li s-servizz pubbliku jkun eżempju mudell għal dan il-għan.

Ninvestu wkoll f'servizzi aħjar u nqisu lil Għawdex bħala ekonomija partikolari li teħtieġ pjan ta' rkupru speċifiku. Nistinkaw biex Għawdex jerġa' jibda jospita kumpaniji

ta' servizzi speċjalizzati li joħolqu impjiegi ta' kwalità f'Għawdex stess. Barra minn hekk, niżviluppaw hub ta' edukazzjoni internazzjonali f'Għawdex biex nattiraw studenti barranin ta' livell għoli, filwaqt li nissoktaw ninvestu f'edukazzjoni ħolistika għal uliedna fil-livelli kollha.

Għawdex jixraqlu aħjar. Għaldaqstant, Partit Nazzjonalista jwiegħed li kull żvilupp f'Għawdex isir b'mod sostenibbli, tiġi kkontrollata l-kostruzzjoni bla rażan li hi evidenti bħalissa, u niżguraw li nipproteġu l-pajsaġġ uniku ta' din il-gżira. Irridu li Għawdex jibqa' differenti minn Malta biex jibqa' attraenti għat-turiżmu intern u dak barrani. Hekk niżguraw li l-industrija turistika Għawdxija terġa' tieħu l-ħajja wara l-pandemija, tqum fuq saqajn sodi u tissalvagwardja l-ġejjieni tagħha, ħalli terġa' tkun mutur ekonomiku qawwi għall-Għawdxin.

Inħarsu wkoll l-ambjent naturali tal-gżira ta' Kemmuna biex filwaqt li l-bajjiet tagħha jibqgħu attrazzjoni turistika ta' livell dinji u jħallu l-flus fil-bwiet tal-Maltin u l-Għawdxin, naraw li kull żvilupp li jsir ikun tassew jirrispetta l-ambjent uniku tagħha.

Ninvestu f'attrazzjonijiet ġodda għall-għaddasa, għax-xabbaturi, għat-tracking, u għal min ifittex irkejjen ta' mistrieħ fil-kampanja jew ħdejn il-baħar. Ninvestu wkoll f'aktar taħriġ immirat għall-ħaddiema fis-settur turistiku biex nibqgħu ntejbu u niddiversifikaw kontinwament il-prodott turistiku tagħna. Nixprunaw u niġġeneraw aktar investiment privat sostenibbli f'għadd ta' lokalitajiet u nħawi minsija, u fix-Xlendi, f'Marsalforn u fil-Belt Vittorja.

Għawdex jeħtieġ bidla immedjata fid-direzzjoni, qabel ma jkun tard wisq. Għal dan il-għan, irridu ninvolvu lill-partijiet ikkonċernati u interessati kollha biex il-pjan jitfassal mill-Għawdxin u mbagħad ikun jista' jitwettaq fil-prattika mill-Għawdxin stess.prattiku, sikur u effettiv.

# Aktar Awtonomija għal Għadwex

**314.** Għawdex jiġi meqjus bħala 'Gżira Reġjun' b l-istatus imniżżel fil-Kostituzzjoni filwaqt li nwaqqfu Kunsill Reġjonali rappreżentattiv b'membri eletti demokratikament u li jkollu l-awtonomija meħtieġa imsedqa b'poteri ezekuttivi.

**315.** Insaħħu l-kapaċità funzjonali tal-Awtorità Reġjonali u nipprovdulha struttura koordinattiva, effettiva u trasparenti mal-gvern ċentrali u mal-aġenziji tiegħu.

**316.** Nipprovdu aktar sussidjarjetà lil Għawdex fil-livelli kollha ta' governanza.

**317.** Nibnu servizz pubbliku dedikat u deċentralizzat għal kollox għal Għawdex

# Tisħiħ tal-Infrastruttura tal-Gżira Għawdxija

**318.** Nibnu pjan ta' investiment infrastrutturali integrat li jlaqqa' t-trasport lejn u minn Għawdex ma' rekwiżiti infrastrutturali usa'. Prijorità ewlenija ser tkun it-tkabbir tal-port tal-Imġarr biex jaqdi l-bżonnijiet tal-passiġġieri u tal-merkanzija.

**319.** Id-deċiżjoni finali dwar il-proġett tal-mina tittieħed mill-komunità Għawdxija wara li jkunu tlestew u ġew ippubblikati l-istudji kollha bi trasparenza sħiħa.

**320.** Sakemm ikun hemm deċiżjoni finali dwar il-mina, insaħħu bil-kbir l-aċċessibbiltà għall-Għawdxin b'estensjoni tal-infrastruttura tal-port tal-Imġarr u b'investiment fit-tul f'żewġ vapuri ġodda: wieħed għall-passiġġieri u ieħor għall-merkanzija.

# Aktar Servizzi tas-Saħħa għall-Pazjenti Għawdxin

**321.** Wara terminazzjoni tal-ftehim tal-privatizzazzjoni ma' Steward Healthcare, inwettqu programm kapitali massiv għall-iżvilupp, permezz tal-Malita plc, ta' Sptar Ġenerali ġdid ta' 400 sodda f'Għawdex.

**322.** Ninvestu bil-kbir u niffinanzjaw l-estenzjoni ta' firxa ta' trattamenti għall-kanċer mogħtija f'Għawdex stess.

**323.** Nifthu servizz ġdid tal-MRI f'Għawdex u nallokaw riżorsi speċjalizzati biżżejjed għall-kliniċi tal-outpatients ħalli nnaqqsu l-iskariġġ tal-pazjenti Għawdxin lejn Malta.

# Nipproteġu l-Identità u l-Ambjent t'Għawdex

**324.** Naraw li l-politika tagħna tal-protezzjoni tal-ambjent tkun riflessa b'enfasi kbira fuq il-gżira Għawdxija għax lil din il-gżira rridu nipproteġuha mill-iżvilupp bla rażan li ftit ftit qed jeqred il-karattru uniku tagħha.

**325.** Noħolqu rwol soċjo-ekonomiku uniku u innovattiv għal Għawdex li jagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku filwaqt li jħares il-karattru, l-identità u l-ġmiel naturali tal-gżira.

# Inkattru l-Opportunitajiet fil-Qasam Edukattiv

**326.** Ser nibnu *campus* tal-MCAST ġdid ġewwa Għawdex fejn apparti li jiżdiedu il-korsijiet offruti jiġu introdotti korsijiet ġodda f'diversi oqsma marbutin mal-għaxar setturi ġodda li ser ninvestu fihom f'pajjiżna.

**327.** L-istudenti Għawdxin li jkomplu l-istudji tagħhom fl-istituzzjonijiet edukattivi f'Malta ser jingħataw sussidju addizzjonali biex itaffi l-ispejjeż li jiffaċċjaw ta' kuljum.

**328.** Inkabbru u nestendu l-campus tal-Università ġewwa Ghawdex biex inwessgħu aktar l-opportunitajiet u tkun tista tiġi stabbilita fakultà agro-veterinarja li isservi ghall-istudenti kollha Maltin/Għawdxin u barranin li ikunu interessati li jieħdu dan il-kors.

**329.** Wara l-esperjenza tul il-pandemija, iz-żgħażagħ Għawdxin ser jingħataw l-opportunita li jattendu ghall-lezzjonijiet b'mod virtwali jew mill-campus tal-Universita ġewwa Għawdex. Dan apparti li jsir sforz li l-ħinijiet tal-lectures ma' jkunux f'ħinijiet tard ħafna li jagħmluha ħafna diffiċli ghal Ghawdxin.

**330.** Ser nagħtu spinta lill-ITS ġewwa Għawdex u mill-ġdid jerġgħu jibdew korsijiet li diġà kienu jeżistu ma oħrajn ġodda,  fejn studenti u zgħazagħ Għawdxin u Maltin ikunu jistgħu jattendu għalihom.

**331.** Immexxu d-diversifikazzjoni ekonomika Għawdxija b'enfasi fuq is-sofistikazzjoni u l-konservazzjoni tal-attività industrijali f'Għawdex.

**332.** Nestendu l-preżenza ineffettiva tal-Malta Enterprise f'Għawdex billi nibnu branka dedikata sħiħa, b'tim, riżorsi, allokazzjoni u finanzjament separat,  li tkun unità ta' appoġġ għall-promozzjoni tal-investiment dirett lokali u barrani f'Għawdex.

**333.** Niddeċentralizzaw it-tmexxija u t-twettiq tal-funzjoni turistika ta' Għawdex billi l-assoċjazzjonijiet relatati mat-turiżmu jitgħaqqdu f'entita' bażata fuq PPP b'budget allokat għal żvilupp ta' niċċeċ u setturi ġodda.

**334.** Sabiex inħajjru aktar turiżmu lejn Għawdex ser innaqqsu l-ispejjeż tal-liċenzji filwaqt li nagħtu inċentivi lis-sidien tal-lukandi u ristoranti biex ikabbru r-riżorsi tagħhom.

335. Ser naraw li jinfetħu tliet child care centres f'Għawdex biex nagħtu aktar possibiltà lill-ġenituri jidħlu fid-dinja tax-xogħol jew ikomplu bil-karriera tax-xogħol tagħhom.

336. Inwettqu programm biex jinċentiva skejjel tal-lingwa f'Għawdex b'mod partikulari għal persuni adulti u professjonisti.



## Tema 9:

# Dħul akbar b'sistema *fiskali ġusta.*

+1 ♥

- Irridu nibnu sistema ta' tassazzjoni li tkun ġusta u ma' tiddiskriminax kontra negozji Maltin, filwaqt li tkun mibnija fuq prinċipji li jinċentivaw lill-intrapriżi jinvestu dejjem aktar fil-ħaddiema u l-operat tagħhom.

- Il-mudell ta' tassazzjoni ta' pajjiżna jrid ikompli jiġi modernizzat sabiex il-Gvern ikun jista' jiġġenera aktar dħul filwaqt li jżomm il-piż tat-taxxi fuq il-familji Maltin u Għawdxin baxx kemm jista' jkun. Dan ukoll billi niffukaw aktar fuq investiment kapitali u nnaqqsu l-infiq diskrezzjonarju ta' spejjeż li jistgħu jiġu evitati.

Bir-raġun kollu jingħad li r-reputazzjoni tiegħu snin twal biex tinbena, iżda tinħatt u tinqered f'radda ta' salib. Il-gvernijiet Nazzjonalisti tat-tmeninijiet u d-disgħinijiet ħadmu qatigħ biex irnexxielhom ibiddlu r-reputazzjoni ħażina f'waħda pożittiva u b'saħħitha li ssarrfet f'aktar investiment lokali u barrani f'Malta. Dan il-pass kien arja friska fuq pajjiżna – konna ħadna r-ruħ – għax Malta rat tkabbir ekonomiku u ħolqien kbir ta' impjiegi.

Infetħu numru ta' setturi ġodda li pprovdew u għadhom jipprovdu xogħlijiet ta' kwalità f'Malta. B'hekk tjiebet il-kwalita' tal-ħajja u żdied il-livell tal-għajxien ta' kull min, direttament jew indirettament, jaqla' l-ħobża ta' kuljum minn dawn is-setturi, fosthom is-servizzi finanzjarji, il-qasam marittimu, il-farmaċewtika, l-igaming u t-tiswija tal-ajruplani.

It-tmien snin tal-Labour tappnu bil-kbir isimna mal-bqija tad-dinja, b'daqqa wara oħra u bi skandlu wara ieħor. Minħabba f'hekk, kull min jaħdem f'dawn is-setturi li jrendu dħul tajjeb għall-familji Maltin u Għawdxin, sfaw fil-mira ta' kritika u attakki minn pajjiżi oħrajn b'rabta mas-sistema tat-tassazzjoni Maltija li fuqha ssejsu dawn is-setturi.

Il-Partit Nazzjonalista, li bena dan kollu mill-qiegħ, se jibqa' jistinka biex mhux biss jipproteġi l-interessi tal-ħaddiema u jreġġa' lura r-reputazzjoni kif kienet għal bosta snin, iżda anki biex isaħħaħ is-sistema tat-tassazzjoni Maltija ħalli tibqa' tattira aktar u aktar investiment ta' livell għoli. Imbagħad dan l-investiment joħloq aktar xogħol ta' kwalità u jipprovdi pagi tajbin, u b'hekk jagħti serħan il-moħħ u futur sod liż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin.

Barra minn hekk, irridu aktar investiment f'Għawdex. Irridu ninċentivaw setturi ġodda speċjalizzati li jgħoddu għal din il-gżira u nħejju suq tax-xogħol b'saħħtu f'Għawdex stess biex niżguraw li dan il-pjan ikun jista' jitwettaq fil-prattika u biex jagħtuna ċertu vantaġġ kompetittiv.

Il-Partit Nazzjonalista kommess li s-sistema tat-tassazzjoni Maltija tibqa' għodda utli biex titjieb, bil-fatti, il-kwalità tal-ħajja tal-poplu kollu u biex investituri u innovaturi ġodda jitħeġġu joħolqu aktar ġid. Dan hu s-sodisfazzjon li jikseb pajjiżna b'reputazzjoni li tagħmillu ġieħ u b'isem nadif li tant jixraqlu.

Il-ġid li ser noħoloqu ser naraw li jitqassam b'mod ġust. Dan ser ikun iffinanzjat minn piż tat-taxxa ħafna anqas iżda f'qafas ta' dixxiplina fiskali li tassigura ġustizzja u dħul fiskali adekwat li meta miżjud mal-fondi li ser nibqgħu nġibu mill-UE jippermettulna nkomplu niżviluppaw lil pajjiżna f'wieħed modern, innovattiv, diġitali u b'ruh soċjali. Għalhekk ser naraw li s-sħubija tagħna fl-Unjoni Ewropea ssarraf f'aktar fondi u investiment għal pajjiżna li jmorru direttament fl-industrija tagħna biex inkomplu ntejbu l-ħiliet tagħna u nittrasformaw il-mudell tagħna f'wieħed li jżid aktar valur u aktar dħul għall-Gvern.

## Politika Fiskali Responsabbli

**337.** Inħaddmu sforz kollettiv sabiex pajjiżna ma' jibqax jirreġistra deficit rikorrenti u dan nagħmluh mingħajr ma ngħabbu l-piż ta' deċiżjonijiet ħżiena fl-aħħar disa' snin fuq il-poplu.

**338.** Infasslu pjan ta' rkupru fiskali biex niżguraw li jinkiseb bilanċ baġitarju mingħajr ma jiddgħajfu l-benesseri soċjali u l-kwalità tal-ħajja.

**339.** Inwaqqfu l-prattika ta' Gvern Laburista li jdejjen lill-poplu biex jiffinanzja l-ispiża tal-kllijenteliżmu billi nċaqilqu n-nefqa pubblika lejn il-kapital u l-investiment mill-ġdid f'qafas ta' ppjanar baġitarju ġdid responsabbli.

**340.** Niżviluppaw flussi innovattivi ta' introjtu biex jiżdied id-dħul tal-gvern mingħajr ma jiżdied il-piż tat-taxxi.

**341.** Naraw li l-assi kapitali u dawk tal-art li għandu l-Istat jissaħħu dejjem aktar u jintużaw tassew biex jinħoloq il-ġid nazzjonali.

**342.** Nirriformaw il-qafas tax-xiri pubbliku (public procurement) b'enfasi fuq it-trasparenza, l-ekwità u l-kompetittività, bir-riforma tkun ibbażata fuq ir-rakkomandazzjonijiet imressqa mill-Kamra tal-Kummerċ fl-2021.

**343.** Biex insaħħu r-rwol tal-intrapriżi ż-żgħar u medji nistabbilixxu mira li 25% tax-xiri tal-Gvern isir minn fost dawn l-intrapriżi li jkunu aderenti mal-kriterji tal-ESG.

**344.** Indaħħlu prassi li l-ħlasijiet lil dawk l-intrapriżi jew self-employed li huma aderenti mal-kriterji ESG, isiru f'perjodu massimu ta' 21 ġurnata xogħol.

## Nippremjaw il-Bżulija u r-Responsabbiltà

**345.** Nippremjaw ir-responsabbilità ta' min hu aderenti mal-kriterji ESG u l-bżulija ta' min joħloq il-ġid bi tnaqqis fil-piż tat-taxxa fuq il-familji u fuq dawk li jaħdmu għal rashom.

**346.** Indaħħlu mekkaniżmi li permezz tagħhom il-piż tat-taxxa fuq il-ħaddiema jkun wieħed aktar ġust u li jinċentiva x-xogħol u lil min josserva l-obbligi tiegħu kemm jekk hu sid, kif ukoll jekk hu ħaddiem.

**347.** Inkomplu ninċentivaw lil min jaħdem, iħallas it-taxxa u jikkontribwixxi fl-ekonomija billi:

- Min jaqla' anqas minn €20,000 ser jingħata kreditu ta' taxxa ta' 10% fuq l-ammont ta' taxxa mħallas fis-sena ta' qabel.
- Min jaqla' bejn €20,000 u €40,000 ser jingħata kreditu ta' taxxa ta' 5% fuq l-ammont ta' taxxa mħallas fis-sena ta' qabel.
- Min jaqla' anqas bejn €40,001 u

- €60,000 ser jingħata kreditu ta' taxxa ta' 3% fuq l-ammont ta' taxxa mħallas fis-sena ta' qabel.
- Ir-rata tat-taxxa għal min jaqla' bejn €60,001 u €80,000 ser tkun dik ta' 25%.

**348.** Neżentaw lill-istudenti jew lill-impjegati sa 21 sena li jaqilgħu inqas minn 60% tal-introjtu medjan nazzjonali (National Median Income), milli jħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, bħala miżura ta' appoġġ fil-bidu tal-ħajja tax-xogħol tagħhom.

## Sistema ta' Tassazzjoni Ġusta

**349.** Nipprovdu qafas ta' tassazzjoni aktar ġust u kompetittiv għall-intrapriżi lokali fejn norbtu r-rata ta' taxxa mal-kriterji tal-ESG fosthom l-imġiba ambjentali, etika, soċjalment responsabbli u governanza tajba tal-intrapriża.

**350.** Naraw li l-arretrati kollha tal-VAT, ħlas tat-taxxa u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li akkumulaw tul il-pandemija tal-COVID19 jitħallsu lura fuq perjodu ta' 8 snin biex inwieżnu lin-negozji, konformi mal-kriterji ESG, bi sfidi ta' cash flow.

**351.** Biex ninċentivaw aktar investiment fl-intrapriżi tagħna, ser innaqqsu r-rata tat-taxxa fuq il-qligħ tan-negozji, konformi mal-ESG, għal 15% fuq l-ewwel €500,000 profitt li jinżammu fin-negozju.

**352.** Fuq medda ta' ħames snin, hekk kif il-qafas tal-ESG ikun sar parti integrali mill-politika fiskali tagħna, innżżlu l-ogħla rata ta' taxxa għal 25%, kemm għall-kumpaniji kif ukoll għall-persuni.

**353.** Nintrabtu li r-rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, tal-VAT jew tat-taxxa fuq id-dħul ma jiżdidux tul il-leġiżlatura, filwaqt li ninċentivaw iżjed attività kummerċjali billi:

- Niżguraw li n-negozji u s-self-employed b'fatturat sa €60,000 ma jkunux meħtieġa jitolbu l-VAT jew jitolbu rifużjoni tal-VAT, filwaqt li nqassru ż-żmien li taxpayer irid idum biex jibdel bejn reġim u ieħor tal-fatturat.

- Innaqqsu l-VAT tar-ristoranti u l-barijiet għal 7%.

- Filwaqt li nkomplu nespandu l-programmi ta' micro-invest fuq firxa wiesgħa ta' investimenti, ser ninċentivaw aktar investiment sostenibbli permezz ta' investment allowances lill-intrapriżi li jinvestu f'impjanti u makkinarju li ma jniġġisx u li huwa energy-efficient kif ukoll dawk li joħolqu ċerti tip ta' propjetà intelletwali (intellectual property) f'oqsma ekonomiċi li ma jniġġsux.

- Filwaqt li l-aderenza għall-kriterji ta' l-ESG ser tkun determinanti għal min jibbenefika minn inċentivi u miżuri ta' appoġġ lill-intrapriża, ser naraw li min jevita jew jevadi t-taxxa jkollu jiffaċċja pieni akbar filwaqt li min ma' jħallasx it-taxxa fil-ħin

jingħata l-opportunita' li jirregola l-pożizzjoni tiegħu b'mod ġust iżda mhux sproporzjonat.

**354.** Kumpaniji, partnerships jew self-employed li huma konformi mal-kriterji ESG u li:

- F'sena finanzjarja ma' jkollhomx dħul ta' aktar minn €5 miljun; u
- Li ma' jimpjegawx aktar minn 250 persuna full-time jew ekwivalenti; u
- Li m'għandhomx balance sheet ta' valur aktar minn €10 miljuni,

mhux ser ikollhom għalfejn jagħmlu audited financial statements ta' kull sena u minflok ikunu jistgħu jissottomettu accounts preparati mill-kumpanija flimkien ma' ċertifikat ta' konformita mal-kriterji ESG.

**355.** Inneħħu kull forma ta' taxxa fuq it-trasferimenti ta' negozji, fużjonijiet (mergers) jew akkwist ta' intrapriżi li huma konformi mal-kriterji ESG, inkluż fuq it-trasferimenti tal-ishma f'kumpaniji.

**356.** Inneħħu t-taxxa tas-suċċessjoni fuq it-trasferimenti tal-proprjetà (inkluż art agrikola) li jintirtu fil-familja.

**357.** Inneħħu t-taxxa fuq it-trasferiment mal-wirt ta' ishma f'kumpaniji mill-ġenituri għat-tfal, suġġett li l-kumpaniji jkunu konformi mal-kriterji ESG.

**358.** Niksbu u nużaw il-fondi tal-UE bi strateġija ffukata fuq it-tkabbir ekonomiku u t-tisħiħ tal-SME's.

**359.** Nibnu qafas progressiv u aktar estensiv minn dak prattikat s'issa għal għajnuniet ta' investiment konformi mal-liġijiet dwar l-għajnuna mill-Istat.

**360.** Nikkonsolidaw il-ħidma operazzjonali kollha fil-qasam fiskali sabiex ma' nippermettux li pajjiżna jintuża bħala ġurisdizzjoni fejn tista' tiġi evitata t-taxxa.

**361.** Niżguraw il-kompetittività fiskali internazzjonali permezz ta' qafas li jinċentiva influss b'saħħtu ta' investiment barrani filwaqt li jassigura l-konformita' ta' pajjiżna mad-direttivi Ewropej u globali.

**362.** Nassiguraw li kull persuna legalment residenti f'Malta jkollha d-dritt li tiftaħ u topera kont bankarju bis-servizzi bażiċi ta' depożitu, ħlasijiet elettroniċi u l-użu ta' ATM.

## Sistema tal-Pensjonijiet Sostennibbli

**363.** Noħolqu mudell sostenibbli u fit-tul għall-pensjonijiet li ma' jaħsibx biss għall-llum u li jassigura li l-pensjonanti ta' għada jkollhom kwalita tal-ħajja diċenti u xierqa.

**364.** It-tfaddil ser jingħata ħafna aktar importanza billi jissaħħu l-iskemi ta' krediti fiskali għal min jinvesti f'pensjonijiet privati jew investimenti simili, kif ukoll strutturat għal skemi volontarji tal-pensjonijiet.

**365.** Bħala parti minn tisħiħ usa' fil-qafas leġiżlattiv tal-pensjonijiet, nistabbilixxu Fond tal-Pensjonijiet biex niżguraw li l-flus tal-bolol imħallsa minn kull ħaddiem jmorru ġo Fond uniku amministrat bi professjonalità u trasparenza. Dan il-Fond ikun jiġbor il-kontribuzzjoni għall-pensjonijiet kontributorji, iżda b'ruħ mill-aktar soċjali jkun jaħseb ukoll għal parti sostanzjali mill-pensjonijiet mhux kontributorji.

**366.** Isir proġett komprensiv, li kien beda taħt Gvern Nazzjonalista, biex permezz tiegħu ssir id-diġitalizazzjoni tal-artijiet u l-proprjeta' kollha tal-gvern bil-għan li tingħata valur u tiġi dokumentata.

**367.** Tiġi aċċelerata t-trasformazzjoni tal-Awtorita' ta' l-Artijiet u tal-Uffiċċju Konġunt biex jitnaqqas iż-żmien esaġerat li proċessi bażiċi li jolqtu lil ħafna nies (bħal fidi ta' ċnus u rikonoxximenti) jieħu.

**368.** Inwettqu programm strutturat li permezz tiegħu ċnus kummerċjali jibdew jinfdew fuq bażi ta' rati kummerċjali sabiex tingħata aktar stabbilita' lill-utent, li biex jibbenefika minn dan il-programm irid ikun konformi mal-kriterji ESG.

## Infrastruttura ta' Investiment

**369.** Inkomplu nżidu l-kapital tal-Malta Development Bank bil-għan li dan isir il-mutur ewlieni tal-investiment fl-oqsma innovattivi, diġitali u tal-ekonomija l-ħadra sabiex inkunu nistgħu naċċeleraw it-trasformazzjoni ekonomika lejn is-settur il-ġodda li rridu noħolqu.

**370.** Nidentifikaw ta' l-anqas tlett siti li jistgħu jservu bħala Free Trade Zones kif stipulati fil-Liġi li ddaħħlet fl-2019, bil-għan li l-attivitajiet li jinħolqu għalihom ikunu mibnijin fuq politika komuni u kumplimentari mas-setturi ekonomiċi ġodda li ser ikunu qed jinħolqu kif ukoll mal-politika ambjentali ta' pajjiżna.

## Tema 10:

# Servizz pubbliku modern, diġitali u *effettiv.* +1♥

- Irridu nerġgħu nagħtu lura d-dinjità lis-servizz pubbliku billi nagħmluh il-mutur tat-tfassil tal-amministrazzjoni pubblika fuq bażi permanenti li tkun indipendenti mill-Gvern tal-ġurnata, kemm fuq bażi ċentrali kif ukoll fuq dik lokali.

- Ser inkomplu napplikaw l-użu tat-teknoloġija fil-mod ta' kif inwasslu s-servizzi pubbliċi bil-għan li nippermettu li ħafna aktar ħaddiema tal-Gvern ikunu jistgħu jersqu dejjem aktar viċin tal-front-line tas-servizz u b'hekk naqdu n-nies aħjar u b'mod effiċjenti.

Irridu settur pubbliku li jiffoka s-servizzi kollha tal-gvern fuq iċ-ċittadin, irrispettivament x'opinjoni, xi twemmin u x'fehmiet iħaddan. Irridu nbiddlu l-kultura tal-pjaċiri u l-favuri lin-nies tal-qalba f'waħda li tipprovdi ċertu serħan il-moħħ liċ-ċittadin għax ikun jaf eżattament meta huwa intitolat u x'jista' jistenna minn dawn is-servizzi.

Inwiegħdu qabża kbira ta' kwalità tal-ħajja fuq il-post tax-xogħol lill-impjegati tas-settur pubbliku biex dawn ikunu jistgħu jaqdu dmirhom aħjar, b'rispett sħiħ lejn il-ħiliet, il-kwalifiki u l-esperjenza tagħhom, u bi tmexxija u amministrazzjoni aktar serja, trasparenti u indipendenti.

Il-Partit Nazzjonalista ser iħaddem politika għas-settur pubbliku biex jersaq kemm jista' jkun qrib il-familji u negozji Maltin u Għawdxin u jkun ta' għajnuna skont il-bżonn fil-lokalitajiet tagħna. Irridu nisfruttaw bl-aqwa mod l-aktar teknoloġiji avvanzati fosthom ir-robotika u l-intelliġenza artifiċjali (AI) skont il-prinċipji u l-valuri Ewropej tal-etika, tad-dinjità u r-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, biex it-teknoloġija twieżen lill-impjegati għal servizz aktar fil-pront u individwali.

Is-servizz pubbliku jrid isib modi attraenti u effettivi kif jippremja l-bżulija, l-effiċjenza, id-dedikazzjoni b'inċentivi u inizjattivi apposta li jkomplu jżidu l-motivazzjoni tal-ħaddiema kollha fis-settur pubbliku. It-talent fis-servizz pubbliku ser jiġi rikonoxxut, inċentivat u mħarreġ fuq l-aqwa livelli sabiex nerġgħu nagħmlu mis-servizz pubbliku fost l-aktar postijiet tax-xogħol imfittxija mill-aqwa riżorsi.

Il-Partit Nazzjonalista, li welled il-Kunsilli Lokali u r-riformi tal-Gvern elettroniku, iwiegħed li jwaqqaf l-atteġġjament kurrenti fil-konfront tal-Kunsilli Lokali, anzi rridu nerġgħu nżidu d-deċentralizzazzjoni tal-poter. Dan billi nerġgħu nagħtu poteri veri lill-Kunsilli Lokali u lir-Reġjuni biex iċ-ċittadin li jeħtieġ l-għajnuna, bħal pereżempju permessi sempliċi, informazzjoni affidabbli, jinvestiga (mhux biss jilqa') lmenti u l-bqija, isib tassew amministrazzjoni fil-lokalità tiegħu li għandha s-setgħa tindirizza l-problema mingħajr ma jkollha ddur fuq il-Gvern ċentrali.

Ma rridux lill-Kunsilli Lokali sempliċiment għall-ġbir tal-iskart, jew biex ikunu messaġġiera bejn in-nies u l-Gvern. Anzi rridu Kunsilli Lokali rrappreżentati kif xieraq u b'mod effettiv fid-deċiżjonijiet tal-pajjiż, bħal ngħidu aħna dwar il-permessi ta' proġetti kbar fil-lokalità partikolari, dwar bidliet u pjanijiet ta' bidla fis-sistemi tat-traffiku u dwar inizjattivi komunitarji oħrajn.

Wara li nreġġgħu lura r-rispett lill-Kunsilli u lill-awtoritajiet reġjonali, nibdew programmi biex noħolqu sens ġdid ta' komunità fil-lokalitajiet kollha. Nisfruttaw bis-sħiħ il-vantaġġi tat-teknoloġija biex iċ-ċittadini jkollhom aċċess u kontroll faċli fejn jidħlu s-servizzi governattivi. Barra minn hekk, lil hinn mill-għodda teknoloġika, niżguraw li kull impjegat tal-gvern, ta' awtorità regolatorja jew ta' aġenzija pubblika jkollu l-opportunitajiet kollha biex itejjeb il-qagħda tiegħu b'taħriġ ta' kull livell, b'rikonoxximent tal-għarfien, tal-esperjenza u tal-kwalifiki, b'avvanz xieraq u b'kundizzjonijiet li jħabbtuha mal-aqwa tas-settur privat. B'hekk inkunu qed inwittu t-triq biex nattiraw l-aħjar persuni għall-pożizzjonijiet fl-istrutturi tas-settur pubbliku, u ma jkunx ittollerat li dawn jitmexxew mill-politiċi.

Il-Partit Nazzjonalista qed iħares lejn is-settur pubbliku b'viżjoni fit-tul, jiġifieri wara li nindirizzaw il-problemi ewlenin li ħoloq il-Gvern attwali fil-Kunsilli Lokali u fis-settur pubbliku, inwettqu programm ta' sħubija mal-privat, għal teknoloġija u kofinanzjament, ħalli s-settur pubbliku jsir tassew laboratorju ta' ideat u soluzzjonijiet li jservu ta' bażi għal oqsma ekonomiċi ġodda.

Il-mixja lejn servizz pubbliku ta' eċċellenza trid tibda minn tmexxija serja u rispettuża fil-konfront taċ-ċittadini u l-ħaddiema tas-settur pubbliku, u għalhekk il-Partit Nazzjonalista hu kommess li jwettaq dawn il-passi meħtieġa biex naċċertaw servizz pubbliku mill-aktar effettiv u effiċjenti.

## Ninvestu fis-Servizz u s-Settur Pubbliku

**371.** Nelevaw ir-riforma fis-servizz u s-settur pubbliku fuq livell ministerjali biex it-twettieq tat-trasformazzjoni jkollha l-impenn politiku fl-għola livell.

**372.** Nerġgħu nagħtu l-istima lis-settur pubbliku, u nżidu r-rispett lejn l-għarfien espert li fuqu trid tinbena l-kompetenza fl-amministrazzjoni.

**373.** Nirrikonoxxu s-sens ta' impenn tas-servizz pubbliku b'pagi kompetittivi ħalli nattiraw l-aqwa mħuħ u l-aqwa ħiliet biex imexxu u jħaddmu l-amministrazzjoni pubblika f'kull livell.

**374.** Nimplimentaw u nħaddmu prattiki ta' eċċellenza fis-servizz pubbliku.

**375.** Nittrasferixxu l-enfasi u l-allokazzjoni tar-riżorsi lejn il-frontline biex is-servizz ikun dejjem aktar viċin in-nies.

**376.** Minflok il-miljuni li qed jitberbqu bħalissa għas-salarji eżaġerati tal-pożizzjonijiet inutli ta' fiduċja, għan-nefqa diskrezzjonali u għad-direct orders ta' inkarigi esterni żejda, ser nagħtu allowance lill-frontliners kollha, fosthom lill-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, dawk fl-oqsma soċjali, lill-edukaturi, u lill-ħaddiema fil-korpi dixxiplinati bħala bonus annwali ekwivalenti għas-salarju bażiku ta' erba' ġimgħat tal-impjegat rispettiv.

## Settur Pubbliku Mingħajr Diskriminazzjoni

**377.** Il-politika tal-*outsourcing* imħaddma mill-gvern ser tinbidel biex attivitajiet li huma fiċ-ċentru tal-operat tal-gvern ma' jibqgħux ikunu sors ta' diskriminazzjoni sponsorjata mill-gvern. Taħt l-ebda ċirkostanza m'hu ser jibqa' jiġi aċċettat li ħaddiema jagħmlu l-istess xogħol u ma' jitħallsux fuq bażi simili. Il-kunċett ta' *equal pay for equal work* ser jitħaddem l-ewwel fl-entitajiet tal-gvern biex iservi ta' mudell.

**378.** Bil-għan li jkomplu jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema (kemm tal-post kif ukoll tal-kuntratturi) f'dipartimenti tal-gvern u f'entitajiet pubbliċi, ser tiddaħħal politika li tinċentiva lil dawn il-ħaddiema biex jifformaw u jissieħbu f'intrapriża soċjali jew koperattiva.

**379.** Naħtru kummissjoni speċjali biex tindirizza l-inġustizzji kollha li ilhom ikarkru għexieren ta' snin b'impenn li dawn jingħalqu sa mhux aktar tard mit-tmiem tat-tieni sena tal-leġiżlatura.

# Servizz Pubbliku Effettiv u Modern

380. Indaħħlu leġiżlazzjoni li tagħti d-dritt lil kull utent tas-servizz governattiv biex jinqeda b'mod diġitali minn kwalunkwe servizz li jista' jiġi pprovdut b'mod diġitali.

381. Naraw li kwalunkwe servizz, talba, applikazzjoni jew sottomissjoni ta' dokumentazzjoni tkun tista' ssir minn punt elettroniku wieħed li jilqa' dak kollu meħtieġ mingħajr mal-utent ikollu għalfejn iżur siti differenti biex jinqeda għal materja partikolari li tkun tinvolvi bosta dipartimenti jew entitajiet.

382. Permezz tal-pjattaforma tal-e-Government infasslu riforma biex nipprovdu servizz pubbliku tal-ġenerazzjoni li jmiss, xprunat mill-innovazzjoni, bil-għan li kull servizz li jista' jingħata elettronikament, jingħata b'dan il-mod bħala dritt taċ-ċittadin.

383. Inħaddmu applikazzjonijiet teknoloġiċi f'kull livell tal-gvern billi wkoll nwettqu fil-prattika il-'Once only principle' u naqtgħu l-burokrazija permezz tat-teknoloġija u s-servizzi diġitali.

384. Is-servizzi tal-customer care tal-gvern ikunu disponnibbli fuq bażi 24x7 biex jirriflettu x-xejrjiet ta' soċjeta' u ekonomija moderna. Jiddaħħal charter, infurzat b'liġi, li jistipula ż-żmien aċċettabbli li fih utent għandu jistenna li jinqeda minn kwalunkwe servizz mitlub minn dipartiment jew entita pubblika.

# Riforma fil-Kunsilli Lokali u r-Reġjuni

385. Nerġgħu niddefinixxu r-rwol tal-gvernijiet reġjonali u lokali fl-isfond tal-iżviluppi soċjo-ekonomiċi ta' pajjiżna.

386. Insaħħu l-awtorità tal-Kunsilli Lokali billi dawn ma jibqgħux biss spettaturi fid-deċiżjonijiet li jolqtu lil-lokalità u lir-residenti tagħhom iżda jkollhom rwol determinanti, b'mod partikolari fejn jidħlu l-materji ambjentali u l-iżvilupp ta' infrastruttura u proġetti ta' ċertu daqs.

387. Naġġornaw il-formula tal-finanzjament tal-Kunsilli Lokali b'dan illi kull Kunsill Lokali jara żieda fl-allokazzjoni tiegħu li tkun xierqa biex dawk il-funzjonijiet delegati jew devoluti lilhom ikunu jistgħu jitwettqu mingħajr xkiel.

388. Nagħtu funzjoni aktar soda, bi programm intensiv ta' devoluzzjoni tal-poter, lill-gvernijiet lokali u reġjonali biex nevolvu sens aktar b'saħħtu ta' komunità u nerġgħu nagħtu ħajja lill-prinċipju tas-sussidjarjeta'.

389. Flimkien mal-Kunsilli Lokali, nistabbilixxu pjanijiet ewlenin għal-lokalitajiet biex inwettqu inizjattivi ta' infrastruttura, ta' spazji miftuħa, u ta' titjib urban mifruxa fuq ħames snin f'kull lokalità.

# Settur Pubbliku f'Kollabborazzjoni mal-Imsieħba Kollha

**390.** Niżviluppaw qafas biex l-intrapriżi pubbliċi soċjali jkunu jistgħu jaqdu rwol vitali f'amministrazzjoni pubblika moderna, partikolarment fl-oqsma soċjali u tas-saħħa.

**391.** Infasslu programm kontinwu ta' seba' snin għal proġetti kollaborattivi mas-settur privat fejn jidħlu l-attivitajiet li jistgħu jsiru b'mod aktar effettiv jekk isiru flimkien mingħajr ma' jiġi preġudikat l-interess jew il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema.

**392.** Nevolvu l-finanzjament tal-programm ta' ħidma tal-gvern fuq bażi aktar kontabbli billi norbtu l-infiq pubbliku ma' għadd ta' kisbiet (KPI's) soċjali, ekonomiċi jew fiskali.



## Tema 11:

# Teknoloġiji avvanzati u *innovazzjoni*

+1 ♥

- Irridu nerġgħu nelevaw lil pajjiżna fuq l-ogħla livelli tal-applikazzjoni tat-teknoloġija avvanzata u l-innovazzjoni billi ndaħħluhom f'kull aspett tal-amministrazzjoni pubblika u billi ninċentivaw lis-settur privat biex ikun il-mutur ewlieni fit-twettiq ta' din il-viżjoni.

- Irridu nwelldu, insostnu u nkabbru pjattaforma nazzjonali ta' riċerka li ġġib flimkien l-akkademja, ir-riċerkaturi, l-industrija u l-Gvern biex pajjiżna jibni sensiela ta' kompetenzi vertikali f'oqsma bħall-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u l-internet of things, u niżviluppawhom f'setturi ekonomiċi b'saħħithom li jrendu għal pajjiżna.

Il-Partit Nazzjonalista minn dejjem kien il-partit tal-modernizzazzjoni f'pajjiżna. It-teknoloġija qatt ma' bżajna minnha, anzi dejjem abbraċċajniha. It-trasformazzjoni ekonomika qatt ma' ppruvajna nwaqqfuha, anzi dejjem xprunajniha u konna ta' sostenn għal kull min ried jinvesti biex inwasslu lil dan il-pajjiż fejn jixraqlu f'dan is-settur.

Ser nibnu fuq dan il-legat, nerġgħu nagħtu l-importanza li tixraq lil qasam tat-teknoloġija: ser nagħmlu minn pajjiżna mudell ta' kif id-digitalizazzjoni tista tiġi applikata f'kull qasam tas-servizzi pubbliċi, fil-komunita' u fit-tħaddim tal-ekonomija.

Il-qasam diġitali hu prijorità ewlenija tal-Kummissjoni Ewropea attwali u għaldaqstant l-UE qed talloka miljuni kbar ta' fondi biex pajjiżna, u Stati Membri oħrajn, jagħmlu t-trasformazzjonijiet meħtieġa biex fis-snin ta' wara l-pandemija jsiru l-investimenti meħtieġa u jinħolqu eluf ta' impjiegi ta' kwalità. L-investiment fil-qasam diġitali huwa l-aktar għodda b'saħħitha biex pajjiżna u l-UE jkunu kompetittivi mal-bqija tad-dinja fl-isfond ta' kompetizzjoni dejjem tikber f'suq dejjem aktar modern u avvanzat.

Il-Partit Nazzjonalista jrid li pajjiżna jeċċella f'dan il-qasam billi qabelxejn, inwaqqfu alleanza mas-settur privat ta' eċċellenza biex titmexxa strateġija għar-riċerka u l-iżvilupp bi tfassil mill-ġdid tar-rwol tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija. Dan il-Kunsill jaqdi funzjoni essenzjali biex din l-istrateġija titwettaq u tirnexxi u ma nistgħux nippermettu li nibqgħu fil-qiegħ tal-UE f'dan ir-rigward.

Irridu nixprunaw it-teknoloġija tal-ġenerazzjoni li jmiss, tal-Internet of Things, fil-5G, u fl-intelliġenza artifiċjali (AI). Flimkien mal-Università ta' Malta u ċentri oħra tar-riċerka u l-innovazzjoni, inniedu finanzjamenti għal programmi ta' riċerka f'robotika li ttejjeb il-kwalità tal-ħajja tagħna. Nallaċċjaw dan mas-servizzi pubbliċi biex filwaqt li nirrispettaw id-drittijiet fundamentali, niżguraw servizzi ta' eċċellenza għall-Maltin u l-Għawdxin li jeħtieġu servizz bid-dritt.

Irridu nkunu wkoll mudell Ewropew tar-riċerka speċjalizzata b'mod partikolari fejn jidħlu l-mediċina u l-kura, u t-teknoloġija marittima u ġeospazjali. Il-Partit Nazzjonalista jemmen fit-talent taż-żgħażagħ u l-professjonisti Maltin u għalhekk kommessi li nwettqu politika li tiftaħ bibien beraħ ta' opportunitajiet għal dan it-talent lokali biex jimraħ u jirnexxi.

L-istartups lokali u dawk barranin ser jingħataw l-appoġġ kollu neċessarji biex mhux biss jibdew l-intrapriża tagħhom iżda wkoll biex ikomplu jkabbruha u jħallsu taxxa biss meta l-azzjonisti jibdew issarfu l-qliegħ f'dividends. Dan ser norbtuh ma' qafas ta' inċentivar b'saħħtu ħafna biex jattira investimenti fl-ittestjar ta' pjattaformi globali f'pajjiżna biex b'hekk nerġgħu npoġġu lil Malta fuq il-mappa globali għar-raġuni t-tajba.

## Ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: il-Qofol tal-Politika Ekonomika

**393.** Niżguraw li sal-2027, l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni jilħaq it-3% tal-GDP, u li sal-2030 dan jitla' għal 3.5%.

**394.** Ir-responsabbilta' tax-xjenza, it-teknoloġija, ir-riċerka, l-innovazzjoni, is-soċjeta' diġitali u l-investiment barrani jitpoġġew taħt ir-responsabbilta' ta' Ministru wieħed dedikat lejn it-tkabbir ta' l-ekonomija l-ġdida f'pajjiżna.

**395.** Inwaqqfu alleanza pubblika-privata ta' eċċellenza biex titmexxa strateġija għar-riċerka u l-iżvilupp bi tfassil mill-ġdid tar-rwol tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija.

**396.** Nofs il-membri tal-kumitati kollha li għandhom responsabbilta' tax-xjenza, it-teknoloġija, ir-riċerka, l-innovazzjoni, is-soċjeta' diġitali u l-investiment barrani jkunu ġejjin mis-settur privat biex tiddaħħal kultura ħafna aktar kummerċjali fid-deċiżjonijiet.

## Spinta Qawwija lill-*Istartups* Innovattivi

**397.** Nimplimentaw qafas mifrux ta' appoġġ u inċentivar fiskali lill-istartups f'pajjiżna biex ninċentivaw lill-azzjonisti jibqgħu jinvestu l-qliegħ tagħhom fl-intrapriża.

**398.** Negozji ġodda kollha li jkollhom komponent qawwi ta' RTDI ma jħallsux taxxi qabel jagħmlu l-ewwel €500,000 qligħ suġġett li ma' jagħmlux ħlas ta' dividendi lill-investituri u li jkunu konformi mal-kriterji ESG.

**399.** Inniedu inizjattiva ta' eċċellenza li talloka fondi pubbliċi u Ewropej, u li tħeġġeġ l-investiment privat ħalli jsiru investimenti maġġuri fir-riċerka, fit-teknoloġija, fl-iżvilupp u fl-innovazzjoni.

**400.** Nisfruttaw bis-sħiħ l-ispazji, il-faċilitajiet, l-oqfsa u l-finanzjament biex noħolqu ċentru reġjonali vibranti għan-negozji ġodda speċjalizzati fit-teknoloġija.

**401.** Inwettqu impenn bla preċedent biex nappoġġaw u nixprunaw investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni billi:

- Nipprovdu krediti fiskjali lil intrapriżi u istituzzjonijiet privati tal-edukazzjoni ogħla u tar-riċerka ekwivalenti għal 100% tal-ammont investit minnhom fir-riċerka.
- Nappoġġaw bis-sħiħ l-investiment dirett billi nagħtu rebate fuq il-VAT imħallsa minn istituzzjonijiet privati tal-edukazzjoni ogħla għat-tagħmir u l-faċilitajiet maħsuba għall-proġetti tar-riċerka u l-iżvilupp.

# Pajjiż Mudell fl-Użu tat-Teknoloġija

**402.** Nittrasformaw lil pajjiżna f'ġurisdizzjoni ewlenija li tħaddan it-teknoloġija avvanzata u tapplika s-servizzi diġitali f'kull qasam tas-soċjetà u tal-ekonomija.

**403.** Nibnu alleanza mat-tliet fornituri ewlenin tat-telekomunikazzjoni f'pajjiżna biex permezz ta' inċentivi u ftehim għall-aċċess reċiproku ta' l-infrastrutturi niżguraw li sal-2025, il-familji u n-negozji Maltin u Għawdxin kollha jkollhom aċċess għal internet b'veloċità tal-*Gigabit* li jaffordjaw.

**404.** Nixprunaw u nwieżnu finanzjament applikazzjonijiet tal-ICT fuq skala nazzjonali fis-setturi kollha.

**405.** Nevolvu l-qasam tal-applikazzjonijiet tal-Internet of Things (IoT) bħala qasam nazzjonali ta' kompetenza.

**406.** Insaħħu l-oqsma tal-video gaming u l-e-sports biex inkunu nistgħu nibnu l-pedamenti neċessarji li jwassluna għall-mira tagħna li nittrasformawhom f'setturi ekonomiċi speċjalizzati.

**407.** Noħolqu ċentru ta' eċċelenza fl-intelliġenza artifiċjali (AI) mibni fuq qafas edukattiv bil-għan li tinħoloq kompetenza nazzjonali mifruxa f'numru ta' oqsma ta' applikazzjoni ta' din it-teknoloġija.

**408.** Nifirxu l-għodod tal-AI fis-servizzi pubbliċi b'rispett sħiħ lejn il-valuri tagħna u d-drittijiet fundamentali.

**409.** Nappoġġaw l-introduzzjoni ta' programm tar-robotika fis-setturi ekonomiċi eliġibbli.

**410.** Nibnu qafas sħiħ li jiffaċilita u jinċentiva l-ittestjar ta' pjattaformi globali f'Malta.

**411.** Flimkien mas-settur privat inwaqqfu cluster ta' riċerka, investiment, innovazzjoni u proġetti pilota dwar il-mobbilta' urbana bl-ajru (Urban Air Mobility), li tippermetti l-użu ta' ajruplani speċjalizzati għall-ġarr ta' passiġġieri u merkanzija f'distanzi qosra u f'ċentri urbani. Dan bil-għan li jiġi żviluppat f'hub reġjonali li eventwalment jista' jibda jevolvi f'netwerk lokali.

**412.** Talent u investituri barranin fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija, ir-riċerka, l-innovazzjoni, is-soċjeta' diġitali u l-investiment jingħataw prijorità' fil-proċessi għall-applikazzjonijiet amministrattivi kif ukoll jingħataw inċentivi b'saħħithom biex jgħinuhom jibdew l-operat f'Malta.

**413.** Ser nibnu qafas diġitali robust li permezz tiegħu nappoġġjaw u ninċentivaw kumpaniji privati biex jibdew jaqsmu data anonimizzata f'osservatorju għall-użu ta' big data sabiex tkun tista ssir riċerka aktar effettiva u komprensiva fuq aspetti ta' rilevanza għal finijiet ta' politika nazzjonali.

## Tema 12:

# Soċjetà tal-għarfien u *impjiegi.*

- Nagħmlu mill-għerf ir-riżorsa naturali tagħna billi nibnu fuq il-ħiliet akkademiċi u edukattivi ta' pajjiżna u nsaħħuhom billi nfasslu mudelli ta' taħriġ u edukazzjoni li jkattru t-talent lokali u jiġbdu talent eċċezzjonali minn barra xtutna. Dan kollu fi sfond ta' sforz nazzjonali ta' investiment dejjem akbar f'mezzi diġitali li jgħinu lill-edukaturi tagħna jkunu dejjem aktar effettivi fil ħidma tagħhom għat-tagħlim fl-istituzzjonijiet edukattivi.

- Nagħmlu mill-edukazzjoni settur ekonomiku ġdid li jħaddan fih l aspirazzjonijiet ta' pajjiżna bħala punt ta' riferiment reġjonali tal-għerf, l-innovazzjoni u t-tagħlim u t-taħriġ f'setturi moderni f'industriji ġodda.

- Nibnu suq tax-xogħol modern u adekwat biex iservi ta' qafas b'saħħtu għat-tkabbir ekonomiku fis-settur ekonomiċi ta' priortita' eżistenti u dawk ġodda.

Filwaqt li s-soċjetà globalizzata tagħna qed tinbidel b'rata mgħaġġla, b'tibdil fil-modi tal-komunikazzjoni u b'aċċess dejjem usa' għall-informazzjoni, iċ-ċittadini u n-negozji jeħtieġ jaħtfu l-opportunitajiet kollha li toffri din it-trasformazzjoni biex jagħmlu suċċess.

Il-Partit Nazzjonalista jemmen f'soċjetà mgħarrfa u attrezzata aħjar bil-ħiliet diġitali biex mhux biss tgħarbel l-informazzjoni li taċċessa, tiddistingwi bejn il-fatti, il-ġrajjiet veri u l-aħbarijiet foloz, iżda anki biex tagħmel deċiżjonijiet infurmati, tiżviluppa moħħ kritiku u kreattiv u biex tikseb ħiliet ġodda. L-edukazzjoni ma' tistgħax tibqa' biss dik akkademika iżda rridu naraw li t-tfal u ż-żgħażagħ tagħna jikbru f'ċittadini attivi u sħaħ b'għarfien usa mis-suġġett li jitħarrġu fih.

Irridu nagħrfu s-sinjali taż-żminijiet u l-modi ġodda u mgħaġġla kif qed tinbidel id-dinja tax-xogħol f'Malta biex niżguraw li jkollna ħaddiema tas-sengħa u kkwalifikata għall-eżiġenzi tas-suq tax-xogħol tal-lum u tas-snin li ġejjin. Iridu niżguraw ukoll li din ikollha l-kapaċità tadatta malajr għall-eżiġenzi futuri u tilqa' għall-kriżijiet. Għal impjiegi ta' kwalità u biex nattiraw numru ta' investimenti ġodda mill-privat irridu nesploraw setturi ġodda li jagħmlu sens f'dan il-kuntest, ewlenin fosthom l-għaxar setturi li ser nixprunaw.

Din it-trasformazzjoni li tant ġiet xprunata mill-pandemija hija opportunità għal pajjiżna biex jirpilja fuq sisien ekonomiċi sodi u biex idawwar ir-rotta għall-ġid tan-negozji u tal-intrapriżi żgħar u medji Maltin u Għawdxin. Ekonomija sostenibbli tiddependi wkoll fuq soċjetà ta' għarfien li fi żmienna qed tibbaża dejjem aktar fuq it-teknoloġija, fuq is-servizzi elettroniċi ta' kwalità u l-kuntatt virtwali kontinwu, u fuq il-ħżin tad-data u x-xogħol remot.

Il-Partit Nazzjonalista jagħraf li dawn ir-realtajiet u l-bidliet fil-ħajja tagħna u fid-dinja tax-xogħol huma wkoll sfida li jeħtieġ nilqgħulha bis-sħiħ fis-sistema edukattiva. Irridu niġġieldu l-illitteriżmu fil-ġenerazzjonijiet żgħażagħ tagħna, irridu nindirizzaw l-għadd ġmielu ta' żgħażagħ li qed itemmu s-sekondarja mingħajr kwalifiki, u rridu negħlbu l-forom ġodda ta' illitteriżmu diġitali fost iċ-ċittadini tagħna biex naraw li ħadd ma jibqa' lura, anzi biex kulħadd ikollu aċċess tad-dinja mibdula u jgħix ħajja ta' sodisfazzjon.

Għalhekk ser ikompli jiżdied l-investiment fl-edukazzjoni u fl-edukaturi, f'kull livell biex ir-riżorsi ewlenija ta' pajjiżna – it-talent – mhux biss nindukrawh iżda nippreparawh biex jipparteċipa f'dinja dejjem aktar globalizzata u kompetittiva. L-investiment fil-faċilitajiet edukattivi, mill-primarja sa dik terzjarja ser jingħata spinta ġdida b'fond dedikat u indipendenti mill-finanzjament short-term annwali marbut mal-budget tal-gvern.

Dan ser jiġi kkumplimentant minn sħubija strateġika mas-settur edukattiv privat sabiex inkabbru u nwessgħu l-għazla għall-istudenti filwaqt li noħolqu mis-settur tal-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (Further and Higher Education) pilastru fil-qasam tal-ħolqien tat-talent li fuqu rridu nibnu s-setturi ekonomiċi ġodda.

Il-Partit Nazzjonalista jirrikonoxxi l-importanza tal-ħaddiem bħala l-aktar riżorsa prezzjuża tagħna. Riżorsa li tiddependi mill-bażi edukattiva u investimenti fl-edukaturi tagħna, mid-diversità tal-ħiliet u l-kwalifiki, mit-talent u l-esperjenza, mill-impjegabbiltà tal-forza tax-xogħol, u mill-bżulija tal-ħaddiema u l-għaraq ta' ġbinhom. Il-Partit Nazzjonalista jemmen ukoll f'ċittadinanza attiva, mhux biss fil-jum tal-votazzjoni, iżda tul il-ħajja b'kontribut u involviment fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-pajjiż, u bi trasparenza.

Partit Nazzjonalista fil-gvern iniedi minnufih proċess ta' djalogu ġdid mal-korpi kostitwiti u mas-sħab soċjali dwar id-dinja tax-xogħol fl-era wara l-pandemija biex nistħarrġu t-tagħlimiet u l-esperjenzi miksuba matulha u naħtfu l-vantaġġi kollha li għandna quddiemna. B'konsultazzjoni sħiħa magħhom, hekk noħolqu Patt Soċjali ġdid għal Malta.

# Deċiżjonijiet Strateġiċi Li Jsostnu l-Qasam Edukattiv

**414.** Ser nagħmlu bidla radikali fil-finanzjament tal-edukazzjoni fejn l-allokazzjoni għall-ispiża f'dan il-qasam ser tibqa' tiżdied sena fuq oħra, ibbażata fuq formula li tkun marbuta mat-tkabbir fil-GDP tal-pajjiż.

**415.** L-istrateġija u l-politika edukattiva ta' pajjiżna tkun waħda integrata li tiġbor fiha wkoll il-ħidma, il-viżjoni u l-impenn tal-iskejjel tal-Knisja u dawk indipendenti, f'qafas nazzjonali li jirrispetta l-awtonomija iżda jirrifletti l-konverġenza meħtieġa.

**416.** Ser naħdmu fuq l-oqsma fejn is-sistema edukattiva għada tfalli lill-istudenti tagħna billi ninvestu aktar biex nagħmlu l-edukazzjoni obligatorja aktar aċċessibbli għal firxa usa ta' abbilitajiet u tfal ġejjin minn kuntest soċjo-ekonomiċi differenti. L-Istat għandu obbligu li ma' jħalli l-ebda tifel jew tifla m'għandha titħalla taqa' lura.

**417.** Jitjiebu b'mod sostanzjali l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-edukaturi fuq il-livelli kollha bil-għan li jiġu inċentivati aktar professjonisti biex jidħlu għal dan l-impenn kruċjali għall-futur tat-tfal tagħna. Dan ser isir permezz ta' titjib sostanzjali fis-salarji, miżuri li jtejjbu l-bilanċ bejn il-familja u l-professjoni kif ukoll inċentivi li jappoġġjaw it-taħriġ professjonali kontinwu.

**418.** Ser nagħtu l-ispinta mistħoqqa biex noħolqu ambjent li fih nassiguraw li l-edukaturi jitħallew jedukaw u mhux jinħlew jagħmlu xogħol burokratiku anċillari li jista' jsir minn persuni oħrajn. Ser naraw ukoll li r-rispett lejn l-edukaturi jkun parti integrali mill-kultura edukattiva f'pajjiżna fejn anke l-iċken abbuż fil-konfront ta' edukatur ma' jkunx tolerat.

**419.** Filwaqt li naħdmu biex ma' nagħtux aktar skossi lis-sistema edukattiva, ser nużaw il-qafas eżistenti biex noħolqu programmi innovattivi fl-edukazzjoni obbligatorja u bikrija biex Malta tkun imħejjija għall-ħtiġijiet u l-eżiġenzi tal-ġejjieni bl-aħjar mod.

**420.** Indaħħlu pjattaforma robusta li tgħaqqad sistemi eżisteni fl-iskejjel pubbliċi, tal-Knisja u dawk indipendenti biex tiffaċilita t-tagħlim online fis-setturi primarji u sekondarji u li tkun intiża biex tipprovdi l-aqwa esperjenza ta' tagħlim u l-faċiltajiet kollha neċessarji għall-edukaturi.

**421.** Biex nappoġġjaw lill-familji fil-formazzjoni tat-tfal, ser indaħħlu skemi biex ġenituri jkunu jistgħu jnaqqsu mid-dħul taxxabbli, kull miżata tal-edukazzjoni, ħlasijiet għall-attivitajiet extrakurrikulari kif ukoll dawk marbutin mal-isport.

**422.** Nipprovdu għotja annwali ta' €300 lill-ġenituri tal-istudenti iżgħar minn 18-il sena li jieħdu sehem f'xi programm estrakurrikulari strutturat u rreġistrat ma' assoċjazzjoni konformi mal-ESG tal-għażla tagħhom:

- Fl-isport.
- Fil-*performing* arts.
- Fil-kultura u l-arti.

# Tisħiħ tal-Infrastruttura Edukattiva

**423.** Jiddaħħal qafas li permezz tiegħu jkunu jistgħu jiġu ngaġġati aktar LSE's, b'kundizzjonijiet aħjar  u jingħataw aktar taħriġ speċjalizzat biex ikunu jistgħu jagħtu appoġġ u sapport aktar iffukat lill-istudenti tagħhom.

**424.** Nassiguraw li f'kull skola jkun hemm il-ħiliet u l-faċilitajiet neċessarji biex tfal li jkollhom bżonn emerġenza medika jkunu jistgħu jingħataw l-kura immedjata mingħajr dewmien.

**425.** Inwessgħu t-tqassim tal-ikel frisk u bnin fl-iskejjel u nipprovdu nutrizzjoni aktar sana u strutturata fl-iskejjel primarji u sekondarji kollha, bil-għan ewlieni li nħeġġu u nħajru stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa u niġġieldu l-obeżità minn etajiet żgħar.

**426.** Indaħħlu qafas ta' miżuri aktar b'saħħithom biex indaħħlu mentalita' ta' ħajja sana u attiva fl-istudenti fl-iskejjel primarji u sekondarji, billi nħajjru aktar attivita fiżika filwaqt li nipprovdu ikel u xorb li jkun nutrijenti u bnin, mingħajr żokkor u xaħmijiet.

**427.** Nintroduċu inizzjattiva nazzjonali li tappoġġa lil kull persuna li tgħix f'Malta jfassal il-programm ta' żvilupp tat-talenti tagħha fuq bażi personalizzata.

**428.** Nixprunaw u neċċellaw fil-kisba tal-ħiliet diġitali f'kull livell tal-edukazzjoni biex inkomplu nsaħħu l-potenzjal ta' pajjiżna fl-ekonomija tal-għarfien.

**429.** Nibnu qafas ġdid ta' '*work-based learning*' fil-livell sekondarju biex studenti li għandhom ħiliet u talenti f'oqsma vokazzjonali jkollhom l-opportunita' li jiżviluppaw it-talenti tagħhom u wara li jlestu l-edukazzjoni obbligatorja jkunu jistgħu jkomplu fi programm strutturat ta' apprentistat.

**430.** Niftħu skola sekondarja speċjalizzata ġdida kull sena biex inħajru u nixprunaw iżjed tfal u żgħażagħ jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom fl-oqsma li jaspiraw li jirnexxu. Niżguraw li l-ewwel speċjalizzazzjonijiet ikunu:

- Fit-teknoloġija diġitali, il-*metaverse* u d-dinja virtwali.
- Fit-teknoloġija tal-manifattura u r-robotika.
- Fl-arti u l-kultura.

**431.** Nespandu r-rwol tal-MCAST f'qafas mifrux ta' programmi intiżi biex jinvestu fit-taħriġ marbut ma' industriji u setturi ekonomiċi ġodda, is-snajja u ħiliet vokazzjonali.

**432.** Ser infasslu u nwettqu Programm ta' Eċċellenza fl-Apprendistat li permezz tiegħu nissieħbu ma' operaturi ewlenin li għandhom kapaċitajiet tekniċi ppruvati u rikonoxxuti. Dan il-Programm jiffoka biex joħloq opportunitajiet ta' żvilupp, speċjalizzazzjoni u impjieg lill-persuni li jkollhom inklinazzjoni aktar vokazzjonali milli akkademika. Minbarra li nipprovdu l-qafas ta' dan il-programm fil-qafas operazzjonali tal-MCAST sejrin ukoll:

**433.** Nipprovdu krediti fiskali ta' 200%għall-investimenti li jagħmlu l-operaturi industrijali fil-programm, li jkunu konformi mal-kriterji ta' l-ESG.

**434.** Inkopru 35% tas-salarju tal-apprendisti ingaġġati, suġġett li jintlaħqu l-kriterji ta' suċċess.

## Investiment f'Industriji ta' Valur Miżjud Għoli

**435.** Nipprovdu appoġġ aktar mifrux u sod lill-arti viżiva u performattiva fl-aktar definizzjoni wiesgħa tagħha biex inħajru dejjem aktar żgħażagħ jagħżlu li jiżviluppaw dejjem aktar it-talenti tagħhom f'dawn l-oqsma.

**436.** Fis-settur tat-turiżmu, ser nerġgħu nistabbilixxu l-Istitut għall-Istudji Turistiċi, fejn jixraqlu: fil-qalba tal-industrija tat-turiżmu f'San Ġiljan f'mudell li ser iqarreb aktar l-operat tal-Istitut mal-eċċelenza fl-industrija lokali.

**437.** Biex insaħħu s-settur ta' l-avjazzjoni ser ninvestu f'ħidma biex inkattru aktar talent f'dan il-qasam permezz ta' National Aerospace Education Framework li jħajjar u jinċentiva aktar żgħażagħ jikkunsidraw karriera f'dan is-settur.

**438.** Flimkien mal-imsieħba akkademiċi u dawk li nvestew fil-qasam marittimu, noħolqu forum għall-edukazzjoni u t-taħriġ marittimu (Forum for Maritime Education and Training) intiż biex jipprovdi taħriġ professjonali u ta' eċċelenza fid-diversi karrieri fl-industrija marittima.

**439.** Jiddaħħal dritt ta' study leave għal żmien l-eżamijiet għal dawk il-persuni li jkunu jaħdmu full-time filwaqt li jkunu qiegħdin jistudjaw għal kisba ta' kwalifika minn MQF Level 5 'il fuq.

## Appoġġ Akbar lill-Istudenti

**440.** Bil-għan li nħajjru dejjem aktar studenti li jibqgħu jitħarrġu f'livelli ogħla, matul din il-leġiżlatura ser inżidu l-iStudents' Maintenance Grants b'25%.

**441.** Inżidu b'25% addizzjonali l-istipendju tal-istudenti li jwettqu volontarjat ma' xi organizzazzjoni volontarja reġistrata, bħala rikonoxximent għall-kontribut tagħhom lis-soċjetà.

**442.** Nagħtu vawċer ta' €500 liż-żgħażagħ ta' bejn is-16 u l-21 sena għal ivvjaġġar sportiv jew kulturali, ħalli jwessgħu il-perspettiva sportiva u kulturali tagħhom.

**443.** Inkomplu nsaħħu l-programm Get Qualified sabiex dan ikopri rati ta' krediti ta' taxxa ogħla għal korsijiet minll-livelli MQF 5 'il fuq.

**444.** Noffru finanzjament għal scholarships lil studenti Maltin kif ukoll Ewropej residenti Malta, biex jagħżlu istituzzjonijiet li joperaw f'Malta li huma liċenzjati mill-Malta Further and Higher Education Authority. Din l-ghajnuna finanzjarja timghata b'mod ugwali u taħt l-istess kundizzjonijiet lill-istudenti kollha irrispettivament jekk jaghzlux istituzzjoni tal-gvern jew privata.

**445.** Ninċentivaw edukazzjoni dejjem għola billi ntejjbu l-iskema ta' rebate tat-taxxa biex tkopri:

- Kreditu sħiħ ta' 100% fuq programmi f'livell MQF 5 (Undergrad Diploma) biex tinkoraġġixxi aktar persuni li jitilqu mill-iskola biex jaġġornaw il-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom lil hinn mill-edukazzjoni bażika,
- Kreditu ta' 85% għall-programmi f'livell MQF 6 (Bachelor's Degree), u
- Kreditu ta' 70% għal studji għola.

  Dan il-ħlas isir forma ta' kreditu tat-taxxa u japplika għal persuni li jistudjaw waqt li jkunu qed jaħdmu (tagħlim tul il-ħajja) kif ukoll studenti internazzjonali li jivvjaġġaw lejn Malta biex ikomplu l-edukazzjoni ogħla tagħhom fl-istituzzjonijiet edukattivi Maltin, biex b'hekk inħeġġu dawn l-istudenti biex jibqgħu jaħdmu hawn f'ekonomija li qed tikber lil hinn mis-snin studenteski tagħhom.

## Edukazzjoni Terzjarja Mibnija Fuq Aktar Innovazzjoni

**446.** Inwaqqfu struttura finanzjarja dedikata għall-programm intensiv ta' investiment fil-faċilitajiet, riżorsi u programmi ta' l-Universita' ta' Malta biex din issir istituzzjoni ewlenija akkademika fir-reġjun. Dan l-investiment ikun għat-twettieq ta' Master Plan li jfassal l-iżvilupp infrastrutturali tal-campus u l-faċilitajiet anċillari b'enfasi fuq l-ispazji miftuħa u l-impjanti sportivi.

**447.** Inżewwġu l-funzjoni akkademika u ta' riċerka ta' l-Universita' mal-ħidma tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija (MCST) f'ħidma konġunta biex tiġi xprunata l-ħidma tal-ħolqien tas-setturi ekonomiċi ġodda f'pajjiżna.

**448.** Ser insaħħu s-settur tal-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (Further and Higher Education) f'qafas strateġiku biex ikun il-mutur ewlieni tal-attrazzjoni u l-ħolqien tat-talent lokali u internazzjonali li fuqu ser inkabbru s-setturi ekonomiċi ġodda.

**449.** Ninċenitivaw riċerkaturi full-time involuti f'minn tal-anqas terz tal-ġimgħa tax-xogħol fit-tagħlim akkademiku f'edukazzjoni ogħla biex jibbenefikaw minn bracket mnaqqsa ta' taxxa biex inkabbru dejjem aktar dan il-kontribut akkademiku.

**450.** Nintroduċu rebate fuq il-VAT biex nikkumpensaw għall-VAT li l-istituzzjonijiet liċenzjati tal-edukazzjoni jkollhom iħallsu mingħajr rikors fuq investimenti kapitali li jwettqu fl-operat tagħhom fit-tagħlim u r-riċerka.

## *Hub* tat-talent

**451.** Nimpenjaw ruħna li nwettqu programmi fit-tul għall-internazzjonalizzazzjoni tat-talent tagħna kif ukoll biex nattiraw Maltin li jgħixu barra biex jiġu lura u jaħdmu f'pajjiżna.

**452.** F'qafas integrat, nattiraw u nrawmu talent f'pajjiżna fejn il-potenzjal tal-persuna u mhux kemm għandu flus ikun dak li jiddetermina l-futur tiegħu jew tagħha.

**453.** Nippromwovu t-tagħlim tul il-ħajja bħala element ewlieni tat-tessut ekonomiku tagħna.

**454.** Niftħu numru ta' ċentri edukattivi ta' eċċellenza fis-setturi kollha, mhux biss akkademiċi iżda wkoll sportivi, kulturali u mużikali biex b'hekk nibnu ekosistema wiesgħa ta' istituzzjonijiet edukattivi ffukati biex isawwru t-talenti fit-tfal tagħna kollha.

## Qafas Innovattiv ta' Relazzjonijiet Industrijali

**455.** Niżviluppaw qafas modern u innovattiv għall-impjiegi u r-relazzjonijiet industrijali.

**456.** Flimkien mal-imsieħba soċjali nsaħħu r-rwol tat-trade unions u nippromwovu l-importanza tas-sħubija partikolarment f'oqsma li fihom id-drittijiet tal-ħaddiema jistgħu jiġu mittiefsa.

**457.** Naħtru Kummissarju fl-Uffiċċju tal-Ombudsman responsabbli milli jara li l-prinċipju ta' 'Equal Pay for Equal Work' jitħaddem fil-prattika u ma' jibqgħux jiġu permessi prattiċi li jkunu meqjusa bħala prekarji.

**458.** Bil-għan li nsaħħu forom ġodda ta' intrapriżi, ser titwaqqaf Aġenżija li tiffoka biss fuq it-twaqqif u l-appoġġ lill-intrapriżi soċjali u koperattivi biex dawn jingħataw spinta 'il quddiem fl-iżvilupp soċjo-ekonomiku ta'

pajjiżna. Din l-Aġenzija tkun distinta mir-regolatur tas-settur bir-rwol tagħha tkun li sservi bħala xprun għal dawn l-organiżazzjonijiet.

**459.** Fid-dawl tal-ispeċjalizzazzjoni fil-qasam tar-relazzjonijiet industrijali u l-importanza ta' regolamentazzjoni tiegħu f'ekonomija moderna, nagħmlu riforma sħiħa fl-operat tat-tribunal industrijali biex dan isir qorti speċjalizzata f'dan il-qasam, mgħammra bir-riżorsi kollha neċessarju.

**460.** Bi qbil mal-korpi kostitwiti u l-imsieħba soċjali kollha nirrevedu l-qafas tal-kuntratti tal-impjieg kif ukoll inniedu proġett pilota ta' reġistrazzjoni online ta' kuntratti tal-impjieg f'ċertu kategoriji esposti għall-abbuż bħala parti mill-isforzi biex insaħħu l-qafas tal-ESG fl-intrapriżi lokali. Bħala priorita' l-użu ta' zero-hour contracts ser isir illegali.

**461.** Il-qafas leġiżlattiv u regolatorju tal-Wage Regulations Order ser jiġi rivedut u aġġornat għaċ-ċirkostanzi soċjo-ekonomiċi tagħna, bi qbil mal-korpi kostitwiti u l-imsieħba soċjali.

**462.** Ninċentivaw aktar investiment f'child care centres bi standards ogħla u li joperaw f'ħinijiet aktar estiżi.

**463.** Immexxu t-tfassil ta' Patt Soċjali ġdid bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti, il-korpi kostitwiti u ċ-ċittadini, bil-għan li jiffoka fuq l-aspetti tal-living income, il-living wage, it-tisħiħ tad-dinjita' tal-ħaddiem, it-titjib fid-dħul u t-tkabbir tal-produttivita'.

**464.** Inniedu proċess ta' konsultazzjoni fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD) dwar in-numru ta' siegħat li jikkostitwixxu ġimgħa xogħol fiċ-ċirkostanzi soċjo-ekonomiċi li jinsab fihom pajjiżna.

**465.** Indaħħlu skemi ta' inċentivi għal dawk l-intrapriżi u li jagħżlu li jipparteċipaw fi proġett nazzjonali dwar ġimgħa xogħol mifruxa fuq erba' ti jiem (four-day week).

**466.** Biex kull mara tgawdi mill-inċentiv li terġa tidħol fis-suq tax-xogħol, ser nagħtu għotja ta' €1,000 lin-nisa li jkollhom tfal li jerġgħu lura f'impjieg u li ma jħallsux taxxa fuq id-dħul tagħhom jew iħallsu ammont żgħir ta' taxxa. B'hekk dawk in-nisa li m'għandhomx paga għolja jkunu wkoll jistgħu jibbenefikaw minn dan l-inċentiv.

**467.** Inniedu skemi li jippromwovu l-pjanijiet tal-akkwist ta' ishma għall-impjegati jew mekkaniżmi simili fejn dawn ikunu eżentati mit-taxxa tal-boll fuq it-trasferiment tal-ishma u mit-taxxa fuq il-qligħ kapitali jekk l-ishma jinżammu għal iżjed minn 5 snin.

**468.** Id-dritt tal-ħaddiema magħruf bħala right to disconnect ser jiddaħħal fil-liġijiet ta' pajjiżna u jkun addattat għaċ-ċirkostanzi soċjo-ekonomiċi tagħna.

# Nibdlu Sfidi f'Opportunitajiet

**469.** Nagħtu inċentivi b'saħħithom lil min iħaddem persuni li jkunu skontaw piena l-ħabs f'impenn li jerġgħu hjiġu integrati lura fis-soċjeta.

**470.** Min iħaddem fornituri ta' servizz fuq pjattaforma diġitali ser ikun legalment obbligat li josserva parametri rigorużi (parti mill-qafas ta' l-ESG) li jassigura li l-ebda ħaddiem (impjegat u/jew self-employed) ma' jkun soġġett għal prattiċi ta' xogħol prekarju.

**471.** Ser nipprovdu qafas ta' regolarizzazzjoni għal dawk il-ħaddiema li għadhom jaħdmu b'mod irregolari fl-ekonomija informali bil-għan li jinqata' l-abbuż fuq il-ħaddiema u ma' jibqgħux jiġu esposti għal riskji b'mod partikolari dawk b'rabta mas-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol.



Tema 13:

# Identità nazzjonali f'dinja *globalizzata.* +1

- Ser nagħmlu sforz lokali, Ewropew u globali biex nibdew insewwu l-ħsara li saret lir-reputazzjoni ta' pajjiżna billi nwasslu u kif pajjiżna jgħożż is-saltna tad-dritt f'ġurisdizzjoni moderna, innovattiva u sikura. Dan kollu bil-għan li nibnu rwol ġdid għal pajjiżna fir-reġjun fl-isfond tal-isfidi ġeo-politiċi li qed ngħixu fihom.
- B'sens b'saħħtu ta' identità nazzjonali, inwasslu lid-dinja l-vera karatteristiċi Maltin u dak kollu li jagħmilna l-ġens li aħna billi nagħtu importanza bla preċedent lill-wirt kulturali tagħna u kif dan nistgħu nesponuh u nwassluh fuq skala internazzjonali.

Waħda mill-aktar frażijiet użata fil-lingwa Maltija hi 'ħu l-fama u mur orqod'. Din ma tgħoddx biss għall-individwi, imma anke għar-reputazzjoni ta' pajjiż. Sfortunatament, il-fama ta' Malta fl-aħħar snin ma kinitx tajba, u għalhekk, prijorità ta' Gvern ġdid Nazzjonalista tkun li jerġa' jassigura li Malta jkollha isem b'saħħtu. Dan jista' jsir permezz ta' numru ta' deċiżjonijiet.

Il-Maltin u l-Għawdxin huma nies kapaċi, ambizzjużi u li kapaċi jirnexxu. Iċ-ċokon ġeografiku m'għandux jitqies bħala fruntiera li jwaqqaf lill-poplu tagħna milli jilħaq l-aspirazzjonijiet tiegħu. Fl-aħħar xhur, kellna konferma ta' dan, anke fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej. L-elezzjoni ta' Roberta Metsola bħala President tal-Parlament Ewropew tagħmel lill-poplu Malti u Għawdxi kburi li waħda minn uliedu llum tokkupa l-għola kariga fil-Parlament Ewropew. Din hi l-ewwel darba li politiku Maltija qed tokkupa waħda mill-ogħla karigi ta' istituzzjoni Ewropea.

Il-pożizzjoni geo-politika ta' pajjiżna ser tibqa' fattur kruċjali fl-iżvilupp soċjo-ekonomiku ta' pajjiżna bil-politika reġjonali, Ewropea u internazzjonali tagħna sservi bħala l-bażi li fuqha rridu nerġgħu nsaħħu r-reputazzjoni u l-identita' globali ta' pajjiżna fis-snin li ġejjin. Iċ-ċokon tal-gżejjer Maltin qatt ma waqqaf lil pajjiżna milli jagħmel isem tajjeb għalih innifsu. L-istorja antika tagħna sawret poplu li jagħraf il-kwalitajiet uniċi tiegħu u li lest jagħti sehmu għat-tisħiħ tar-reġjun u l-komunità internazzjonali.

Il-kapaċità tal-poplu Malti u Għawdxi li jadatta għaż-żminijiet mingħajr ma jinsa dak li kiseb mingħand l-antenati tiegħu toħroġ mill-aktar fid-dieher fil-patrimonju għani tagħna: it-tradizzjonijiet li jagħtu sens liċ-ċiklu tal-ħajja, l-arkitettura li tirrakkonta l-passi ta' ġensna, is-snajja' tipiċi li jibdlu l-mistier f'arti, il-gastronomija li tiċċelebra n-natura tagħna, u l-arti li tidwi s-sens qawwi ta' komunità.

Il-poplu tagħna jinsab fi żmien interessanti li fih irid jara kif ser jerfa' r-responsabbiltà biex iħares l-identità u l-kultura tiegħu ta' poplu li għandu d-drawwiet tiegħu u li jagħżluh minn popli oħra. Il-poplu tagħna għandu delizzji, namriet, drawwiet, artiġjanat, li jagħmluh

uniku.  Dawn l-użanzi u tradizzjonijiet li l-poplu tagħna jgħix fil-festi, ċelebrazzjonijiet u manifestazzjonijiet oħra, ta' rebħiet, tbatijiet u sfidi li missirijietna għexu u għadna niċċelebraw flimkien f'tant kuluri, ħsejjes, u ferħ, u xi drabi niket.Dawn id-drawwiet wirithom, wara li għaddew minn ġenerazzjoni għall-oħra.  Iżda issa ninsabu fi żmien li jekk ma nieħdux ċerti deċiżjonijiet, faċilment nistgħu nitilfu xi wħud minn dawn id-drawwiet. Ser nieħdu dawk id-deċiżjonijiet kollha meħtieġa mhux biss biex dawn id-drawwiet ma jintilfux iżda biex insaħħuhom.

Fuq kollox hemm l-ilsien Malti, li jixhed elf sena ta' storja mill-aktar imħallta ta' poplu li għaraf iħaddmu u jiżviluppah f'lingwa unika li kapaċi tadatta għall-eżiġenzi lingwistiċi ta' żmienha.

Illum għandna l-privileġġ u r-responsabbiltà li nindukraw is-sabiħ kollu li ħolqu missirijietna, seklu wara seklu.

Is-sens nazzjonali tagħna huwa ħaj u qed ikompli jimraħ f'orizzonti ġodda bl-isfidi u l-opportunitajiet tagħhom. Għaldaqstant, jeħtieġ inqisu l-identità tagħna bħala pilastru ekonomiku ewlieni.

Irridu li l-patrimonju tagħna mhux biss inkunu nistgħu ngħożżuh aħna, iżda naqsmuh b'mod sostenibbli ma' dawk li jżuruna. Id-dispożizzjoni tagħna li nlaqqgħu pajjiżi differenti flimkien jeħtieġ nisfruttawha biex inkattru d-djalogu internazzjonali. Il-ħiliet artiġġjanali li writtna rridu nibdluhom f'karrieri proprji li jżidu l-valur u l-attraenza għall-investiment. Il-passjoni għall-intrapriża jeħtieġ insarrfuh fi proċessi ta' innovazzjoni.

Biex dan kollu nwettquh, ser inwettqu programm li jrodd lura r-reputazzjoni tagħna bħala poplu bieżel u onest, li ma jgerrixx liż-żgħażagħ tiegħu. L-għan tagħna hu li ċ-ċittadini u r-residenti kollha jerġgħu ikunu kburin b'din l-art.

Fiċ-ċentru ta' l-identita' tagħna u tal-komunitajiet tagħna hemm il-ħidma tal-qasam tal-volontarjat li ser ikun pilastru ewlieni tal-politika tagħna fejn ser jerġa jingħata d-dinjita, ir-rispett u l-appoġġ li jixraqlu f'soċjeta' moderna li ma tagħti valur kbir lill-ħidma u l-impenn ta' l-għaqdiet volontarji.

## Reputazzjoni Internazzjonali

**472.** Naħdmu bla waqfien biex insewwu l-ħsara li saret lir-reputazzjoni internazzjonali ta' pajjiżna, filwaqt li nerġgħu nelevaw isem pajjiżna fost dawk l-aktar rispettati.

**473.** Nirrikonoxxu u nibnu mill-ġdid l-identità u r-reputazzjoni ta' Malta fix-xenarju dinji bħala ħtieġa mill-aktar importanti biex l-ekonomija ta' pajjiżna tibqa' vijabbli fit-tul.

## Rispett Lejn iċ-Ċittadinanza

**474.** Nerġgħu nibnu r-rispett u l-kburija għaċ-ċittadinanza Maltija billi wkoll naraw li l-kriterju ewlieni tal-għoti taċ-ċittadinanza tkun lil dawk il-persuni u familji li għandhom rabta ġenwina ma' pajjiżna.

**475.** Inbiddlu l-programm tal-bejgħ taċ-ċittadinanza (l-IIP) billi l-bażi ewlenija tiegħu jkun investiment attiv u fit-tul fl-ekonomija ta' pajjiżna permezz ta' investiment maġġuri f'wieħed mis-settur ekonomiċi ta' priorita' għall-pajjiżna jew fl-oqsma tar-riċerka u l-iżvilupp.

## Relazzjonijiet Internazzjonali

**476.** Insaħħu l-pożizzjoni ta' Malta fir-relazzjonijiet internazzjonali u reġjonali permezz ta'  linja ta' prudenza fit-tħaddim tal-politika barranija ta' pajjizna kif ukoll sabiex tinżamm politika komuni.

**477.** Minbarra li nikkonsolidaw il-pożizzjoni tagħna fl-UE, insaħħu u nkattru r-relazzjonijiet ta' pajjiżna ma' reġjuni oħrajn ewlenin fosthom il-Mediterran, l-Afrika ta' Fuq, ir-Renju Unit, iċ-Ċina, l-Istati Uniti, ir-Russja u l-Indja.

**478.** Niddefinixxu rwol komprensiv ġdid għan-network diplomatiku ta' Malta u nwettqu ħidma strutturali biex pajjiżna jkollu aktar ambaxxaturi li jinħatru minn fost l-membri tal-korp diplomatiku.

**479.** Il-proċess ta' skrutninju fil-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi f'dak li jirrigwarda l-ħatriet ta' ambaxxaturi, jinqasam f'żewġ stadji, bl-ewwel wieħed ikun diskussjoni u ġabra ta' informazzjoni fil-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej.

**480.** Filwaqt li ser nieħdu hsieb li nassiguraw li jibdew joperaw l-ambaxxati tagħna fil-Brasil u fl-Etjopja, nimpenjaw ruħna biex nibdew il-proċeduri neċessarji sabiex jitwaqqfu Kummissjoni Għolja fil-Kanada u fis-South America.

# Wirt Kulturali

**481.** Bil-għan li nsaħħu l-istabbilita, il-professjonalita' u l-kompetenzi tal-korp diplomatiku, ser infasslu liġi dwar is-servizz diplomatiku ta' pajjiżna.

**482.** Nevolvu r-rwol li trid taqdi Malta fix-xenarju ta' wara l-Brexit, u nirriġeneraw ir-rwol ta' Malta fil-Commonwealth.

**483.** Fid-dawl tal-bidliet riżultat tal-Brexit fuq il-kamp edukattiv, nimplimentaw programm li permezz tiegħu nistgħu nattiraw studenti li jridu jitħarrġu f'korsijiet fuq livelli li jikkwalifikaw taħt il-kappa tal-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (Further and Higher Education) fil-lingwa ingliża.

**484.** Insaħħu l-pożizzjoni reġjonali ta' pajjiżna filwaqt li nibnu strateġija u politika iktar ċara dwar l-kontinent Afrikan fl-isfond tal-process storiku ta bidla li ghaddejja.

**485.** Nerġgħu nagħtu importanza kbira lill-komunitajiet Maltin li jgħixu barra minn xtutna billi nassenjaw din ir-responsabbilta' lil Ministru ewlieni fil-Kabinett bil-għan li l-identita' Maltija barra minn pajjiżna tkompli tissaħħaħ u tiġġedded filwaqt li jiġu żviluppati aktar opportunitajiet kummerċjali.

**486.** Insaħħu u nippromwovu l-kultura fl-aspetti kollha tagħha, bħala element ta' prijorità nazzjonali billi ninvestu fl-ewwel Master Plan għall-Infrastruttura Kulturali fuq medda ta' għaxar snin bil-għan li jfassal pjan stabbli u fit-tul ta' kif ser inżewwqu l-firxa ta' teatri, ċentri u mużewijiet f'pajjiżna.

**487.** Wara proċess ta' konsultazzjoni mal-konnunita tal-artisti u persuni oħra fil-qasam teatrali dwar il-ħtiġiet tagħhom, flimkien nieħdu deċisjoni finali dwar il-bini mill-ġdid tat-Teatru Rjal sabiex jintlaħaq kunsens wiesgħa dwar dan il-proġett u l-faċilitajiet anċillari kollha meħtieġa għall-produzzjonijiet teatrali tal-ogħla livell.

**488.** Insaħħu l-konservazzjoni tal-wirt kulturali nazzjonali u nqisuh bħala funzjoni politika ewlenija bit-tisħiħ tas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali.

**489.** Inkattru l-popolarita' tal-kultura f'pajjiżna billi l-familji, żgħażagħ, anzjani u persuni b'diżabilita' jkollhom aċċess għall-mużewijiet u siti storiċi mingħajr ħlas tul is-sena kollha.

**490.** Waħda mill-inizjattivi li tfisser mhux biss investiment imma reklam b'saħħtu għall-Malta hi l-Kapitali Ewropea tal-Kultura. Ser nassiguraw li l-ħidma fuq l-applikazzjoni għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-sena 2031 tkun waħda li tħalli suċċess.  L-oġġettiv tal-Kapitali Ewropew tal-Kultura irid ikun li jsiru proġetti u inizjattivi li jħallu rizultat permanenti f'oqsma kulturali, bis-sehem attiv ta' artisti u kreattivi mill-isferi kollha kulturali.

491. Titwaqqaf fondazzjoni bejn l-iStat u l-knisja, simili għall-Fondazzjoni tal-Kon-Katidral ta' San Gwann, b'risq inizjattivi ta' restawr ta' opri fil-knejjes ewlenin ta' Malta u Ghawdex. Ewlenin fost dawn il-progetti huma l-faċċati u l-faċilitajiet esterni tal-knejjes imsemmija.

492. Insaħħu l-prospetti kummerċjali għal min lest li jinvesti, jindokra u jsaħħaħ il-qasam ta' l-artġjanat Malti billi noffrulhom skemi ta' kirjiet favorevoli għall-propjetajiet tal-gvern fiċ-ċentri urbani tal-ibliet u l-irħula.

493. Nintroduċu programm b'finanzjament dirett għall-Kunsilli Lokali biex ikunu jistgħu jorganizzaw attivitajiet kulturali li jirriflettu l-identita' lokali b'kontribut ewlieni għat-tisħiħ tal-prodott turistiku.

## Ninvestu fl-Artisti Tagħna

494. Nappoġġjaw lil dawk li jaspiraw lejn karriera fl-arti billi ninċentivawhom fiskalment kif ukoll bi skemi biex ikunu jistgħu jtejjbu t-talent tagħhom u jesebixxuh lokalment u barra minn xtutna. Għal dan il-għan ser niżguraw rata tat-taxxa ta' 5% fuq l-ewwel €80,000 tad-dħul lill-persuni kollha rreġistrati bħala artisti professjonali fid-diversi oqsma.

495. Permezz ta' skema miftuħa għal artisti żgħazagħ ser tingħata għotja ta' €3,000 biex ikunu jistgħu jippromwovu il-wirt kulturali ta' pajjiżna permezz ta' xogħol artistiku li jkun espost pubblikament u diġitalment.

496. Bil-għan li l-apprezzament kulturali tat-tfal tagħna jkompli dejjem jikber, wara konsultazzjoni mal-edukaturi, jitfassal programm li permezz tiegħu t-tfal jkollhom numru ta' siegħat ta' formazzjoni kulturali li ssaħħaħ l-identita tagħna fil-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

497. Bħala l-proġett ewlieni li ser isaħħaħ l-identita' ta' pajjiżna niżviluppaw Arkivju Nazzjonali ġdid, mgħammar bir-riżorsi meħtieġa kif ukoll bl-aktar teknoloġiji innovattivi li jżewwġu materjal tradizzjonali ma' l-applikazzjoni diġitali mill-karta sal-awdjo-viżiv, mill-parċmina sal-immaġini diġitali u f'kull forma oħra li jista' jiżviluppa maż-żminijiet.

498. Inniedu programm intiż biex l-funzjoni tal-Arkivji Nazzjonali ma' tkunx hiss waħda ta' ħażna u kustodju tal-materjal iżda li jevolvi wkoll f'ċentru ewlieni ta' riċerka, faċilita' ta' edukazzjoni, promotur ta' l-identita' nazzjonali kif ukoll spazju tal-komunità b'missjoni importanti tal-iżvilupp demokratiku tagħna.

## Insaħħu l-Ilsien Malti

Bil-għan li nħaddnu l-valur tal-ilsien Malti, miktub u mitkellem,inwaqqfu 'Dar tal-Malti' li fiha tiġbor lil kittieba, awturi, entitajiet rappreżentattivi u s-settur privat biex isservi ta' xprun ewlieni li tippromwovi u tinċentiva l-użu tal-lingwa Maltija fl-oqsma kollha.

499. Ninċentivaw lill-kittieba, l-awturi u l-industrija biex il-propagazzjoni tal-kontenut lokali tevolvi f'settur ekonomiku.

## Kaċċa u Nsib Responsabbli

500. Il-kaċċa u l-insib jibqa' jiġi meqjus bħala delizzju tradizzjonali fejn filwaqt li dawk li jipprattikawh huma mistennija li josservaw il-liġijiet u r-regolamentazzjoni, m'għandhomx jibqgħu jiġu trattati ta' kriminali u għalhekk issir reviżjoni fl-istruttura tal-penalitajiet eżistenti. Fl-istess ħin, ser titneħħa wkoll l-anomalija li hemm fil-preżent fir-rigward taż-żamma ta' tajr bbalzmat.

501. Il-proċess tal-ħlas tal-multi marbutin mal-kaċċa u l-insib ser jiġi simplifikat.

502. Inkomplu d-diskussjonijiet u n-negozjati mal-UE biex filwaqt li nassiguraw kompatibilità mal-ligijiet u d-direttivi Ewropej, naraw li pajjiżna jikseb lura l-kaċċa fir-rebbiegħa.

## Spinta Qawwija Lill-Għaqdiet tal-Volontarjat

503. Inneħħu l-piżijiet sproporzjonati li tefa' l-gvern Laburista fuq l-għaqdiet volontarji primarjament billi titnaqqas il-burokrazija fuq l-operat amministrattiv tal-għaqdiet.

504. Nappoġġjaw u ninċentivaw lill-għaqdiet volontarji permezz ta' finanzjament u riżorsi umani biex ikabbru l-preżenza, r-rwol u l-funzjoni tagħhom fis-soċjeta tagħna.

505. Nikkonverġu sforz nazzjonali biex is-settur tal-volontarjat fl-oqsma kulturali jerġa' jingħata l-importanza li tixraqlu, jitnaqqaslu l-piż tal-burokrazija u jissaħħaħ biex ikun jista' jwettaq aktar ħidma b'risq is-soċjeta' tagħna.

506. Inniedu programm nazzjonali ta' appoġġ għall-għaqdiet volontarji biex jippromwovu l-artiġġjanat, it-tradizzjonijiet lokali u l-interessi speċjali ħalli niżguraw il-konservazzjoni u s-sostenibbiltà fit-tul tagħhom.

# Investiment fl-Industrija tal-Films

**507.** Nagħtu spinta kbira lill-industrija tal-films permezz ta' evoluzzjoni strateġika tal-ekosistema tas-settur b'żieda fl-allokazzjoni finanzjarja għall-industrija, b'investiment fil-faċilitajiet u l-infrastruttura ewlenija tal-industrija, fosthom bit-tisħiħ bis-serjeta' tal-co-production fund, titjib fl-inċentivar u t-twaqqif ta' strutturi akkademiċi u taħriġ vokazzjonali biex jitrawwem aktar talent fil-qasam.

**508.** Fl-industrija tal-films ser isiru tibdiliet fil-mekkaniżmu tat-taxxa billi l-averaging tat-taxxi fuq id-dħul isir fuq numru itwal ta snin sabiex l-operaturi jkunu jistgħu jibbilanċjaw (offset) snin li fihom id-dħul kien qawwi (minħabba produzzjoni ewlenija) ma' snin inqas profitabbli.

**509.** L-allokazzjoni finanzjarja għas-settur tal-films ser tibda titmexxa fuq mekkaniżmu ta' 80% bħala inċentivar tal-industrija u 20% biss għall-operat intern tal-Malta Film Commission. Inżidu wkoll l-inċentivi tar-rebates biex dawn isiru l-aktar inċentivi kompetittivi fl-UE.

**510.** Il-prijoritiżazzjoni tal-finanzjament pubbliku fl-industrija tal-films issir f'forma ta' roundtable mal-industrija biex qatt ma' jerġa jirrepeti ruħu t-tberbiq li sar bl-ispalpaljar tal-flus fil-Malta Film Awards tal-2022.



Tema 14:

# Popolazzjoni, migrazzjoni u *integrazzjoni.* +1♥

- Pajjiżna għandu l-limitazzjonijiet tiegħu f'kemm jiflaħ jerfa' piż ta' popolazzjoni u għalhekk ser naħdmu biex inkunu nistgħu nifformulaw politika li tkun tista' tara li l-infrastruttura, is-sistemi u l-komunitajiet tagħna (lokali u nazzjonali) ikunu preparati biżżejjed biex jilqgħu għall-bidliet fil-popolazzjoni fuq bażi staġjonali kif ukoll f'dik residenzjali aktar fit-tul.

- F'dan l-isfond irridu nibnu politika ta' immigrazzjoni li teradika l-popoliżmu u r-razziżmu u tkun mibnija fuq metodi li filwaqt li qatt ma jippreġudikaw il-ħajja, ikunu jirrispettaw il-limitazzjonijiet tal-kapjenza ta' pajjiżna sabiex min jiġi f'pajjiżna u jagħżel li jibqa' jgħix hawn ikun jista' jgħix ħajja xierqa u dinjituża.

Id-daqs ta' Malta hu li hu. L-ispazju fiżiku ta' pajjiżna jibqa' limitazzjoni prinċipali li rridu nindirizzawha b'mod strateġiku iżda fuq kollox sostenibbli. Nagħrfu li dan iġib miegħu bosta limitazzjonijiet, fosthom b'rabta maż-żieda fil-popolazzjoni, kemm għal żmien temporanju u anki għal residenza fit-tul.

Il-qasam tal-immigrazzjoni hu prijorità li l-Partit Nazzjonalista jagħtiha l-importanza li teħtieġ. Min-naħa rridu li politika f'dan il-qasam tqis l-infrastrutturi ġenerali ta' Malta u l-limitazzjonijiet kbar tagħhom. Politika li tħejji lill-komunità lokali biex tilqa' għal dan it-tibdil demografiku mgħaġġel, u li ssaħħaħ is-sigurtà ta' pajjiżna, b'mod partikolari fl-aktar inħawi milquta, fost l-aktar komunitajiet li qed iġarrbu diffikultajiet minħabba dan.

F'dan il-kuntest, iżda, irridu noħolqu wkoll politika ta' integrazzjoni sostenibbli li teqred ir-razziżmu u l-populiżmu, u li xxejjen l-abbużi u l-isfruttament fuq lant tax-xogħol tal-ħaddiema barranin imħaddma bi prattiki ta' kompetizzjoni inġusta għall-ħaddiema Maltin u Għawdxin. Irridu li l-immigrazzjoni titħaddem bil-għaqal biex Malta tattira t-talent, u tkun parti minn soluzzjoni usa' għar-rata baxxa ta' twelidijiet f'Malta u għaż-żidiet dejjem akbar tal-persuni bl-età tal-irtirar.

Irridu nfasslu politika skont il-valuri tagħna bħala Partit li tpoġġi lill-bniedem fiċ-ċentru tagħha u li tagħti valur kbir lill-ħajja u d-dinjita' tal-bniedem. L-obbligi internazzjonali u morali tagħna m'aħna ser niċħduhom qatt. Flimkien mal-pajjiżi ġirien, mal-Kummissjoni Ewropea (l-EASO f'Malta) u mal-bqija tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea se nkunu qed inżidu ħidmietna biex l-isfida ta' l-immigrazzjoni irregolari tkun indirizzata b'mod uman, b'dinjita' għal persuni involuti iżda f'qafas regolat li jirrispetta l-Liġijiet ta' pajjiżna.



## Pajjiż Miftuħ Għall-Kulturi Differenti

511. Insaħħu l-kredenzjali ta’ pajjiżna bħala ġurisdizzjoni miftuħa u lesta biex tilqa’ u ġġib flimkien persuni minn kulturi differenti biex jaħdmu u jgħixu f’pajjiżna f’qafas regolarizzat.

512. Nippjanaw b’mod strateġiku l-kapjenza ta’ pajjiżna għar-residenti u t-turisti sabiex nassiguraw li r-riżorsi u l-ispazju jintużaw b’mod responsabbli u sostenibbli.

513. Inwettqu inizzjattivi strateġiċi għad-dinamika demografika li qed tevolvi fuq bażi reġjonali.

514. Infasslu programm biex nippromwovu turiżmu mmexxi mil-lokalitajiet li jiffoka fuq l-identità lokali.

## Komunitajiet Li Jgħixu u Jaħdmu f’Armonija

515. Flimkien mal-komunitajiet barranin li jgħixu f’pajjiżna naħtru ambaxxaturi lokali biex iservu ta’ punti ta’ referenza u mexxejja fil-komunitajiet (community leaders) tagħhom bil-għan li jiġi stabbilit u msaħħaħ id-djalogu u r-rispett reċiproku bejn il-komunitajiet f’pajjiżna.

516. Niżviluppaw programm li permezz tiegħu jiġu identifikati postijiet ċentrali fil-lokalitajiet biex jiġu rinnovati fi spazji miftuħa u siguri (safe spaces) fil-qalba tal-komunitajiet.

517. Niżviluppaw programmi u rabtiet strutturati għal involviment tal-komunità lokali ma’ komunitajiet tal-barranin li jgħixu fostna.

# Politika ta' Immigrazzjoni Ġusta

**518.** Inħaddmu politika ġusta dwar il-migrazzjoni li tkun tikkontribwixxi għal komunitajiet li jgħixu f'armonija b'sens qawwi ta' toleranza u rispett lejn id-diversita'.

**519.** Nirriformaw mill-qiegħ il-kultura, l-attitudni u l-programmi amministrattivi ta' l-immigrazzjoni u nibdew nevalwaw il-persuni fuq il-karattru tagħhom, l-imġieba tagħhom, l-attitudni tagħhom lejn pajjiżna u x'lesti jikkontribwixxu fis-soċjeta tagħna.

**520.** Inwettqu miżuri li jippromwovu integrazzjoni strutturata, b'enfasi qawwija fuq it-toleranza, is-sabiħ tad-diversita' u l-valur tad-dinjità tal-bniedem.

**521.** Inwettqu programm edukattiv intiż biex ikattar fit-tfal tagħna l-għarfien dwar kulturi differenti li għandna fostna u nsaħħu r-rispett lejn il-komunitajiet f'pajjiżna.

**522.** Nisfruttaw bis-sħiħ kull potenzjal ta' finanzjament eżistenti mill-UE biex (f'każijiet ta' immigrazzjoni irregolari) inħaddmu mekkaniżmi ta' ripatrijazzjoni, b'konformità mal-obbligi internazzjonali.

Tema 15:

# Governanza tajba f'Kultura ta' *Integrità*

+1 ♥

- Ser insaħħu l-istandards fil-ħajja pubblika biex innaddfu isem pajjiżna billi nwettqu qafas integrat u mifrux ta' miżuri li ser isaħħu l-governanza tajba, fejn l-istituzzjonijiet jingħataw nifs ġdid ta' indipendenza u jiddaħħal sens ħafna akbar ta' ġustizzja.

- Inwettqu bidla radikali fil-ħidma tal-gvern biex tinqered ix-xibka tal-kriminalita' organizzata u l-korruzzjoni li għerrew il-fiduċja tan-nies fil-politiċi. Ser insaħħu s-saltna tad-dritt biex nerġgħu niksbu r-reputazzjoni li tixraq lill- pajjiżna fl-interess tal-ġid komuni.

Jekk fostna jirnexxilna niżguraw kultura ta' integrità minflok kultura ta' impunità, ikollna Stat li jittratta lil kull persuna b'mod ġust u ekwu. Kull persuna hija detentur ta' drittijiet fil-konfront tal-amministrazzjoni u l-eżekuttiv tal-pajjiż u għaldaqstant dawn tal-aħħar obbligati jaraw li d-drittijiet ta' dik il-persuna jkunu rikonoxxuti u implimentati b'rispett, dinjità u mingħajr diskriminazzjoni. Il-kultura ta' integrità tiżgura li l-ebda individwu ma jiġi mżeblaħ għall-interessi tal-ftit magħżula li jgawdu l-impunità minn persuni fl-Istat. Il-Partit Nazzjonalista għandu r-rieda li jara li ħadd ma jkollu għalfejn ibigħ lilu nnifsu lil għadd magħżul ta' politiċi, negozjanti u kriminali privileġġati biex jikseb id-drittijiet tiegħu jew tagħha.

Min-naħa l-oħra, b'kultura ta' integrità jinfirex il-ġid fost in-nies, il-familji u n-negozji, għax ilkoll ikunu stmati bħala parteċipanti fit-tkabbir ekonomiku, soċjali u politiku ta' pajjiżna. B'kultura ta' integrità jirnexxilna wkoll negħlbu l-klikek korrotti u diżonesti li jistinkaw biss għall-ġid tal-ftit privileġġati, li allura mhux biss jisirqu l-opportunitajiet ta' ħaddieħor iżda joħolqu ambjent żbilanċjat kontra l-persuni onesti li jkunu mistennija jitħabtu u jikkompetu ma' allat u ċrieki diżonesti li għandhom il-protezzjoni tal-politiċi.

Il-governanza tajba m'hijiex kapriċċ. Għal pajjiżna din tfisser bibien beraħ ta' opportunitajiet lil kulħadd: ħadd mhu żgħir wisq. Għalhekk jeħtiġilna nsibu ekwilibriju ġdid għar-relazzjoni tal-poter bejn l-entitajiet tal-istat u l-poplu kollu. L-istandard tal-ħajja taċ-ċittadini jiżdied jew jonqos skont il-livell ta' governanza tajba li tkun qed tħaddem l-amministrazzjoni tal-gvern Dan l-ekwilibriju ġdid għar-relazzjoni tal-poter bejn il-poplu kollu u l-gvern jista' jinstab jekk nindirizzaw l-aspetti kollha tal-amministrazzjoni tal-gvern li jolqtu l-ħajja tan-nies, u jekk insaħħu l-pożizzjoni ta' kull ċittadin fil-konfront tal-gvern, kemm mil-lat tal-persuni bħala individwi u allura f'materji relatati mal-ħajja tan-nies, u anke mil-lat tal-persuni bħala membri tas-soċjetà u allura f'materji relatati mal-parteċipazzjoni u s-sehem tan-nies fil-ġid komuni u fl-interess pubbliku.

Għalhekk ser nagħtu pożizzjoni aktar soda liċ-ċittadini fil-konfront tal-amministrazzjoni pubblika u tal-entitajiet tal-istat biex pajjiżna jerġa jikseb ir-rispett li jixraqlu.



# Insaħħu l-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**523.** Nemendaw il-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Membri Parlamentari u dak tal-Ministri u s-Segretarji Parlamentari biex niżguraw li l-Membri Parlamentari kollha jagħrfu l-obbligu tagħhom li ma jpoġġux lilhom infushom fir-riskju ta' pressjoni fil-qadi ta' dmirijiethom,  biex jerfgħu r-responsabbiltajiet tagħhom bla ma jagħmlu pressjoni żejda fuq l-oħrajn, u dan mingħajr abbuż tal-poter jew tal-privileġġi tagħhom.

**524.** Nintroduċu linji gwida li jirregolaw kif il-Ministri jonfqu l-fondi pubbliċi fil-midja.

**525.** Nipprojbixxu li l-Ministri u s-Segretarji Parlamentari jużaw indirizzi tal-email privati u/jew mhux uffiċjali fil-qadi ta' dmirijiethom.

**526.** Insaħħu l-istandards ta' integrità mistennija mill-persuni ta' fiduċja billi nemendaw l-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika biex ikun jinkludi definizzjoni usa tat-terminu 'persuna ta' fiduċja' u hekk niżguraw li kull ħatra politika tkun fil-ġurisdizzjoni tal-Kummissarju għall-Istandards.

**527.** Naraw li d-dikjarazzjonijiet tal-assi u tad-dħul ma jibqgħux taħżiża fuq karta iżda jsiru ferm aktar estensivi u dettaljati biex ikunu jistgħu jiġu awditjati mill-uffiċċju tal-Kabinett stess u tkun żgurata l-integrità ta' kulma jiġi ddikjarat.

**528.** Naraw li l-Membri Parlamentari li ma jinħatrux fl-Eżekuttiv ma jkunux eliġibbli għal kariga fuq bażi ta' fiduċja.

**529.** Indaħħlu sessjoni ta' kull ġimgħa għal Mistoqsijiet lill-Prim Ministru fil-Parlament.

**530.** Nirrevedu l-proċeduri applikabbli għall-Kumitat Parlamentari dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika biex nistabbilixxu proċedura aktar adattata li tindirizza l-ksur ta' etika mill-Membri Parlamentari b'mod aktar effiċjenti u effettiv.

**531.** Inwettqu proċess ta' awditjar tal-istandards leġiżlattivi, regolatorji u istituzzjonali ħalli nidentifikaw x'jeħtieġ isir biex ikollna sistema li tevita l-kollużjoni bejn il-politiċi u n-negozjanti għad-detriment tal-ġid pubbliku.

**532.** Noħorġu linji gwida għall-persuni li jservu fis-servizz pubbliku, maħtura jew eletti f'xi kariga pubblika, dwar l-istandards ta' kooperazzjoni mistennija minnhom meta jkollhom talbiet għall-informazzjoni mingħand l-entitajiet Kostituzzjonali, bħall-Awditur Ġenerali u l-Ombudsman, kif ukoll mingħand il-ġurnalisti.

**533.** 536.Naraw li l-Membri Parlamentari jkollhom l-għażla li jieqfu mill-professjoni ewlenija jew mill-prattika privata tagħhom biex jiddedikaw ħinhom kollu għad-doveri parlamentari.

**534.** Infasslu reġistru biex kull Ministru u Segretarju Parlamentari jagħti rendikont tal-laqgħat li jkollu ma' persuni li għandhom interess li jiksbu benefiċċji mill-Istat.

**535.** Nirregolaw il-lobbying b'leġiżlazzjoni speċifika li tiddefinixxi dak li hu permess, ir-rwoli, id-drittijiet u r-responsabbiltajiet ta' dawk li jaġixxu bħala lobbyists kif ukoll tal-persuni f'kariga pubblika jew fis-servizz pubbliku.

**536.** Noħolqu reġistru biex jirreġistra kull tip ta' kuntratt pubbliku li jkollhom Membri Parlamentari.

**537.** Noħorġu linji gwida għall-entitajiet pubbliċi dwar l-għoti tad-direct orders biex il-proċess isir wieħed aktar trasparenti u akkontabbli u biex fl-istess waqt niżguraw li l-opportunitajiet ikunu jistgħu jinħatfu mingħajr ma tixxekkel il-kompetizzjoni.

**538.** Infasslu reġistru biex kull Ministru u Segretarju Parlamentari jagħti rendikont tal-laqgħat li jkollu ma' persuni li għandhom interess li jiksbu benefiċċji mill-Istat.

**539.** Nirregolaw il-*lobbying* b'leġiżlazzjoni speċifika li tiddefinixxi dak li hu permess, ir-rwoli, id-drittijiet u r-responsabbiltajiet ta' dawk li jaġixxu bħala lobbyists kif ukoll tal-persuni f'kariga pubblika jew fis-servizz pubbliku.

**540.** Noħolqu reġistru biex jirreġistra kull tip ta' kuntratt pubbliku li jkollhom Membri Parlamentari.

**541.** Noħorġu linji gwida għall-entitajiet pubbliċi dwar l-għoti tad-direct orders biex il-proċess isir wieħed aktar trasparenti u akkontabbli u biex fl-istess waqt niżguraw li l-opportunitajiet ikunu jistgħu jinħatfu mingħajr ma tixxekkel il-kompetizzjoni.

## Insaħħu l-pożizzjoni tan-nies fil-konfront tal-Istat

**542.** Insaħħu r-rwol tal-Uffiċċju tal-Ombudsman biex jiżgura li kull persuna li ġarrbet inġustizzja mill-amministrazzjoni tikseb rimedju effettiv. Għal dan il-għan, inwaqqfu sistema ta' kontrolli biex meta l-gvern jonqos milli jimplimenta xi rakkomandazzjoni tal-Ombudsman, dan isirlu skrutinju parlamentari.

**543.** Nappuntaw Kummissarju għall-Governanza Tajba fl-Uffiċċju tal-Ombudsman sabiex ikun il-punt ta' riferiment ewlieni għal kull ċittadin li jkun irid iressaq ilmenti fuq materji relatati.

544. Ninvestigaw bir-reqqa kull kuntratt pubbliku li dwaru l-Awditur Ġenerali sab xi nuqqasijiet amministrattivi jew mill-gvern, biex b'hekk nagħtu prijorità lill-interess pubbliku f'kull wieħed minn dawk il-kuntratti.

545. Inniedu proċess ta' konsultazzjoni biex nidentifikaw il-prattiċi amministrattivi ħżiena jew negliġenti li jkun ġew mistħarrġa mill-awtoritajiet tal-Istat bħall-Awditur Ġenerali, biex b'hekk nindirizzaw dawn in-nuqqasijiet amministrattivi.

546. Nixprunaw bidliet biex niżguraw li l-liġijiet meqjusa anti-kostituzzjonali mill-Qorti Kostituzzjonali, jitħassru b'mod awtomatiku u jsiru invalidi għal kulħadd, mhux biss għall-partijiet f'dik il-kawża partikolari.

## Nissieltu l-korruzzjoni u l-kriminalità finanzjarja

547. Inwaqqfu task force esperta biex tirrevedi l-kapaċità u l-għarfien espert ta' l-FIAU u l-FCID biex tipproponi pjan ta' azzjoni b'objettivi u riżultati mmirati.

548. Nagħrfu li dawn iż-żewġ istituzzjonijiet qed isibuha diffiċli biex jinvolvu persuni b'għarfien speċjalizzat għal investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet tal-kriminalità finanzjarja, għax qed jikkompetu ma' suq li spiss joffri kundizzjonijiet tal-impjieg aħjar għal dawn il-persuni. Għalhekk se niżguraw li dawn iż-żewġ istituzzjonijiet jingħataw fondi biżżejjed biex kull wieħed minnhom ikun jista' jikkompeti fis-suq u jkollu l-aqwa riżorsi umani disponibbli.

549. Nipprovdu skemi ta' taħriġ ta' livell għoli għall-persuni impjegati fl-istituzzjonijiet investigattivi tal-kriminalità finanzjarja ħalli niżguraw li jkollhom kapaċità u għarfien mill-aktar avvanzati.

550. Indaħħlu fis-seħħ leġiżlazzjoni dwar il-ġid mhux spjegabbli (Unexplained Wealth Order) ħalli l-awtoritajiet investigattivi jkunu jistgħu joħorġu ordnijiet dwar il-ġid mhux spjegat fil-konfront ta' politiċi li d-dħul uffiċjali tagħhom ma jispjegax l-assi tagħhom.

551. Inwaqqfu l-Uffiċċju ta' Maġistrat Inkwirenti Speċjali kontra l-Korruzzjoni, li jkollu setgħat kbar fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, anke li jibda investigazzjoni minn jeddu.

# Inżidu l-Parteċipazzjoni tan-Nies fil-Materji ta' Interess Pubbliku

**552.** Ninvolvu firxa ferm usa' ta' persuni fil-proċess tal-iggvernar eżekuttiv u mhux biss għal finijiet ta' konsultazzjoni jew konsulenza, ħalli aktar esperti u tekniċi jiġu involuti f'ħidmet il-gvern.

**553.** Noħorġu qafas ta' 'linji gwida dwar il-konsultazzjoni pubblika' biex nistabbilixxu r-regoli proċedurali minimi applikabbli li jiżguraw li l-konsultazzjoni effettiva tkun l-ixprun ewlieni għal politika u leġiżlazzjoni bbażati fuq ir-riċerka, u li jiġi mistħarreġ l-impatt tagħhom qabel jidħlu fis-seħħ.

**554.** Niżguraw li l-iżvilupp politiku u leġiżlattiv ta' pajjiżna jistgħu jkunu trasparenti, akkontabbli u leġittimi jekk il-proċessi politiċi u leġiżlattivi jkollhom il-parteċipazzjoni qawwija tas-soċjetà ċivili u tal-partijiet interessati.

**555.** Nibnu  relazzjonijiet kostruttivi bejn l-awtoritajiet pubbliċi u s-soċjetà ċivili billi noħolqu ambjent favorevoli biex l-awtoritajiet pubbliċi jagħmlu konsultazzjoni effettiva mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u b'hekk noħolqu politiki u leġiżlazzjoni aktar effettivi.

**556.** Naraw li kull awtorità tippubblika rapport annwali dwar it-trasparenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet, li fost l-oħrajn ikun jindika b'mod ċar id-data li skontha ttieħdu d-deċiżjonijiet ta' politika u li jidentifika l-parteċipanti u l-konsulenti kollha li kienu involuti fil-proċess tal-konsultazzjoni.

**557.** Naraw li l-aċċess għal kull forma ta' informazzjoni pubblika tkun in-norma u mhux l-eċċezzjoni; u b'hekk niżguraw li l-informazzjoni tkun pubblika mingħajr il-bżonn li ssir xi talba għaliha filwaqt li kull entità li trid tostor informazzjoni għal xi raġunijiet validi legalment, tkun trid tagħmel talba ġustifikata għal dan u l-pubbliku xorta waħda jibqagħlu d-dritt għal appell minn din id-deċiżjoni.

**558.** Nimplimentaw qafas sħiħ intiż biex isaħħaħ id-demokrazija u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fid-deċiżjonijiet permezz ta' l-użu ta' pjattaforma diġitali li tippermetti li jsiru proposti dwar politika u proġetti kif ukoll biex isiru aktar referenda.

**559.** Ser tingħata prijorità fuq dak li jħasseb liż-żgħażagħ u nżommu djalogu miftuħ magħhom. Iż-żgħażagħ ser jiġu mħeġġa biex jipparteċipaw fit-tfassil ta' politika li tikkonċerna lilhom direttament. Għandu jkun hemm mekkaniżmu li jħeġġeġ żgħażagħ iressqu l-ħsibijiet tagħhom.

P N